2018-010

Adottat fl-20.03.2018

# eu-LISA
# Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività

2017

# Werrej

Lista ta' abbrevjazzjonijiet u akronimi ... 3
Sfond legali ... 6
Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija ... 7
Introduzzjoni ... 11
Sommarju eżekuttiv ... 13
Parti I. Kisbiet tas-sena ... 21
Parti II (a). Tmexxija ... 42
2.1. Bord tat-Tmexxija ... 42
2.2. Żviluppi ewlenin ... 44
2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja ... 47
2.4. Immaniġġjar tar-riżorsi umani ... 51
2.5. Valutazzjoni mill-maniġment ... 59
2.6. Kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit fdati lil servizzi u entitajiet oħra ... 60
2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar matul is-sena tar-rapportar ... 61
2.7.1. Servizz tal-Awditjar Intern ... 61
2.7.2. Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) ... 61
2.7.3. Qorti Ewropea tal-Awdituri ... 62
2.8. Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi ... 63
2.9. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza ... 65
Parti II (b). Evalwazzjonijiet esterni ... 73
Parti III. Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern ... 75
3.1. Ġestjoni tar-riskju ... 75
3.2. Konformità u effettività tal-Istandards tal-Kontroll Intern ... 75
Parti IV. Assigurazzjoni tal-maniġment ... 77
4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni ... 77
4.2. Riżervi (jekk applikabbli) ... 79
4.3. Konklużjonijiet ġenerali dwar l-assigurazzjoni ... 80
ANNESSI ... 81
Anness I. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni ... 81
Anness II. Statistiki dwar il-ġestjoni finanzjarja ... 83
Anness III. Ċart organizzazzjonali ... 89
Anness IV. Tabella tal-Persunal ... 90
Anness V. Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività ... 93
Anness VI. Lista ta' taħriġiet ipprovduti lill-Istati Membri ... 94
Anness VII. Anness speċifiku relatat mal-Parti II ... 95
Anness VIII. Anness speċifiku relatat mal-Parti III ... 102
Anness IX. Abbozz tal-kontijiet finanzjarji ... 107
Anness X. Attivitajiet u indikaturi annwali ... 110
Anness XI. Rapport dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti ... 131

# Lista ta' abbrevjazzjonijiet u akronimi

| | |
|---|---|
| ABB | ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività |
| AFIS | Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' |
| AG | Grupp Konsultattiv |
| BCU | Unità Ċentrali ta' Riżerva - ċentru ta' riżerva f'St. Johann im Pongau |
| BMS | Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika |
| BG | Il-Bulgarija |
| AK | Aġent Kuntrattwali |
| CAAR | Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività |
| CAF | Qafas Komuni ta' Valutazzjoni |
| CBS | sistemi ta' negozju ewlenin |
| CEPOL | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi |
| CO | liv kumpensatorju għas-sahra |
| CR | talba ta' tibdil |
| CS | sistema ċentrali |
| CU | Unità Ċentrali - iċ-ċentru tad-data ewlieni fi Strasburgu |
| CV | curriculum vitae |
| DAPIX | Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data |
| DĠ HR | Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà |
| UPD | Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data |
| DTPITO | Programm ta' Taħriġ għall-Iżvilupp għall-Operaturi tal-IT |
| DubliNet | Netwerk ta' Komunikazzjoni għall-Eurodac |
| EAB | Assoċjazzjoni Ewropea għall-Bijometrija |
| EASO | Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil |
| QEA | Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| CODEX elettroniku | Ġustizzja elettronika permezz tal-Iskambju ta' Data Online |
| ECRIS | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali |
| ECRIS-TCN | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi |
| KEPD | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data |
| EES | Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ |
| EiO | bidu tal-operat |
| ENISA | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni |
| EPMO | Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża |
| ETIAS | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar |
| UE | Unjoni Ewropea |
| eu-LISA | Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja |
| Eurodac | Sistema Ewropea għat-Tqabbil tar-Rekords Dattiloskopiċi ta' Persuni li Jfittxu l-Asil |
| Eurojust | Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea |
| FG | Grupp ta' Funzjonijiet |
| FRA | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali |
| Frontex | Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta |

| | |
|---|---|
| FSA | Aċċettazzjoni Finali tas-Sistema |
| FTE | ekwivalenti ta' ingaġġ full-time |
| GCU | Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali |
| GDPR | Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data |
| HLEG | Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli stabbilit mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Komunikazzjoni ta' April 2016 *Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà* |
| HQ | kwartieri ġenerali |
| HR | Riżorsi Umani |
| IAC | Kapaċità tal-Awditjar Intern |
| IAR | Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt |
| IAS | Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea |
| ICS | Standard tal-Kontroll Intern |
| ICT | Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| IMS | Strateġija għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni |
| InfoVIS | VIS Informali |
| ISMS | Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni |
| IT | teknoloġija tal-informazzjoni |
| ITIL | Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| ITSM | Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| ĠAI | Ġustizzja u Affarijiet Interni |
| KPI | indikatur ewlieni tal-prestazzjoni |
| L1. | livell 1 |
| LIBE | Libertajiet Ċivili, Ġustizzja u Intern |
| LMS | Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim |
| BT | Bord tat-Tmexxija |
| MPE | Membru tal-Parlament Ewropew |
| MtQ | Memorandum ta' Qbil |
| MP | Membru tal-Parlament |
| SM | Stati Membri |
| MSP | Proġett ta' Microsoft |
| MWO | Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali |
| NAP | Punt ta' Aċċess Nazzjonali |
| NCP | Punt ta' Kuntatt Nazzjonali |
| NIST | Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija |
| N.SIS | Sistema nazzjonali ta' Informazzjoni ta' Schengen |
| ĠU | Ġurnal Uffiċjali |
| OLAF | Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi |
| PAS | Appoġġ għall-Applikazzjonijiet tal-Produzzjoni |
| PD | Dokument ta' programmazzjoni |
| PRINCE | Proġetti f'Ambjenti Kontrollati |
| QAIP | Programm ta' Garanzija u ta' Titjib tal-Kwalità |
| R&Ż | riċerka u żvilupp |
| RO | ir-Rumanija |
| SBD | dmir ta' stand-by |
| SIEM | Informazzjoni dwar is-Sigurtà u l-Ġestjoni tal-Avvenimenti |
| SIRENE | Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali |
| SIS II | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen |
| FLS | ftehim dwar il-livell tas-servizz |

| | |
|---|---|
| SM9 | Maniġer tas-Servizz HP 9 |
| ENS | Espert Nazzjonali Ssekondat |
| sTESTA | Servizzi Trans-Ewropej sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet |
| SXB | Strasburgu |
| AT | Aġent Temporanju |
| TCO | kost totali tas-sjieda |
| TESTA-ng | Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet — ġenerazzjoni ġdida |
| TLL | Tallinn |
| UTC | Ħin Universali Koordinat |
| VIS | Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża |
| VIS Mail | pjattaforma ta' komunikazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u Stati Membri oħra |
| WAN | Netwerk fuq Żona Wiesgħa |
| WP | Grupp ta' Ħidma |

# Sfond legali

L-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv jippreżenta lill-Bord tat-Tmexxija l-abbozz tar-Rapport Annwali tal-Attività tal-Aġenzija għall-adozzjoni, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Gruppi Konsultattivi, filwaqt li l-Artikolu 12 tal-istess Regolament jirrikjedi li sal-31 ta' Marzu kull sena, il-Bord tat-Tmexxija jadotta r-Rapport Annwali tal-Attività tas-sena preċedenti, filwaqt li jqabbel ir-riżultati miksubin mal-objettivi tal-Programm ta' Ħidma Annwali. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 47 tar-Regolament Finanzjarju Qafas, l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni għandhom jirrapportaw lill-Bord tat-Tmexxija dwar it-twettiq ta' dmirijiethom fil-forma ta' Rapport Annwali konsolidat tal-Attività.

# Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija



*Filip Pynckels*

Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA jew l-Aġenzija) analizza u vvaluta r-Rapport tal-Attività Annwali Konsolidat tad-Direttur Eżekuttiv dwar il-kisbiet u r-riżultati għall-2017. Il-Bord jirrikonoxxi l-prestazzjoni tal-Aġenzija u jinnota, b'mod partikolari, l-osservazzjonijiet li ġejjin.

## Osservazzjonijiet ġenerali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li l-prestazzjoni ta' eu-LISA fl-2017 laħqet l-objettivi stabbiliti fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija u l-għanijiet u l-objettivi stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-perjodu 2014-2020;

- jisħaq fuq l-importanza li titkompla l-ħidma importanti u, għalhekk, jixħet dawl fuq l-adozzjoni tal-istrateġija riveduta fit-tul tal-Aġenzija għall-2018-2020;

- jirrikonoxxi li l-Aġenzija rnexxielha twettaq b'suċċess il-mandat tagħha matul is-sena, minkejja n-nuqqas fundamentali ta' riżosi;

- josserva l-kisba kif xieraq tal-objettivi annwali tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija għall-2017, f'termini kemm tar-riżultati miksuba kif ukoll tal-prestazzjoni;

- jirrikonoxxi li, minbarra t-twettiq b'suċċess tal-attivitajiet tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tagħha għall-2017, l-Aġenzija wriet aġilità u flessibilità matul is-sena;

- jirrikonoxxi l-importanza dejjem tiżdied tas-sistemi li ġew fdati lill-Aġenzija għall-funzjonament taż-Żona Schengen u li l-ħtieġa li l-Aġenzija tissaħħaħ b'riżorsi umani addizzjonali hi ġustifikata kif xieraq u għandha tkompla titfittex b'insistenza fl-2018;

- jappoġġja l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi neċessarji għaż-żamma u għall-iżvilupp tal-persunal fl-Aġenzija;

- jirrikonoxxi l-isforzi kontinwi tal-Aġenzija biex tevolvi u tirfina s-sistema ta' kontroll interna tagħha u jisħaq fuq l-importanza ta' implimentazzjoni ulterjuri tal-programm, tal-proġett u tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità korporattiva tagħha;

- jisħaq fuq l-importanza li jiġu implimentati l-proġetti għar-rikostruzzjoni tas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu u tal-bini tal-kwartieri ġenerali l-ġodda f'Tallinn għall-iżvilupp fit-tul futur tal-Aġenzija; jirrikonoxxi l-ħtieġa għal estensjoni ulterjuri tal-ispazju tal-uffiċċji fis-sit ta' Strasburgu u l-ħtieġa għall-espansjoni taċ-ċentru tad-data;

- jirrikonoxxi l-progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi li jirriżultaw mill-ewwel evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija mill-2016;

- jinnota r-rilaxx mogħti mill-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2015.

## Osservazzjonijiet dwar il-kisbiet strateġiċi u operattivi ewlenin tal-politika

Il-Bord tat-Tmexxija:

- jagħraf l-isforzi tal-Aġenzija fil-kisba tal-kompiti stabbiliti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2017 fi ħdan il-limitazzjonijiet eżistenti tar-riżorsi umani (li huma ferm stringenti); il-Bord sab li l-prestazzjoni ta' eu-LISA laħqet u saħansitra qabżet l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati tagħha;

- iqis li l-mod li bih l-Aġenzija mmaniġġjat il-volum ta' xogħol sostanzjalment akbar kien adegwat ħafna, iżda jisħaq li l-pressjoni tax-xogħol fuq il-persunal trid tinżamm f'limitu vijabbli;

- jenfasizza l-importanza li l-Aġenzija tiġi pprovduta b'riżorsi adegwati (kemm finanzjarji kif ukoll umani) għall-implimentazzjoni tal-kompiti mandati tagħha;

- jenfasizza l-livell għoli ta' importanza tal-bażi ġuridika adottata għas-Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ (EES), jieħu nota tal-progress sostanzjali li nkiseb s'issa fit-tħejjijiet għall-implimentazzjoni u jistieden lill-Aġenzija biex tavvanza fl-implimentazzjoni tal-EES mingħajr dewmien malli l-atti ta' implimentazzjoni neċessarji jiġu adottati mill-Kummissjoni Ewropea, u malli jkunu preżenti r-riżorsi neċessarji;

- jenfasizza l-importanza kbira tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) għall-ġestjoni tal-fruntieri u għas-sigurtà interna fl-UE u jistieden lill-Aġenzija biex tipproċedi bil-kompiti preparatorji neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din, malli jkunu disponibbli r-riżorsi neċessarji;

- jenfasizza l-importanza tas-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) fir-rigward tas-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea (UE) u japprezza l-isforzi tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni ta' din biex jiġu indirizzati t-theddidiet akbar għas-sigurtà u ta' attakki terroristiċi fl-UE;

- isib li l-azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija biex timmaniġġja u tevolvi t-tliet sistemi attwalment fdati lilha (il-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża/is-Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika (VIS/BMS) u s-SIS II) huma adegwati fir-rigward tal-objettivi stipulati fir-Regolament ta' Stabbiliment tagħha;

- jenfasizza l-importanza tal-kwalità tad-data mdaħħla fis-sistemi u tar-rwol estiż tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-kwalità tad-data u fil-preżentazzjoni ta' rapporti dwar il-kwalità tad-data għall-Istati Membri;

- jieħu nota tal-isforzi tal-Aġenzija biex ittejjeb il-Proċess ta' Ġestjoni tal-Bidla f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea;

- jenfasizza l-importanza tar-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli (HLEG) u tal-proposti dwar l-interoperabbiltà[1] u jħeġġeġ lill-Aġenzija biex tkompli bil-kollaborazzjoni msaħħa tagħha mal-Kummissjoni biex tiżgura implimentazzjoni sħiħa tad-diversi elementi tal-interoperabbiltà ladarba tiġi adottata l-bażi ġuridika tagħha mill-koleġiżlaturi;

---

[1] REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni) https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-security/20171212_proposal_regulation_on_establishing_framework_for_interoperability_between_eu_information_systems_police_judicial_cooperation_asylum_migration_en.pdf; REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (fruntieri u viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226 https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-security/20171212_proposal_regulation_on_establishing_framework_for_interoperability_between_eu_information_systems_borders_and_visa_en.pdf

- jilqa' l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet interni tal-Aġenzija fir-rigward tal-ippjanar tal-baġit u tal-monitoraġġ proattiv tal-eżekuzzjoni ta' dan biex tiġi żgurata ġestjoni tajba tar-riżorsi finanzjarji tal-Aġenzija; il-Bord jirrikonoxxi li l-livell ta' eżekuzzjoni ġenerali tal-impenji u tal-ħlasijiet kien ta' 100 %, b'mira ta' 95 %;
- jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu bis-sistema ta' kontroll intern implimentata tal-Aġenzija, li hu rikonoxxut ukoll mill-awditi mwettqa matul is-sena u mill-fatt li ma nħarġet l-ebda rakkomandazzjoni kritika.

## Valutazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija tal-ġestjoni tal-Aġenzija

Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jirrikonoxxi r-riżultati mwassla mill-Aġenzija u fid-dawl tal-eżiti tal-awditi interni u esterni mwettqa, jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu bil-kwalità tat-tmexxija tal-Aġenzija fl-2017.

## Varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji meta mqabbel mal-Pjan ta' Ħidma Annwali

Il-Bord tat-Tmexxija:

- iqis li dan ir-rapport jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti li r-riżorsi (persunal u baġit) huma użati mill-Aġenzija f'konformità mal-iskop intenzjonat tagħhom u skont id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2017;
- iqis li l-varjazzjonijiet fl-użu tar-riżorsi huma ġustifikati, meta wieħed iqis ir-riżultati miksuba mill-Aġenzija u l-eżiti tal-awditi li twettqu;
- jisħaq li hemm limiti fuq il-pressjoni tax-xogħol li jista' jkun mistenni mill-persunal tal-Aġenzija.

## Indikaturi tal-prestazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi l-livelli tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-Aġenzija għall-2017.

## Ambjent ta' riskju u ta' kontroll

Il-Bord tat-Tmexxija jirrikonoxxi li:

- ġew identifikati r-riskji ewlenin għall-organizzazzjoni, li setgħu pperikolaw it-twettiq tal-kompiti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2017, u ddaħħlu fis-seħħ miżuri preventivi u mitiganti adegwati;
- is-sistemi ta' ġestjoni interna qed jaħdmu b'mod adegwat, fid-dawl tar-riżultati miksuba mill-Aġenzija;
- is-sistemi ta' kontroll intern qed jaħdmu b'mod adegwat, fid-dawl tal-eżiti tal-awditi mwettqa.

## Assigurazzjonijiet u riżervi mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija:

- jikkunsidra li hemm fis-seħħ miżuri adegwati u adatti biex jindirizzaw il-punt dgħajjef serju identifikat fil-ġestjoni u fil-kontroll;
- jinnota li eu-LISA bdiet timplimenta l-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività; għalhekk, l-informazzjoni dettaljata dwar l-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji għal kull attività mhijiex disponibbli għall-2017.

## Rakkomandazzjonijiet

Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport, il-Bord tat-Tmexxija jħeġġeġ lill-Aġenzija biex, fl-2018:

- tkompli teżegwixxi l-mandat tagħha;
- tenfasizza l-importanza tal-konklużjoni fil-ħin tan-negozjati dwar il-mandat rivedut tal-Aġenzija, b'kunsiderazzjoni tal-opinjoni tal-Bord;
- timplimenta ristrutturar ulterjuri tal-organizzazzjoni wara t-tibdiliet pendenti fil-mandat tal-Aġenzija li jirriżultaw f'kompiti addizzjonali;
- tkompli timplimenta l-EES u t-tħejjijiet għall-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda l-oħra li għandhom jiġu inkarigati lill-Aġenzija kif ukoll ir-Regolamenti dwar l-interoperabbiltà;
- tkompli u taċċellera l-introduzzjoni tal-ġestjoni bbażata fuq l-attività kif ippjanata; ladarba jkun hemm l-informazzjoni dettaljata disponibbli, il-Bord tat-Tmexxija jinsisti fuq il-parametraġġ referenzjarju tar-riżorsi disponibbli u tal-volum tax-xogħol ma' organizzazzjonijiet oħra fi ħdan il-kuntest tal-UE (aġenziji, il-Kummissjoni Ewropea, eċċ.) u ma' organizzazzjonijiet komparabbli fis-settur pubbliku u f'dak privat;
- tkompli bl-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet "ex ante" fl-Aġenzija;
- tkompli ssaħħaħ b'mod ulterjuri s-sistema ta' kontroll intern tagħha, waqt li tagħti attenzjoni speċifika għall-effiċjenza tal-proċessi interni u għall-iżvilupp ulterjuri tal-kompetenzi u tal-ħiliet tal-membri tal-persunal;
- tkompli bl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija kif ippjanata, u tirrapporta ulterjorment lill-Bord.

## Konklużjoni

Il-Bord tat-Tmexxija hu sodisfatt bil-prestazzjoni ġenerali ta' eu-LISA fl-2017 u bil-kisba tal-għanijiet, tal-objettivi u tar-riżultati li kienu stabbiliti fl-AWP tagħha, kif ukoll bil-livell u bl-adegwatezza tal-użu tar-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli, minkejja li l-pressjoni konsiderevoli tax-xogħol għadha toħloq tħassib.

Il-Bord tat-Tmexxija jesprimi l-apprezzament tiegħu lid-Direttur Eżekuttiv u lill-persunal tiegħu għall-impenn u għall-kisbiet tagħhom matul is-sena, u jixtieq jirringrazzjahom speċjalment għall-kollaborazzjoni kostruttiva u pjaċevoli mal-Bord tat-Tmexxija u mal-President ta' dan.

**Filip PYNCKELS, President tal-Bord tat-Tmexxija**

# Introduzzjoni

L-għan tar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hu li jagħti ħarsa ġenerali strutturata lejn l-objettivi u l-attivitajiet ewlenin miksuba u mwettqa fl-2017.

**Informazzjoni ta' sfond**

Illum il-ġurnata, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom opportunità kbira biex jimmassimizzaw il-valur miżjud tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) u tas-sistemi ta' informazzjoni għall-Unjoni. Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, l-Unjoni Ewropea għandha aġenzija responsabbli għall-ġestjoni professjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira – u l-ħtieġa għaliha hi fundamentali. Fis-snin riċenti, l-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, tas-sigurtà interna u tal-ġestjoni tal-migrazzjoni kienu għaddejjin minn trasformazzjoni qawwija, hekk kif bdew jimxu mid-dinja fiżika għal dik virtwali filwaqt li jikkonverġu b'mod rapidu fl-istess ħin. Dawn qed isiru dejjem aktar dipendenti mhux biss fuq ir-riżorsi fiżiċi disponibbli, iżda anki fuq id-data u l-informazzjoni. Barra minn hekk, fid-dinja globalizzata tal-lum, mhuwiex realistiku li wieħed jistenna li Stat Membru wieħed tal-UE jkun kapaċi jiżgura s-sigurtà tiegħu waħdu. Il-ħila ta' tweġib għat-theddidiet terroristiċi u għall-pressjoni li dejjem qed jikbru fil-fruntieri esterni tal-Unjoni tiddependi minn skambju puntwali, effiċjenti u komprensiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-aġenziji nazzjonali u tal-UE rilevanti. Għaldaqstant, din it-trasformazzjoni tista' tiġi indirizzata biss permezz tal-provvista ta' sistemi u ta' soluzzjonijiet sofistikati, flessibbli u integrati għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri fil-livell tal-UE.

L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) ġiet stabbilita fl-2011 permezz tar-Regolament 1077/2011 u bdiet topera fl-1 ta' Diċembru 2012. L-istabbiliment tal-Aġenzija kellu l-għan li jipprovdi soluzzjoni fit-tul għat-tmexxija operattiva, fuq livell tal-UE, tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — kemm fil-preżent kif ukoll fil-ġejjieni.

Bħalissa eu-LISA tmexxi l-Bażi ta' Data Ewropea għad-Dattiloskopija tal-Asil (Eurodac), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS). Dawn is-sistemi huma essenzjali għall-funzjonament normali taż-Żona Schengen, għall-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni tagħha kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE dwar l-ażil u l-viża. Barra minn hekk, id-disponibbiltà ta' dawn is-sistemi hi waħda mill-miżuri użati biex tiġi garantita l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE fi ħdan iż-Żona Schengen. Minn Diċembru 2017, l-Aġenzija saret ukoll responsabbli għall-implimentazzjoni u għat-tmexxija operattiva tas-Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ (EES). Fil-futur qarib, il-mandat ta' eu-LISA jista' jevolvi u l-Aġenzija tista' ssir responsabbli għall-iżvilupp, għall-implimentazzjoni u għall-tmexxija operattiva ta' sistemi oħra tal-IT fuq sala kbira fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni, jiġifieri l-ETIAS, il-Ġustizzja elettronika permezz tal-Iskambju ta' Data Online (e-CODEX), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN), eċċ., dment li l-koleġiżlaturi jadottaw l-istrumenti legali meħtieġa.

**Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin tagħna**

Fuq il-bażi tal-mandat legali tagħha, il-Missjoni tal-Aġenzija hi ***li kontinwament iżżid valur lill-Istati Membri, billi tappoġġja l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura permezz tat-teknoloġija***.

Din il-missjoni titwettaq permezz tal-Viżjoni tal-Aġenzija billi ***tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti lill-partijiet ikkonċernati***, billi ***tikseb il-fiduċja tagħhom billi tallinja kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li jevolvu tal-Istati Membri*** u billi ***tkabbir l-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza*** fid-dominju tal-politika tagħha.

Il-Missjoni u l-Viżjoni tal-Aġenzija huma msarrfa fl-attivitajiet operazzjonali tagħha permezz tal-valuri ċentrali tagħha. Dawn jimmotivaw u jirfdu l-attivitajiet operattivi kollha u l-iżvilupp strateġiku tal-Aġenzija. Dawn il-valuri huma:

- ***Responsabilità***: l-iskjerament ta' qafas ta' governanza tajba, ta' ġestjoni finanzjarja tajba u ta' operazzjonijiet kostefficjenti;
- ***Trasparenza***: tiġi pprovduta komunikazzjoni regolari u miftuħa lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u dawn jiġu involuti fi djalogu kontinwu biex tkun definita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija;
- ***Eċċellenza***: billi jkun hemm fis-seħħ l-istruttura organizzazzjonali, il-persuni u l-proċessi adatti biex tiġi żgurata l-kontinwità fis-servizz lill-Istati Membri;
- ***Kontinwità***: li jiġi żgurat li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, mill-għarfien u mill-investimenti li għamlu l-Istati Membri u tkompli tiżviluppahom;
- ***Ħidma f'tim***: li tfittex li tagħti setgħa lil kull membru individwali fit-tim biex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u mill-esperjenza tiegħu, biex b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess komuni;
- ***Attenzjoni lejn il-klijent***: jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun allinjata l-ħin kollu mal-ħtiġijiet u mat-talbiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

**Fejn aħna bbażati**

L-Aġenzija għandha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Tallinn, fl-Estonja, fejn qed jinbnew faċilitajiet ġodda biex tiġi akkomodata l-ħtieġa dejjem akbar ta' spazju. Is-sit operazzjonali ewlieni jinsab fi Strasburgu, fi Franza, fejn il-faċilitajiet qed jespandu wkoll, hekk kif hemm bżonn ta' bini ġdid għad-dmirijiet operazzjonali akbar tal-Aġenzija. eu-LISA għandha wkoll sit ta' riżerva f'Sankt Johann im Pongau, fl-Awstrija, u uffiċċju ta' kollegament fi Brussell, il-Belġju.

# Sommarju eżekuttiv


*Krum Garkov*

Illum il-ġurnata, l-Ewropa qed taffaċċja sfida doppja: tibqa' miftuħa filwaqt li fl-istess ħin tibqa' sigura. Biex tikseb dan, il-kapaċitajiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) moderna trid tintuża bl-aqwa mod possibbli, u l-iskambju ta' informazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri jridu jissaħħu u jittejbu, flimkien mal-avvanzi teknoloġiċi. Rispons adegwat għal din l-isfida jeħtieġ ukoll li l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) twettaq kompiti ġodda. It-trasformazzjoni diġitali kurrenti fid-dominju tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni tal-Unjoni Ewropea (UE) xeħtet dawl fuq il-ħtieġa li jkompli jiżdied il-valur miżjud ta' eu-LISA għall-Istati Membri u għall-UE b'mod ġenerali. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tirrevedi l-mandat tal-Aġenzija[2] tqis il-ħtiġijiet li jirriżultaw minn din it-trasformazzjoni u tiżviluppa ulterjorment il-ħila tal-Aġenzija li tindirizzahom.

Fl-1 ta' Diċembru 2017, eu-LISA ċċelebrat il-ħames anniversarju mill-jum tat-twaqqif tal-Aġenzija. Matul dak il-perjodu, l-Aġenzija wriet li, bil-konsolidazzjoni tat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira f'Aġenzija waħda tal-UE, jistgħu jsiru gwadanji sinifikanti fl-effiċjenza. Dawn jinkisbu bil-ġbir konsistenti tal-infrastruttura tal-għarfien espert tar-riżorsi umani meħtieġa għall-ġestjoni professjonali tas-sistemi tal-IT. L-għarfien ferm speċjalizzat tal-persunal tal-Aġenzija jiġi applikat fis-sistemi kollha tal-IT inkarigati lilha, biex jiġu żgurati s-sigurtà tagħhom u l-protezzjoni tad-data maħżuna fihom, filwaqt li s-sistemi jkunu jistgħu jevolvu rapidament b'mod allinjat mat-tibdil li jseħħ fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Ħames snin wara li assumiet il-kompiti ewlenin tagħha, l-Aġenzija wriet li hi kontributur affidabbli, kompetenti u kapaċi għall-Istati Membri u għall-UE. Irnexxielha wkoll tieħu kompiti ġodda biex issaħħaħ is-sigurtà interna kif ukoll il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni fl-Ewropa. Il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi rivedut il-mandat ta' eu-LISA hi prova ta' dan, u jien ninsab fiduċjuż li eu-LISA se tirnexxi fl-implimentazzjoni tal-mandat il-ġdid tagħha u fl-indirizzar tal-isfidi futuri.

Fl-istess ħin, eu-LISA baqgħet twettaq il-mandat kurrenti tagħha: tmexxija operattiva stabbli, effettiva u effiċjenti u evoluzzjoni tat-tliet sistemi li bħalissa huma inkarigati lill-Aġenzija — il-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS). Fl-2017, il-ġestjoni kontinwa u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi u tan-netwerks ta' komunikazzjoni assoċjati tagħhom u s-superviżjoni u s-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, kif ukoll il-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tas-servizzi tan-netwerks (kemm għaċ-ċentru operazzjonali fi Franza kif ukoll għas-sit ta' riżerva fl-Awstrija) kienu prijorità tal-Aġenzija, u se jibqgħu hekk.

**Is-sistemi**

Flimkien mal-ġestjoni oeprazzjonali, l-evoluzzjoni ulterjuri tal-kapaċitajiet tekniċi u funzjonali tas-sistemi msemmija aktar 'il fuq twettqet kif ippjanat. B'mod partikolari, għall-Eurodac, il-kapaċità tas-sistema ġiet aġġornata għal 7 miljun rekord (15 000 tranżazzjoni kull jum u 1 500 tranżazzjoni fis-siegħa). It-tmexxija fiżika tat-tagħmir tal-Eurodac (qabel il-produzzjoni) fiċ-ċentru tad-data u l-proġett ta' titjib tas-sinkronizzazzjoni tal-Unità Ċentrali/tal-Unità Ċentrali ta' Riżerva (CU/BCU) tlestew b'suċċess. Eżerċizzju ta' manutenzjoni fil-produzzjoni, inkluż bdil u bdil lura lejn/mill-BCU, twettaq b'suċċess sa tmiem l-2017. Rigward il-bażi ġuridika riveduta tal-Eurodac, eu-LISA sostniet bis-saħħa d-diskussjonijiet dwar il-proposti leġiżlattivi l-ġodda.

[2] Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011.

Għas-SIS II, il-kisba ewlenija kienet l-integrazzjoni tal-Kroazja fis-SIS II, li twettqet b'suċċess sa tmiem l-2017. Twettqu l-preparamenti għall-Irlanda biex tintegra fis-SIS II. Rigward l-implimentazzjoni tal-kapaċitajiet ta' tlaqqigħ bijometriku fis-SIS II (AFIS), il-fażi tad-disinn u l-fażi tal-bini għall-infrastruttura u għall-applikazzjoni tas-sistema ċentrali tlestew b'suċċess. It-testjar mal-Istati Membri dam sa nofs Ottubru. Il-bidu tal-operat (EiO) ser iseħħ fil-bidu ta' Marzu 2018. Rigward ir-rifomulazzjoni tal-bażi ġuridika tas-SIS II, eu-LISA kkontribwixxiet b'mod sostanzjali għad-diskussjonijiet fil-partijiet ta' ħidma xierqa tal-Kunsill tul l-aħħar sena.

Għall-VIS, l-EiO tal-proġett Visa Code Plus f'Mejju 2017 kien dak li spikka matul is-sena. Il-VIS aġġornata (verżjoni 3.0) kienet waħda mill-aktar ħarġiet kumplessi u b'impatt qawwi li qatt ġew skjerati fil-VIS mill-2011 'l hawn, peress li kwalunkwe ħsara kienet tkun immedjatament viżibbli għaż-Żona Schengen kollha kemm hi (b'impattt kemm fil-livelli tal-fruntieri kif ukoll konsulari). Il-proċeduri ta' migrazzjoni tad-data twettqu għall-ewwel darba b'suċċess u s-sistemi nazzjonali kollha ġew modifikati u sarilhom testjar estensiv. Seba' xhur wara l-EiO, ma ġiet irrapportata ebda problema dwar il-VIS b'rabta ma' dik il-ħarġa. Imbagħad, l-Istudju dwar ir-Riformulazzjoni tal-VIS intbagħat lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri (SM) sal-iskadenzi miftiehma. Wara l-EiO tal-fażi 2 tal-VIS Mail lura f'Jannar 2016, fl-2017 it-Task Force tal-VIS Informali (InfoVIS) kompliet tanalizza l-proċessi kummerċjali kritiċi sostnuti mill-VIS Mail, jiġifieri l-proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' notifika ex post ta' Schengen, kif ukoll il-proċeduri sostnuti mill-fażi 1 tal-VIS Mail, li ilha operazzonali minn Ottubru 2011. Ir-riżultati ser ikomplu jsaħħu u jikkontribwixxu għall-abbozzar tal-proposti ta' modifika tar-Regolament VIS (Riformulazzjoni tal-VIS).

**L-infrastruttura tal-komunikazzjoni**

Fil-qasam tal-komunikazzjoni u tan-netwerk, twettqu żewġ proġetti kbar, jiġifieri t-tlestija tal-migrazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS u tas-SIS II minn sTESTA (Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet) għal TESTA-ng (Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet — il-ġenerazzjoni l-ġdida) u t-tlestija tal-infrastruttura pilota tat-2ni saff tal-kriptaġġ tal-VIS, skjerata u ttestjata mal-Istati Membri.

**L-infrastruttura kondiviża komuni**

Fuq il-bażi tal-eżitu ta' studji differenti (Studju dwar is-Servizzi Kondiviżi Komuni u Studju dwar il-Virtwalizzazzjoni-Attiva/Attiva) u l-Istrateġija ta' eu-LISA dwar it-Teknoloġija, eu-LISA fl-2017 bdiet, skont il-Kuntratt Qafas għal Infrastruttura Kondiviża Komuni, bl-attivitajiet preparatorji għall-bini tas-sisien tal-kondiviżjoni mifruxa tal-infrastrutturi tal-IT (riżerva, ħżin, servers tal-bażijiet ta' data, eċċ.) u tas-servizzi tekniċi (monitoraġġ, ġestjoni tal-avvenimenti ta' sigurtà, sinkronizzazzjoni tal-ħin, illoggjar uniku, ġestjoni tal-infrastruttura tal-IT, eċċ.). Bħala parti minn dawn l-attivitajiet preparatorji, it-tifsiliet taċ-ċentri tad-data (kemm fi Strasburgu kif ukoll f'Sankt Johann im Pongau) ġew riorganizzati wkoll biex jiġi ottimizzat l-użu tal-kapaċità tagħhom.

**Il-qafas legali**

Fl-2017, l-Aġenzija kompliet tagħmel kontribuzzjonijiet sostanzjali għal numru ta' inizjattivi strateġiċi fil-livell tal-UE, mir-regolament dwar l-EES u l-ETIAS sal-ECRIS-TCN u l-interoperabbiltà.

Fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti għall-interoperabbiltà[3]. Il-proposti ġew mill-ħidma tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà u t-twettiq ta' diversi studji,

[3] REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni) https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-security/20171212_proposal_regulation_on_establishing_framework_for_interoperability_between_eu_information_systems_police_judicial_cooperation_asylum_migration_en.pdf; REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (fruntieri u viża) u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ir-Regolament (UE) 2016/399 u r-Regolament (UE) 2017/2226 https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/european-agenda-security/20171212_proposal_regulation_on_establishing_framework_for_interoperability_between_eu_information_systems_borders_and_visa_en.pdf

inkluż studju dwar Servizz kondiviż ta' Tlaqqigħ Bijometriku li ġie pprovdut lill-Kummissjoni b'appoġġ tal-abbozzar leġiżlattiv f'Novembru 2017. Barra minn hekk, l-Aġenzija sostniet bis-saħħa l-istudji tal-Kummissjoni dwar komponenti oħra tal-interoperabbiltà, jiġifieri l-Portal Ewropew tat-Tfittxija u r-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità. Il-proposti, kif imfassla, jispjegaw f'dettall viżjoni għall-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri u għas-sigurtà fl-UE u jwittu t-triq għal ħidma sinifikanti tal-Aġenzija f'dan id-dominju fis-snin li ġejjin.

Fid-29 ta' Diċembru 2017, daħal fis-seħħ ir-regolament dwar l-EES, u s-sistema għandha tibda topera sal-2020. Matul l-2017 eu-LISA għamlet preparamenti sostanzjali, billi stabbilixxiet tim intern dedikat tal-proġetti biex iwettaq il-ħidma preparatorji kollha possibbli dwar l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ir-reklutaġġ tal-persunal speċjalist neċessarju u t-tnedija tal-attivitajiet kollha relatati mal-akkwist. L-Istati Membri ġew ikkuntattjati biex jiggwidaw il-ħidma u jiżguraw allinjament tal-aktar elementi kruċjali sa mill-bidu nett.

Approċċ ġenerali għall-proposta tal-ETIAS intlaħaq fil-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI) matul is-sajf u, bi tħejjija għall-iżvilupp tas-sistema tal-ETIAS, ir-rappreżentanti tal-Aġenzija wettqu żjarat ta' studju fl-Istati Uniti tal-Amerka u fil-Kanada, u organizzaw ukoll laqgħa f'Londra mar-Rappreżentant Għoli tal-Awstralja, bl-għan li jsiru jafu aktar dwar is-sistemi nazzjonali li jaqdu għanijiet simili għal dawk tal-ETIAS.

Rigward ECRIS-TCN, l-Aġenzija segwiet in-negozjati dwar il-proposta mill-qrib. F'Diċembru 2017 intlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali rigward l-abbozz tar-regolament. Skont il-proposta, eu-LISA se tkun responsabbli għall-iżvilupp u għat-tmexxija operattiva tas-sistema ECRIS-TCN, u s-sistema ċentrali se tkun ospitata mill-Aġenzija wkoll.

S'issa l-Kummissjoni Ewropea għadha ma ppreżentatat ebda proposta legali dwar l-e-CODEX (Ġustizzja Elettronika permezz tal-Iskambju ta' Data Online), iżda l-Aġenzija wettqet xi azzjonijiet preliminari biex tkun tista' tieħu f'idejha t-tmexxija operattiva tal-e-CODEX, jekk jiġi deċiż hekk.

**Koperazzjoni ma' oħrajn**

eu-LISA żiedet ukoll il-kontribuzzjoni tagħha għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tax-Schengen, billi sostniet total ta' 11-il missjoni ta' evalwazzjoni tax-Schengen fl-2017. Fuq talbiet mill-Kummissjoni, eu-LISA kabbret l-appoġġ tagħha għal żewġ oqsma tal-*acquis* ta' Schengen, billi żiedet il-qasam tal-Politika Komuni dwar il-Viżi (inkluża l-VIS) mal-qasam tas-SIS/mat-Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punti ta' Dħul Nazzjonali (SIRENE) (diġà sostnut fl-2015 u fl-2016). Għall-ewwel darba, eu-LISA pprovdiet esperti għall-evalwazzjonijiet tal-Politika Komuni dwar il-Viżi.

Il-kollaborazzjoni siewja mal-aġenziji l-oħra fil-qasam tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni kompliet. Fid-19 ta' Settembru, ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil (MtQ) bejn l-Unità tal-Unjoni Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust) u eu-LISA. Il-proċedura ta' abbozzar tal-Arranġament ta' Ħidma bejn eu-LISA u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) ġiet iffinalizzata sa tmiem l-2017 u l-MtQ ġie ffirmat fl-10 ta' Jannar 2018. Fl-2017, eu-LISA kkonfermat li hi lesta li tippresjedi in-Netwerk il-kbir tal-Aġenziji tal-UE minn Marzu 2020 sa Marzu 2021, li hi opportunità tajba biex tkompli ssaħħaħ ir-rwol u l-pożizzjoni tan-Netwerk ta' Aġenziji tal-UE fl-Ewropa. eu-LISA ospitat laqgħat dwar il-viżibilità fil-kwartieri ġenerali tagħha f'Tallinn mal-Kapijiet ta' Missjonijiet Diplomatiċi fit-23 ta' Marzu u mal-Kunsillieri tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni fit-28 ta' Marzu. Fit-8 ta' Mejju, fi Brussell saret laqgħa mal-membri tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew.

Rigward it-taħriġ tekniku għall-Istati Membri, l-2017 kien fiha ħafna kisbiet notevoli bħat-tnedija tas-Sistema l-ġdida ta' eu-LISA ta' Ġestjoni tat-Tagħlim (LMS) għall-SM, l-implimentazzjoni sħiħa tal-kunċett ġdid ta' tagħlim imħallat ibbażat fuq il-Programm ta' Taħriġ għall-Iżvilupp tas-SIS II għall-operaturi tal-IT, u t-tnedija tal-aġġornament tad-dokument dwar l-Istrateġija għat-Taħriġ. Fil-qasam tat-taħriġ kompliet il-kooperazzjoni tajba ħafna mas-sħab u mal-partijiet ikkonċernati (SM, aġenziji tal-ĠAI u l-Kummissjoni) flimkien maż-żamma ta' rata ta' sodisfazzjon għolja għat-taħriġ ta' eu-LISA fost l-utenti tas-sistemi.

**L-organizzazzjoni**

Fis-27 ta' April 2017, jien għamilt dikjarazzjoni quddiem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern li fiha ddeskrivejt il-kisbet ta' eu-LISA matul l-ewwel 5 snin tagħha ta' azzjoni u ppreżentajt viżjoni għall-ġejjieni tal-Aġenzija, li tinkludi l-erba' pilastri ewlenin biex jiġu żgurati l-iżvilupp u t-tkabbir ta' eu-LISA għas-snin li ġejjin, b'mod partikolari:

- iż-żamma tal-Aġenzija ffokata biex tiżgura tmexxija operattiva stabbli u effiċjenti tas-sistemi preżenti u futuri inkarigati lilha;
- iż-żieda gradwali tal-kontribuzzjoni tal-Aġenzija għall-Istati Membri u għall-UE;
- l-iżvilupp ulterjuri tal-portafoll tas-"servizz fuq talba" għall-Istati Membri u għall-aġenziji l-oħra tal-ĠAI;
- l-iżvilupp ulterjuri tal-organizzazzjoni.

B'segwitu għal din il-viżjoni u bħala tweġiba aħjar għat-tibdiliet fl-ambjent politiku u operazzjonali li fih topera l-Aġenzija, ġie stabbilit li l-istrateġija fit-tul ta' eu-LISA kellha bżonn tiġi aġġornata. Id-dokument aġġornat, li kopra l-perjodu 2018-2022, allinja mill-ġdid l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi għall-kuntest politiku u operazzjonali preżenti, filwaqt li bena fuq l-istess missjoni, viżjoni u valuri prinċipali tal-Aġenzija. Id-dokument ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017, filwaqt li stabbilixxa d-direzzjoni għall-iżvilupp futur tal-Aġenzija, u għalhekk ser ikollu impatt sinifikanti fuq il-ħidma u fuq il-persunal tagħha.

L-Aġenzija kompliet issaħħaħ u tiżviluppa l-kapaċitajiet ta' ppjanar tagħha u kompliet ittejjeb il-kooperazzjoni tagħha mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri f'dan il-qasam. Skont ir-rekwiżiti tal-Regolament Finanzjarju Qafas, l-Aġenzija żviluppat proċess ta' evalwazzjoni ex ante komprensiv u ttestjatu f'pilota. Ir-regoli ġew adottati mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017. Saru sforzi partikolari biex jiġu żviluppati l-elementi neċessarji tal-ġestjoni bbażata fuq l-attività u biex jissaħħu l-proċessi ulterjuri ta' ġestjoni tal-baġit.

L-intenzjoni tal-Aġenzija hi li tevolvi u tirfina l-oqfsa interni operazzjonali u ta' governanza komprensivi tagħha bbażati fuq l-aħjar prattika u l-istandards tal-industrija attwali. Hi se tkompli wkoll tiżgura l-ġestjoni effiċjenti u kosteffettiva tas-sistemi billi timmonitorja u tevolvi kontinwament il-proċessi operazzjonali u tfittex opportunitajiet biex tottimizza l-operazzjonijiet tagħha. Dan l-approċċ għat-titjib kontinwu, li jkopri l-governanza, l-operazzjonijiet u oqsma kritiċi oħrajn tal-attività tagħna, għandu l-għan li jiffoka r-riżorsi u jintegra l-attivitajiet li huma kritiċi għall-issodisfar b'suċċess tar-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati tagħna. Bil-għan li ssostni dan, eu-LISA kompliet tottimizza l-governanza u l-proċessi tagħha, billi tutilizza l-istandards rikonoxxuti mill-industrija, bħal-Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITIL), il-Proġetti f'Ambjenti Kontrollati (PRINCE) 2 u oqfsa ta' governanza tal-IT rilevanti oħra. L-applikazzjoni ta' tali standards ittejjeb l-allinjament bejn l-objettivi kummerċjali u l-kapaċitajiet tal-Aġenzija u l-mudell operazzjonali tagħha u tgħin biex jiġu żgurati operazzjonijiet sostenibbli u kosteffiċjenti. Għaldaqstant, l-użu u l-konsolidazzjoni tal-mudelli operazzjonali tal-aħjar prattika u tal-oqfsa ta' governanza robusti tal-industrija ser ikomplu matul l-implimentazzjoni tad-Dokumenti ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija fis-snin li ġejjin.

F'Ġunju 2017, fi ħdan l-Aġenzija ġie stabbilit Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriża (EPMO). Il-missjoni tal-EPMO hi li jintegra u jissorvelja l-proġetti u l-programmi kollha ta' eu-LISA kif ukoll li jikkontribwixxi għall-governanza interna fi ħdan l-Aġenzija biex jiżgura trasparenza, responsabbiltà u l-iskjerament tal-aħjar prattiki tal-istandards tal-industrija fil-qasam tal-ġestjoni tal-proġetti u tal-programmi. L-Aġenzija tqis li l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-proġetti u tal-programmi, bħala kompetenzi strateġiċi, huma kruċjali biex jiġu żgurati sodisfazzjon għoli fost il-partijiet ikkonċernati u governanza interna mtejba.

Biex issaħħaħ il-qafas tal-governanza tagħha, ġiet implimentata sistema ta' ġestjoni tal-kwalità korporattiva, imfassla għall-ħtiġijiet ta' eu-LISA, billi ġiet segwita l-metodoloġija applikata tar-rekwiżiti tal-Qafas ta' Valutazzjoni

Komuni (CAF)[4]. Bħala l-pass li jmiss, tfassal pjan ta' azzjoni, imsejjes fuq l-eżiti tal-valutazzjoni, li għandu jiġi implimentat mill-2018 'il quddiem.

Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament li Jistabbilixxi l-Aġenzija, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija (MB), wettqet evalwazzjoni tal-azzjonijiet ta' eu-LISA. Ir-Rapport Finali ta' din l-evalwazzjoni ġie ppreżentat lill-MB f'Marzu 2016. Il-pjan ta' azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi ġie adottat mill-MB f'Marzu 2017 u l-istatus ta' implimentazzjoni tiegħu ġie aġġornat f'Novembru 2017.

**Komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku**

Bħala sinteżi tal-prestazzjoni ta' eu-LISA fid-dominju tal-komunikazzjonijiet matul is-sena, jista' jiġi ddikjarat li ntlaħqu b'suċċess l-objettivi stabbiliti kollha. Kompiti relatati ma' preżenza online regolari u attiva, ma' input koordinat sew għal avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni organizzati taħt il-Presidenza Estonjana tal-UE u mal-pubblikazzjoni puntwali ta' pubblikazzjonijiet korporattivi u ta' sensibilizzazzjoni ta' kwalità tajba lkoll twettqu b'suċċess. L-elementi li spikkaw matul is-sena kienu l-Konferenza Annwali ta' livell għoli ta' eu-LISA "Going Digital for a Safe and Secure Europe" organizzata taħt il-Presidenza Estonjana tal-UE, id-diskussjoni madwar mejda ta' eu-LISA "A single search portal and shared BMS for Europe: Moving forward with concrete implementation" mar-rappreżentanti tal-industrija, u żjarat ta' VIPs f'eu-LISA li pprovdew għall-kopertura relatata. Il-VIPs li żaru kienu jinkludu l-President tal-Estonja; il-Membri tal-Parlament Ewropew (MPE); Dimitris Avramopoulos, Kummissarju għall-Migrazzjoni, l-Affarijiet Interni, u ċ-Ċittadinanza; Věra Jourová, Kummissarju għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri; il-Prim Ministru tal-Estonja; il-Ministru tal-Intern tal-Estonja; u l-Membri Parlamentari (MP) nazzjonali.

L-għodda ta' komunikazzjoni ewlenija tal-Aġenzija biex tipprovdi trasparenza — is-sit web — intużat biex tkompli ssaħħaħ il-viżibbiltà tal-ħidma u tal-kisbiet tagħna biex insaħħu l-involviment tal-pubbliku u nimmaniġġjaw b'mod proattiv ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. Il-pjattaformi tal-midja soċjali ntużaw dejjem aktar biex jinxteħet dawl fuq l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u fuq il-korsijiet ta' taħriġ tagħna kif ukoll fuq il-ħtiġijiet ta' reklutaġġ u ta' akkwist ta' eu-LISA. Modifiki fis-sit web, fuq il-bażi tal-analiżi tal-utilizzabilità tas-siti web tal-2016, immirati lejn sit web risponsiv u faċilment aċċessibbli tnedew b'eżerċizzju komprensiv ta' ġbir tar-rekwiżiti biex jiġi sostnut proġett ta' rivoluzzjonar tas-sit web. Assi prinċipali għall-istrateġija tal-komunikazzjoni tal-Aġenzija, sit web funzjonali modern, hu wieħed mill-aħjar mezzi biex tiġi garantita responsabbiltà fir-rigward taċ-ċittadini tal-Ewropa. Għaldaqstant, l-Aġenzija ffokat fuq l-iżvilupp ulterjuri tad-dinamiżmu tas-sit web u fuq l-introduzzjoni tal-funzjonalitajiet fuq il-web li jippermettu li jiżdied l-involviment onlajn tal-pubbliku.

**Siti**

Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq il-bini tal-kwartieri ġenerali (HQ) l-ġodda f'Tallinn bdew f'April 2017. L-Estonian State Real Estate Ltd f'kooperazzjoni mal-Ministeru tal-Intern tal-Estonja stiednu lil eu-LISA u lill-persunal tagħha biex jattendu għaċ-ċeremonja biex ikunu preżenti għat-tqegħid tal-ewwel ġebla fid-29 ta' Settembru 2017. Il-kwartieri ġenerali l-ġodda ta' eu-LISA huma mistennija jitlestew fis-sajf tal-2018. Ix-xogħol tal-kostruzzjoni fuq l-estensjoni tas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu avvanza ulterjorment ukoll u l-persunal tal-Aġenzija mexa għall-bini tal-uffiċċji l-ġdid. Minkejja dan, hemm tħassib ġenerali li s-sit rinnovat fi Strasburgu jaf ma jkollux kapaċità biżżejjed biex jospita lill-persunal u lill-kuntratturi meħtieġa kollha tal-Aġenzija, fid-dawl tal-iżviluppi kbar li ġejjin fil-qasam tal-ĠAI, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-EES u l-introduzzjoni tal-ETIAS, tal-ECRIS-TCN, eċċ. L-Aġenzija qed tħejji każ tan-negozju għat-tieni estensjoni tas-sit biex tindirizza l-ħtiġijiet futuri li jirriżultaw mill-mandat estiż tagħha u mis-sistemi l-ġodda inkarigati lill-Aġenzija.

4 https://www.eipa.eu/portfolio/european-caf-resource-centre/

**Implimentazzjoni tal-baġit**

Fl-2017, eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' EUR 153.3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 67.7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mis-sussidju tal-UE. L-Aġenzija kisbet rata ta' implimentazzjoni tal-baġit għolja sal-aħħar tas-sena:

- 100 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, inklużi impenji tal-livell 1 (L1) magħmula minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tal-istrumenti legali għall-EES u għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac;
- 100 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2018.

**Riżorsi umani**

Fl-2017, eu-LISA kellha l-pożizzjonijiet awtorizzati li ġejjin: 131 Aġent Temporanju (AT), 27 Aġent Kuntrattwali (AK) u 9 Esperti Nazzjonali Ssekondati (ENS). In-numru totali ta' pożizzjonijiet fil-Pjan ta' Stabbiliment tnaqqas bi 3 meta mqabbel mal-2016 minħabba tnaqqis fil-persunal u laħaq il-livell ta' 115-il pożizzjoni, u fl-istess ħin żdied b'16-il pożizzjoni addizzjonali bħala rispons għall-kompiti l-ġodda inkarigati lill-Aġenzija (14-il pożizzjoni għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u 2 pożizzjonijiet għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac). Ir-reklutaġġ għal dawn il-pożizzjonijiet addizzjonali kien jiddependi mill-adozzjoni tal-istrumenti legali. Għaldaqstant, f'termini tal-għadd totali ta' impjegati, fl-aħħar ta' Diċembru 2017 kien hemm 153 membru tal-persunal full-time: 114 AT, 32 AK u 7 ENS. Minn dawn, 75 AT, 21 AK u 5 ENS kienu impjegati fi Strasburgu, 39 AT, 9 AK u 2 ENS kienu qed jaħdmu f'Tallinn, u 2 AK kienu jinsabu fl-Uffiċċju ta' Kollegament ta' eu-LISA fi Brussell. Id-dawran tal-persunal li telaq kien ta' 3.27 % hekk kif 5 impjegati ħallew l-organizzazzjoni fl-2017. Dan hu anqas mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPI) referenzjarju ta' 5% stabbilit għad-dawran. Il-kwartieri ġenerali f'Tallinn kienu affettwati aktar, hekk kif id-dawran tal-persunal hemmhekk laħaq il-5.13%.

Il-kisbiet ewlenin fit-tagħlim u fl-iżvilupp fl-2017 kienu l-iżvilupp ulterjuri tal-iLearn (is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim ta' eu-LISA), l-iżvilupp ulterjuri tal-Qafas ta' Kompetenza ta' eu-LISA, l-implimentazzjoni tal-Pjan Annwali ta' Tagħlim, u l-istħarriġ ta' involviment tal-persunal u s-segwitu għal dan.

Fl-istess ħin, ta' min jisħaq li l-Aġenzija teħtieġ tisħiħ b'persunal addizzjonali minħabba li l-portafoll tagħha qed jikber kontinwament, b'aktar kompiti u sforzi biex tiżgura konformità mar-rekwiżiti u mar-regoli legali applikabbli.

**Kwistjonijiet prinċipali ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija**

Il-kollaborazzjoni msaħħa bejn il-Bord tat-Tmexxija u eu-LISA kompla fl-2017. Il-kwistjonijiet ewlenin miġjuba għall-attenzjoni tal-Bord mill-Aġenzija kienu s-sitwazzjoni tal-persunal ta' eu-LISA u, b'mod partikolari, il-fatt li kien hemm żieda kontinwa fin-numru ta' kompiti assenjati lill-Aġenzija, filwaqt li, fl-istess ħin, eu-LISA kompliet tnaqqas il-persunal statutorju fil-Pjan ta' Stabbiliment tagħha, hekk kif ma rċiviet ebda riżorsa umana addizzjonali biex tirrifletti l-volum ta' xogħol u l-ispejjeż ġenerali amministrattivi li żdiedu; u l-emendar tal-baġit f'Settembru 2107 b'rabta mal-kompiti l-ġodda relatati mal-implimentazzjoni tal-EES u tar-regolament ta' Riformulazzjoni tal-Eurodac, biex jiġu preservati l-approprjazzjonijiet baġitarji mill-konsegwenzi tal-adozzjoni ttardjata tal-bażi ġuridika korrispondenti. Ir-riskji sottostanti u r-ripetizzjoni potenzjali tal-adozzjoni ta' impenn globali fuq is-snin finanzjarji sussegwenti ġew diskussi wkoll. Wara l-proposta għal Regolament ta' Stabbiliment ġdid tal-Aġenzija, li se jespandi r-responsabbiltajiet ta' eu-LISA, l-Aġenzija ppreżentat ukoll lill-Bord tat-Tmexxija struttura organizzazzjonali ġdid u pjan biex testendi ulterjorment is-sit operazzjonali tagħha fi Strasburgu.

**Valutazzjoni mill-maniġment**

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġonevoli li hemm fis-seħħ kontrolli interni xierqa u li dawn qegħdin jiffunzjonaw kif maħsub; matul is-sena, ir-riskji maġġuri qed jiġu identifikati, immonitorjati u mitigati b'mod xieraq. Din l-assigurazzjoni hi kkonfermata ulterjorment mir-riżultati tal-awditi interni u esterni mwettqa matul is-sena.

**Riżultati tal-awditi**

Ma saret l-ebda rakkomandazzjoni kritika lill-Aġenzija waqt l-awditi mwettqa matul is-sena mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, minn awdituri esterni indipendenti, mis-Servizz tal-Awditu Intern tal-Kummissjoni u mill-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija. Ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra kollha ġew indirizzati fi żmien debitu permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni.

**Riskji**

Għas-sena 2017, ġew identifikati erba' riskji korporattivi maġġuri. Ġie stabbilit pjan korporattiv ta' rispons għar-riskji biex jindirizzahom[5].

**Konklużjoni**

Fl-2017, eu-LISA kompliet bil-vjaġġ tagħha li verament hu impenjattiv iżda li jnissel ukoll sens ta' sodisfazzjon. Matul is-sena, l-Aġenzija kultant kienet waħedha biex taffaċċja volum kbir ta' xogħol, b'riżorsi skarsi beix tagħmel dak li kien meħtieġ. Iżda ksibna ħafna wkoll! Żammejna l-operazzjonijiet stabbli u mingħajr interruzzjoni bis-sistemi ċentrali tagħna. Fl-istess ħin, l-Aġenzija għamlet kontribuzzjonijiet enormi għal numru ta' inizjattivi strateġiċi fil-livell tal-UE, mill-implimentazzjoni tal-EES, sal-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-interoperabbiltà.

Fi ħdan l-Aġenzija, aġġornajna l-istrateġija fit-tul tagħna u implimentajna s-sistema korporattiva tagħna ta' ġestjoni tal-kwalità. Fl-2017, ħadna wkoll passi sinifikanti biex inkomplu nsaħħu l-kontrolli interni tagħna b'enfasi partikolari fuq l-ippjanar baġitarju u kuntrattwali tagħna, fuq il-proċessi ta' ġestjoni u l-iżvilupp, u fuq l-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet "ex ante" meħtieġa.

Xorta waħda, mhux il-vjaġġ biss li jgħodd — iżda anki ma' min taqsmu. U għaliex jien tant kburi b'dak li ksibna tul is-sena, ħalluni nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja b'mod partikolari lill-persunal u lill-maniġers ta' eu-LISA. Jekk morna tajjeb din is-sena, hu partikolarment bis-saħħa ta' dan il-grupp ta' professjonisti motivati, dedikati u mimlija talent li ġejjin minn kważi l-pajjiżi Ewropej kollha, li stinkaw ħafna biex jagħmlu dan kollu possibbli. L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll tal-gvernijiet tal-pajjiżi fejn l-Aġenzija stabbilixxiet is-siti tagħha, ukoll kienu ta' importanza kruċjali biex jimmotivaw l-aġenda tagħna 'l quddiem. Il-kooperazzjoni u l-appoġġ tal-Bord tat-Tmexxija kienu essenzjali għall-progress ulterjuri tal-Aġenzija biex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tal-prijoritajiet politiċi fid-dominju tal-ĠAI. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, il-komunikazzjoni pożittiva mal-industrija kienet importanti biex tissaħħaħ il-kwalità teknika tal-ħidma tagħna u biex nikkontjenu r-riskji li affaċċjajna tul il-vjaġġ.

Is-sena li ġejja mhux se tkun b'anqas. L-Aġenzija se tkompli topera f'ambjent ferm impenjattiv u turbolenti. Iżda jkunu xi jkunu l-ambjent u ċ-ċirkustanzi, mhux se niżvijjaw mill-prijorità tagħna: ***li nikkontribwixxu permezz tas-servizzi tagħna għall-isforzi tal-Istati Membri biex nagħmlu l-Ewropa aktar sikura***. Biex nirnexxu f'dan, aħna rridu nqiegħdu lill-partijiet ikkonċernati tagħna u lill-ħtiġijiet tagħhom fil-qalba ta' dak kollu li nagħmlu, billi nuru lill-Istati Membri kif insostnuhom b'mod effettiv, b'passjoni għall-eċċellenza, b'aġilità, bi flessibilità u b'impenn.

5 Ara s-Sezzjoni 3.1, Ġestjoni tar-Riskju, u l-Anness VII.

Is-sena li ġejja se ġġib l-isfidi tagħha iżda jien ċert li, billi naħdmu flimkien, nibqgħu ffokati fuq il-prijoritajiet tagħna u nqiegħdu lill-partijiet ikkonċernati tagħna fuq quddiem nett, nistgħu nilħqu l-ambizzjonijiet tagħna!

**Krum GARKOV, Direttur Eżekuttiv**

# Parti I. Kisbiet tas-sena

## Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 1 "Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Ewropa"

### Tmexxija operattiva tas-sistemi

Għall-perjodu tal-2017, it-tmexxija operattiva kontinwa u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi (bħalissa l-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)) u n-netwerks ta' komunikazzjoni assoċjati tagħhom baqgħet prijorità għall-Aġenzija. It-tmexxija operattiva tal-attivitajiet ta' kuljum tal-Eurodac, tas-SIS II u tas-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (BMS), il-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-provvista kontinwa tas-servizzi permezz ta' monitoraġġ tas-sistemi u tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS), ir-riżoluzzjoni ta' inċidenti, is-segwitu ta' kuljum tal-inċidenti u l-laqgħat ta' kull ġimgħa dwar il-ġestjoni tal-problemi kif ukoll is-segwitu tal-proċessi tal-Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITSM), twettqu bla heda. Is-sistemi kienu operattivi u disponibbli għall-Istati Membri matul is-sena. Il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi kienet stabbli, id-disponibbiltà tal-VIS kienet ta' 99.92 %, id-disponibbiltà tal-Eurodac kienet ta' 99.95 % u d-disponibbiltà tas-SIS II kienet ta' 99.82 %[6]. Biex tiġi ssorveljata ferm aktar mill-qrib il-konformità tas-sistemi mal-FLS tagħhom, intlaħaq qbil dwar indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) addizzjonali mal-Istati Membri (SM), permezz tal-Gruppi Konsultattivi (AG) rispettivi, b'mod partikolari għall-ġestjoni tal-inċidenti u tal-problemi. L-Istħarriġ regolari annwali dwar is-Sodisfazzjon tal-Klijenti ttejjeb u ser ikun parti integrali mid-dokument Standard tal-FLS ta' eu-LISA, li aġġornament tiegħu, imniedi fl-2017, ser ikun lest sa nofs l-2018. Minbarra dan imsemmi hawn fuq, ingħata appoġġ sħiħ lill-Istati Membri flimkien mas-servizzi tat-testjar kollha, imwettqa kif ippjanati, kif ukoll mas-superviżjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u mal-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tas-servizzi tan-netwerks.

L-Aġenzija identifikat opportunitajiet partikolari biex tevolvi l-kosteffiċjenza u l-effettività tat-tmexxija operattiva ta' dawn is-sistemi. eu-LISA żiedet il-monitoraġġ tagħha tal-infrastruttura, tas-servizzi u tas-sistemi biex tidentifika u timplimenta sinerġiji li jiffokaw fuq it-tnaqqis tal-kost totali tas-sjieda (TCO) tas-sistemi[7]. Matul l-aħħar sena, twettqu sforzi konsiderevoli rigward dan. Dawn inkludew, iżda ma kinux limitati għall-bini u l-irfinar tal-pjan direzzjonali tal-evoluzzjoni ta' kull sistema, l-implimentazzjoni ta' skeda komprensiva ta' manutenzjoni adattiva u korrettiva u, fl-istess ħin, it-tfittxija ta' modi kif tista' tittejjeb u tiġi konsolidata l-infrastruttura ta' kull sistema. F'dan ir-rigward, kisba sinifikanti tal-Aġenzija kienet l-iżvilupp ulterjuri tal-Istrateġija tagħha dwar it-Teknoloġija, li se tistabbilixxi stadji importanti għall-ottimizzazzjoni gradwali tal-operazzjonijiet fuq perjodu ta' 5 snin.

Servizz affidabbli tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) tas-sistemi ta' negozju ewlenin (CBS) flimkien mas-Servizzi tan-Netwerk tas-Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet/tas-Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet — il-ġenerazzjoni l-ġdida (sTESTA/TESTA-ng) forniti, li laħqu l-livelli ta' servizz stabbiliti fil-FLS rilevanti. L-Aġenzija saħħet il-kapaċitajiet ta' ttestjar tagħha permezz tal-virtwalizzazzjoni tal-ambjenti tal-ittestjar u l-awtomazzjoni taċ-ċiklu ta' ttestjar.

Kuntrattwalment, l-Aġenzija żviluppat ulterjorment il-kapaċitajiet tagħha ta' akkwist u ta' ġestjoni tal-kuntratti għas-sistemi mmaniġġjati minnha, billi żgurat li l-kuntratti ta' Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali (MWO), b'mod partikolari, ikunu ġestiti sew u li kwalunkwe trasferiment skedat bejn il-kuntratturi jsir b'suċċess u mingħajr ebda impatt negattiv fuq il-provvista tas-servizzi. Minħabba t-tibdil fl-MWO dwar il-Eurodac u s-SIS II, il-pjanijiet ta'

---

6 Iċ-ċifri għad-disponibbiltà tas-sistemi ma jinkludux il-ħin għall-manutenzjoni.
7Il-mudell tat-TCO iħares lejn il-kost sħiħ ta' sistema mix-xiri sad-disponiment u jista' jinkludi kostijiet tat-tiswija, ta' talbiet ta' manutenzjoni, ta' aġġornamenti, ta' servizz u appoġġ, ta' bini ta' netwerks, ta' sigurtà, ta' taħriġ u ta' liċenzjar tas-softwer biex jingħataw kostijiet tul il-ħajja aktar preċiżi.

ħarġiet għall-2018 għadhom ma jistgħux jitlestew. Il-pjan ta' ħarġiet tal-VIS ser ikun disponibbli u se jinqasam mal-Istati Membri fl-ewwel xhur tal-2018.

Inħażnu aktar minn 76 miljun twissija fil-bażi ta' data tas-SIS II fi tmiem l-2017, jiġifieri żieda ta' 7 %. Għat-tqabbil, fi tmiem l-2016, inħażnu aktar minn 70 miljun twissija, li kienu 11.6 % aktar mid-data maħżuna sa tmiem l-2015.

In-numru totali ta' applikazzjonijiet għall-viża maħżuna fis-sistema tal-VIS/BMS sa tmiem l-2017 kien ta' aktar minn 52 miljun. Fi tmiem l-2016, l-ammont laħaq kważi s-36 miljun, żieda ta' aktar minn 75 % mill-2015. In-numru ta' settijiet ta' marki tas-swaba' maħżuna fil-bażi ta' datakien ta' 44 miljun. Inħażnu aktar minn 30 miljun marka tas-swaba' sa tmiem l-2016, numru aktar minn 85 % akbar minn dak maħżun fi tmiem l-2015.

Minħabba x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-bini taċ-ċentru tad-data, kien hemm problema kbira fis-7 ta' Settembru 2017, meta s-sistema ta' ventilazzjoni u ta' kundizzjonament tal-arja f'dak il-bini ma kinitx qed taħdem kif suppost. Dan kellu żewġ effetti: it-temperatura fiċ-ċentru tad-data żdiedet lil hinn mill-kundizzjonijiet operazzjonali normali u ammont kbir ta' trab daħal bi pressjoni kemxejn għolja fiż-żona tal-operazzjonijiet fejn jinsabu t-timijiet ta' 24 siegħa kuljum tad-Desk tas-Servizzi u tal-Appoġġ għall-Applikazzjonijiet tal-Produzzjoni (PAS). Minnufih ittieħdu l-miżuri neċessarji kollha. Ġiet stabbilita kamra temporanja tal-operazzjonijiet fil-bini ewlieni u din se tintuża sakemm il-kuntrattur ilesti x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Saret valutazzjoni ulterjuri tar-riskji/tal-ħsarat potenzjali għas-sistemi. Bħala riżultat tal-miżuri, is-sistemi kollha baqgħu jaħdmu b'mod stabbli.

Biex tkompli taġġorna l-operazzjonijiet tagħha ulterjorment f'konformità mal-aħjar prattika internazzjonali, l-Aġenzija kompliet ukoll bl-iżvilupp tas-servizz u tal-mudell tal-proċessi tagħha fuq il-bażi tal-implimentazzjoni tal-Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITIL)/ITSM. Fi tmiem l-2017, ġew immappjati u tnedew erba' proċessi ġodda, jiġifieri l-Ġestjoni tat-Titjib Kontinwu tas-Servizzi, il-Ġestjoni tal-Għarfien, il-Ġestjoni tad-Disponibbiltà u l-Ġestjoni tal-Kapaċità, li ser isaħħu b'mod sinifikanti l-mudell tal-proċessi ta' eu-LISA, u b'hekk ser iżidu l-kwalità tas-servizzi pprovduti. Awtomazzjoni u integrazzjoni ulterjuri tal-proċessi jitwettqu b'mod parallel.

L-awditu tal-operazzjonijiet tal-IT, imwettaq mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS), ipprovda garanzija li l-Aġenzija kellha pedament sod għall-mudell operazzjonali tagħha, li juża l-aħjar prattiki u l-istandards tal-industrija għall-ġestjoni tas-servizzi bħall-ITIL/ITSM.

*Tmexxija operattiva tal-Eurodac*

Matul il-perjodu ta' rapportar, id-disponibbiltà u l-prestazzjoni ġenerali tat-traffiku tal-Eurodac, kif ukoll il-preċiżjoni tas-sistema, baqgħu għoljin u fi ħdan il-livelli miftiehma tal-FLS. Il-prestazzjoni tas-sistema ġiet issorveljata fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum mid-Desk ta' eu-LISA tas-Servizz ta' Appoġġ għall-Istati Membri.

Il-proċess tal-akkwist għall-kuntratt il-ġdid tal-MWO tal-Eurodac ġie konkluż u l-kuntratt il-ġdid ġie ffirmat fis-27 ta' Ottubru 2017. Il-manutenzjoni tal-Punti Nazzjonali ta' Aċċess (NAP) se tkun koperta mill-kuntratt preċedenti sa nofs l-2018 (id-data ta' skadenza tal-implimentazzjoni tal-kuntratt l-antik). Id-durata tal-kuntratt il-ġdid hi ta' 3 snin + sena + sena + sena, b'baġit totali ta' EUR 22.6 miljun. Numru ta' proġetti u ta' attivitajiet oħra qed jitħejjew biex jiġu eżegwiti permezz tal-kuntratt il-ġdid, mill-2018 'il quddiem. Il-kuntratt il-ġdid ser ikopri elementi bħat-tnedija ta' servizzi relatati mal-akkwiżizzjoni mill-kuntrattur kurrenti, il-manutenzjoni korrettiva u adattiva, il-funzjonament tad-desk tas-servizzi lokali, l-evoluzzjonijiet (maġġuri/funzjonali/tekniċi-relatati mal-infrastruttura/identifikati/mhux identifikati), it-taħriġ tekniku tal-SM, l-assistenza teknika, kif ukoll il-kompiti ta' trasferiment (fi tmiem il-kuntratt). Barra minn hekk, il-kuntratt il-ġdid idaħħal fis-seħħ FLS aktar strett b'sett ta' KPIs addizzjonali użati għal-kejl tal-prestazzjoni kuntrattwali.

*Tmexxija operattiva tas-SIS II*

Matul il-perjodu ta' rapportar, is-sistema ċentrali tas-SIS II ġiet issorveljata bla heda u l-prestazzjoni ġenerali tas-sistema kienet fi ħdan il-livelli miftiehma tal-FLS. Inċident importanti (datat il-5 ta' Jannar 2016) ġie finalment solvut għalkollox fl-2017 (l-investigazzjoni dwar il-kawża ġiet finalizzata). Minkejja dan, il-fatt ma affettwa ebda operazzjoni normali jew id-disponibbiltà tas-sistema.

Matul il-perjodu ta' rapportar, id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS II ġiet affettwata minn xi inċidenti relatati man-netwerk u ma' bug introdott fil-ħarġa 8.2, li affettwa primarjament lill-Belġju, eżatt wara l-inċident li seħħ hemm fl-24 ta' Lulju.

Is-servizzi tat-test tas-SIS II għall-Istati Membri twettqu kif ippjanat:

- It-testijiet għall-integrazzjoni tal-Kroazja tlestew b'suċċess.
- It-testijiet għall-ħarġa 8.3 tlestew b'suċċess.
- It-testijiet għall-AFIS tas-SIS II għall-Istati Membri pilota tlestew b'suċċess.
- L-SM qed jirċievu appoġġ sħiħ minn tim dedikat permezz tal-Pakkett ta' Ħidma 6.

Rigward it-tranżizzjoni għall-MWO tas-SIS II il-ġdida, tlestiet il-fażi 1 tal-offerti. Il-fażi 2 tal-offerti tas-SIS II għaddejja bħalissa minħabba dewmien fl-MWO tas-SIS II.

*Tmexxija operattiva tal-VIS/tal-BMS*

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-attivitajiet ta' ġestjoni tas-servizzi għall-VIS/għall-BMS twettqu fl-ambitu sħiħ tagħhom, billi ġie segwit il-mudell operazzjonali ta' eu-LISA fuq il-bażi tal-qafas tal-ITSM. Ir-rapporti ppjanati ġew ipprovduti fuq bażi annwali, f'konformità maż-żminijiet ta' riżoluzzjoni tal-inċidenti, li jitkejlu fl-għodda HP Service Manager 9 (SM9). Il-prestazzjoni ġenerali tal-VIS u tal-BMS, kif stipulata fil-FLS, kienet fil-livelli miftiehma.

Rigward l-operazzjonijiet ta' kuljum, fl-2017, ġew proċessati 269 miljun operazzjoni tal-VIS (żieda ta' 18 %), u nkisbu sa 139 000 operazzjoni fis-siegħa fl-eqqel ħinijiet, li hu l-ogħla punteġġ li qatt inkiseb għall-eqqel ħinijiet ta' użu. Għall-VIS, it-throughput massimu bħalissa hu ta' 450 000 messaġġ fis-siegħa. Il-kapaċità u l-prestazzjoni tal-BMS huma adegwati għall-użu tal-SM tal-VIS. Barra minn hekk, il-prestazzjoni tas-sistema ċentrali ma nstabet ebda devjazzjoni kbira.

Fl-1 ta' Jannar 2018 00:00 UTC, kien hemm 52.29 miljun applikazzjoni għall-viża, 52.27 miljun stampa tal-wiċċ u 44.8 miljun sett ta' marki tas-swaba' fil-bażi tad-data tal-VIS. L-akbar ħames utenti tal-VIS huma Franza, Spanja, l-Italja, il-Polonja u l-Ġermanja. L-aktar ħames reġjuni attivi għall-VIS huma r-Russja, l-Asja tal-Lvant, l-Afrika ta' Fuq, il-pajjiżi ġirien fil-Lvant u r-reġjun tal-Golf. Iż-żmien medju bejn l-applikazzjoni u l-ħruġ tal-viżi hu ta' 4.7 ijiem.

Fl-2017, is-servizz ma kienx disponibbli għal 0.92 sigħat minħabba ħsarat fis-sistema u għal 22.8 siegħa minħabba l-manutenzjoni ppjanata.

**Evoluzzjoni tas-sistemi**

eu-LISA kompliet tevolvi s-sistemi ġestiti minnha, f'konformità mar-rekwiżiti legali u mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri, bl-għan li jkomplu jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom. L-adozzjoni ta' Proċess wieħed ta' Ġestjoni tal-Bidla definit b'mod ċar minn eu-LISA introduċiet approċċ aktar koerenti u verifikabbli għall-evoluzzjoni u għall-manutenzjoni tas-sistema, u dan tkompla. L-Aġenzija ffaċilitat ukoll l-irfinar u l-ottimizzazzjoni tal-proċessi permezz ta' reviżjoni regolari tat-teknoloġiji emerġenti u l-applikazzjoni potenzjali tagħhom. Barra minn hekk, l-Aġenzija kompliet tissorvelja l-prestazzjoni tas-sistemi u l-livelli tas-servizz ipprovduti. Twettqu t-titjib issoktat fis-sistemi eżistenti u l-allinjament tas-sistemi mal-ħtiġijiet kummerċjali fuq il-bażi tal-pjan direzzjonali stabbilit għal kull sistema.

Il-kisbiet ewlenin fl-2017 fl-evoluzzjoni tas-sistemi jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- it-tlestija b'suċċess tal-proġett tat-titjib tas-sinkrinizzazzjoni tal-Unità Ċentrali (CU) tal-Eurodac/tal-Unità Ċentrali ta' Riżerva (BCU);
- l-integrazzjoni tal-Kroazja fis-SIS II;
- l-iżvilupp tal-AFIS għas-SIS II (ittardjat bi ftit);
- il-bidu tal-operat tal-proġett Visa Code Plus;

- it-trażmissjoni tal-Istudju dwar ir-Riformulazzjoni tal-VIS lill-Kummissjoni Ewropea u lill-SM sal-iskadenza miftiehma.

*Evoluzzjoni tal-Eurodac*

L-Aġenzija implimentat bis-sħiħ it-tibdiliet fis-sistema tal-Eurodac kif stipulat fir-Regolament riformulat applikabbl mill-20 ta' Lulju 2015. F'Mejju 2016 saru żewġ proposti leġiżlattivi ġodda. Waħda tikkonċerna l-passi ulterjuri biex il-Eurodac tiġi allinjata u tiġi espanduta kif xieraq biex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet legali l-ġodda (Riformulazzjoni tal-Eurodac). L-oħra hi l-proposta għal Regolament li jirriforma s-sistema ta' Dublin, li jistabbilixxi sistema awtomatizzata, li tippermetti r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali u l-monitoraġġ tas-sehem ta' kull Stat Membru fl-applikazzjonijiet kollha u tas-sistema tal-allokazzjoni korrettiva. L-iżvilupp ta' din is-sistema l-ġdida jiddependi mill-adozzjoni tal-proposta legali rispettiva.

Fl-2017, l-ambitu tal-aġġornament tal-kapaċità tal-Eurodac tal-2016 għal 7 miljun rekord ġie estiż għall-2017 u ġie skjerat fil-produzzjoni matul il-perjodu ta' rapportar. Issa s-sistema tiflaħ sa 7 miljun rekord (15 000 tranżazzjoni kull jum u 1 500 tranżazzjoni fis-siegħa). L-attivitajiet formali ta' għeluq tal-proġetti (prerekwiżiti għall-Aċċettazzjoni tas-Sistema Finali) ġew finalizzati.

Il-proġett ta' titjib tas-sinkronizzazzjoni tas-CU/tal-BCU tlesta b'suċċess u ġie skjerat għall-produzzjoni fid-29 ta' Novembru. Eżerċizzju ta' manutenzjoni fil-produzzjoni, inkluż bdil u bdil lura lejn/mill-BCU, twettaq b'suċċess f'Diċembru 2017.

Il-Europol, l-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, ilha mqabbda b'suċċess mal-Eurodac minn Lulju 2015, meta daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Riformulazzjoni tal-Eurodac. Mit-22 ta' Ġunju 2017, il-Europol beda jagħmel tfittxijiet fil-bażi tad-data tal-Eurodac skont l-Artikoli 19 u 21 tar-Regolament (UE) 603/2013. It-tfittxijiet tal-infurzar tal-liġi mwettqa mill-Europol huma tfittxijiet tal-"kategorija 5" (tal-"kategorija 4" huma dawk tal-infurzar tal-liġi mill-SM, li ilhom jintużaw mill-20 ta' Lulju 2015). Bħalissa l-Europol mhuwiex konness b'mod dirett mas-sistema ċentrali tal-Eurodac, iżda jmexxi t-tfittxijiet billi juża l-Punt ta' Aċċess Nazzjonali Olandiż.

Fl-2017, it-tagħmir tal-Eurodac (qabel il-produzzjoni) tmexxa fiżikament fiċ-ċentru tad-data (il-proġett tlesta) u eu-LISA kkoordinat l-aġġornamenti fuq is-soluzzjoni tal-NAP standardizzata użata minn ħafna SM għall-konnessjoni tagħhom mal-Eurodac.

*Evoluzzjoni tas-SIS II*

Il-Pjan Direzzjonali tas-SIS II ġie rivedut kontinwament u implimentat fl-2017, b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tal-Istati Membri, biex jiġi żgurati l-livell xieraq tal-evoluzzjoni tas-sistema u l-miżuri ta' manutenzjoni adattivi u korrettivi meħtieġa. eu-LISA ħadet il-miżuri neċessarji biex tiżgura li l-kapaċità disponibbli tas-SIS II tkun biżżejjed biex tilħaq l-iskop tagħha b'suċċess. Ittieħdet azzjoni għall-evoluzzjonijiet u għat-tibdiliet u dawn ġew implimentati skont il-Proċessi ta' Ġestjoni tat-Tibdiliet, u ġew integrati fil-pjan tal-ħarġiet f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Rigward l-allinjament tas-sistema ċentrali tas-SIS II mad-domandi tal-utenti l-ġodda/mibdula, l-SM irċivew l-ewwel verżjoni tas-simulatur fl-2017.

Barra minn hekk, wara l-istudju dwar il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tal-bijometrika fis-SIS II, żviluppat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, u studju tekniku mill-Aġenzija, it-tnejn imwettqa fl-2015, eu-LISA kellha tintroduċi kapaċitajiet bijometriċi fis-SIS II. L-implimentazzjoni tal-kapaċitajiet ta' tqabbil bijometriku fis-SIS II (AFIS), imnedija fi tmiem l-2016, u numru ta' attivitajiet relatati mas-SIS II, mogħtija prijorità mill-ġdid mill-2016 għall-2017, jinsabu fil-proċess kif miftiehem mal-Istati Membri. Għall-AFIS, ir-rekwiżiti għall-analiżi tal-proġett dettaljata tal-fażi 1, il-fażi tad-disinjar u l-fażi tal-bini għall-infrastruttura u għall-applikazzjoni tas-sistema ċentrali tlestew. L-ewwel fażi tal-ittestjar tal-integrazzjoni mal-Istati Membri li implimentaw id-domandi bijometriċi damet sa nofs Ottubru u l-laqgħat regolari tal-Forum tal-Ġestjoni tal-Proġetti saru wiċċ imb wiċċ jew inkella b'konferenzi fuq il-web. F'Ottubru u f'Novembru saru żewġ sessjonijiet ta' taħriġ għall-SM. L-attivazzjoni ġiet ittardjata b'xahar u issa ser isseħħ fil-bidu ta' Marzu 2018.

Ħarġa teknika importanti għas-SIS II tlestiet f'Novembru, skont il-pjan miftiehem ta' ħarġiet, li fiha ġew inkorporati l-patches rilevanti tas-sistema operattiva. Mill-perspettiva tal-SM, il-ħarġa inkludiet xi tibdiliet urġenti fit-tabelli tal-kodiċijiet dwar l-armi tan-nar u modifika tal-funzjonalità tat-Twissija Estiża, li tibgħat messaġġ ta' żball minflok twissija. Minn perspettiva tas-sistema ċentrali, il-ħarġa kien fiha ottimizzazzjoni tal-illoggjar tal-NIST (Istitut Nazzjonali tal-Istandards u t-Teknoloġija) ukoll. Rigward il-proġett simulatur tas-sistema ċentrali (CS) tas-SIS II, il-verżjoni beta tal-proġett tlestiet f'nofs Novembru, u l-preżentazzjoni finali tas-simulatur tas-CS hi mistennija għal Jannar 2018 (inkluż it-taħriġ).

Fir-rigward tal-istudji ppjanati, kien hemm dewmien fil-preżentazzjoni mill-kuntrattur ta' studju neċessarju għall-implimentazzjoni tal-proġett biex jiżdiedu l-kapaċità/is-sistema tal-prestazzjoni/is-sistema tal-prestazzjoni/l-attività ta' rfinar tal-funzjonalitajiet tas-SIS II. Għal din ir-raġuni, l-implimentazzjoni tal-proġett ma baqgħetx possibbli taħt il-kuntratt preżenti tal-MWO. Għaldaqstant, id-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA, billi uża s-setgħat delegati mill-Bord tat-Tmexxija u mill-perspettiva tal-ġestjoni finanzjarja tajba, iddeċieda li jittrasferixxi l-implimentazzjoni tal-attività 2.1.16, "Finalizzazzjoni tal-proġett biex tiżdied il-kapaċità/is-sistema tal-prestazzjoni/jiġu rfinati l-funzjonalitajiet tas-SIS II", kif deskritta fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2017 REV 2 2006-110 ta' eu-LISA mis-sena 2017 għall-2018[8].

Rigward l-integrazzjoni tal-Kroazja fis-SIS II, minn perspettiva teknika, is-sistema nazzjonali tal-Kroazja (N.SIS) hi lesta għall-integrazzjoni fis-SIS Ċentrali. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja, mit-2 ta' Mejju 2017 it-twissijiet koperti mid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI u mir-Regolament KE Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll l-informazzjoni supplimentari u d-data addizzjonali konnessa ma' dawk it-twissijiet, jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kroazja. L-ewwel operazzjoni Oħloq/Aġġorna/Ħassar mill-Kroazja saret f'Ġunju 2017. L-evalwazzjoni tax-Schengen tal-Kroazja fil-qasam tas-SIS/tat-Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punti ta' Dħul Nazzjonali (SIRENE) twettqet bejn it-18 u t-22 ta' Settembru 2017. Rigward l-integrazzjoni ta' SM oħra fis-SIS II, l-Irlanda informat dwar l-istatus tal-pjanijiet ta' integrazzjoni tagħha, hekk kif qed tippjana li ssir attiva fit-tieni trimestru tal-2019. Ċipru u l-Irlanda ma rrapportaw ebda tibdil.

eu-LISA appoġġjat lill-Kummissjoni Ewropea u lill-SM fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tax-Schengen fil-qasam tas-SIS/SIRENE. L-esperti mill-Aġenzija sostnew bir-rwol tagħhom ta' osservaturi l-missjonijiet kollha ta' evalwazzjoni mwettqa f'dan il-qasam, jiġifieri l-evalwazzjonijiet tal-Kroazja, tad-Danimarka, tal-Iżlanda, tan-Norveġja, tal-Portugall, ta' Spanja, tal-Iżvezja u tar-Renju Unit.

*Evoluzzjoni tal-VIS/tal-BMS*

Wara li ffinalizzat it-tnedija tal-VIS fl-2015 u tat-tieni fażi tal-VIS Mail fl-2016, eu-LISA kompliet il-valutazzjoni tal-kapaċità tal-VIS u l-BMS u l-eżerċizzju ta' tbassir biex tallinja aħjar is-sistemi mar-rekwiżiti kummerċjali. Minbarra l-inkorporazzjoni ta' Stati Membri addizzjonali, kien previst ukoll li se jiġu integrati funzjonalitajiet ġodda f'dawn is-sistemi, filwaqt li jittejbu r-rapportar u l-istatistika.

Il-VIS il-ġdida (verżjoni 3.0) bdiet topera fit-13 ta' Mejju 2017 (il-proġett Visa Code plus); din introduċiet tibdiliet li primarjament jirriżultaw mill-Kodiċi dwar il-Viżi, kif ukoll tibidliet immirati lejn l-appoġġ ulterjuri lin-negozju stess. Il-verżjoni l-ġdida tappoġġja aħjar il-proċeduri ta' konsultazzjoni, l-integrazzjoni futura tal-VIS Mail u l-ġestjoni tal-Lista ta' Awtoritajiet. Din tappoġġja wkoll l-integrazzjoni funzjonali futura tal-Kroazja. Dik kienet waħda mill-aktar ħarġiet kumplessi u b'impatt qawwi qatt skjerati fil-VIS mill-2011 'l hawn. Peress li kwalunkwe ħsara kienet tkun viżibbli minnufih għaż-Żona Schengen sħiħa (u taffettwa l-livell tal-fruntieri kif ukoll dak konsulari), l-Aġenzija ħadet biżżejjed miżuri biex tiżgura li ma jseħħx xenarju bħal dan. S'issa, l-SM u eu-LISA ltaqgħu għall-aħħar darba fil-31 ta'

8 Id-Deċiżjoni Nru 91/2017 tal-14/09/2017 tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Awwissu 2017 biex jiddiskutu t-tagħlimiet meħuda mill-proġetti, li rriżultaw fil-preżentazzjoni tar-rapport relatat dwar it-tagħlimiet miksuba (fit-18 ta' Settembru 2017). L-osservazzjonijeit ewlenin kienu li l-attività twettqet b'suċċess u fil-ħin. Matul il-bidu tal-operat (EiO), ma ntilfet ebda data u d-data kollha tmexxiet b'suċċess. Ma kien hemm ebda problema kbira/ta' mblukkar matul l-attivazzjoni u l-4 xhur dedikati għall-Aċċettazzjoni tas-Sistema Finali. Il-kampanji intensivi ta' ttestjar tlestew b'suċċess flimkien mar-rikonoxximent tat-tagħlimiet miksuba u mas-segwitu tar-rakkomandazzjoni/tat-titjib għall-proġetti futuri. Il-proġett jista' jitqies ukoll bħala prova tal-maturità dejjem akbar ta' eu-LISA bħala organizzazzjoni, kif ukoll tal-kompetenzi, tal-ħiliet u tal-għarfien espert dejjem akbar tagħha.

Għall-VIS Mail, il-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni li jippermetti t-trażmissjoni ta' messaġġi bejn l-SM permezz tal-infrastruttura tal-VIS, ma nstabet ebda problema kbira. In-negozju sostnut mill-VIS Mail ġie ssorveljat u analizzat kontinwament. Ir-riżultati ta' din l-analiżi u l-azzjonijiet relatati għall-SM jiġu trażmessi lilhom permezz tal-laqgħat regolari fil-konferenzi tat-Task Force tal-InfoVIS.

Wara l-EiO tal-fażi 2 tal-VIS Mail lura f'Jannar 2016, it-Task Force tal-InfoVIS kompliet tanalizza n-negozju kritiku sostnut mill-VIS Mail, jiġifieri l-proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' notifika ex post ta' Schengen, kif ukoll il-proċeduri sostnuti mill-fażi 1 tal-VIS Mail (operazzonali minn Ottubru 2011). Ir-riżultati huma rrapportati fil-livelli tal-Grupp Konsultattiv tal-VIS u tal-istituzzjonijiet u ser ikomplu jsaħħu l-argument għall-proposti ta' modifika tar-Regolament tal-VIS (Riformulazzjoni tal-VIS).

Rigward l-Implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' ttestjar minn tarf sa tarf tal-VIS/tal-BMS, ġew abbozzati u validati żewġ Rapporti ta' Valutazzjoni tal-Impatt (IARs), wieħed għall-implimentazzjoni tal-bażijiet ta' data ta' sfond imsaħħa minn tarf sa tarf u l-ieħor għall-implimentazzjoni tal-għodod ta' testjar standardizzati u għall-migrazzjoni tal-ewwel sett ta' każijiet ta' test eżistenti. Barra minn hekk, tlesta, ġie rivedut u aċċettat id-disinn dettaljat tas-soluzzjoni teknika, ġew ġenerati żewġ bażijiet ta' data ta' sfond għall-VIS, u dawk li jifdal għadhom qed jiġu żviluppati. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, ġew ippreżentati diversi dokumenti dwar id-disinn tat-test u manwali tal-utenti.

Għall-proġetti "Tuning of VIS transactional throughput", "Tuning of BMS transactional throughput" u "BMS database increase", ir-Rapporti ta' Valutazzjoni tal-Impatt ġew ippreżentati mill-kuntrattur u ġew verifikati u aċċettati minn eu-LISA. Barra minn hekk, żewġ kuntratti speċifiċi għall-allinjament tat-throughput tat-tranżazzjonijiet tal-VIS/tal-BMS u għall-implimentazzjoni tat-tisħiħ tal-bażi tad-data tal-BMS ġew iffirmati f'Diċembru 2017. Id-disinn dettaljat tas-soluzzjoni teknika hu ppjanat għat-tieni trimestru tal-2018 flimkien mal-virtwalizzazzjoni, mal-valutazzjoni tas-sigurtà tal-fażi 2 u mal-implimentazzjoni u l-kwalifika tal-virtwalizzazzjoni tal-VIS/tal-BMS. Għat-tkabbir tal-bażi tad-data tal-BMS, il-bidu tal-operat hu ppjanat għar-raba' trimestru tal-2019. Rigward it-tkabbir tal-bażi tad-data tal-VIS, kien hemm bżonn li jsir titjib sinifikanti fit-traċċabbiltà bejn id-dokumentazzjoni tad-disinn u l-proċess ta' installazzjoni tal-provvisti biex jinkisbu l-passi li jmiss ta' implimentazzjoni u ta' kwalifika. eu-LISA kellha tinvesti sforzi addizzjonali biex tiggwida lill-kuntrattur lejn organizzazzjoni mtejba. Id-disinn ġenerali ġie ppreżentat iżda d-disinn u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati huma suġġetti ta' preżentazzjoni futura. Il-bini tas-soluzzjoni twettaq f'parti minnu.

L-akkwiżizzjoni u t-trasferiment bejn kuntratturi tal-MWO għall-VIS u għall-BMS tlestew b'suċċess u t-trasferiment tal-għarfien, it-twaqqif ta' organizzazzjoni ġdida tal-kuntratturi u linja bażi ta' qafas ta' kooperazzjoni ma' eu-LISA, f'termini ta' kwalità, ta' proċessi u ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz ġew stabbiliti kif xieraq mal-kuntrattur tal-MWO II jew minn dan.

Barra minn hekk, matul l-2017, l-Europol wettaq il-ħidma ta' tħejjija għall-aċċess għall-VIS/BMS, soġġett għall-inklużjoni tal-proġett tal-VIS fil-programm ta' ħidma annwali tiegħu. eu-LISA se tipprovdi l-assistenza kollha meħtieġa sabiex tappoġġja l-integrazzjoni u kwalunkwe integrazzjoni simili bħal din. Għall-2018 hi ppjanata attività "Integrazzjoni tal-utenti ġodda tal-VIS: Europol".

B'segwitu għall-evalwazzjoni ġenerali tal-VIS, fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tar-Regolament 767/2008 (ir-Regolament dwar il-VIS) u tal-Artikolu 57(3) tar-Regolament 810/2009 (il-Kodiċi dwar il-Viżi), f'Ottubru 2016, il-Kummissjoni stiednet lil eu-LISA biex tipprovdi valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tekniċi u finanzjarji ta' wħud mill-evoluzzjonijiet. Il-valutazzjoni ta' eu-LISA serviet bħala bażi għall-ġustifikazzjoni legali, teknika u finanzjarja tal-proposta (proposta dwar ir-Riformulazzjoni tal-VIS). Matul l-ewwel u t-tieni trimestri tal-2017, l-SM, il-Kummissjoni u eu-LISA rrieżaminaw b'mod ulterjuri u kkummentaw dwar l-IAR u, fl-10 ta' Lulju 2017, ġew ippreżentati l-abbozz finali tal-IAR flimkien mal-iskeda ta' spezzjoni tad-dokument inklużi s-suġġetti miftuħa li kien fadal. Il-passi li jmiss issa huma li l-SM u l-Kummissjoni jkomplu bid-diskussjoni u bin-negozjati dwar is-suġġett.

Finalment, il-proġett ta' żieda tal-kapaċità tal-bażi tad-data tal-VIS għal 100 miljun applikazzjoni għall-viża tnieda u dan ikopri wkoll il-virtwalizzazzjoni ta' numru ta' komponenti ċentrali ta' eżekuzzjoni. B'mod parallel, inbeda l-istudju tekniku mmirat biex itejjeb l-arkitettura tas-sistema u jġib l-istack tad-disinn u tat-teknoloġija tal-VIS għall-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bil-mira li tiġi sostnuta konfigurazzjoni attiva/attiva futura u jittejbu l-flessibbiltà u l-iskalabbiltà tas-sistema.

Minbarra l-qasam tas-SIS/SIRENE, is-sena l-oħra, eu-LISA, fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea, sostniet il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tax-Schengen fil-qasam tal-Politika Komuni dwar il-Viżi (inkluża l-VIS) ukoll. L-esperti mill-Aġenzija ħadu sehem fi tliet missjonijiet ta' valwazzjoni mmexxija b'mod konġunt mill-Kummissjoni u minn SM wieħed, jiġifieri l-evalwazzjonijiet sostnuti minn eu-LISA mwettqa fl-uffiċċji konsolari Daniżi fi New Delhi (l-Indja) u f'Bangkok (it-Tajlandja), fl-uffiċċju konsolari tal-Iżlanda f'Beijing (iċ-Ċina) kif ukoll fl-uffiċċji konsolari Spanjoli f'Malabo (il-Guinea Ekwatorjali) u f'Tangier (il-Marokk).

**Infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura**

L-Aġenzija għadha responsabbli mis-sorveljanza, mis-sigurtà u mill-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u kwalunkwe fornitur terz għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-Eurodac, għas-SIS II u għall-VIS/BMS (kompiti relatati mat-tmexxija operattiva ta' dawn is-sistemi jistgħu jiġu fdati lil fornituri terzi mis-settur privat jew lil korpi oħra). L-Aġenzija tikkondividi r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, li hi responsabbli mill-kompiti l-oħra kollha relatati magħha, b'mod partikolari, dawk il-kompiti relatati ma' baġits, ma' xiri, ma' tiġdid u ma' kwistjonijiet kuntrattwali. Il-fornitur tan-netwerk hu marbut bil-miżuri tas-sigurtà li huma stabbiliti fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u ma għandu aċċess għall-ebda data operazzjonali tas-sistemi. L-Aġenzija se tkompli tassigura li dawn id-dispożizzjonijiet kuntrattwali jiġu rispettati u se tkompli żżomm u timmonitorja dawn in-netwerks matul il-perjodu sħiħ tar-rapportar sabiex tassigura s-sigurtà u l-affidabbiltà kontinwi tagħhom.

Infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura u affidabbli hi riżultat kontinwu. Fl-2017, tlestiet il-migrazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tal-VIS u tas-SIS II minn sTESTA għal TESTA-ng. Wara l-migrazzjoni beda d-dekummissjonar tal-infrastruttura ta' sTESTA. L-elementi ewlenin kollha, bħaċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà u d-Dominju tas-Servizzi Ċentrali, ġew dekummissjonati qabel tmiem is-sena.

Matul l-2017, eu-LISA baqgħet responsabbli għall-pjattaformi rispettivi ta' komunikazzjoni u ta' skambju tal-informazzjoni (SIRENE Mail, DubliNet u VIS Mail 2). L-Aġenzija se tkompli timmonitorja u tissorvelja l-infrastruttura ta' komunikazzjoni rilevanti tas-sistemi, kompitu li bħalissa taqsam mal-Kummissjoni Ewropea. Is-servizzi ta' tmexxija operattiva ta' DubliNet twettqu skont il-Memorandum ta' Qbil (MtQ) iffirmat mill-Kummissjoni Ewropea.

L-infrastruttura pilota għat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS ġiet skjerata u ttestjata mal-Istati Membri. Tlesta l-istudju tas-suq dwar is-soluzzjoni ta' riżerva. Għall-VIS Mail, il-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni li jippermetti t-trażmissjoni ta' messaġġi bejn l-SM permezz tal-infrastruttura tal-VIS, ma nstabet ebda problema kbira. In-negozju sostnut mill-VIS Mail ġie ssorveljat u analizzat kontinwament. Ir-riżultati ta' din l-analiżi u l-azzjonijiet relatati għall-SM jiġu trażmessi lilhom permezz tal-laqgħat regolari fil-konferenzi tat-Task Force tal-InfoVIS.

Bħala parti mill-istudju dwar in-netwerk unitifikat, l-Aġenzija ħejjiet valutazzjoni tal-impatt legali u qasmitu mal-Kummissjoni. Tfassal il-kuntratt għall-istudju nnifsu u nbdiet il-ħidma dwar l-istudju.

L-Aġenzija fasslet il-kuntratt għall-Istatistiki tan-Netwerks Avvanzati u bdiet bl-attivitajiet dwar l-istudju.

**Żvilupp u implimentazzjoni ta' sistemi ġodda**

Fid-dawl ta' sistemi oħra li aktarx li se jiġu inkorporati fil-mandat ta' eu-LISA fis-snin li ġejjin, l-Aġenzija segwiet mill-qrib in-negozjati dwar is-Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ, li għaliha l-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017. B'mod partikolari, l-Aġenzija sostniet id-diskussjonijiet tal-koleġiżlaturi dwar il-fajl li jipprovdi informazzjoni fattwali rilevanti li tappartjeni għall-fattibbiltà teknika tas-sistema li ppermettiet il-progressjoni pożittiva fid-diskussjonijiet. Barra minn hekk, fid-dawl tal-prijorità politika għolja tal-fajl u tal-indikazzjoni ċara mill-partijiet ikkonċernati li l-bidu tal-operat tas-sistema għandu jkun l-aktar qrib possibbli tad-data ta' attivazzjoni inizjalment skedata għall-2020, l-Aġenzija stabbilixxiet proġett preparatorju tal-EES mifrux matul l-2017. It-tim dedikat imwaqqaf ħadem biex jiddefinixxi r-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u elabora abbozz tal-arkitetturi tas-sistemi sal-ogħla livell possibbli. L-Istati Membri ġew ikkuntattjati biex jiggwidaw il-ħidma u jiżguraw allinjament tal-aktar elementi kruċjali sa mill-bidu nett. Dan ippermetta l-pubblikazzjoni tal-ewwel fażi ta' sejħa għall-offerti għal kuntratt qafas għall-implimentazzjoni u għaż-żamma f'kundizzjoni funzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ fit-30 ta' Awwissu. Barra minn hekk, ġie organizzat reklutaġġ estensiv biex jiġi żgurat li l-persunal il-ġdid iffokat fuq l-EES ikun pront eżatt wara li tiġi adottata l-leġiżlazzjoni.

Wara l-proposta għall-implimentazzjoni ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) tard fl-2016, l-Aġenzija sostniet id-diskussjonijiet fil-livelli tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament, billi pprovdiet l-għarfien espert tekniku u l-ideat tagħha. B'appoġġ pożittiv bħal dan, inkiseb approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI) tat-8-9 ta' Ġunju 2017, u r-rapport tal-Kumitat tal-PE għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) ġie adottat fit-23 ta' Ottubru 2017. In-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta għadhom għaddejjin. Il-missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni mwettqa fl-Istati Uniti, fil-Kanada u għand ir-Rappreżentant Għoli tal-Awstralja f'Londra fl-2017 wittew ukoll it-triq għal attivitajiet ta' żvilupp, ta' implimentazzjoni u ta' manutenzjoni aktar effiċjenti u ottimali fis-snin li ġejjin wara l-approvazzjoni potenzjali tal-leġiżlazzjoni, biex l-esperti ta' eu-LISA jkunu jistgħu jitgħallmu aktar dwar is-sistemi nazzjonali li jilħqu għanijiet simili għal dawk tal-ETIAS.

L-Aġenzija segwiet ukoll mill-qrib in-negozjati dwar il-proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li jkollhom informazzjoni dwar il-kundanni fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat biex jissupplimentaw u jappoġġjaw l-ECRIS-TCN. Is-sistema l-ġdida tal-ECRIS-TCN tkun tippermetti l-identifikazzjoni effiċjenti tal-Istati Membri li jkunu kkundannaw lil ċittadini ta' pajjiżi terzi jew lil persuni mingħajr Stat. L-Istati Membri identifikati jkunu jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni dwar il-kundanni permezz tal-ECRIS. Skont il-proposta, eu-LISA se tkun responsabbli għall-iżvilupp u għat-tmexxija operattiva tas-sistema ECRIS-TCN, u s-sistema ċentrali se tkun ospitata mill-Aġenzija wkoll. Fit-8 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill ĠAI qabel dwar approċċ ġenerali fuq l-abbozz tar-Regolament. Il-Kumitat LIBE tal-PE se jiddeċiedi dwar l-emendi proposti għall-abbozz tal-proposta fil-laqgħa tiegħu f'Jannar 2018, li għandha tiġi segwita minn negozjati interistituzzjonali.

**Lejn l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE**

F'Diċembru 2017 il-Kummissjoni Ewropea ressqet żewġ proposti għall-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE. Il-pubblikazzjoni tal-proposti kienet il-kulminazzjoni tal-ħidma sinifikanti mwettqa mill-partijiet ikkonċernati fix-xhur ta' qabel. eu-LISA kienet kontributur importanti f'dan ir-rigward. Fix-xhur bikrin tal-2017, hi kompliet issostni lill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà (HLEG) kif ukoll lit-tliet subgruppi ta' dan, billi pprovdiet kontribut materjali dwar materji bħall-kwalità tad-data tas-sistemi, l-arkitetturi tad-data u abbozzi tal-iskedi ta' żmien għall-iżvilupp ta' komponenti filwaqt li b'mod aktar ġenerali sostniet id-diskussjonijiet bl-għarfien u bl-għarfien espert tagħha. Task force transfunzjonali li tinkludi fiha ħames membri u stabbilita biex tikkontribwixxi għal din il-ħidma mmotivat dan

il-proċess mill-bidu sal-aħħar, u ppermettiet li jsiru kontribuzzjonijiet mill-organizzazzjoni sħiħa u żgurat li d-diskussjonijiet, li jolqtu suġġetti ta' natura varjata u li jaffettwaw is-sistemi kollha, l-infrastruttura u l-organizzazzjoni tal-Aġenzija, jibbenefikaw minn għarfien orizzontali. L-eżiti tal-proċess tal-HLEG ġew inklużi fir-rapport finali tal-grupp, ippubblikat f'Mejju 2017. L-Aġenzija kompliet għaddejja bil-ħidma tagħha dwar l-interoperabbiltà wara dan, hekk kif ippreżentat studju dwar il-fattibilità dwar servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku li ġie ppreżentat b'mod formali lill-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2017 b'appoġġ tal-abbozzar tal-proposti leġiżlattivi. Barra minn hekk, hi pprovdiet appoġġ sħiħ lid-diskussjonijiet bejn l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) ), il-grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza.

Il-kunċett ta' maħżen tad-data għall-provvista mtejba ta' data statistika ġie inkluż fir-rapport finali tal-HLEG, u fil-proposti leġiżlattivi dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà (COM (2017) 973 final u COM (2017) 974 final) ippubblikati f'Diċembru 2017. Is-soluzzjoni — deskritta bħala "Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistiki" fil-proposti regolatorji — hi maħsuba biex tipprovdi soluzzjoni komprensiva għall-qsim ta' rapporti għall-finijiet tal-politika, operazzjonali u tal-kwalità tad-data.

L-inklużjoni tal-kunċett fil-proposti leġiżlattivi segwiet it-tlestija ta' studju dwar il-fattibilità dedikat/ta' valutazzjoni tal-impatt tekniku li ġew sottomessi b'mod formali lill-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2017. Il-konsultazzjonijiet u d-diskussjonijiet mal-Kummissjoni matul l-istudju ppermettew lill-Kummissjoni tqis kull kunsiderazzjoni matul l-abbozzar tat-testi leġiżlattivi. L-istudju jeżamina l-aspetti tal-protezzjoni tad-data ta' kwalunkwe soluzzjoni potenzjali minbarra li jeżamina l-arranġameni tekniċi xierqa għall-implimentazzjoni; il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) ġie kkonsultat fuq il-kwistjoni matul l-istudju u l-input tal-Kontrollur ittieħed f'kunsiderazzjoni bis-sħiħ matul il-finalizzazzjoni tar-rapport eventwali.

eu-LISA se tkompli bil-ħidma preparatorja tagħha sa fejn possibbli hekk kif ikomplu d-diskussjonijiet dwar il-proposti leġiżlattivi. Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistiki hu skedat li jkun l-ewwel kunċett ta' interoperabbiltà li se jiġi implimentat jekk jiġi approvat it-test, u hu skedat għall-iżvilupp fl-2019 skont ir-rapport finanzjarju leġiżlattiv. Għaldaqstant, fl-2018 hu ppjanat eżerċizzju ta' prova tal-kunċett biex tiġi żgurata t-tlestija teknika għall-akkwist u għall-implimentazzjoni ladarba tkun fis-seħħ il-leġiżlazzjoni rilevanti.

**Sigurtà**

Is-sigurtà hi element ċentrali tal-attivitajiet kollha mwettqa f'organizzazzjoni ffokata fuq l-IT bħal eu-LISA, għal raġunijiet legali, iżda anki r-rwol tagħha bħala ċentru ta' eċċellenza fil-provvista tas-servizzi tal-IT, b'enfasi fuq il-garanzija tas-sigurtà tas-sistemi u tad-data fl-attivitajiet kollha tagħha. Matul l-2017, il-funzjoni ta' sigurtà tal-Aġenzija kompliet iżżomm u taġġorna l-miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw kemm is-sigurtà fiżika kif ukoll is-sigurtà tas-sistema, biex tiffaċilita l-issodisfar tal-mandat tal-Aġenzija. Bħala element ewlieni tal-Qafas ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tagħha, l-Aġenzija tistabbilixxi, tħaddem u tiżviluppa kontinwament is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni (ISMS) tagħha, f'konformità mal-istandards rilevanti tal-ISMS u tal-ISO 27001. Il-politiki u l-proċeduri tas-sigurtà tal-Aġenzija komplew jiġu żviluppati u mtejba wkoll, billi inkorporaw l-istandards u l-proċeduri tas-sigurtà abbażi tal-politiki u tal-istandards rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea.

Biex jiġi żgurat li s-sistemi ċentrali tal-Eurodac, tal-VIS u tas-SIS II ikomplu jikkonformaw strettament mar-rekwiżiti tar-regolamenti rispettivi tagħhom f'termini ta' protezzjoni u ta' sigurtà tad-data u mal-aħjar prattiki internazzjonali f'termini tas-sigurtà tal-informazzjoni, l-Aġenzija kompliet issaħħaħ u ttejjeb il-qafas u l-proċeduri tas-sigurtà għall-organizzazzjoni stess, għas-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha u għan-netwerks ta' komunikazzjoni rilevanti. Il-monitoraġġ u l-ġestjoni kontinwi tar-riskji residwi seħħew matul is-sena biex tiġi pprovduta garanzija li l-kontrolli xierqa tas-sigurtà għas-sistemi tal-IT taħt il-ġestjoni ta' eu-LISA jkunu ġew implimentati u ġestiti kif xieraq. B'mod partikolari għall-VIS, il-miżuri tas-sigurtà u ta' kontinwità tan-negozju implimentati ġew ittestjati f'Ottubru 2017 permezz ta' eżerċizzju ta' rkupru minn diżastru operazzjonali flimkien ma' tmien Stati Membri.

Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u ma' aġenziji oħra tal-UE nżammet fil-livell ta' skambju ta' għarfien u tal-aħjar prattiki permezz tal-laqgħa biannwali tan-Netwerk ta' Uffiċjali tas-Sigurtà. Il-grupp ta' esperti, ippresedut mill-Uffiċjal tas-Sigurtà ta' eu-LISA, iddiskuta l-iżvilupp tal-pajsaġġ tat-theddidiet, l-aħħar xejriet fil-qasam tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju, u l-futur tal-komunità tas-sigurtà. Waħda mil-laqgħat tan-Netwerk tal-Uffiċjali tas-

Sigurtà ġiet organizzata flimkien mal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Europol f'Tallinn, taħt l-awspiċji tal-Presidenza Estonjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

**Protezzjoni tad-data**

L-Aġenzija kompliet tiżgura konformità sħiħa u rigoruża mad-dispożizzjonijiet kollha dwar il-protezzjoni tad-data rigward kwalunkwe aċċess għad-data fis-sistemi mmaniġġjati, u hi wettqet ukoll il-kompiti relatati mas-sigurtà tad-data assenjati lilha permezz tal-istrumenti legali għas-sistemi li hi topera. L-Aġenzija żżomm sistema sħiħa għall-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-operazzjonijiet amministrattivi u s-sistemi ta' informazzjoni tagħha, inklużi definizzjoni tar-rekwiżiti ta' linja bażi għall-privatezza, notifiki ta' privatezza kif ukoll kontrolli, spezzjonijiet u awditjar regolari.

Il-proċessi ta' notifika ġew adattati skont il-bażi ġuridika rilevanti u ġiet instigata valutazzjoni bikrija tal-impatt fuq il-privatezza għall-operazzjonijiet ta' proċessar kollha, li tadotta l-prinċipji tal-privatezza skont id-disinn, fejn il-privatezza u l-protezzjoni tad-data jiġu inkorporati matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistemi u tal-proċessi tal-Aġenzija. Il-kooperazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data baqgħet prijorità; eu-LISA ħadet miżuri xierqa biex twieġeb għar-rakkomandazzjonijiet tal-KEPD u pprovdiet l-informazzjoni rilevanti dwar l-iżviluppi l-ġodda.

Minbarra dan, il-41 Laqgħa tan-Netwerk dwar il-Protezzjoni tad-Data saret fil-31 ta' Mejju u fl-1 ta' Ġunju f'Tallinn. Dan l-avveniment ippermetta biex l-Uffiċjali kollha tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) minn kull istituzzjoni, korp u aġenzija tal-Unjoni Ewropea jiltaqgħu, jiddiskutu u jgħarblu kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data relatati mal-ħidma ta' kuljum tagħhom. Madwar 70 parteċipant issieħbu fid-dibattitu, li fih ġie diskuss ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) li ġie adottat riċentement u li jibda japplika bis-sħiħ f'Mejju 2018 għal kull proċessar ta' data personali fl-Unjoni Ewropea u mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Bħalissa, ir-Regolament (KE) 45/2001 hu l-qafas għar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-data li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea jridu jimplimentaw filwaqt li jipproċessaw data personali. Dan it-test issa qed jiġi rivedut biex ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data jiġu allinjati mal-GDPR u mar-Regolament futur dwar il-Privatezza elettronika, li joffri standard ogħla ta' protezzjoni matul l-operazzjonijiet ta' proċessar magħmula minn organizzazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Fl-14-15 ta' Novembru, l-UPD ta' eu-LISA attenda għal-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni ta' Superviżjoni tas-SIS II, tal-Eurodac u tal-VIS, li saru fil-Parlament Ewropew. L-UPD tal-Aġenzija għamel preżentazzjoni dwar l-istatus u l-prestazzjoni teknika tat-tliet sistemi fuq skala kbira taħt it-tmexxija operattiva ta' eu-LISA u wieġeb għall-mistoqsijiet imqajma mir-rappreżentanti tal-SM. Fis-16 ta' Novembru, it-tielet laqgħa tan-netwerk tal-UPD tal-ĠAI saret fil-Europol, fl-Aja, fejn l-UPD ta' eu-LISA għamel preżentazzjoni dwar il-proposta għal regolament ġdid ta' eu-LISA u l-aspetti tal-interoperabbiltà.

**Rapportar u statistika**

Bħal fis-snin ta' qabel, ġew ippreżentati rapporti tekniċi u statistiċi dwar il-Eurodac, is-SIS II u l-VIS f'konformità mal-bażi ġuridika. F'dan il-kuntest, l-Aġenzija hi ħerqana għall-adozzjoni tal-qafas legali rivedut tas-sistemi tal-IT kif ukoll għar-regolament rivedut ta' eu-LISA.

Bħala parti mill-ħames lista ta' azzjonijiet tal-Istrateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni (IMS), fl-1 ta' Diċembru 2016 il-Grupp ta' Ħidma (WP) tal-Kunsill dwar DAPIX approva l-Pjan Direzzjonali tal-Aġenzija għat-Titjib tal-Kwalità tad-Data f'sistemi tal-IT fuq Skala kbira (dokument 13301/1/16). Wara, ġew organizzati laqgħat dedikati mal-esperti tal-Istati Membri biex jiġu definiti l-indikaturi statistiċi possibbli dwar il-kwalità tad-databiex jingħata appoġġ lill-Istati Membri fit-titjib tal-kwalità tad-data li tinsab fis-sistemi. L-aġenziji tal-UE, inklużi l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), ġew ikkuntattjati rigward l-inklużjoni possibbli ta' moduli dedikati dwar il-kwalità tad-data fil-materjali ta' taħriġ rilevanti.

Għall-2017, f'konformità mal-bażi ġuridika ġew indirizzati l-obbligi ta' rapportar speċifiċi li ġejjin:

- l-istatistiki annwali 2016 tas-SIS II ippubblikati u sottomessi lill-istituzzjonijiet tal-UE f'April 2017;

- il-lista aġġornata tal-awtoritajiet tas-SIS II ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE C 228, 14 ta' Lulju 2017;
- ir-rapport tekniku tas-SIS II (li jkopri l-2015-2016) ippubblikat u sottomess lill-istituzzjonijiet tal-UE f'Novembru 2017;
- l-istatistiki annwali 2016 tal-Eurodac ippubblikati u sottomessi lill-istituzzjonijiet tal-UE f'Mejju 2017;
- il-lista aġġornata tal-awtoritajiet tal-Eurodac ippubblikata fuq is-sit web ta' eu-LISA f'Ġunju 2017;
- ir-rapport annwali 2016 tal-Eurodac ippubblikat u sottomess lill-istituzzjonijiet tal-UE f'Lulju 2017;
- inbdiet il-ħidma għar-rapport tekniku biannwali tal-VIS.

Fit-30 ta' Novembru 2017 ġie pprovdut aġġornament sħiħ dwar il-progress li sar skont il-Pjan ta' Azzjoni lill-Grupp ta' Ħidma DAPIX. Hekk kif qed tkompli l-ħidma dwar il-pjan, il-Kunsill biħsiebu jinkludi segwitu għal dan il-pjan fis-sitt lista ta' azzjonijiet tal-IMS, li bħalissa qed jiġi finalizzat.

**Forniment ta' taħriġ dwar is-sistemi lill-Istati Membri**

L-Aġenzija kontinwament ipprovdiet taħriġ xieraq lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tal-Eurodac, tas-SIS II u tal-VIS, u anki għall-persunal ta' SIRENE, għall-membri tat-tim ta' evalwazzjoni tax-Schengen u għall-esperti ewlenin dwar l-aspetti tekniċi tas-SIS II. Fl-2017, l-Aġenzija wettqet pjan ta' taħriġ komprensiv: B'kollox 42 sessjoni ta' taħriġ fuq diversi skali u f'diversi formati, minn workshops żgħar sa korsijiet kbar fil-klassi, u minn taħriġ prattiku għal webinars. Il-lista sħiħa ta' korsijiet ta' taħriġ li twettqu matul is-sena hi ppreżentata fl-Anness VI. Għandu jiġi nnotat li l-attivitajiet ta' taħriġ skedati kollha twettqu kif ippjanat. In-numru ta' parteċipanti li attendew għat-taħriġ tal-SM ta' eu-LISA kien ta' 848 mill-SM kollha, mill-Pajjiżi Assoċjati u minn pajjiżi li għadhom kif jibdew jużaw is-sistemi.

Fl-2017, ir-rata medja ta' sodisfazzjon fost il-parteċipanti kienet ta' 89.7 % jew 4.48 minn 5 (fuq il-bażi tal-KPIs), li turi biċ-ċar livell għoli ħafna ta' sodisfazzjon fost it-trainees fil-korsijiet ta' eu-LISA, u turi l-valur miżjud ġenerali tat-taħriġ mogħti fl-2017 (bħala paragun, fl-2016 ir-rata ta' sodisfazzjon kienet ta' 88.15 % jew 4.45 minn 5). L-attivitajiet ta' taħriġ huma miġbura fil-qosor fir-rapport annwali ta' implimentazzjoni, li se jiġi sottomess lill-AGs u lir-rappreżentanti tan-netwerks tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali fil-bidu tal-2018.

L-aġġornament tal-Istrateġija ta' Taħriġ ta' eu-LISA għall-Istati Membri għall-2017-2020 tnieda f'konsultazzjoni mill-qrib ma' diversi partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari man-netwerk ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali. L-objettiv tal-aġġornament hu li jġibha allinjata mal-istrateġija aġġornata fit-tul 2018-2020 ta' eu-LISA.

Il-qafas ta' taħriġ il-ġdid ta' eu-LISA, intitolat Programm ta' Taħriġ fl-Iżvilupp għall-Operaturi tal-IT (DTPITO), tnieda fl-2017. Id-DTPITO inħoloq biex iwieġeb aħjar għall-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-Istati Membri u joffri lill-operaturi nazzjonali tal-IT approċċ komprensiv u sistematiku għall-attivitajiet ta' taħriġ ta' eu-LISA. Il-programm inħoloq għat-tliet sistemi kollha kemm huma: Eurodac, SIS II u VIS. Id-DTPITO jippermetti lill-parteċipanti jsaħħu l-għarfien tagħhom mil-livell ta' dilettant sa espert fuq perkors bi tliet stadji: Bażiku (livell 1 (L1)), Intermedju (L2) u Avvanzat (L3). It-taħriġ hu sostnut b'approċċ kombinat ta' metodoloġiji ta' taħriġ li jinkludu korsijiet elettroniċi, taħriġ wiċċ imb wiċċ u testijiet ta' valutazzjoni. Id-DTPITO rċieva feedback pożittiv ħafna mingħand il-parteċipanti u l-SM. Ir-rata medja ta' sodisfazzjon għall-erba' korsijiet li saru fl-2017 kienet ta' 90.8 % (4.54 minn 5).

Fl-2017, eu-LISA mexiet minn pjattaforma ta' tagħlim elettroniku bbażata fuq SharePoint għal Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim ibbażata fuq Moodle. It-tnedija tas-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim il-ġdida ta' eu-LISA għall-SM hi prerekwiżit kruċjali għall-bini u għall-implimentazzjoni tat-taħriġ ibbażat fuq il-kunċett ta' tagħlim online u mħallat. Illum il-ġurnata, is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim (LMS) tipprovdi lill-utenti tal-SM aċċess illimitat għal kontenut ta' tagħlim (materjali u attivitajiet ta' taħriġ, materjali addizzjonali u komunità ta' taħriġ), il-lista ta' taħriġ li jattendi għalih kull individwu, il-moduli ta' tagħlim online li huma disponibbli għall-utenti kollha tal-LMS, kalendarju ta' taħriġ aġġornat, ħarsa ġenerali lejn il-portafoll tat-taħriġ ta' eu-LISA, eċċ. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) għandhom aċċess għall-korsijiet kollha ta' taħriġ fl-LMS ta' eu-LISA biex il-parteċipanti jiġu osservati u sostnuti. In-netwerk ta' NCPs għandu l-ispazju proprju tiegħu wkoll fl-LMS, biex tiġi pprovduta u tinqasam informazzjoni dwar aħbarijiet, pjanijiet ta' taħriġ aġġornati u rapporti ta' taħriġ trimestrali.

## Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 2: "Issir ċentru ta' eċċellenza rikonoxxut u fornitur tas-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tal-UE."

### Żvilupp kontinwu lejn ċentru ta' eċċellenza fis-servizzi tal-ICT u fil-governanza korporattiva

eu-LISA kompliet tmantni u tirfina l-proċessi interni fis-seħħ relatati mat-tmexxija operattiva tas-sistemi, skont standards u l-aħjar prattika tal-ITIL, billi tkompli tiżviluppa u ssaħħaħ il-Qafas tal-ITSM ta' eu-LISA. Matul l-2017 ġie introdott ukoll it-titjib neċessarju fl-għodda integrata tal-ITSM ta' eu-LISA. Tnieda l-proġett tal-fażi 2 tal-ITSM, li kien jinkludi l-proċessi li ġejjin: Ġestjoni tad-Disponibbiltà, Ġestjoni tal-Kapaċità, Ġestjoni tal-Għarfien u Ġestjoni tat-Titjib Kontinwu tas-Servizzi. L-implimentazzjoni tagħhom hi skedata għall-2018, flimkien mal-implimentazzjoni ta' Soluzzjoni Avvanzata ta' Rapportar, li għaliha se jitnieda proġett speċifiku fil-bidu tal-2018, li jibda mill-fażi ta' studju, li għaliha saret il-preparazzjoni fl-2017. Immirat lejn is-simplifikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' kuljum mal-kuntratturi ta' eu-LISA kif ukoll biex ikun hemm rapportar aktar effiċjenti tal-prestazzjoni tagħhom, fuq il-bażi tal-FLS u tal-KPIs operazzjonali miftiehma, fl-2017 tnieda proġett biex il-kuntratturi jingħataw aċċess għall-għodda integrata tal-ITSM ta' eu-LISA. It-twettiq tal-proċessi tal-ITSM il-ġodda, b'mod partikolari tal-Ġestjoni tat-Titjib Kontinwu tas-Servizzi, l-implimentazzjoni tas-Soluzzjoni Avvanzata ta' Rapportar u l-fatt li l-kuntratturi kollha ta' eu-LISA diġà jkunu qed jużaw l-għodda integrata tal-ITSM ta' eu-LISA, ser iżidu b'mod sinifikanti l-effiċjenza tal-attivitajiet operazzjonali ta' kuljum kif ukoll tal-kejl tal-FLS u tal-KPI miftiehma u tar-rapportar dwar dawn. B'hekk, eu-LISA sejra tkun tista' tidentifika u timplimenta ulterjorament attivitajiet maħsuba biex itejbu l-kwalità tas-servizzi u l-effiċjenza u l-effettività tal-proċessi tal-ITSM u l-mudell tas-servizzi stabbiliti, kif ukoll itejbu b'mod sinifikanti l-kosteffettività tal-kunsinna tas-servizzi tal-IT mingħajr ma jissagrifikaw is-sodisfazzjon tal-klijenti. L-integrazzjoni kkoordinata ulterjuri tal-proċessi tal-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT għandha l-għan li tipprovdi l-kontroll kontinwu, effiċjenza akbar u opportunitajiet għal titjib kontinwu tas-servizzi ta' eu-LISA.

Barra minn hekk, il-proċessi ta' Ġestjoni tal-Portafolli tal-Proġetti ġew simplfikati għall-konsenja effiċjenti. Bħalissa għaddej l-iżvilupp ulterjuri tal-pjattaforma Microsoft Project (MSP), b'ippjanar integrat, b'allokazzjoni tar-riżorsi u b'dipendenzi bejn il-proġetti.

F'nofs l-2017, fi ħdan l-Aġenzija ġie stabbilit Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriża (EPMO). Il-missjoni tal-EPMO hi li jintegra u jimmonitorja l-proġetti u l-programmi kollha ta' eu-LISA, kif ukoll li jikkontribwixxi għall-governanza interna fi ħdan l-Aġenzija biex jassigura t-trasparenza, l-akkontabilità u l-użu tal-aħjar prattiki standard tal-industrija fil-qasam tal-ġestjoni tal-proġetti/tal-programmi; dan iwassal għas-sodisfazzjon tal-partijiet interessati u jippermetti governanza interna aħjar, u b'hekk iservi bħala punt fokali għall-ġbir u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi interni fl-Aġenzija. L-Aġenzija kompliet ukoll tevolvi l-qafas tagħha ta' ġestjoni tal-proġetti, fuq il-bażi tal-Proġetti f'Ambjenti Kontrollati (PRINCE) 2.

Element ewlieni fl-iżvilupp tal-Aġenzija bħala ċentru ta' eċċellenza hu l-impenn kontinwu u trasparenti u d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati, primarjament mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea, li twettqu matul is-sena. Il-Bord ta' Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi jservu bħala pjattaforma għal dan l-impenn. Fl-istess ħin, l-Aġenzija mmirat li jkollha djalogu miftuħ u stabbilixxiet u żviluppat is-sħubiji tagħha ma' aġenziji oħrajn fil-qasam tal-governanza tal-ICT skont il-mandat tagħha.

F'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Aġenzija, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija, wettqet evalwazzjoni tal-Aġenzija, li ġiet finalizzata fi Frar 2016. Skont ir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija, din l-evalwazzjoni vvalutat il-mod kif l-Aġenzija tikkontribwixxi għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u r-rwol tagħha fil-kuntest ta' strateġija tal-Unjoni mmirata biex tistabbilixxi ambjent tal-IT ikkoordinat, kosteffettiv u koerenti fil-livell tal-Unjoni fis-snin li ġejjin. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw mill-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija ngħataw segwitu adegwat permezz ta' pjan ta' azzjoni. F'Marzu 2017, il-Bord tat-Tmexxija (MB) adotta l-pjan ta' azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi ppreżentati mid-Direttur Eżekuttiv, u f'Novembru 2017 l-MB ħa nota tal-aġġornament tiegħu tal-istatus tal-implimentazzjoni. Barra minn hekk, kif mistenni, bħala segwitu tal-evalwazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fl-2017 tressqet proposta biex jiġi emendat il-mandat tal-Aġenzija, b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet proposti fl-evalwazzjoni.

**Tkabbir tal-għarfien espert tal-Aġenzija fit-teknoloġija u fin-negozju**

*Ġestjoni tat-tibdil*

Il-Proċess ta' Ġestjoni tat-Tibdil jiżgura approċċ koordinat u trasparenti għall-identifikazzjoni, għall-valutazzjoni u għall-implimentazzjoni tat-tibdiliet neċessarji fis-sistemi ġestiti mill-Aġenzija, bħalissa l-Eurodac, is-SIS, il-VIS u l-BMS, biex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri u mal-iżviluppi tal-istrumenti legali li jirregolawhom.

Fl-2017, eu-LISA rċiviet 9 talbiet ġodda għal tibdil (CRs) fuq is-SIS II (u għalqet 6), 16-il CR ġdida fuq il-VIS u l-BMS (u għalqet 25) u 3 CRs ġodda fuq il-Eurodac (u għalqet 6).

Meta mqabbla mas-sena ta' qabel, in-numru totali ta' CRs ġodda riċevuti fl-2017 naqas. Madankollu, il-kumplessità tat-talbiet ġodda għal tibdil li għandhom jiġu vvalutati għall-implimentazzjoni għadha għolja. L-isforz meħtieġ min-naħa kemm tal-SM kif ukoll ta' eu-LISA baqa' l-istess jew saħansitra żdied minħabba l-kumplessità tat-tibdiliet proposti u l-impatt li dawn għandhom fuq is-sistemi nazzjonali u s-sistema ċentrali.

Bis-saħħa tal-kooperazzjoni eċċellenti bejn l-esperti tal-SM u eu-LISA, fi ħdan il-Grupp ta' Ġestjoni tat-Tibdil, dejjem kien possibbli li jintlaħaq qbil dwar it-tisħiħ tekniku propost u dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jiġu implimentati t-tibdiliet meħtieġa biex is-sistema tinżamm allinjata mar-regolamenti kurrenti.

eu-LISA, billi adottat il-Proċess wieħed ta' Ġestjoni tal-Bidla, introduċiet approċċ aktar koerenti u verifikabbli għall-evoluzzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema, u dan tkompla tul is-sena kollha. Matul is-sena, l-Aġenzija għamlet sforzi konsiderevoli biex tirrieżamina u ttejjeb il-Proċess ta' Ġestjoni tat-Tibdil f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea, u l-ħidma se tkompli fl-2018. L-Aġenzija tikkonsulta wkoll lill-UPD u lill-Uffiċjal tas-Sigurtà dwar it-tibdiliet proposti fil-Proċess ta' Ġestjoni tat-Tibdil, skont il-metodoloġija tal-PRINCE 2. L-għan ewlieni tal-Proċess ta' Ġestjoni tat-Tibdil hu li jsib ir-riżorsi u jikseb sodisfazzjon tal-klijenti. Fl-2017, ir-rapport annwali tal-Grupp ta' Ġestjoni tat-Tibdil ġie ppreżentat lill-Gruppi Konsultattivi, u dan irċieva opinjonijiet favorevoli mill-Istat Membri.

*Monitoraġġ tat-teknoloġija*

Il-funzjoni ta' "monitoraġġ tat-teknoloġija" kompliet tesplora l-iżviluppi rilevanti fit-teknoloġija fl-2017 f'konformità mal-Pjan Annwali mfassal u ppreżentat lill-Gruppi Konsultattivi fi Frar 2017. Din irrapportat dwar l-eżiti ta' din il-ħidma lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni. Rapport dwar is-sigurtà tal-IT — *Inħarsu s-sistemi tal-IT fuq skala kbira żviluppati u/jew ġestiti minn eu-LISA kontra t-theddidiet moderni* — ġie ppreżentat lill-Gruppi Konsultattivi fi Frar 2017. F'konformità mat-talbiet mill-AGs fis-snin ta' qabel, inxteħtet enfasi akbar fuq il-kontribuzzjonijiet tal-proġetti mill-monitoraġġ tar-riċerka minn qatt qabel.

Il-prijoritajiet għall-2017 inkludew il-bijometrija, it-teknoloġiji biex jitjiebu l-utilizzabilità tas-sistema tal-IT u l-kwalità tad-data. L-għarfien assimilat mill-istudju tal-bijometrija pprovda valur miżjud sinifikanti għall-ħidma tal-Aġenzija ta' tħejjija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-kwalità bijometriċi u dwar l-istandards minimi għat-tagħmir. Kien rilevanti wkoll biex titjieb il-kwalità tal-istudju tal-Aġenzija dwar il-fattibilità ta' servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku. Sadanittant, l-istudji mmexxija mill-Kummissjoni dwar Portal Ewropew tat-Tfittxija u Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità, ibbenefikaw mill-ideat miksuba mill-istudju tat-teknoloġiji rilevanti għall-utilizzabilità u għall-flessibilità tas-sistema tal-IT. Barra minn hekk, saru kontribuzzjonijiet sinifikanti għall-ħidma dwar l-abbozzar tal-arkitettura tas-sistema tal-EES. Il-monitoraġġ tar-riċerka dwar it-teknoloġiji biex tissaħħaħ il-kwalità tad-data sostna l-ħidma sinifikanti mwettqa hekk kif l-Aġenzija kkoordinat il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kwalità tad-Data approvat skont il-ħames lista ta' azzjonijiet tal-IMS.

Rapport dwar it-teknoloġija tar-reġistru distribwit (li fost din il-blockchain hi l-aktar implimentazzjoni magħrufa) qed jiġi abbozzat u għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati kmieni fl-2018. Bħala riżultat tal-isforzi biex jiġi żgurat li l-eżiti tar-riċerka jiġu tradotti f'eżiti tanġibbli għall-Aġenzija u għall-partijiet ikkonċernati tagħha, id-domandi minn oqsma oħra (involviment qawwi tal-Uffiċjal tar-Riċerka u Żvilupp (R&Ż) fil-ħidma dwar l-

EES u l-interoperabbiltà) u minħabba r-riżorsi limitati (appoġġ ippjanat għall-funzjoni tar-R&Ż ma setax jiġi pprovut kif ippjanat inizjalment), it-tlestija tar-rapport finali ppjanat dwar it-teknoloġiji għall-effiċjenza u għall-faċilità għall-utent tal-IT ma kinitx possibbli. Twettqu l-attivitajiet l-oħra kollha li kienu ppjanati:

- Fit-8 ta' Ġunju sar avveniment għall-industrija fi Strasburgu, li ffoka fuq suġġetti relatati mal-interoperabbiltà.
- L-azzjonijiet definiti fi ħdan il-Pjan ta' Azzjoni tal-Aġenzija dwar il-Kwalità tad-Data u enumerati fil-pjan direzzjonali ġew implimentati u l-SM ġew aġġornati fid-WP DAPIX f'Diċembru 2017.
- Ġie pprovdut kontribut għad-diskussjonijiet dwar l-interoperabbiltà u għall-ħidma tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà.
- Ġiet organizzata u saret diskussjoni f'panil matul il-Kungress Ewropew tal-Pulizija fil-21-22 ta' Frar 2017 kif propost fil-pjan direzzjonali.
- Ingħataw preżentazzjonijiet matul il-konferenza tal-Expo tat-Terminali tal-Passiġġieri, BIOSIG 2017, il-Konferenza tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Bijometrija (EAB) dwar il-Proġetti ta' Riċerka, eċċ.
- Il-konferenza annwali saret b'suċċess, b'kontenut ta' kwalità għolja.

*Strateġija dwar it-Teknoloġija*

Skont ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, ġiet diskussa l-Istrateġija ta' eu-LISA dwar it-Teknoloġija fi ħdan il-laqgħat tal-AGs (2-6 ta' Ottubru 2017), fejn intlaħaq qbil li pjan direzzjonali se jiġi ppreżentat f'waħda mil-laqgħat li ġejjin tal-AGs. Bħalissa l-iżvilupp tal-pjan direzzjonali qed javvanza, bħala parti mir-rivoluzzjoni tal-Istrateġija ta' eu-LISA dwar it-Teknoloġija, biex jiġu akkomodati l-iżviluppi l-ġodda wara l-preżentazzjoni inizjali tiegħu.

Bħalissa, is-sistemi kollha taħt ir-responsabbiltà ta' tmexxija operattiva ta' eu-LISA jaħdmu fuq pjattaformi differenti, f'termini ta' applikazzjoni u ta' infrastruttura, u għandhom settijiet separati ta' għodod tat-tmexxija operattiva. L-isfida hi li, b'domanda li qiegħda tikber, hemm bżonn li jsir sforz biex tiġi espanduta t-teknoloġija kurrenti. Barra minn hekk, minħabba l-kompożizzjoni infrastrutturali kurrenti, iż-żamma tal-FLS mal-Istati Membri qed issir dejjem aktar impenjattiva u l-pajsaġġ tat-teknoloġija eżistenti ta' eu-LISA jeħtieġ numru ta' tibdiliet biex titħaffef il-pożizzjoni kurrenti tagħha, kif ukoll biex tkun tista' tipprovdi servizzi ġodda (eż. l-EES, l-ETIAS, eċċ.). Filwaqt li l-kompożizzjoni kurrenti rnexxielha tipprovdi servizzi stabbli ta' tmexxija operattiva, infrastruttura tat-teknoloġija f'sajlos iżżid it-TCO. Biex jinħolqu ekonomiji ta' skala u tittejjeb is-sitwazzjoni kurrenti, eu-LISA għandha taġġorna l-pajsaġġ tat-teknoloġija biex tiżgura flessibilità, provvista tas-servizzi, sigurtà u TCO mnaqqas. Fuq il-bażi ta' din il-ħtieġa, ġew identifikati erba' oqsma bħala d-dominji ewlenin għall-iżvilupp tal-pajsaġġ tal-Istrateġija ta' eu-LISA dwar it-Teknoloġija:

- infrastruttura intelliġenti — tista' tgħin lil eu-LISA tipprovdi servizz aħjar lill-Istati Membri, tikkollabora u tinnova b'mod aktar effettiv u tnaqqas il-kostijiet b'mod aktar prevedibbli;
- konsenja kontinwa — toħloq il-valur billi tippermetti bini, testjar u rilaxx aktar aġli, aktar spiss u aktar affidabbli ta' softwer
- ċentru tal-operazzjonijiet virtwali — li jgħaqqad il-monitoraġġ minn tarf sa tarf mal-analitika, jista' jgħin biex jitbassru l-ħsarat fit-tagħmir, inaqqas il-perjodu ta' qtugħ imprevist u jikseb għarfien dwar l-affidabilità u l-possibbiltà ta' manutenzjoni;
- proċessi avvanzati ta' sigurtà — jistgħu jgħinu lil eu-LISA tisfrutta l-potenzajl sħiħ tad-data miġbura u jipprovdu għodod b'saħħithom fil-ġlieda dejjiema kontra t-theddidiet għas-sigurtà.

## Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 3: "Tikber bħala ċ-ċentru tat-teknoloġija tal-ICT tal-UE u ċ-ċentru ta' kompetenzi prinċipali"

### Sħubiji mal-Istati Membri, mal-Istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn

Fid-29 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għall-emenda għar-Regolament ta' Stabbiliment ta' eu-LISA[9], li fiha huma proposti diversi tibdiliet mir-Regolament applikabbli bħalissa dwar eu-LISA. Dawn it-tnejn jirriżultaw mir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni esterna u mill-kuntest tal-politika, legali u fattwali. Uħud mill-elementi ġodda proposti, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mar-rwol tal-Aġenzija b'rabta mal-interoperabbiltà u mal-kwalità tad-data, diġà kienu ssemmew fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 dwar Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[10], ir-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà tal-11 ta' Mejju 2017[11], fis-seba' rapport ta' progress lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina tas-16 ta' Mejju 2017[12] u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tat-8 ta' Ġunju 2017[13]. In-negozjati dwar il-proposta għaddejjin u ġew sostnuti mill-Aġenzija bis-sħiħ kif mitlub. Ġew diskussi fid-DAPIX tal-Kunsill: il-formazzjoni ta' eu-LISA fit-13-14 ta' Lulju, fid-19 ta' Settembru u fid-9 ta' Ottubru u ppreżentati lill-Kumitat LIBE fis-7 ta' Settembru 2017.

F'termini tal-evoluzzjoni futura tas-sistema, eu-LISA sostniet bis-saħħa d-diskussjonijiet dwar il-proposti leġiżlattivi l-ġodda għas-SIS II, għall-Eurodac u għall-ECRIS-TCN fil-gruppi ta' ħidma xierqa tal-Kunsill, filwaqt li fl-istess ħin ħadmet f'kooperazzjoni msaħħa mal-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, f'kollaborazzjoni msaħħa mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija avvanzat b'mod sinifikanti l-proġett biex timplimenta funzjonalitajiet ċentrali tal-AFIS fis-SIS II, li jirriżulta fl-aspettattiva li l-funzjonalitajiet relatati jkunu disponibbli diġà minn kmieni fl-2018.

eu-LISA kompliet tikkontribwixxi għall-ħidma tal-HLEG tal-Kummissjoni dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà b'mod kostruttiv u proattiv. Minbarra li sostniet id-diskussjonijiet fil-grupp ewlieni dwar l-interoperabbiltà billi pprovdiet l-għarfien espert tagħha biex issostni l-analiżijiet u tipprovdi dokumenti ta' appoġġ bħall-abbozz tal-pjan direzzjonali tal-ABIS, l-Aġenzija kienet ukoll membru tat-tliet subgruppi kolha kemm huma dwar is-sistemi kurrenti, is-sistemi l-ġodda u l-interoperabbiltà. Fi ħdan dawn il-gruppi, hi pprovdiet input materjali importanti wkoll, inklużi rapporti dwar il-kwalità tad-data u proposti għal titjib f'dan ir-rigward, ħarsa ġenerali dokumentarja lejn il-kapaċitajiet tas-sistema kurrenti u s-servizzi pprovduti, u abbozz tal-arkitettura tad-data. Ir-rapport finali tal-grupp, ippubblikat fil-5 ta' Mejju 2017, jinkludi numru ta' rakkomandazzjonijiet għall-ħidma ulterjuri mill-Aġenzija li jirriżultaw minn kontribut proattiv u minn diskussjonijiet kollaborattivi mal-Kummissjoni, mal-aġenziji tal-UE u mal-Istati Membri tul l-aħħar 12-il xahar. Il-qbil tal-grupp li jinvesti t-tali fiduċja fil-ħila tal-Aġenzija li tavvanza l-interoperabbiltà tas-sistema tal-IT fl-Ewropa permezz tal-ħidma proposta jixhed il-kwalità tal-kontribut ipprovdut u r-rikonoxximent tal-għarfien, tal-għarfien espert u tal-kapaċitajiet tal-Aġenzija.

Ir-rapport finali tal-HLEG irrakkomanda li "eu-LISA għandha tanalizza l-aspetti tekniċi u operazzjonali tal-implimentazzjoni possibbli ta' servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku. B'hekk, l-Aġenzija bdiet tħejji valutazzjoni dwar il-fattibilità ta' BMS kondiviża u lestiet il-ħidma f'Novembru 2017, meta qasmet l-eżiti mal-Kummissjoni Ewropea biex tgħin lill-Kummissjoni tabbozza l-proposti leġiżlattivi li jistabbilixxu qafas għall-interoperabbiltà. Hi sostniet ħafna wkoll lill-Kummissjoni Ewropea fl-istudji tagħha dwar Portal Ewropew tat-Tfittxija u Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità, hekk kif kienet involuta fil-laqgħat dedikati regolari biex jiġi żgurat li l-

9 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011 [2017/0145 (COD)].
10 7644/17.
11 Ares(2017)2412067 - 11/05/2017.
12 COM(2017) 261 final.
13 10151/17.

ħidma ppjanata kienet fattibbli u kompluta minn perspettiva teknika. It-titjib fil-kwalità tad-data li tinsab fis-sistemi tal-IT fuq skala kbira hu enfasizzat bħala neċessità wkoll u, f'dan ir-rigward, l-Aġenzija aġixxiet bħala koordinatur għal Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Kwalità tad-Data mħejji fil-kuntest tal-ħames lista ta' azzjoni tal-IMS. Il-pjan ġie approvat mid-WP DAPIX fl-1 ta' Diċembru 2016. Ir-rapport tal-HLEG jirrakkomanda l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni mill-SM, mill-Kummissjoni Ewropea u minn eu-LISA. L-Aġenzija diġà implimentat ir-rapportar imtejjeb dwar il-kwalità tad-data għas-sistemi li diġà huma fis-seħħ, eżaminat l-użu possibbli tal-indikaturi komuni tal-kwalità tad-data u fittxet li tinkorpora l-materjal rilevanti fil-kurrikuli tat-taħriġ f'livell aktar mifrux milli hu l-każ bħalissa. Fl-2018 din il-ħidma se tkompli.

Fid-dawl ta' sistemi oħra li aktarx li se jiġu inkorporati fil-mandat ta' eu-LISA fis-snin li ġejjin, l-Aġenzija kompliet bit-tħejjijiet tagħha għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ u kompliet issostni n-negozjati dwar il-proposta għal regolament dwar is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar. Fir-rigward tal-EES, l-Aġenzija ħadet impenn għat-tali tħejjijiet kmieni fl-2017, billi waqqfet tim dedikat għall-proġetti interni biex iwettaq il-kompiti neċessarji kollha relatati mal-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, mar-reklutaġġ tal-persunal speċjalist neċessarju, u mat-tħejjija u t-tnedija tal-attivitajiet kollha relatati mal-akkwist. L-Istati Membri kienu involuti f'laqgħat u f'webinars tekniċi dedikati matul is-sena kollha biex jikkontribwixxu għall-ħidma u jiżguraw li r-rekwiżiti għas-sistema kienu riflessi kif suppost fl-ispeċifikazzjonijiet tagħha.

Fil-25 ta' Ottubru, il-Parlament Ewropew adotta r-regolament għal Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ u r-regolament li jemenda l-kodiċi tal-fruntieri ta' Schengen b'rabta mal-EES, filwaqt li adotta t-test matul il-Plenarja. Fl-20 ta' Novembru, il-Kunsill segwa l-istess passi. Ir-regolament dwar l-EES daħal fis-seħħ wara l-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Diċembru 2017.

L-avvenimenti tal-partijiet ikkonċernati mas-sħab tal-kooperazzjoni saru biex jiġu ppreżentati u jinqasmu l-fehmiet dwar l-attivitajiet u l-pjanijiet tal-Aġenzija, b'mod partikolari l-laqgħa tal-Kapijiet tal-Missjonijiet Diplomatiċi fit-23 ta' Marzu f'Tallinn, mal-Kunsillieri tal-ĠAI fit-28 ta' Marzu fi Brussell u mal-membri tal-Kumitat LIBE fl-10 ta' Mejju 2017. Matul il-perjodu ta' rapportar, eu-LISA rnexxielha tagħmel, minbarra ż-żjarat u l-briefings ippjanati, diversi laqgħat ta' livell għoli u l-kopertura online informattiva relatata tal-viżitaturi VIPs: il-President tal-Estonja, il-Prim Ministru tal-Estonja u l-Kummissarju għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri.

L-avvenimenti tal-partijiet ikkonċernati mas-sħab tal-kooperazzjoni saru biex jiġi ppreżentat il-mandat tal-Aġenzija, jinxteħet dawl fuq il-proċessi kummerċjali relatati mas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ta' eu-LISA u jiġu skambjati l-fehmiet dwar l-attivitajiet u l-pjanijiet tal-Aġenzija. Dawn kienu jinkludu:

- żjara uffiċjali tal-Kummissarju għall-Migrazzjoni, l-Affarijiet Interni, u ċ-Ċittadinanza u tal-Ministru tal-Estonja għall-Intern fis-7 ta' Lulju 2017;
- żjara uffiċjali tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Intern tal-Finlandja u tas-Segretarju Ġenerali tal-Ministeru tal-Intern tal-Estonja fl-10 ta' Awwissu 2017;
- żjara tal-esperti tal-ġlieda kontra t-terroriżmu mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali) tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-4 ta' Settembru 2017.

**Sħubija ma' aġenziji oħra**

B'rabta mal-kooperazzjoni ma' aġenziji oħra, eu-LISA tkompli tieħu sehem b'mod attiv fl-attivitajiet tan-Netwerk ta' Aġenziji tal-ĠAI, li fl-2017 kien presedut miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, u tikkontribwixxi għalihom. Fi ħdan il-perjodu ta' rapportar, ir-rappreżentanti ta' eu-LISA kkontribwixxew għad-diskussjonijiet, b'mod partikolari matul il-laqgħat relatati mal-koordinazzjoni tal-ICT, it-taħriġ u l-politika. Bħala eżempju tal-kontribuzzjonijiet pożittivi f'dan ir-rigward, jista' jiġi nnotat li l-Aġenzija ħadet responsabbiltà għall-koordinazzjoni tal-arranġamenti bilaterali għall-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali tal-UE. Minbarra dak, l-Aġenzija lesta li tipprovdi l-appoġġ neċessarju lill-president li jmiss tan-Netwerk, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, fir-rigward tal-laqgħa tal-esperti tal-ICT tal-aġenziji tal-ĠAI. Fil-laqgħa tal-esperti li saret fl-20-21 ta' April 2017 dwar "L-espansjoni tal-influwenza tal-internet, l-isfruttament taċ-ċiberspazju u n-natura trasformattiva tat-teknoloġiji l-ġodda — sfidi u opportunitajiet għall-ħidma tal-aġenziji tal-ĠAI", li kienet waħda

mill-oqsma ta' prijorità tal-aġenziji tal-ĠAI fl-2017, eu-LISA tat ħarsa ġenerali lejn is-suġġetti rilevanti mill-perspettiva tal-Aġenzija.

Il-kontribuzzjonijiet għat-tħejjijiet għall-avveniment ewlieni tas-sena — il-laqgħa annwali tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI f'Novembru 2017 — komplew fix-xhur li ppreċedewh. eu-LISA pprovdiet kontribut rilevanti għar-rapport finali tal-kooperazzjoni tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fl-2017, b'mod partikolari billi xeħtet dawl fuq suġġetti relatati mal-interoperabbiltà. B'kunsiderazzjoni tal-approċċ proattiv u tal-kontribuzzjonijiet sinifikanti ta' eu-LISA għall-ħidma tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà, l-Aġenzija hi mistennija tkompli d-diskussjonijiet kollaborattivi u tikkoordina l-ħidma komuni tal-aġenziji tal-ĠAI involuti (l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), eu-LISA, il-Europol, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Frontex).

Biex tissimplifika approċċ komuni u tagħmel kontribuzzjonijiet konġunti għall-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni, l-ażil, is-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri, eu-LISA pproponiet li l-aġenziji tal-ĠAI jieħdu sehem f'laqgħat regolari mas-settur privat. Għalhekk, l-istedina għall-avvenimenti Madwar il-Mejda tal-Industrija organizzati u ospitati minn eu-LISA se tiġi estiża lill-aġenziji sħab kollha fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

Intlaħaq qbil dwar Pjanijiet ta' Kooperazzjoni Annwali dettaljati u speċifiċi u dawn ġew iffirmati fuq bażi bilaterali mal-EASO, mas-CEPOL u mal-Frontex, għall-perjodu tal-2017 u tal-2018. Il-Memorandum ta' Qbil bejn eu-LISA u l-Eurojust ġie ffirmat fid-19 ta' Settembru 2017. Arranġament ta' Ħidma bejn eu-LISA u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) ġie ffinalizzat fl-2017, u ġie ffirmat fl-10 ta' Jannar 2018. Twettqu diversi proġetti bi skambju ta' informazzjoni regolari u bil-qsim tal-aħjar prattiki mal-aġenziji sħab tal-UE. Il-preparamenti biex eu-LISA tospita s-sit ta' riżerva tal-Frontex komplew fl-2017 ukoll, bl-għan li jiġu finalizzati fl-2018. eu--LISA u l-Europol, f'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Intern tal-Estonja, ingħaqdu flimkien biex jospitaw laqgħa li fiha nġabru l-esperti tas-sigurtà nazzjonali, Ewropej u internazzjonali fit-8 ta' Novembru 2017. eu-LISA u s-CEPOL jikkontribwixxu għal attivitajiet ta' tagħlim professjonali aktar effettivi billi organizzaw b'mod konġunt kors annwali, "Ħarreġ lill-ħarrieġa: operaturi tal-IT tas-SIS II, tal-VIS, tal-Eurodac". Il-parteċipanti mill-EASO, mill-Eurojust, mill-Europol u mill-Frontex ikkontribwixxew għar-raba' konferenza annwali ta' eu-LISA fis-17-18 ta' Ottubru u kienu involuti b'mod attiv fid-diskussjonijiet dwar it-trasformazzjoni diġitali tad-dominju tal-ĠAI, l-interoperabbiltà għas-sigurtà interna, il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali.

Fl-2017, eu-LISA kkonfermat id-disponibbiltà tagħha li tippresjedi n-Netwerk ta' Aġenziji tal-UE minn Marzu 2020 sa Marzu 2021. L-Aġenzija tħares lejn il-presidenza li ġejja bħala opportunità kbira biex tkompli ssaħħaħ ir-rwol u l-pożizzjoni tan-Netwerk ta' Aġenziji tal-UE fl-Ewropa. Barra minn hekk, il-presidenza tkun tipprovdi lil eu-LISA b'opportunità li turi l-kapaċità tagħha bħala mudell fost l-aġenziji l-oħra tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE. Ikun ta' valur miżjud għall-Aġenzija li tissodisfa l-obbligi tal-koordinatur tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE u li timmaniġġja l-kooperazzjoni tan-Netwerk b'mod pożittiv u strutturat. Objettiv ġdid ġie inkluż fid-dokument ta' ppjanar tal-Aġenzija għall-perjodi li ġejjin flimkien mal-preparamenti interni għall-presidenza.

## Attivitajiet taħt l-Għan Strateġiku 4: "L-iżvilupp ta' organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġli"

Fl-2017 l-Aġenzija ċċelebrat il-ħames sena sħiħa ta' ħidma tagħha. L-isfida għall-Aġenzija fl-2017 baqgħet il-konsolidament u l-irfinar kontinwi tal-proċessi interni, b'enfasi fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-effiċjenza u tal-effikaċja tagħhom.

**Ippjanar strateġiku u operazzjonali**

L-istrateġija fit-tul ta' eu-LISA għall-perjodu 2014-2020 kellha bżonn tiġi aġġornata wara aktar minn 3 snin mindu ġiet adottata. L-ambjent li fih topera l-Aġenzija nbidel b'mod sinifikanti f'termini tar-realtajiet politiċi u operazzjonali, u ġab miegħu sfidi ġodda. Biex jiġi pprovdut rispons adegwat għalihom, sar rieżami intern dettaljat tal-istrateġija, bil-parteċipazzjoni tat-tim maniġerjali tal-Aġenzija u tal-esperti. Ir-rieżami involva l-analiżijiet tal-

kisbiet kurrenti, l-ambjent estern u intern, u d-dokument ta' viżjoni tad-Direttur Eżekuttiv, li hu ppreżenta lill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu 2017. Fuq il-bażi ta' dik il-ħidma interna, l-Aġenzija ħejjiet, u introduċiet lill-Bord tat-Tmexxija għall-adozzjoni, aġġornament tal-istrateġija fit-tul tagħha, li tkopri l-perjodu tal-2018-2022. Matul il-laqgħa tiegħu f'Novembru 2017, il-Bord tat-Tmexxija adotta l-aġġornament propost tal-istrateġija.

Id-dokument aġġornat allinja mll-ġdid l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi għall-kuntest politiku u operazzjonali tal-lum. Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ċentrali tal-Aġenzija baqgħu l-istess. Id-dokument jistabbilixxi l-qafas għall-azzjonijiet futuri tal-Aġenzija u, għalhekk, ser ikollu impatt sinifikanti fuq il-ħidma tal-Aġenzija u tal-persunal tagħha.

Id-Dokument ta' Programmazzjoni 2018-2020 ta' eu-LISA ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija fil-bidu ta' Ottubru 2017. L-Aġenzija, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, ippreżentat b'suċċess l-ewwel abbozz tad-Dokument ta' Programmazzjoni tagħha 2019-2021 lill-Gruppi Konsultattivi f'Ottubru, u lill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017, biex jirrieżaminawh. F'Diċembru 2017, l-AGs taw opinjoni pożittiva dwar id-dokument.

Fl-istess ħin, l-Aġenzija kompliet tirfina r-relazzjoni tagħha mal-Gruppi Konsultattivi, speċjalment billi tinvolvihom fl-aktar stadju bikri taċ-ċiklu ta' ppjanar tagħha, bl-għan li żżid l-effiċjenza tal-proċess tal-ippjanar u tutilizza kemm jista' jkun l-għarfien espert tekniku eżistenti fil-gruppi.

Biex tappoġġja l-proċess ta' ppjanar, l-Aġenzija tejbet b'mod sinifikanti l-applikazzjoni sofistikata tagħha ta' ppjanar, liema titjib naqqas il-volum ta' xogħol u kompla jtaffi l-possibbiltajiet ta' żbalji tekniċi.

Fil-bidu tal-2017, eu-LISA ppreżentat ir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2016 tagħha, li rċieva opinjoni pożittiva mingħand l-AGs u li ġie adottat mill-MB f'Marzu 2017. Matul is-sena, l-Aġenzija ppreżentat lill-MB żewġ rapporti ta' implimentazzjoni biex tiżgura li l-Bord ikun informat dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati għall-2017.

**Evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija**

L-Aġenzija saħħet il-qafas ta' governanza tagħha billi implimentat sistema korporattiva ta' ġestjoni tal-kwalità. Peress li l-Aġenzija ddeċidiet li tapplika l-metodoloġija tal-Qafas ta' Valutazzjoni Komuni (CAF) għal dan l-għan, eu-LISA rnexxielha tfassal l-approċċ għall-ambjent tagħha bħala l-ewwel pass. Imbagħad ġie stabbilit grupp ta' membri tal-persunal dedikat tal-awtovalutazzjoni, bl-għan li jwettaq il-fażi tal-analiżi fl-ewwel u fit-tieni trimestri tal-2017. Matul dan il-perjodu, il-grupp identifika l-aspetti pożittivi u l-oqsma fejn jista' jsir titjib f'konformità mad-definizzjonijiet tas-CAF, u ppropona numru ta' rakkomandazzjonijiet inizjali biex titjieb il-kwalità tas-servizzi u tal-proċessi tal-Aġenzija.

L-eżitu nġabar fil-qosor f'rapport dedikat fis-sajf tal-2017, u ġie diskuss ulterjorment fil-livell maniġerjali f'workshop dedikat fil-ħarifa, iffaċilitat mill-kuntrattur li sostna l-attività. Kollox ma' kollox, fl-avveniment ġew rieżaminati 113-il proposta b'kollox, iffokati fuq ħafna mill-oqsma kummerċjali tal-Aġenzija (eż. ponderati skont l-importanza strateġika tagħhom għal eu-LISA) biex jiġu identifikati l-aktar elementi importanti għall-perjodu li jmiss ta' titjib tal-kwalità, li hu l-perjodu ta' żmien ta' sentejn rakkomandat mis-CAF biex tiġi implimentata kwalunkwe azzjoni ta' titjib.

Il-workshop qabel dwar 12-il azzjoni ta' titjib tal-kwalità, b'enfasi fuq diversi suġġetti u elementi tal-organizzazzjoni, bħar-riżorsi umani, il-ġestjoni finanzjarja u l-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati. Wara, is-sidien individwali ġew assenjati għal kull miżura, u fi tmiem l-2017, ġie stabbilit l-abbozz tal-pjan ta' titjib tal-kwalità, li fih inġabru l-azzjonijiet kollha f'fajl wieħed. Hu mistenni li l-Aġenzija timplimenta l-pjan mill-ewwel trimestru tal-2018 'il quddiem.

**Ġestjoni finanzjarja**

L-Aġenzija żviluppat u saħħet kontinwament il-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha biex tiżgura ġestjoni trasparenti u effiċjenti tar-riżorsi finanzjarji disponibbli tagħha. L-elementi neċessarji għall-iżvilupp futur tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABB) ġew stabbiliti flimkien mal-monitoraġġ u mal-evolviment kontinwi tal-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist tal-Aġenzija.

L-Unità tal-Finanzjament u tal-Akkwist għamlet sforz imġedded biex tippjana għall-futur, speċjalment fil-qasam tal-baġit u tal-akkwist, u biex tħaddan il-bidla fil-proċessi tagħha — is-sena 2018 se tara ċaqliq progressiv minn flussi tax-xogħol ibbażati fuq il-karta għal dawk elettroniċi fl-ARES (Sistema Avvanzata ta' Rekords) għal ħafna miċ-ċirkwiti fl-oqsma tal-finanzjament, tal-baġit, tal-assi u tal-akkwist. L-introduzzjoni tal-akkwist elettroniku se titnieda wkoll. It-tfassil mill-ġdid tal-proċessi hu fattur importanti biex jiġi żgurat is-suċċess issoktat tal-Aġenzija, peress li qed isir ċar li ż-żieda fil-persunal għall-kompiti l-ġodda mhux dejjem se tkun tikkorrispondi għaż-żieda fil-volum ta' xogħol.

**Akkwist**

L-attivitajiet tal-akkwist tal-Aġenzija ġew simplifikati ulterjorment permezz tal-konsolidazzjoni u tat-tisħiħ tal-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist tagħha, inkluż il-pass preliminari għall-għodod tal-akkwist elettroniku. L-appoġġ għall-ġestjoni tal-kuntratti kien partikolarment intens, speċjalment f'kuntratti kumplessi bħall-kuntratti qafas tal-MWO tal-VIS/tal-BMS iffirmati fl-2016, u fil-kuntratt għall-bini mill-ġdid u għall-espansjoni tas-sit operazzjonali ta' Strasburgu.

**Ġestjoni tal-loġistika u tal-faċilitajiet**

Fir-rigward tax-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-bini tal-kwartieri ġenerali l-ġodda f'Tallinn, sar progress skont il-pjan definit tal-proġett. Sal-iskadenza ġew sottomessi sitt offerti għall-kostruzzjoni. Il-kuntratt ta' kostruzzjoni ġie finalment iffirmat fid-29 ta' Marzu 2017 għal total ta' EUR 8 759 889.60 mill-Fond Ehitus OÜ. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni beda f'April 2017. Stadju importanti fil-mixja lejn il-bini ta' uffiċċju prinċipali ġdid ta' eu-LISA fil-parti tat-Tramuntana ta' Tallinn intlaħaq fid-29 ta' Settembru 2017, meta l-Estonian State Real Estate Ltd, f'kooperazzjoni mal-Ministeru tal-Intern tal-Estonja, stiednet lil eu-LISA u lill-persunal tagħha biex jattendu għaċ-ċeremonja tal-ewwel ġurnata tal-kostruzzjoni u jkunu xhieda għat-tqegħid tal-ewwel ġebla, li simbolikament jimmarka l-bidu tax-xogħol ewlieni ta' kostruzzjoni fuq l-uffiċċju prinċipali l-ġdid. Il-kwartieri ġenerali l-ġodda ta' eu-LISA huma mistennija jitlestew, jiġu forniti l-għamara u trasferiti lis-sid il-ġdid fis-sajf tal-2018, f'liema waqt ser isseħħ ir-rilokazzjoni wkoll.

Ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-estensjoni tas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu kompla jimxi 'l quddiem. Il-persunal tal-Aġenzija tmexxa fil-bini tal-uffiċċju l-ġdid, il-bini tal-enerġija jinsab fl-aħħar fażi tal-iżvilupp tiegħu u l-kuntrattur nieda x-xogħol fuq il-bini taċ-ċentru tad-data f'Settembru 2017. Minkejja dan, hemm tħassib ġenerali fir-rigward tal-kapaċità tas-sit rinnovat fi Strasburgu biex jospita lill-persunal u lill-kuntratturi meħtieġa kollha tal-Aġenzija, fid-dawl tal-iżviluppi kbar li ġejjin fil-qasam tal-ĠAI, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-EES u l-introduzzjoni tal-ETIAS, tal-ECRIS-TCN, eċċ. L-Aġenzija ħejjiet każ kummerċjali għat-tieni estensjoni tas-sit biex tindirizza l-ħtiġijiet futuri li jirriżultaw mill-mandat estiż tagħha u mis-sistemi l-ġodda inkarigati lill-Aġenzija. Il-proċess kummerċjali ġie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija, u ġie diskuss minn dan, f'Novembru 2017.

**Riżorsi umani**

L-attivitajiet annwali tal-Aġenzija fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani (HR) kienu ffokati fuq iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz tal-għarfien robust u tal-ġestjoni tal-ħiliet, b'mod parallel mal-perkorsi personalizzati tal-iżvilupp tal-impjegati. Ġie ffinalizzat l-iżvilupp tal-Qafas ta' Kompetenza dwar il-kompetenzi ċentrali, professjonali u funzjonali u tnediet l-implimentazzjoni tiegħu fir-reklutaġġ u fit-tagħlim u l-iżvilupp. Il-ħidma fuq il-kompetenzi tat-tmexxija għall-maniġers imxiet 'il quddiem, bl-għan li tiġi finalizzata fl-ewwel trimestru tal-2018. Ingħatat attenzjoni lir-reklutaġġ tal-persunal addizzjonali għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, li l-iżvilupp tagħha

se jibda fl-2018. L-Aġenzija nediet ukoll ħidma fuq l-iżvilupp tal-Politika dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, li se tiġi implimentata fis-snin li ġejjin.

Fl-2017, eu-LISA kellha l-pożizzjonijiet awtorizzati li ġejjin: 131 Aġent Temporanju (AT), 27 Aġent Kuntrattwali (AK) u 9 Esperti Nazzjonali Ssekondati (ENS). In-numru totali ta' pożizzjonijiet fil-Pjan ta' Stabbiliment naqas bi 3 pożizzjonijiet meta mqabbel mal-2018 minħabba tnaqqis fil-persunal u laħaq il-livell ta' 115-il pożizzjoni u fl-istess ħin dan żdied b'16-il pożizzjoni addizzjonali. F'termini ta' għadd ta' impjegati, fl-aħħar ta' Diċembru 2017 kien hemm 153 membru tal-persunal full-time: 114 AT, 32 AK u 7 ENS. Minn dawn, 75 AT, 21 AK u 5 ENS kienu impjegati fi Strasburgu, 39 AT, 8 AK u 2 ENS kienu qed jaħdmu f'Tallinn, u 2 AK kienu jinsabu fl-Uffiċċju ta' Kollegament ta' eu-LISA fi Brussell. Id-dawran tal-persunal li telaq kien ta' 3.27 % hekk kif 5 impjegati ħallew l-organizzazzjoni fl-2017. Dan hu anqas mill-KPI referenzjarju ta' 5% stabbilit għad-dawran. Il-kwartieri ġenerali f'Tallinn kienu affettwati aktar, bid-dawran tal-persunal li laħaq il-5.13%.

Il-kisbiet ewlenin fit-tagħlim u fl-iżvilupp fl-2017 kienu l-appoġġ għall-maniġment ta' eu-LISA, l-iżvilupp ulterjuri tal-iLearn (is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim ta' eu-LISA), l-iżvilupp ulterjuri tal-Qafas ta' Kompetenza ta' eu-LISA, l-implimentazzjoni tal-Pjan Annwali ta' Tagħlim, u l-istħarriġ ta' involviment tal-persunal u s-segwitu.

**Tisħiħ ulterjuri tal-komunikazzjoni esterna**

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija kompliet trawwem l-immaġni pożittiva tagħha bħala organizzazzjoni trasparenti tal-Unjoni Ewropea, responsabbli quddiem il-pubbliku. F'konformità mal-Istrateġija aġġornata 2017-2020 ta' eu-LISA dwar il-Komunikazzjoni Esterna u l-Informazzjoni, approvata mill-Bord tat-Tmexxija fit-22 ta' Marzu 2017 bħala segwitu għal proċess dettaljat ta' preparazzjoni u ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni matul l-2016, il-pjan ta' azzjoni tal-komunikazzjoni strateġika ġie implimentat bis-sħiħ skont standards strutturati tal-prestazzjoni, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni.

Il-konferenza ta' livell għoli "Going Digital for a Safe and Secure Europe" saret b'suċċess fis-17-18 ta' Ottubru 2017. Kienet ukoll parti mill-avvenimenti tal-Presidenza Estonjana tal-Kunsill tal-UE. Din ipprovdiet opportunità għal aktar minn 180 delegat pan-Ewropew biex jiffokaw fuq soluzzjonijiet tal-IT li jgħinu biex tiġi żgurata s-sigurtà interna tal-Ewropa. Id-diskussjonijiet missew it-trasformazzjoni diġitali tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-fruntieri u tal-ażil, l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT u l-użu tat-teknoloġiji mobbli biex tiġi pprovduta sigurtà aħjar. Il-kelliema ewlenin fl-avveniment kienu jinkludu lil Dimitris Avramopoulos, il-Kummissarju tal-UE għall-Migrazzjoni, l-Affarijiet Interni, u ċ-Ċittadinanza, Andres Anvelt, il-Ministru tal-Intern tal-Estonja, u Krum Garkov, id-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA. Ir-rata ta' sodisfazzjon ta' 95 % bil-konferenza juri l-kwalità għolja u s-suċċess tal-avveniment. Permezz ta' xandir live mill-Awtorità Estonjana tax-Xandir Pubbliku, is-sieħeb ewlieni għas-soluzzjonijiet awdjoviżivi għall-presidenza, il-konferenza kienet aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali tal-UE. Meta mqabbel mal-avveniment ekwivalenti tas-sena ta' qabel, l-espożizzjoni fuq il-midja soċjali tal-konferenza ta' eu-LISA fl-2017 żdiedet b'aktar minn 50 %.

Matul il-perjodu ta' rapportar, eu-LISA rnexxielha torganizza, minbarra ż-żjarat u l-briefings ippjanati, diversi laqgħat ta' livell għoli u kopertura tal-komunikazzjoni online ta' numru mill-viżitaturi VIPs fl-Aġenzija kif intqal aktar 'il fuq. eu-LISA kkontribwixxiet għal tmien laqgħat u konferenzi importanti relatati mal-Presidenza Estonjana tal-UE, u diversi briefings interni mal-gruppi tal-partijiet ikkonċernati biex tixħet dawl fuq il-kompiti u fuq ir-responsabbiltajiet akbar tal-Aġenzija.

Fl-2017, il-komunikazzjoni online u l-preżenza fuq il-midja soċjali ta' eu-LISA avvanzaw b'mod konsiderevoli. eu-LISA ħadet sehem b'mod proattiv fil-kampanji tal-midja soċjali pan-UE tal-istituzzjonijiet tal-UE (*#EU60*, *#NoMoreRansom*), ippubblikat medja ta' post wieħed fuq il-midja soċjali kull jum dwar temi relatati mal-ħidma ta' eu-LISA u pproduċiet kważi 150 aġġornament puntwali fuq il-web biex rapidament twassal informazzjoni oġġettiva, affidabbli u li tinftiehem faċilment lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku.

eu-LISA saħħet il-qasam tal-involviment dirett tal-pubbliku biex ittejjeb is-sensibilizzazzjoni, l-għarfien u l-viżibbiltà tal-Aġenzija fost iċ-ċittadini. Il-preżenza attiva tal-Aġenzija f'Jum l-Ewropa u fl-avvenimenti ta' sensiblizzazzjoni tal-

Jum għall-Pubbliku tal-istituzzjonijiet tal-UE, organizzati fi Strasburgu u f'Tallinn mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea, ipprovdiet għal numru notevoli ta' kuntatti diretti u indirett u ġġenerat ilħiq imdaqqas tal-pubbliku. Hu stmat li 14 000 persuna attendew għall-avveniment fi Strasburgu u 13 000 f'Tallinn.

**Komunikazzjoni interna**

Fl-2017, il-komunikazzjoni interna kellha l-għan li tkompli tiffaċilita u tippromwovi l-missjoni, il-viżjoni u l-valuri fundamentali tal-Aġenzija u li tużahom bħala motivaturi għall-iżvilupp tal-kultura korporattiva u l-ispirtu ta' tim tagħha. Tqieset ukoll waħda mill-aktar għodod importanti biex l-organizzazzjoni tinżamm magħquda, fid-dawl tas-separazzjoni fiżika tal-Aġenzija f'żewġ siti. Il-Pjan ta' Azzjoni annwali tal-Komunikazzjoni Interna twettaq fis-sħuħija tiegħu. L-analiżi tar-riżultati tal-Istħarriġ tal-2017 dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal dwar il-Komunikazzjoni Interna tindika żieda ta' 114 % fir-rata ta' parteċipazzjoni (meta mqabbla mal-2016) u rata ta' sodisfazzjon notevoli ta' 94 % (90 % fl-2016) bl-attivitajiet ta' komunikazzjoni interna. Ir-riżultati huma prova tal-iżvilupp pożittiv fl-involviment tal-persunal u tal-għarfien imtejjeb fis-siti kollha tal-Aġenzija rigward materji relatati mal-organizzazzjoni u mal-operat. Min-naħa tiegħu, dan jippermetti lill-persunal jieħu deċiżjonijiet informati rigward il-kompiti professjonali tiegħu, u jaħdem bi standard għoli biex jikkontribwixix għall-kisba tal-għanijiet strateġiċi ta' eu-LISA. Ir-riżultati tal-istħarriġ jipprovdu l-bażi tal-prijoritajiet għall-2018 tal-komunikazzjoni interna u l-pjan ta' azzjoni relatat, li għandhom l-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-aspettattivi korporattivi tal-persunal kemm jista' jkun fid-dawl tar-riżorsi disponibbli.

Matul il-perjodu ta' rapportar, ġew eżegwiti diversi tipi ta' titjib tal-kwalità fil-qasam tal-komunikazzjoni korporattiva rigward id-dehra u s-sensazzjoni tal-prodotti tal-informazzjoni interna u l-utilizzabilità tal-pjattaforma ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni (l-intranet). Fl-2018 ser isir titjib addizzjonali.

Fl-2017, il-komunikazzjoni interna ffokat ukoll b'mod attiv fuq il-komunikazzjoni tat-tibdil biex jiġi pprovdut appoġġ sħiħ tal-komunikazzjoni għat-tħejjija għaċ-ċaqliq tal-persunal għall-bini l-ġdid tal-Aġenzija. Il-komunkazzjoni aġġornata b'mod regolari kienet komplimentata bil-kopertura viżwali relatata biex tissaħħaħ il-kultura korporattiva u jiġi promoss il-fehim reċiproku. Għaldaqstant, ġew prodotti u kondiviżi galleriji ta' stampi u filmati ta' komunikazzjoni tat-tibdil fuq siti differenti tal-Aġenzija. Tnieda filmat tal-perkors taż-żmien u dan se jitnieda għall-persunal matul il-finalizzazzjoni taċ-ċaqliq fl-2018.

**Awditjar intern**

eu-LISA kompliet tuża l-uffiċċju tal-awditjar tagħha bħala faċilitatur ewlieni għall-valutazzjoni u għall-ġestjoni tar-riskji, u għat-titjib tal-proċess. L-Aġenzija kompliet tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, tospita l-missjonijiet tal-awditjar tagħhom u tieħu miżuri biex tirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw, fejn meħtieġ. L-Awditur Intern ta' eu-LISA kompla jikkoordina x-xogħol f'dan il-qasam, inklużi t-tħejjija ta' rapporti, missjonijiet, attivitajiet ta' segwitu, u l-iżgurar ta' sensibilizzazzjoni ġenerali dwar il-prinċipji, l-għanijiet u l-proċeduri tal-awditjar intern u estern fost il-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija.

L-implimentazzjoni tal-Mudell ta' Kapaċità tal-Awditjar Intern għas-Settur Pubbliku laħqet il-livell 3 kif muri mir-riżultati tal-awtovalutazzjoni bil-validazzjoni indipendenti esterna mwettqa fil-kuntest tal-Programm ta' Garanzija u ta' Titjib tal-Kwalità tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC).

# Parti II (a). Tmexxija

## 2.1. Bord tat-Tmexxija

Fl-2017, l-Aġenzija kompliet il-kollaborazzjoni mill-qrib ħafna, trasparenti u kostruttiva mal-Bord tat-Tmexxija tagħha. Minbarra l-punti approvati mill-Bord skont il-funzjonijiet tiegħu kif definiti fir-Regolament ta' Stabbiliment tagħha, l-Aġenzija ġibdet l-attenzjoni tiegħu għar-riskji u għall-kwistjonijiet sinifikanti kollha identifikati matul il-perjodu ta' rapportar.

L-Aġenzija kompliet tipprovdi appoġġ amministrattiv konsistenti lill-MB u lill-AGs. It-tliet Laqgħat tal-MB f'Marzu, f'Ġunju u f'Novembru u l-erba' laqgħat regolari tal-AGs fi ħdan il-perjodu ta' rapportar ġew organizzati b'mod puntwali u effiċjenti. Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija, il-Bord jadotta d-Dokument ta' Programmazzjoni tal-Aġenzija għas-sena ta' wara u r-Rapport Annwali Korporattiv tal-Attività tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel. Il-Bord tat-Tmexxija adotta r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-2016 fil-laqgħa tiegħu tal-20-21 ta' Marzu 2017 u d-Dokument ta' Programmazzjoni 2018-2020 fil-bidu ta' Ottubru 2017. Il-Bord tat-Tmexxija ddeċieda li jemenda l-baġit tal-2017 f'Settembru 2017. Hu ħa nota wkoll u sostna l-adozzjoni mill-Aġenzija tal-impenji globali meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti l-ġodda relatati mal-implimentazzjoni tal-EES u tar-regolament ta' Riformulazzjoni tal-Eurodac, bl-għan li jippreżerva l-approprjazzjonijiet baġitarji mill-konsegwenzi ta' adozzjoni ttardjata tal-bażi ġuridika korrispondenti. Il-MB ħa nota wkoll tar-riskji sottostanti u tar-repetizzjoni potenzjali tal-adozzjoni globali tal-impenji tul is-snin finanzjarji sussegwenti u talab lill-Aġenzija tipprovdi informazzjoni regolari rigward il-ġestjoni tagħhom.

Fi Frar 2017, l-MB adotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-2015 tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, inklużi l-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha, skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, u adotta l-opinjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni rigward tibdil fir-Regolament ta' Stabbiliment ta' eu-LISA billi talab lill-Kummissjoni tgħaddi l-opinjoni mar-rakkomandazzjonijiet u mal-proposti xierqa lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data, f'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament ta' Stabbiliment ta' eu-LISA.

F'Marzu 2017, l-MB approva s-sett ta' KPIs korporattivi għall-Aġenzija, li jitkejlu ta' kull sena u huma riflessi fir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija (ara l-Anness I). L-approvazzjoni tirrappreżenta l-eżitu finali ta' sensiela ta' rfinamenti tas-sett oriġinali stabbilit fl-2015, biex jiġu żgurati r-rilevanza kummerċjali ssoktata u l-valur miżjud tagħhom kemm għal eu-LISA kif ukoll għall-partijiet ikkonċernati tagħha.

F'Mejju 2017, l-MB adotta l-lista annwali ta' awtoritajiet tas-SIS II, tal-uffiċċji tal-N.SIS II u tal-uffiċċji SIRENE u l-lista tal-awtoritajiet deżinjati, li għandhom aċċess għal data reġistrata fis-sistema ċentrali tal-Eurodac.

F'Ġunju 2017, l-MB ħa nota tar-rapport finali tal-HLEG u ħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli l-kollaborazzjoni mill-qrib tagħha mal-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-konklużjonijiet tar-rapport. Fl-istess ħin, l-MB enfasizza l-importanza li l-Aġenzija tiġi pprovduta b'riżorsi adegwati (kemm finanzjarji kif ukoll umani) għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' interoperabbiltà.

Matul l-2017, l-MB adotta diversi strateġiji importanti bħall-istrateġija riveduta fit-tul tal-Aġenzija għas-snin 2018-2022, l-Istrateġija tagħha ta' Sigurtà u ta' Kontinwità u l-Istrateġija għat-Teknoloġija, filwaqt li pprovda rakkomandazzjoni lill-Aġenzija biex telabora aktar fuq l-istrateġija u tiżviluppa pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni. Il-Bord adotta wkoll deċiżjoni li tikkonċerna r-reġim tal-lingwa ta' ħidma tal-Aġenzija.

Għall-proġetti tal-Aġenzija approvati għall-implimentazzjoni mill-2018 'il quddiem, l-MB adotta l-kriterji rilevanti għall-għażla tal-proġetti għall-evalwazzjoni "ex ante" li l-Aġenzija għandha tibda tapplika kif xieraq.

F'Novembru 2017, l-MB iddeċieda li joħloq żewġ subgruppi: l-Impenn Finanzjarju u l-Kumitat tal-Awditjar u tal-Konformità. Barra minn hekk, l-MB beda diskussjonijiet dwar l-istabbiliment tal-Bord tal-Programm tal-EES, b'kunsiderazzjoni tal-progress miksub mill-proposta tal-EES.

Bħala eżerċizzju annwali u f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Awditur Intern tal-Aġenzija, il-Bord analizza r-rapport ta' progress dwar il-Pjan ta' Awditu Intern 2017 u laqa' l-approċċ koerenti tal-Aġenzija rigward il-forniment ta' assigurazzjoni fuq bażi regolari. F'dan ir-rigward, il-Bord adotta l-Pjan ta' Awditjar Intern ta' eu-LISA għas-sena 2018.

Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw mill-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija mill-2016 ingħataw segwitu xieraq permezz ta' pjan ta' azzjoni. F'Marzu 2017, l-MB adotta l-pjan ta' azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi ppreżentati mid-Direttur Eżekuttiv, u f'Novembru 2017 l-MB ħa nota tal-aġġornament tiegħu tal-istatus tal-implimentazzjoni.

F'termini tar-riskji identifikati mill-Aġenzija, il-Bord ġie informat li d-deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2017 li jalloka 45 pożizzjoni addizzjonali bħala Aġenti Kuntrattwali, biex isaħħaħ it-tim ċentrali tal-Aġenzija, finalment ġiet rifjutata mill-Kummissjoni Ewropea (għaliex id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit ma qabilx)[14]. Għaldaqstant, it-tim ċentrali tal-Aġenzija se jibqa' aktar mifrux fuq numru akbar ta' attivitajiet, u b'hekk jikber ir-riskju ta' preżentazzjoni mhux puntwali tal-ħidma ppjanata. Barra minn hekk, peress li numru ta' funzjonijiet tax-xogħol fl-Aġenzija għandhom nuqqas ta' persunal jew inkella m'għandhomx kontinwità tan-negozju inkorporata, ir-riskji operazzjonali għal eu-LISA ser ikomplu jikbru, speċjalment fid-dawl tal-estensjoni sinifikanti proposta fil-mandat tal-Aġenzija. Barra minn hekk, l-effiċjenza tal-operazzjonijiet u tal-ħidma ta' kuljum fl-Aġenzija tista' tonqos, peress li diġà kien ġie stabbilit li l-użu ta' riżorsi esterni hu anqas effiċjenti u aktar għali u riskjuż mit-tħaddim ta' persunal intern.

Matul il-laqgħa tagħha fil-21-22 ta' Marzu 2017, il-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA ddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 18(5) tar-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija, li jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għal 3 snin mid-data ta' skadenza tal-mandat tiegħu (l-1 ta' Novembru 2017). Fis-27 ta' April 2017, fil-kuntest tal-estensjoni tal-mandat tiegħu, id-Direttur Eżekuttiv għamel dikjarazzjoni quddiem il-Kumitat LIBE, li fiha ddeskriva l-kisbiet ta' eu-LISA matul l-ewwel 5 snin tal-operat tagħha u l-viżjoni tiegħu, li tinkludi erba' pilastri ewlenin biex jiġu sostnuti l-iżvilupp u t-tkabbir tal-Aġenzija fil-ġejjieni.

B'antiċipazzjoni tat-tkabbir fil-kompiti ta' eu-LISA li ser iseħħ mar-Regolament il-ġdid tagħha ta' Stabbiliment, l-Aġenzija ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija proposta għall-espansjoni tas-sit tagħha fi Strasburgu u struttura organizzazzjonali ġdida.

14 Ta' min jinnota li wħud minn dawn il-pożizzjonijiet ta' aġenti kuntrattwali (27) ġew inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għar-reviżjoni tar-Regolament ta' Stabbiliment ta' eu-LISA.

## 2.2. Żviluppi ewlenin

**Żviluppi esterni**

Anki l-kuntest politiku kompla jiżviluppa u jevolvi fl-2017. Iċ-ċittadini tal-UE m'għadhomx iqisu li jwieġeb b'mod sodisfaċenti għal ħafna problemi li jolqtuhom: il-qgħad fit-tul, is-solidarjetà li qed tgħib, it-tkabbir batut, ċaqliq tardiv lejn ekonomija sostenibbli, sfidi għas-sigurtà, eċċ. L-iżviluppi fis-snin riċenti wrew li l-kooperazzjoni msaħħa u l-għajnuna reċiproka jistgħu jgħaqqdu u jmexxu lin-nies lejn destin komuni. Kien f'dan l-ispirtu li nbniet l-Ewropa. Sa mill-bidu nett, din riedet issegwi l-perkors ta' kooperazzjoni, ta' solidarjetà, ta' żvilupp ekonomiku, ta' demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, u għalhekk hi adottat istituzzjonijiet komuni. Iżda dan l-objettiv hu parzjalment milħuq biss. Illum il-ġurnata hu attakkat f'diversi livelli.

Il-libertà tal-moviment tal-persuni hi waħda mill-erba' libertajiet li l-Unjoni Ewropea implimentat bl-introduzzjoni taż-Żona Schengen. Illum, dan ukoll qed jaffaċċja l-isfidi tal-viżibbiltà akbar tal-kriminalità serja (traffikar tad-droga, traffikar tal-bnedmin, kriminalità finanzjarja, ċiberkriminalità, eċċ.), tat-terroriżmu u tal-pressjoni migratorja. Numru dejjem akbar ta' ċittadini jqisu li dan l-eżitu hu dovut għall-fatt li l-Ewropa hi miftuħa wisq u, għalhekk, esposta għall-effetti tal-globalizzazzjoni. Barra minn hekk, il-klima ekonomika ta' awsterità fi ħdan ħafna mill-Istati Membri ssokta, u b'hekk illimita r-riżorsi disponibbli fl-Istati Membri, u l-UE, b'mod ġenerali, trid tindirizza l-isfidi li qed jikbru fid-dominju tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni.

Għaldaqstant, illum, is-sigurtà interna u l-protezzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-fruntieri esterni tagħha saru sfida kruċjali. Falliment f'dan il-qasam jista' jkollu konsegwenzi drammatiċi fuq il-ġejjieni tal-Ewropa. Wara li l-Programm ta' Stokkolma ntemm fl-2014, tnieda proċess ta' riallinjament tal-prijoritajiet strateġiċi u politiċi favur koerenza, effiċjenza u kosteffikaċja mtejba fid-dominju tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni. Hemm żewġ motivaturi ewlenin għalih.

- **L-ewwel nett**, il-pressjoni migratorja kontinwa fuq il-fruntieri esterni tal-UE u l-ħtieġa ċara għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha.
- **It-tieni nett**, l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jaffaċċjaw numru dejjem akbar ta' theddidiet ġodda u kumplessi għas-sigurtà. Biex jiġu indirizzati b'mod ulterjuri, huma meħtieġa sinerġiji u kooperazzjoni msaħħa fil-livelli kollha. Ħafna mit-theddidiet joriġinaw mill-instabbiltà fil-viċinat immedjat tal-UE kif ukoll mill-forom li qed jevolvu ta' radikalizzazzjoni u ta' terroriżmu. It-theddidiet qed isiru dejjem aktar internazzjonali u qed isiru ta' natura dejjem aktar transfruntiera. Dan it-theddid jitlob reazzjoni effettiva u kkoordinata fil-livell Ewropew.

Il-prijoritajiet politiċi, stabbiliti fid-dominju tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni, irriżultaw f'numru ta' inizjattivi u ta' azzjonijiet prattiċi, li jindirizzaw dimensjonijiet differenti tal-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni. Dawn il-prijoritajiet huma riflessi wkoll fl-attivitajiet annwali u fit-tul ta' eu-LISA. Fl-istess ħin, hemm rikonoxximent li qed jikber fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-importanza kruċjali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u fuq il-ħtieġa ta' skambju ta' informazzjoni fi ħdan id-dominju tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni, speċjalment fid-dawl tal-isfidi u tat-theddidiet il-ġodda.

Permezz ta' dan t'hawn fuq, x'aktarx li fis-snin li ġejjin, eu-LISA u s-sistemi li tamministra jaqgħu taħt livelli dejjem akbar ta' skrutinju pubbliku u politiku. L-Aġenzija diġà taqdi u se tkompli taqdi fil-futur rwol kruċjali fil-funzjonament sostenibbli taż-Żona Schengen u fit-twettiq tal-prijoritajiet politiċi u fl-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fid-dominju tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni.

F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għall-emendar tar-Regolament ta' Stabbiliment ta' eu-LISA (ir-Regolament il-ġdid ta' Stabbiliment ta' eu-LISA). F'Diċembru tal-istess sena, il-Kunsill ĠAI qabel dwar approċċ ġenerali fuq l-abbozz tar-Regolament u l-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew approva rapport dwar ir-Regolament rivedut ta' eu-LISA. In-negozjati interistituzzjonali dwar l-abbozzi tar-Regolamenti huma mistennija li jibdew f'Jannar 2018.

Sa tmiem Diċembru 2017, il-qafas legali tal-EES daħal fis-seħħ u l-Aġenzija għandha tipproċedi bl-implimentazzjoni tiegħu malli l-Kummissjoni Ewropea tadotta l-atti ta' implimentazzjoni neċessarji fl-2018.

Fis-17 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea introduċiet proposta għall-implimentazzjoni ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Id-diskussjonijiet dwar il-proposti segwew tul l-2017 kollha. Il-leġiżlazzjoni proposta tfittex li tipprovdi għal sistema li tkun tippermetti kontrolli mtejba fuq vjaġġaturi eżentati mill-viża qabel ma jaslu fil-fruntieri esterni tal-UE. L-Aġenzija sostniet bis-sħiħ id-diskussjonijiet fost il-koleġiżlaturi meta ntalbet tagħmel dan, billi pprovdiet l-għarfien espert tekniku tagħha biex tagħti pariri dwar il-fattibbiltà tal-proposta u l-approċċi xierqa għall-implimentazzjoni tas-sistema. Hi appoġġjat b'mod pożittiv ukoll il-laqgħat tekniċi dwar l-ETIAS organizzati mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, biex tħejji b'mod ottimali hi stess għall-iżvilupp mistenni tas-sistema ETIAS fil-ġejjieni, din wettqet missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni fl-Istati Uniti, fil-Kanada u fil-Kummissjoni Għolja tal-Awstralja f'Londra, fejn eżaminat is-sistemi ta' natura simili implimentati minn dawn il-pajjiżi.

Il-Proposti għal Regolament li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri li għandhom informazzjoni ta' konvinzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat (TCN) biex jissupplimentaw u jappoġġaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (is-sistema ECRIS-TCN) u jemendaw ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tressqu mill-Kummissjoni Ewropea fid-29 ta' Ġunju 2017.

Bħala segwitu għall-istudji mwettqa minn eu-LISA u għall-ħidma tal-HLEG b'mod ġenerali, f'Diċembru 2017 il-Kummissjoni Ewropea introduċiet żewġ proposti għal Regolamenti li jistabbilixxu qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fl-oqsma (1) tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u (2) tal-fruntieri u l-viża. L-għan tal-proposti hu li jneħħu d-diskrepanzi eżistenti fl-arkitettura tal-informazzjoni tad-dominju tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni u li jżidu l-effiċjenza tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti u futuri tal-UE għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.

**Żviluppi organizzazzjonali**

L-istrateġija fit-tul ta' eu-LISA għall-2014-2020 ġiet aġġornata bħala tweġiba għad-dokument dwar il-viżjoni tad-Direttur Eżekuttiv u għat-tibdiliet sinifikanti f'termini tar-realtajiet politiċi u operazzjonali, li jippreżentaw sfidi ġodda. F'Novembru 2017, l-Bord tat-Tmexxija adotta l-istrateġija aġġornata.

L-MB adotta l-Istrateġija tal-Aġenzija dwar is-Sigurtà u l-Kontinwità u l-Istrateġija dwar it-Teknoloġija. Skont ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, ġiet diskussa l-Istrateġija ta' eu-LISA dwar it-Teknoloġija matul il-laqgħat tal-Gruppi Konsultattivi, fejn intlaħaq qbil li pjan direzzjonali se jiġi ppreżentat f'waħda mil-laqgħat li ġejjin tal-Gruppi Konsultattivi. Bħalissa qed jiġi żviluppat il-pjan direzzjonali.

Żvilupp intern ġdid ta' eu-LISA kien l-istabbiliment tal-EPMO biex ikun hemm governanza interna mtejba. F'Novembru 2017, wara test pilota mwettaq mill-Aġenzija, il-Bord tat-Tmexxija adotta regoli dwar l-evalwazzjoni "ex ante" skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija. L-evalwazzjonijiet "ex ante" issa huma parti mir-responsabbiltajiet tal-EPMO.

Matul is-sena tnediet attività preparatorja għall-iżvilupp tal-ABB. Din kienet tikkonsisti fit-tfassil ta' mudell ta' livell għoli għall-aggregazzjoni tal-kostijiet diretti u indiretti tal-eżekuzzjoni tal-mandat tal-Aġenzija, u reviżjoni tat-Titolu 3 tal-baġit tal-Aġenzija mis-sena finanzjarja tal-2019, biex tkun tista' ssir kategorizzazzjoni aktar preċiża tal-kostijiet fl-attivitajiet operazzjonali. Kuntratt ma' konsulent għall-iżvilupp ta' mudell ABB ġie ffirmat fi tmiem l-2017, bl-attivitajiet li huma mistennija jibdew fit-tieni trimestru tal-2018.

Fl-2017, b'appoġġ tal-implimentazzjoni ta' sistema totali ta' ġestjoni tal-kwalità bbażata fuq is-CAF, grupp ta' assessuri interni ppreżenta l-ewwel rapport ta' awtovalutazzjoni billi uża l-metodoloġija CAF. Bħala l-pass li jmiss, wara diskussjonijiet interni, tfassal pjan ta' azzjoni msejjes fuq l-eżiti tal-valutazzjoni li għandu jiġi implimentat.

Fl-2017, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-bini tal-kwartieri ġenerali l-ġodda f'Tallinn mill-Ministru tal-Intern tal-Estonja u mid-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA. Il-bini hu mistenni li jitlesta fil-bidu tas-sajf tal-2018. Fi Strasburgu, l-Aġenzija

bdiet tuża l-bini l-ġdid, u b'hekk għenet biex tnaqqas il-piż fuq il-persunal dovut għal nuqqas ta' biżżejjed spazju fejn jaħdem.

## 2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

eu-LISA hi ffinanzjata minn sorsi ta' finanzjament differenti[15]. Id-dħul prinċipali jiġi minn sussidju tal-UE, approvat fuq bażi annwali mill-awtorità tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea[16].

Bħala parti mill-qafas tar-rapportar annwali tagħha, l-Aġenzija tippubblika r-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha, li jistgħu jgħinu biex jiġu sottolinjati l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom l-Aġenzija kienet kapaċi timmaniġġa l-infiq tagħha matul il-perjodu ta' rapportar.

**Implimentazzjoni tal-baġit 2017**

Fl-2017, eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' EUR 153.3 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 67.7 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti mis-sussidju tal-UE.

Il-Bord tat-Tmexxija approva żewġ emendi għall-baġit:

- EUR 67.6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament dovuti għall-adozzjoni ttardjata tal-bażi ġuridika għas-Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ, għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac u għall-Allokazzjoni ta' Dublin[17];
- EUR 18-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament, li ma kinux meħtieġa fil-ġestjoni tal-operazzjonijiet.

Dawn kellhom l-impatt li ġej fuq il-baġti inizjali approvat tal-2017:

| Baġit | Approprjazzjonijiet ta' impenn | | Approprjazzjonijiet ta' pagament | |
|---|---|---|---|---|
| | Miljuni ta' Euro | % mill-baġit inizjali approvat | Miljuni ta' Euro | % mill-baġit inizjali approvat |
| Baġit inizjali approvat 2017 | 153.3 | 100 % | 153.3 | 100 % |
| Baġit emendatorju nru 1 | | | -67.6 | -44.1 % |
| Baġit emendatorju nru 2 | | | -18.0 | -11.7 % |
| **Baġit finali adottat** | **153.3** | **100 %** | **67.7** | **44.2 %** |

Sal-aħħar tas-sena l-Aġenzija kisbet rata ta' implimentazzjoni għolja tal-baġit finali adottat:

- 100 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn;
- 100 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva tal-2017 għall-2018.

**Eżekuzzjoni tal-approprjazzjoni ta' impenn**

Il-krediti ta' impenn (C1) ivvutati għall-2017 kienu maqsumin fost it-titoli differenti kif ġej: 83.3 % għall-baġit operatorju (Titolu 3), 6.2 % għall-infrastruttura u n-nefqa operattiva (Titolu 2) u 9.5 % għan-nefqa fuq il-persunal (Titolu 1). Il-graffs hawn taħt juru l-implimentazzjoni tal-baġit skont it-titolu fi tmiem is-sena.

Dettall tan-nefqa operazzjonali (Titolu 3): minħabba n-natura pluriennwali tal-kuntratti użati b'appoġġ għal operazzjonijiet fundamentali, EUR 121.5 miljun fl-approprjazzjonijiet ta' impenn miftuħa tal-2017 ġew awtomatikament riportati u ser jitħallsu fl-2018 u fis-snin sussegwenti. Għal tqassim dettaljat, ara l-Anness II.

eu-LISA implimentat 100 % mill-baġit operattiv, li ammonta għal EUR 127.7 miljun. Il-graff turi t-tqassim tal-baġit operattiv skont il-kapitolu.

15 L-Artikolu 32 tar-Regolament ta' Stabbiliment.
16 Dan is-sussidju jirreferi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament C1 (krediti vvutati tas-sena finanzjarja attwali).
17 Bil-proċedura bil-miktub 2016-164 tat-12.12.2016 għall-adozzjoni tal-baġit annwali, l-Aġenzija informat lill-Bord tat-Tmexxija kif ġej: "Fl-2017, l-Aġenzija għandha titlob lill-Bord tat-Tmexxija biex jadotta baġit emendatorju biex jitroddu lura l-approprjazzjonijiet ta' pagament previsti fil-baġit tal-UE li jisbqu l-istimi riveduti tad-dħul u tan-nefqa sottomessi mill-Aġenzija."










L-adozzjoni ttardjata tal-bażi ġuridika għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac u għall-Allokazzjoni ta' Dublin skattat, b'konsultazzjoni minn qabel tal-Bord tat-Tmexxija, l-implimentazzjoni ta' impenji[18] sostanzjali globali (L1) biex ma jintilfux l-approprjazzjonijiet korrispondenti, li l-użu tagħhom kien ippjanat fid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi mehmuża mill-Kummissjoni Ewropea mal-proposti leġiżlattivi korrispondenti. Madankollu, miżuri bħal dawn huma ta' natura temporanja, u hemm riskju li dewmien ulterjuri fl-adozzjoni tal-bażi ġuridika (Riformulazzjoni tal-Eurodac u Allokazzjoni ta' Dublin), jew fid-disponibbiltà tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni dwar l-EES, jistgħu jwasslu biex iċ-ċiklu tal-akkwist ma jippermettix il-konsum tal-impenji globali fl-2018, li jkun jirriżulta fit-tħassir tal-approprjazzjonijiet riportati. Ta' min isemmi wkoll li l-adozzjoni tal-impenji L1 fl-2017 aktarx li ser ikollha effett kaskata fuq is-snin finanzjarji futuri.

### Implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament

Il-baġit totali approvat għall-approprazzjonijiet ta' pagament kien jammonta għal EUR 67.7 miljun.

Fi tmiem l-2017, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-krediti C1 laħqet il-100 %, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2018. Il-graffs hawn isfel juru l-qsim tal-baġit totali skont it-titolu u l-konsum ġenerali tal-krediti ta' pagament matul is-sena 2017.

---

18 L-impenji globali adottati jinkludu EUR 54.5 miljun għall-EES, EUR 11.3 miljun għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac u EUR 1.8 miljun għall-Allokazzjoni ta' Dublin.







Barra minn hekk, 87.8 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2016 għall-2017 f'nefqa amministrattiva ġew implimentati.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn fit-Titolu 1 (Nefqa fuq il-Pesunal)19 li jammontaw għal EUR 0.4 miljun u fit-Titolu 2 (Nefqa għall-Infrastruttura u Nefqa Operazzjonali) li jammontaw għal EUR 5.3 miljun, li għadhom ma ġewx ikkunsmati permezz ta' pagamenti fl-2017 u li għalihom jeżisti impenn legali validu, għandhom jiġu riportati għall-2018, flimkien mal-approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti.




Fi ħdan Titolu 3, l-akbar sehem ta' approprjazzjonijiet ta' pagament intefaq għal VIS/BMS. Il-graff hawn fuq turi d-disaggregazzjoni tal-krediti ta' pagament implimentati għall-baġit operattiv.

### Indikatur tal-prestazzjoni: żmien biex tħallas

B'kollox twettqu 2 555 tranżazzjoni ta' pagament fl-2017, 11.5 % anqas mill-2016: 2 412-il tranżazzjoni b'dewmien massimu tal-pagament ta' 30 jum, 31 pagament b'dewmien massimu tal-pagament ta' 45 jum, 110 b'dewmien massimu tal-pagament ta' 60 jum, 1 b'dewmien massimu tal-pagament ta' 5 ijiem, u 1 b'dewmien speċjali tal-pagament ta' 35 jum.

Iż-żmien medju għall-ħlas għat-tipi kollha ta' pagamenti baqa' ferm fi ħdan it-terminu kuntrattwali. Għaż-żewġ kategoriji ewlenin kien ta' 14.2-il jum (għal pagamenti ta' 30 jum) u ta' 35.4 jum (għal pagamenti ta' 60 jum).

19 L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament relatati mar-salarji u mal-allowances ma jistgħux jiġu riportati.







B'mod ġenerali, 93.8 % tat-tranżazzjonijiet kollha tħallsu fi ħdan it-terminu kuntrattwali. Kien hemm 159 pagament ittardjat, li tlieta minnhom irriżultaw f'imgħax tardiv li ammonta għal EUR 960.21 imħallas lill-kuntratturi.

## Proċeduri ta' akkwist

Fl-2017, eu-LISA tat total ta' 405 kuntratti, li 74 minnhom segwew il-proċeduri ta' akkwist dirett imnedija mill-Aġenzija; il-263 l-oħra ngħataw bħala kuntratti/ordnijiet speċifiċi fl-ambitu ta' kuntratti qafas diġà stabbiliti ta' eu-LISA jew interistituzzjonali.

Il-proċeduri nnegozjati kienu l-aktar proċeduri użati b'mod komuni fl-2017 (53 għal akkwisti ta' valur baxx), segwiti minn żewġ proċeduri miftuħa u minn proċedura ristretta.

Fl-2017, eu-LISA ffirmat kuntratt qafas importanti għas-sistemi tal-IT wara l-proċedura ristretta: dan kien għaż-Żamma f'Kundizzjoni Funzjonali tas-Sistema tal-Eurodac u għal ammont massimu stmat ta' EUR 22 690 000.00.

L-ewwel fażi tal-proċedura ristretta tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tnediet fl-2017, u hekk ukoll il-proċedura ristretta għall-kuntratt qafas il-ġdid tal-MWO għas-SIS II, peress li l-kuntratt kurrenti jiskadi fl-2018.

## 2.4. Immaniġġjar tar-riżorsi umani

**Żviluppi**

Fl-2017, l-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-immaniġġjar tar-riżorsi umani kienu ffokati fuq l-objettiv, stabbilit fid-Dokument ta' Programmazzjoni 2017, ta' żamma u ta' żvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u tal-ħiliet, b'mod parallel mal-perkorsi personalizzati ta' żvilupp tal-impjegati.

L-attivitajiet imwettqa servew biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni effettiva tal-politika dwar l-HR, opportunitajiet ta' tagħlim u ta' żvilupp għall-persunal biex jissaħħu l-ħiliet tekniċi, intanġibbli, maniġerjali jew amministrattivi tagħhom, u l-implimentazzjoni ta' servizz effettiv ta' amministrazzjoni tal-persunal. Ingħatat attenzjoni lir-reklutaġġ tal-persunal addizzjonali għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. L-Aġenzija bdiet bil-ħidma fuq l-iżvilupp tal-Politika dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jmur lil hinn mill-immaniġġjar tar-riżorsi umani u li se tiġi implimentata fis-snin li ġejjin.

**Tagħlim u żvilupp**

Ir-riżultati tal-analiżi annwali tal-ħtiġijiet ta' taħriġ għall-2017 ġew riflessi fit-taħriġ offrut lill-membri tal-persunal u lill-organizzazzjoni. Il-kisbiet ewlenin fl-2017 kienu l-iżvilupp ulterjuri tal-iLearn (is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim ta' eu-LISA), l-iżvilupp ulterjuri tal-Qafas ta' Kompetenza ta' eu-LISA, l-implimentazzjoni tal-Pjan Annwali ta' Tagħlim, u l-istħarriġ ta' involviment tal-persunal u s-segwitu għal dan. Barra minn hekk, it-tim tat-Tagħlim u tal-Iżvilupp ipprovda approċċ iffokat fuq l-għalliema/il-persunal fid-diversi workshops u attivitajiet ta' involviment li twettqu. Dawn l-attivitajiet kollha kkontribwixxew għall-kisba tal-għanijiet u tal-objettivi strateġiċi u operazzjonali tal-Aġenzija, bl-enfasi fuq l-iżvilupp tal-ħiliet neċessarji u fuq il-provvista ta' taħriġ tekniku lill-persunal fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet.

L-infografika ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet organizzati f'eu-LISA u l-indikaturi għal kull waħda minnhom.

**Attivitajiet u indikaturi li jikkonċernaw it-tagħlim u l-iżvilupp fl-2017**



| SUMMARY | SOMMARJU |
|---|---|
| Training requests processed | Talbiet ta' taħriġ proċessati |
| In-house trainings organised | Taħriġijiet interni organizzati |
| University studies facilitated | Studji tal-università faċilitati |
| Unique logins in iLearn | Ismijiet tal-illoggjar uniku f'iLearn |
| Newsletters sent | Bullettini mibgħuta |
| Team buildings organised | Sessjonijiet ta' bini ta' tim organizzati |

| TRAININGS | TAĦRIĠIJIET |
|---|---|
| TRAINING DAYS | JIEM TA' TAĦRIĠ |
| Total | Total |
| Training days per person | Jiem ta' taħriġ għal kull persuna |
| STRASBOURG | STRASBURGU |
| TALLINN | TALLINN |
| Training days | Jiem ta' taħriġ |
| Training days per person | Jiem ta' taħriġ għal kull persuna |
| 5.2 | 5.2 |
| 6.2 | 6.2 |
| 3.4 | 3.4 |







| SATISFACTION | SODISFAZZJON |
|---|---|
| General Satisfaction of Courses | Sodisfazzjon Ġenerali bil-Korsijiet |
| Staff Satisfaction with Learning and Development Activities | Sodisfazzjon tal-Persunal bl-Attivitajiet ta' Tagħlim u ta' Żvilupp |
| Very Satisfied | Sodisfatti Ħafna |
| Satisfied | Sodisfatti |
| Neutral | Newtrali |
| Dissatisfied | Mhux sodisfatti |
| 28.07 | 28.07 |
| 15.79 | 15.79 |

| | |
|---|---|
| 57.39 | 57.39 |
| 1.75 | 1.75 |

| | |
|---|---|
| STAFF ENGAGEMENT | INVOLVIMENT TAL-PERSUNAL |

**Pjan ta' Stabbiliment u għadd ta' ħaddiema**

Fl-2017, eu-LISA kellha l-pożizzjonijiet awtorizzati li ġejjin: 131 Aġent Temporanju (AT), 27 Aġent Kuntrattwali (AK) u 9 Esperti Nazzjonali Ssekondati (ENS). In-numru totali ta' pożizzjonijiet fil-Pjan ta' Stabbiliment naqas bi 3 pożizzjonijiet meta mqabbel mal-2018 minħabba tnaqqis fil-persunal u laħaq il-livell ta' 115-il pożizzjoni u fl-istess ħin dan żdied b'16-il pożizzjoni addizzjonali[20]. Ta' min jinnota li l-Pjan ta' Stabbiliment tal-Aġenzija ma jinkludix pożizzjonijiet għal uffiċjali jew pożizzjonijiet klerikali kklassifikati bħala AST/SC. L-Anness IV juri l-Pjan ta' Stabbiliment tal-2017 ta' eu-LISA.

F'termini ta' għadd ta' impjegati, fl-aħħar ta' Diċembru 2017 kien hemm 153 membru tal-persunal full-time: 114 AT, 32 AK u 7 ENS. Minn dawn, 75 AT, 21 AK u 5 ENS kienu impjegati fi Strasburgu, 39 AT, 8 AK u 2 ENS kienu qed jaħdmu f'Tallinn, u 2 AK kienu jinsabu fl-Uffiċċju ta' Kollegament ta' eu-LISA fi Brussell.

Il-persunal tal-Aġenzija kien jirrappreżenta 21 nazzjonalità. 26 % tal-persunal (40) kienu nisa, filwaqt li 74 % (113) kienu rġiel.

Il-graff ta' hawn taħt turi n-numru ta' membri tal-persunal ta' eu-LISA skont it-tip ta' kuntratt u maqsuma bejn l-uffiċċji tal-Aġenzija.

**Kategoriji tal-persunal ta' eu-LISA: status fil-31 ta' Diċembru 2017**




L-Aġenzija offriet ukoll opportunitajiet ta' internship. Fi tmiem l-2017, kien hemm żewġ *interns* li jinsabu f'Tallinn u wieħed fi Brussell.

20 Dan in-numru jinkludi 14-il pożizzjoni għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u għar-Riformulazzjoni tal-Eurodac, li ma setgħux jimtlew sa tmiem is-sena minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti. Fiż-żmien tal-abbozzar ta' dan ir-rapport, ġew aċċettati seba' offerti ta' impjieg bid-dati tal-bidu li jaħbtu bejn is-16 ta' Jannar u l-1 ta' Marzu 2018.

**Struttura organizzazzjonali**

Fl-2017, saru t-tibdiliet li ġejjin fl-istruttura organizzazzjonali ta' eu-LISA:

- l-istruttura organizzazzjonali tal-Unità Ġenerali ta' Koordinazzjoni (GCU) ġiet riveduta u t-tibdiliet fis-setturi fil-GCU ġew approvati;
- inħoloq is-Settur tal-Uffiċċju tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriża li jirrapporta direttament għand id-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA.

F'Novembru 2017 ġiet sottomessa proposta għall-istruttura organizzazzjonali l-ġdida ta' eu-LISA lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija. It-tibdiliet fl-istruttura organizzazzjonali huma neċessarji minħabba l-adozzjoni tar-Regolament rivedut, ippjanata għall-2018, u tar-regolamenti mistennija dwar is-sistemi u l-kompiti l-ġodda li se jiġu allokati lil eu-LISA fl-2018/2019 (eż. ETIAS, Riformulazzjoni tal-Eurodac, Riformulazzjoni tas-SIS II, interoperabbiltà tas-sistemi tal-UE, eċċ.). Dawn il-proġetti l-ġodda se jirriżultaw f'żieda fin-numru ta' persunal tal-Aġenzija, li se jirdoppja sa tmiem l-2019. Bħalissa, il-proposta qed tiġi diskussa mal-Kummissjoni Ewropea.

L-organigramma ta' eu-LISA li turi l-istatus fil-31 ta' Diċembru 2017 hi ppreżentata fl-Anness III.

**Indikaturi tal-Prestazzjoni fil-qasam tar-riżorsi umani**

L-Aġenzija stabbiliet indikaturi tal-prestazzjoni[21] (KPIs) għall-oqsma relatati mal-HR. Dawn iservu sabiex ikejlu r-rata ta' assenteiżmu, id-dawran tal-persunal, l-indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal u l-involviment tal-persunal.

Il-KPI tar-rata ta' assenteiżmu kien ta' 22 %, meta mqabbel mal-23 % fl-2016, filwaqt li l-mira kienet li tinżamm taħt il-25 %.

Id-dawran tal-persunal li telaq kien ta' 3.27 % hekk kif 5 impjegati ħallew l-organizzazzjoni fl-2017. Dan hu anqas mill-KPI referenzjarju ta' 5% stabbilit għad-dawran. Il-kwartieri ġenerali f'Tallinn kienu affettwati aktar, hekk kif id-dawran tal-persunal hemmhekk laħaq il-5.13%.

**Id-dawran tal-persunal fl-2017 maqsum skont is-sit u t-tip ta' kuntratt**

| Dawran tal-persunal 2017 | | | |
|---|---|---|---|
| Tip ta' persunal | Strasburgu | Tallinn u Brussell | eu-LISA sħiħa |
| AT | 2.67 % | 5.13 % | 3.51 % |
| AK | 4.76 % | 0.00 % | 3.13 % |
| ENS | 0.00 % | 0.00 % | 0.00 % |
| Kollha | 2.97 % | 3.85 % | 3.27 % |

L-indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal kien ftit anqas mill-mira stabbilita għall-KPI (il-mira kienet ta' 100 % tal-valutazzjonijiet imwettqa) u laħaq id-99 %. Dan kien ikkawżat minn każ wieħed ta' inabilità li titlesta l-valutazzjoni għal raġunijiet oġġettivi. Barra minn hekk, intlaħqet mira tal-KPI ta' aktar minn 10 % tal-prestazzjoni fl-ogħla livell u anqas minn 5 % f'livell baxx. Din laħqet l-10.3 % għall-prestazzjoni tal-livell I (l-aħjar prestazzjoni) u 76 % għall-prestazzjoni tal-livell I u tal-livell II (prestazzjoni lil hinn mill-aspettattivi). Ma kien hemm l-ebda każ irrapportat ta' prestazzjoni baxxa (mhux sodisfaċenti).

L-involviment tal-persunal tkejjel billi ġie evalwat il-perċentwal ta' persunal li wieġeb għall-Istħarriġ dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal. Dan il-KPI laħaq it-88 % fl-2017 u l-valur fil-mira kien ta' 80 % jew aktar.

21 Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva ta' eu-LISA; dan id-dokument ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA fil-15 ta' Marzu 2015 (ref. 2015-042) u t-talba għat-tibdil lill-Bord tat-Tmexxija biex jinbidlu l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni Korporattiva tal-Aġenzija (ref. 2016-127) hi minn Ottubru 2016.

**Skemi ta' liv kumpensatorju**

L-Aġenzija hi meħtieġa, skont il-paragrafu 28 tar-Rapport ta' Kwittanza tal-Parlament "Kwittanza 2011: prestazzjoni, ġestjoni u kontroll finanzjarju tal-aġenziji tal-UE"[22] tirrapporta n-numru ta' ġranet ta' liv awtorizzat lil kull grad taħt l-iskemi tal-ħin flessibbli u tal-liv kumpensatorju.

Il-ħin flessibbli hu mudell ta' xogħol difolt applikat b'analoġija f'eu-LISA f'konformità mar-Regola ta' Implimentazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol[23]. Il-mandat tal-Aġenzija huwa li toffri s-servizzi tagħha lill-Istati Membri fuq bażi kontinwa (24/7); dan jimplika li xi wħud mill-persunal jaħdmu xiftijiet jew stand-by. L-interventi fuq is-sistemi tal-IT immexxija mill-Aġenzija jeħtieġu, minn żmien għall-ieħor, li x-xogħol jitwettaq barra mill-ħinijiet regolari tal-uffiċċju, inkluż billejl jew fi btajjel pubbliċi. Għalhekk, il-kumpens għas-sahra miksub taħt il-ħin flessibbli, waqt interventi waqt dmirijiet stand-by jew għal proġetti partikolari, hu karatteristika inerenti fl-operat tal-organizzazzjoni.

It-tabella ta' hawn taħt turi n-numru ta' ġranet ta' liv mogħtija bħala kumpens għas-sahra, maqsum skont il-grupp funzjonali u l-grad ta' membru tal-persunal, u n-numru medju ta' ġranet ta' dawk assenti.

| Grupp funzjonali u grad | Sahra kkumpensata | Stand-by ikkumpensat | Ħin flessibbli kkumpensat |
|---|---|---|---|
| AD 5 | 1.0 | 1.3 | 36.2 |
| AD 6 | 10.7 | 3.1 | 130.7 |
| AD 7 | 5.0 | 0.9 | 111.1 |
| AD 8 | 22.9 | 2.8 | 146.8 |
| AD 9 | 6.0 | 2.8 | 49.4 |
| AD 10 | 0.0 | 1.3 | 22.5 |
| AD 11 | 2.0 | 0.0 | 30.5 |
| AD 12 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AD 13 | 0.0 | 0.0 | 2.0 |
| AD 14 | 2.0 | 0.0 | 0.0 |
| AD 15 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AD 16 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST 1 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST 2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST 3 | 2.0 | 0.0 | 8.5 |
| AST 4 | 7.0 | 0.1 | 24.6 |
| AST 5 | 4.0 | 0.0 | 7.5 |
| AST 6 | 0.0 | 1.1 | 24.4 |
| AST 7 | 0.0 | 0.0 | 20.0 |
| AST 8 | 0.0 | 0.3 | 21.8 |
| AST 9 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST 10 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| AST 11 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| **Numru totali ta' ġranet** | **62.6** | **13.5** | **636.0** |
| **Numru ta' persuni** | **24** | **13** | **77** |

22 P7_TA(2013) 0134.
23 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħin tax-xogħol tal-15 ta' April 2015, C(2014) 2502 adottata mill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA fil-15 ta' April 2015.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru medju ta' ġranet fuq liv** | **6.92** | | |
| FG III 9 | 0.0 | 0.0 | 7.5 |
| FG IV 13 | 8.3 | 0.0 | 29.9 |
| FG IV 14 | 12.3 | 4.1 | 62.9 |
| FG IV 15 | 0.0 | 0.0 | 16.5 |
| FG IV 16 | 0.0 | 0.5 | 16.0 |
| FG IV 17 | 0.0 | 0.0 | 1.5 |
| **Numru totali ta' ġranet** | **20.6** | **4.6** | **134.2** |
| **Numru ta' persuni** | **5** | **3** | **23** |
| **Numru medju ta' ġranet fuq liv** | **5.53** | | |
| ENS | 2.9 | 74.1 | 49.5 |
| **Numru totali ta' ġranet** | **2.9** | **74.1** | **49.5** |
| **Numru ta' persuni** | **1** | **5** | **5** |
| **Numru medju ta' ġranet fuq liv** | **8.74** | | |
| **Numru TOTALI ta' ġranet** | 86.2 | 92.2 | 819.7 |
| **Numru TOTALI ta' persuni:** | 30 | 21 | 105 |
| **Medja globali** | **6.71** | **4.39** | **7.81** |

Iċ-ċifri ta' hawn taħt juru n-numru ta' ġranet ta' liv kumpensatorju għas-sahra (CO) u l-interventi waqt stand-by (SBD) u l-perċentwali li jikkostitwixxu.

**Numru ta' ġranet u perċentwal ta' liv kumpensatorju għas-sahra (CO) u l-interventi waqt dmirijiet stand-by (SBD) tal-Aġenti Temporanji, skont il-grad**



**Numru ta' ġranet u perċentwal ta' kumpens għall-ħin flessibbli tal-Aġenti Temporanji, skont il-grad**




## Deskrizzjoni tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' skrinjar/valutazzjoni komparattiva

eu-LISA wettqet ir-raba' eżerċizzju tagħha ta' valutazzjoni komparattiva biex tidentifika l-proporzjon ta' persunal amministrattiv għal persunal operazzjonali biex twieġeb għar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju Qafas, li jistipula li l-aġenziji kollha għandhom iwettqu dan l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva fuq bażi annwali biex jiġġustifikaw in-nefqa amministrattiva b'mod aktar strutturat u trasparenti. L-eżerċizzju ta' skrinjar twettaq skont il-metodoloġija maqbula mill-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Aġenziji Ewropej. Dan ġie applikat għall-pożizzjonijiet kollha ta' eu-LISA okkupati f'Diċembru 2017. Ir-riżultati tal-iskrinjar tal-2017 huma murija fit-tabelli fl-Anness IV

Kien hemm tnaqqis ħafif fil-perċentwal tal-pożizzjonijiet operazzjonali fl-2017; dan naqas b'1.28 punt perċentwali għaliex 16-il pożizzjoni operazzjonali addizzjonali ma ġewx skrinjati, peress li ma setgħux jimtlew qabel ma jiġu adottati l-istrumenti legali rigward is-Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ u r-Riformulazzjoni tal-Eurocast, li għalihom kienu ġew allokati. Dawn se jiġu inklużi fl-eżerċizzju ta' parametraġġ referenzjarju tal-2018.

Il-perċentwal ta' pożizzjonijiet amministrattivi kien ftit ogħla fl-2017 milli fl-2016, u żdied minn 15.91 % għal 17.00 %, minħabba li kellhom jinħolqu ftit pożizzjonijiet addizzjonali biex jitwettqu l-kompiti rilevanti u mhux il-pożizzjonijiet operazzjonali kollha ġew skrinjati. Il-perċentwal tal-pożizzjonijiet newtrali baqgħu fl-istess livell.

Tqassim ulterjuri tat-tipi ta' pożizzjonijiet f'kategoriji juri li fil-pożizzjonijiet operazzjonali kien hemm żieda ħafifa fil-perċentwal tal-pożizzjonijiet ta' ġestjoni tal-programm (minn 4.53 % għal 6 %) u tnaqqis ħafif fil-perċentwal tal-pożizzjonijiet operazzjonali ġenerali (minn 60.74 % għal 58 %).

Skont l-Iskeda Analitika[24] Nru 15 dwar l-Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani fl-aġenziji deċentralizzati tal-UE, il-persunal amministrattiv "jirrappreżenta 30 % mill-persunal tal-aġenziji". Jekk dan jintuża bħala referenza, il-proporzjon tal-parametraġġ referenzjarju f'eu-LISA hu ferm anqas minn dak il-livell. L-Aġenzija tqis li proporzjon tajjeb għandu jibqa' fil-livell ta' 2 % tal-pożizzjonijiet fl-Appoġġ u fil-Koordinazzjoni Amministrattivi. Dan kien ibbilanċjat minn proporzjon ogħla ta' pożizzjonijiet ta' appoġġ amministrattiv applikati għall-appoġġ estern, kif deher fil-valutazzjoni komparattiva tal-fornituri esterni ta' servizzi (intra-muros). Dan il-bilanċ se jibqa' neċessarju sakemm l-Aġenzija tkun qiegħda tikber fin-numru ta' persunal operazzjonali u ma jkunx hemm biżżejjed persunal għall-pożizzjonijiet amministrattivi biex jappoġġja l-operazzjonijiet. Madankollu, ta' min jindika li n-numru ta' pożizzjonijiet

24 https://europa.eu/european-union/sites/europaeu/files/docs/body/fiche_15_sent_to_ep_cons_2011-07-20_en.pdf

operazzjonali żdiedu fl-2017 meta mqabbla mal-2016 bi 8 punti perċentwali u li l-pożizzjonijiet newtrali bi 2.42 punti perċentwali, filwaqt li l-pożizzjonijiet amministrattivi jirrappreżentaw 46.42 %, 10 punti perċentwali anqas mill-2016.

L-Anness IV tar-rapport fih tabelli li jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

- il-Pjan ta' Stabbiliment 2017 ta' eu-LISA;
- il-livelli li bihom huma rappreżentati f'eu-LISA r-rwoli ewlenin elenkati mill-Kummissjoni Ewropea għall-valutazzjoni komparattiva ta' funzjonijiet ewlenin;
- it-tqabbil tar-riżultati tal-eżerċizzji ta' valutazzjoni komparattiva li saru fl-2016 u fl-2017 kemm għall-membri tal-persunal kif ukoll għall-fornituri esterni ta' servizzi (intra-muros).

## 2.5. Valutazzjoni mill-maniġment

L-Istandards tal-Kontroll Intern tal-Aġenzija (kif deskritti fl-Artikolu 30, fl-Artikolu 44(2) u fl-Artikolu 47(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija) ġew adottati b'mod formali mill-Bord tat-Tmexxija bi proċedura bil-miktub fil-15 ta' Ġunju 2014, u li diġà kienu ġew implimentati fl-2013. Is-16-il standard ta' kontroll individwali huma strutturati abbażi ta' sitt oqsma ewlenin: (1) il-missjoni u l-valuri; (2) l-HR; (3) il-proċess ta' ppjanar u ta' ġestjoni tar-riskji; (4) l-operazzjonijiet u l-attivitajiet ta' kontroll; (5) l-informazzjoni u r-rapportar finanzjarju; u (6) l-evalwazzjoni u l-awditjar. Inħatar formalment Koordinatur tal-Kontroll Intern mid-Direttur Eżekuttiv. Is-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija tintegra dawn is-16-il ICS kollha kif adottati minn eu-LISA, u b'hekk tistabbilixxi l-ambjent ġenerali ta' kontroll intern u tipprovdi assigurazzjoni lill-maniġment li l-objettivi qegħdin jintlaħqu, b'kontrolli u bilanċi finanzjarji u operattivi b'saħħithom fis-seħħ. Il-qafas hu mmonitorjat fuq bażi regolari biex ikun assigurat li l-kontrolli fis-seħħ jaħdmu b'mod effettiv.

## 2.6. Kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit fdati lil servizzi u entitajiet oħra

L-Aġenzija ma inkarigatx l-implimentazzjoni tal-baġit lil servizzi jew lil entitajiet oħra.

## 2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar matul is-sena tar-rapportar

### 2.7.1. Servizz tal-Awditjar Intern

Fl-2017, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (l-IAS) għamel awditu ta' aċċertament fuq il-kontrolli fuq il-proċess tal-akkwist f'eu-LISA[25].

L-objettiv tal-awditu kien li jivvaluta l-adegwatezza tat-tfassil u l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll intern għall-proċess tal-akkwist pubbliku f'eu-LISA.

L-ambitu tal-awditu kien jinkludi l-ambjent ta' kontroll, inklużi d-disinn u l-impilmentazzjoni tal-kontrolli ewlenin fuq l-istadji importanti ewlenin tal-proċess tal-akkwist. Il-kontrolli ġew rieżaminati biex jiġi vvalutat jekk dawn jikkontribwixxux b'mod effettiv għall-ilħuq minn eu-LISA tal-objettivi tal-akkwist tagħha u finalment għas-salvagwardja tal-aħjar valur għall-flus.

Bħala konklużjoni, l-IAS jirrikonoxxi li l-kontrolli fuq il-proċess tal-akkwist f'eu-LISA jappoġġjaw il-kisba tal-objettivi operazzjonali ewlenin tal-Aġenzija (bħall-operazzjoni 24 siegħa kuljum mingħajr interruzzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li hi timmaniġġja). Madankollu, l-IAS sab dgħjufijiet sinifikanti li jistgħu jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-konformità mar-rekwiżiti proċedurali.

F'dan il-kuntest, l-IAS identifika żewġ kwistjonijiet *importanti ħafna* relatati mal-istima tal-valur tal-kuntratt u mad-definizzjoni u mad-dokumentazzjoni tal-kontrolli ewlenin fi ħdan il-proċess tal-akkwist kollu. L-IAS identifika wkoll tliet sejbiet *importanti*.

L-Aġenzija, bi qbil mal-IAS, implimentat pjan ta' azzjoni li jindirizza s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu.

### 2.7.2. Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC)

Fl-2017, minbarra li pprovda l-appoġġ tas-soltu lill-awditi esterni, l-IAC ta' eu-LISA ffoka fuq l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati ta' titjib tal-proċessi ta' governanza kif ġej.

**Evalwazzjonijiet "ex ante"**

L-IAC iddefinixxa l-proċess ta' evalwazzjoni "ex ante" tal-proposti tal-proġetti li jimplikaw nefqa sinifikanti. Bħala riżultat, mill-2018, l-Aġenzija se tibda twettaq evalwazzjonijiet "ex ante" tal-proġetti kollha klassifikati bħala "Kbar" wara li tapplika l-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-proġetti kif approvati mill-Bord tat-Tmexxija. Il-klassifikazzjoni adottata hi konformi mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 29(5) tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, li jeħtieġ li jitwettqu evalwazzjonijiet "ex ante" għal nefqiet sinifikanti. L-IAC għadda l-proċess ta' evalwazzjoni "ex ante" lill-Uffiċċju tal-Ġestjoni tal-Proġetti tal-Intrapriża għall-implimentazzjoni u għar-rapportar. F'Novembru 2018, l-Aġenzija se tirrapporta dwar ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet "ex ante" u tipproponi kwalunkwe aġġustament fil-proċess ta' evalwazzjoni "ex ante" u/jew fil-kriterji ta' klassifikazzjoni tal-proġetti, jekk ikun hemm bżonn.

**Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitt ta' interess**

L-IAC ipproponi politika u regoli għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess f'eu-LISA. Skont dawn, kwalunwke membru tal-persunal tal-Aġenzija ser ikollu jagħmel u/jew jaġġorna dikjarazzjoni tal-interessi kull sena u l-maniġer dirett tiegħu ser ikollu jivverifikaha. Ir-riżultati tal-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit se jiġu ppreżentati

25 Ir-Rapport Finali tal-Awditjar fuq il-kontrolli fuq il-proċess tal-akkwist f'eu-LISA (ref. Ares (2016)7043332 – 19/12/2016).

fir-rapport annwali tal-attività tal-Aġenzija. L-IAC ipproponа rekwiżit simili għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija, għas-sostituti tagħhom u għall-membri tal-Gruppi Konsultattivi, biex jiġi analizzat fl-ewwel parti tal-2018 bl-għan li jiġi adottat.

**Programm tal-IAC ta' Garanzija u ta' Titjib tal-Kwalità (QAIP)**

L-IAC lesta l-proċeduri f'konformità mal-pjan direzzjonali tiegħu tal-QAIP. Ir-riżultat hu li evalwatur estern indipendenti kkonferma li l-attività tal-IAC ġeneralment isseħħ f'konformità mal-Istandards u mal-Kodiċi ta' Etika. Biex jottimiza l-ħidma tiegħu b'mod kontinwu, l-IAC żviluppa pjan bi 12-il azzjoni għall-implimentazzjoni sa tmiem l-2018.

### 2.7.3. Qorti Ewropea tal-Awdituri

Fl-2017, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti) iffinalizzat l-awditu tas-soltu fuq il-Kontijiet Annwali ta' eu-LISA għas-sena finanzjarja 2016.[26] Il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji[27] u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit[28] għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016, u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti ta' dawk il-kontijiet.

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, f'kull rispett materjali, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2016 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità tagħha adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li huma l-bażi tal-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016 huma legali u regolari f'kull aspett materjali.

Il-Qorti għamlet seba' kummenti li ma jixħtux dubji fuq l-opinjonijiet ta' hawn fuq. Il-kummenti huma dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, il-kontrolli interni, il-ġestjoni baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba kif ġej:

- il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet: impenji formalizzati ex post;
- il-kontrolli interni: pjan ta' azzjoni fis-seħħ li jirriżulta mill-awditu tal-IAS fuq l-Operazzjonijiet;
- il-ġestjoni baġitarja: livell għoli ta' riporti;
- il-ġestjoni finanzjarja tajba: il-kuntratt tal-kostruzzjoni mħallsa bis-sħiħ għad li anqas minn nofs ix-xogħol tlesta;
- il-ġestjoni finanzjarja tajba: l-akkwisti li fihom l-Aġenzija ma fittxitx l-aktar soluzzjoni ekonomika;
- il-ġestjoni finanzjarja tajba: riskju potenzjali għall-kompetittività tal-proċedura, peress li l-kumpanija li żviluppat it-teknoloġija tal-BMS ma kinitx obbligata b'kuntratt biex tagħti aċċess kummerċjali lil kwalunkwe offerent;
- il-ġestjoni finanzjarja tajba: pjan ta' azzjoni fis-seħħ li jirriżulta mill-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija.

Is-sejbiet kollha ġew indirizzati mill-Aġenzija.

26 Ir-rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2016, flimkien mat-tweġiba tal-Aġenzija. https://www.eca.europa.eu/en/Pages/DocItem.aspx?did=42033
27 Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-fluss tal-flus, id-dikjarazzjoni tal-bidliet fl-assijiet netti u sommarju tal-linji politiċi kontabilistiċi sinifikanti u noti ta' spjega oħrajn.
28 Dawn jinkludu l-kont tal-eżitu baġitarju u l-anness għall-kont tal-eżitu baġitarju.

## 2.8. Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-awditi

L-IAC tal-Aġenzija timmonitorja u ssegwi b'mod regolari s-sitwazzjoni attwali tal-pjanijiet ta' azzjoni li eu-LISA poġġiet fis-seħħ wara diversi rakkomandazzjonijiet tal-awditjar.

Fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha hemm ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-awditu miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2017, klassifikati bħala "Kritiċi" jew "Importanti Ħafna" (kif indikat fil-mudell tar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività — CAAR), u maħruġa mill-awdituri li ġejjin:

- is-Servizzi tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS);
- il-Kapaċità tal-Awditjar Intern ta' eu-LISA (IAC);
- il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).

Ir-rapport jippreżenta kemm ir-riżultat tal-monitoraġġ (l-istatus tal-pjanijiet ta' azzjoni kif iddikjarat mill-maniġment u mis-sidien tal-azzjonijiet) kif ukoll ir-riżultati tas-segwitu tal-awdituri. Biex jikkonfermaw l-għeluq (taħt l-intestatura "Magħluqa" fit-tabella fil-qosor hawn taħt), l-awdituri wettqu s-segwitu annwali għal dawk il-pjanijiet ta' azzjoni ddikjarati bħala "Implimentati" (jiġifieri valutazzjoni, mill-awditur, tal-evidenza pprovduta u miġbura).

**L-istat tal-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni**

**Fil-31 ta' Diċembru 2017, ebda kwistjoni "Kritika" ma kienet miftuħa**

L-Aġenzija kellha 23 rakkomandazzjoni tal-awditjar klassifikati bħala "Importanti Ħafna" miftuħa. Minn dawn, disa' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar kienu nħarġu fi tmiem l-2017 u huma mmarkati hawn taħt bħala "Ġodda", u l-pjanijiet ta' azzjoni għalihom qed jiġu miftiehma. Mill-14-il rakkomandazzjoni li jifdal fil-kamp ta' applikazzjoni, l-Aġenzija rrapportat 6 rakkomandazzjonijiet bħala "Implimentati" (jew "Lesti għar-rieżami"): 2 għall-IAS, 4 għall-ECA u l-ebda għall-IAC.

**L-IAS segwa** u għalaq[29] iż-żewġ rakkomandazzjonijiet iddikjarati bħala "Implimentati", jiġifieri:

- Rak. ID #2015052620 — *Tlestija tal-istabbiliment ta' manwal komprensiv dwar il-proċess u tar-rapportar tal-eċċezzjonijiet* (mir-rapport tal-awditjar tal-IAS dwar ir-rieżami limitat fuq l-implimentazzjoni tal-Istandards ta' Kontroll Intern f'eu-LISA magħmul fl-2015);
- Rak. ID #2016121944 — *Konformità mal-proċeduri u manutenzjoni preċiża tal-fajls dwar il-persunal* (mill-awditu tal-IAS dwar l-Ippjanar u l-Allokazzjoni tal-Persunal, Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni u Promozzjoni, u Taħriġ magħmul fl-2016).

**Il-QEA tat segwitu għas-**sitt osservazzjonijiet magħmula fis-snin preċedenti u r-riżultati huma:

- Żewġ rakkomandazzjonijiet[30] ingħalqu bħala mhux applikabbli aktar.
- Żewġ rakkomandazzjonijiet[31] inżammu bħala "kurrenti" għad li l-maniġment ta' eu-LISA asserixxa l-istatus tagħhom bħala "Implimentati".
- Żewġ rakkomandazzjonijiet[32] huma pendenti (għaddiet l-iskadenza). Bi qbil mal-IAS u mal-IAC, l-Aġenzija daħħlet fis-seħħ pjan ta' azzjoni li jindirizza l-kawżi tas-sejbiet tal-ECA. Madankollu, l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni tiddependi mill-allokazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-persunal addizzjonali, bħalissa niqsin fl-Aġenzija, eż. appoġġ għall-uffiċjal legali, ġestjoni tal-bejjiegħa, analist kummerċjali[33].

---

29 Komunikazzjoni formali pendenti mill-IAS, mistennija sa tmiem Frar.
30 Rak. ID #2016103037 u rak. ID #2016103038.
31 Rak. ID #201410308 u rak. ID #2016103039.
32 Rak. ID #2016103036 — 13: Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, u rak. ID #201610340 — 16: Kummenti oħra.
33 Konferma pendenti.

**L-IAC ma tax segwitu** għal kwalunkwe waħda mill-ħames rakkomandazzjonijiet li rriżultaw mill-awditi tiegħu, peress li l-ebda waħda minnhom ma kienet lesta għar-rieżami. L-istatus ta' dawn hu kif ġej:

- Żewġ rakkomandazzjonijiet għadhom fil-proċess (rak. ID #2016112841 — *Ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti*, u rak. ID #2017011748 — *Tlestija, manutenzjoni u titjib kontinwu tal-proċess ta' ġestjoni tal-proġetti*).
- Rakkomandazzjoni minnhom hi implimentata b'mod parzjali (u għaddiet l-iskadenza tagħha), li għaliha s-sid tal-azzjoni talab estensjoni ġdida tal-iskadenza sa Diċembru 2018 (rak. ID #2015100924 — *Definizzjoni u organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kuntratti*). Madankollu, l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjoni tiddependi mir-riorganizzazzjoni tal-Aġenzija kif propost lill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017, u dwar l-Istrateġija adottata dwar it-Teknoloġija u Strateġija pendenti dwar is-Servizzi.
- Rakkomandazzjoni minnhom kienet teħtieġ pjan ta' azzjoni rivedut, li ġie maqbul mal-IAC (rak. ID #201404295 — *Prevalenza fuq il-kontroll intern*).
- Rakkomandazzjoni minnhom tal-IAC ingħaqdet ma' rakkomandazzjoni ġdida simili maħruġa mill-IAS (rak. ID #2017011749 — *Stima tal-kost tal-proġetti u negozjar tal-prezzijiet mal-kuntratturi* ngħaqdet mar-rak. ID #2017121959 — *Kontrolli qabel l-istabbiliment ta' kuntratti speċifiċi*).

## Tabella fil-qosor

| Rakkomandazzjonijiet tal-IAS, tal-IAC u tal-QEA skont il-klassifikazzjoni | Total | Ġdida | Implimentata | Għaddejja | Magħquda | Magħluqa | Skaduta |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kritika[a] | **0** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Importanti Ħafna[b] | **23** | 9 | 6 | 4 | 1 | 4 | 3 |
| **Total** | **23** | **9** | **6** | **4** | **1** | **4** | **3** |

Noti: Għall-fini ta' monitoraġġ, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-QEA huma klassifikati bħala "Importanti Ħafna"
Kodiċi tal-qari għall-intestaturi fit-tabella ta' hawn fuq: **Magħquda,** l-awditur għaqqad ir-rakkomandazzjoni ma' waħda simili; **Magħluqa,** l-awditur għalaq il-kwistjoni b'mod formali; **Implimentata,** is-sid tar-rakkomandazzjoni jasserixxi li l-kwistjoni hi lesta għas-segwitu tal-awditur bl-għan li tingħalaq; **Għaddejja,** l-implimentazzjoni qed tipproċedi skont il-pjan u l-iskadenza mhix se tgħaddi jew pjan ta' azzjoni/skadenza ġodda miftiehma mal-awditur; **Skaduta,** ir-rakkomandazzjoni ma ġietx implimentata sal-iskadenza miftiehma; **Ġdida,** qed jiddaħħlu fis-seħħ pjanijiet ta' azzjoni jew l-implimentazzjoni għadha kif bdiet, fil-każ ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa anqas minn 3 xhur qabel id-data ta' rapportar.

[a] Kritika: dgħufija fundamentali fil-proċess awditjat li hi detrimentali fil-livell tal-entità.

[b] Importanti Ħafna: dgħjufija fundamentali fil-proċess awditjat li hi detrimentali għall-proċess sħiħ.

## 2.9. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza

Fiż-żmien tat-tħejjija ta' dan ir-rapport, il-proċedura ta' kwittanza għall-2016 għadha għaddejja. L-Aġenzija ssodisfat l-obbligi kollha tagħha ta' rapportar s'issa favur l-awtoritajiet tal-kwittanza billi tipprovdi feedback suffiċjenti. Għall-informazzjoni, l-istatus tal-pjan ta' azzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tal-proċedura ta' kwittanza (2015) u tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti hu elenkat fit-tabella li ġejja.

| A) Punti fejn għandu jsir titjib/jingħata segwitu | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru** | **Domanda** | **Spjegazzjoni** | **Tweġiba** |
| 1 | Konklużjoni tal-arranġamenti mal-Pajjiżi Assoċjati max-Schengen: x'inhu t-titjib li sar fir-rigward tad-definizzjoni ta' regoli dettaljati għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħidma tal-Aġenzija, inkluża l-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit tal-Aġenzija? (5); | | In-negozjar tal-arranġamenti mal-Pajjiżi Assoċjati max-Schengen jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u l-Aġenzija mhix parti minnha. F'nofs l-2017, il-Kummissjoni informat lill-Aġenzija dwar ir-ratifika mill-parlamenti tan-Norveġja u tal-Iżvizzera tar-Regolament ta' eu-LISA u, għalhekk, iż-żewġ Pajjiżi Assoċjati ġew mistiedna jissieħbu fil-Bord tat-Tmexxija u fil-Gruppi Konsultattivi tal-Aġenzija, bħala Osservaturi. Il-Liechtenstein u l-Iżlanda diġà għandhom status ta' Osservaturi. Minbarra l-parteċipazzjoni tagħhom fil-korpi governattivi tal-Aġenzija, l-esperti tal-Pajjiżi Assoċjati huma mistiedna jieħdu sehem fil-laqgħat tekniċi relatati mat-tmexxija operattiva tas-sistemi. Rigward il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-Aġenzija, mill-2014 'l hawn, il-Pajjiżi Assoċjati raddew lura n-nefqa operazzjonali relatata b'mod dirett mas-sistemi mmaniġġjati. Il-ftehimiet taħt ratifika jipprevedu mekkaniżmu ta' rimborż li jkopri l-baġit sħiħ, li għalih l-Aġenzija qed tħejji metodoloġija ta' allokazzjoni tal-kostijiet fil-qafas tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività mistenni li jitnieda fl-2018. |
| 2 | Titjib tal-proċeduri ta' akkwist: Ir-rapport iħeġġeġ lill-Aġenzija tikkonkludi ftehimiet ma' diversi fornituri jew tiddefinixxi s-servizzi meħtieġa b'mod aktar preċiż. L-Aġenzija għamlet titjib fil-proċeduri ta' akkwist osservati fl-2016? | Jinnota li, wara l-awditu tagħha tal-proċeduri ta' akkwist tal-Aġenzija, il-Qorti kkonkludiet li fl-2015 l-Aġenzija daħlet fi ftehimiet kuntrattwali jew daħlet f'negozjati ma' kuntrattur wieħed mingħajr ma ddefinixxiet bi preċiżjoni s-servizzi mitluba; hu ferm imħasseb, peress li l-ftehimiet iffirmati fl-2015 għandhom riskju għoli li jaġixxu b'mod li jmur kontra l-prinċipju tal-ekonomija u jagħmel ħsara lill-kosteffikaċja tat-tali akkwisti u huma ferm aktar esposti għar-riskju ta' korruzzjoni; josserva li t-tali ftehimiet jistgħu jkomplu jillimitaw il-kompetizzjoni u jżidu d-dipendenza fuq il- | In-negozjar ma' kuntrattur uniku seħħ fi ħdan kuntratt qafas, oriġinarjament mogħti permezz ta' proċeduri kompetittivi ristretti. In-negozjar kultant ikun neċessarju għaliex mhux dejjem ikun possibbli li jiġu definiti bi preċiżjoni r-riżultati kollha fil-mument tal-proċeduri tal-offerti, jew meta r-rekwiżiti operazzjonali jesiġu reviżjoni ta' kuntratt speċifiku eżistenti. L-Aġenzija tagħti b'mod sistematiku l-kuntratti qafas fuq skala kbira b'appoġġ tal-attivitajiet operazzjonali permezz ta' proċeduri kompetittivi. Il-possibbiltà tal-proċeduri tal-offerti bil-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni ġiet esplorata, madankollu n-natura kumplessa tar-rekwiżiti operazzjonali tas-sistemi teħtieġ responsabbiltà kuntrattwali minn tarf sa tarf li tiġi inkarigata lil fornitur/konsorzju uniku. |

| A) Punti fejn għandu jsir titjib/jingħata segwitu | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru** | **Domanda** | **Spjegazzjoni** | **Tweġiba** |
| | | kuntrattur; jagħraf li, b'mod partikolari għas-sistemi mmaniġġjati, fatturi barra mill-kontroll tal-Aġenzija jillimitaw il-possibbiltà ta' ftuħ sistematiku mill-ġdid tal-kompetizzjonijiet; iħeġġeġ lill-Aġenzija tikkonkludi ftehimiet ma' diversi fornituri jew tiddefinixxi s-servizzi miksuba b'mod aktar preċiż, kull fejn possibbli; jistenna l-awditu tal-Qorti tal-proċeduri ta' akkwist tal-Aġenzija għall-2016. (6); | |
| 3 | Il-ġestjoni tal-kuntratti u l-governanza: x'inhu l-istat tal-ħames rakkomandazzjonijiet tal-IAC rigward id-definizzjoni u l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kuntratti, kif ukoll rigward il-governanza tal-kuntratti? (14); | | Erba' rakkomandazzjonijiet ġew indirizzati u ngħalqu sa tmiem l-2017:<br>– governanza tal-kuntratti — importanti ħafna;<br>– -sistema ta' ġestjoni tal-kwalità — importanti;<br>– valutazzjoni tar-riskji kuntrattwali — importanti;<br>– għodda ta' monitoraġġ tal-kuntratti — importanti.<br>Rakkomandazzjoni minnhom (definizzjoni u organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kuntratti — importanti ħafna) hi indirizzata b'mod parzjali, permezz tal-adozzjoni ta' IT korporattiva li tindirizza b'mod parzjali l-istrateġija meħtieġa dwar is-sorsi; madankollu, l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjoni tiddependi mir-riorganizzazzjoni tal-Aġenzija kif propost lill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2017, u dwar l-Istrateġija adottat dwar it-Teknoloġija u Strateġija pendenti dwar is-Servizzi. |
| 4 | L-adozzjoni tal-politika interna dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta (15); ġiet adottata u implimentata? | | Il-Kumitat tat-Tmexxija tal-Aġenzija approva l-Linji Gwida tagħha dwar l-Iżvelar ta' Informazzjoni Protetta fit-23/05/2016; l-OLAF kellu opinjoni pożittiva dwar it-test. Madankollu, sussegwentement, il-Kummissjoni (DĠ HR) ma kinitx favuriha u informat lil eu-LISA li l-Kummissjoni qed taħdem fuq linji gwida ġodda, li jridu jiġu adattati mill-Aġenzija fit-tieni stadju. Fil-31 ta' Ottubru saret diskussjoni ulterjuri bejn ir-rappreżentanti tal-aġenziji kollha tal-UE u l-Kummissjoni; konsegwentement, ġiet stabbilita deċiżjoni mudell għad-diskussjoni interservizzi ulterjuri fil-Kummissjoni Ewropea. L-iskeda ta' żmien eżatta għal din għadha inċerta, peress li tiddependi mill-kummenti potenzjali riċevuti matul din il-proċeduri. Għaldaqstant, l-istatus hu li l-proċedura ta' żvelar ta' informazzjoni protetta għadha ma ġietx implimentata; madankollu, sadanittant l-Aġenzija |

| A) Punti fejn għandu jsir titjib/jingħata segwitu | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru** | **Domanda** | **Spjegazzjoni** | **Tweġiba** |
| | | | ppubblikat il-prinċipji ġenerali rilevanti għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta (kif inklużi fil-politika) fil-kodiċi tal-kondotta fuq is-sit web ta' eu-LISA. |
| 5 | L-adozzjoni tal-linji gwida għal politika koerenti dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess u biex tiġi adottata u implimentata politika ċara dwar il-kunflitti ta' interess. Il-curricula vitae (CVs) tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija u s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-membri tal-Gruppi Konsultattivi tagħha ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija? Ġew adottati l-linji gwida u politika ċara f'termini ta' kunflitti ta' interess? | Jinnota bi tħassib li s-CVs tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija u d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-membri tal-Gruppi Konsultattivi tagħha mhumiex ippubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija; jesiġi li l-Aġenzija tadotta linji gwida għal politika koerenti dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess u tadotta u timplimenta politika ċara dwar il-kunflitti ta' interess. (16); | L-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija jeħtieġ li l-Membri kollha tal-Bord tat-Tmexxija joħroġu dikjarazzjoni annwali pubblika ta' interess bil-miktub. L-Aġenzija ssegwi dan ir-rekwiżit b'mod strett u kull dikjarazzjoni annwali tiġi ffirmata kif xieraq u l-oriġinali jinżammu mis-Segretarjat tal-Bord tat-Tmexxija. Għad li ma hemm ebda rekwiżit legali speċifiku fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija għall-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet individwali ta' impenn tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija, l-Aġenzija ppubblikat id-dikjarazzjonijiet tagħhom fuq is-sit web tagħha. L-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Stabbiliment jeħtieġ ukoll li l-Aġenzija tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija. Il-lista kif ukoll is-CV tad-Direttur Eżekuttiv u tal-President tal-Bord tat-Tmexxija jiġu ppubblikati u jinżammu aġġornati fuq is-sit web tal-Aġenzija. Għall-AG, minħabba n-numru għoli ta' membri u t-tibdiliet frekwenti fir-rappreżentazzjoni mil-livell nazzjonali, id-dikjarazzjonijiet jinħażnu biss fil-bini tal-Aġenzija u jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fuq talba. Ir-Regoli l-ġodda dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interess għall-persunal ta' eu-LISA ġew adottati b'Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv datata t-30 ta' Jannar 2018 u daħlu fis-seħħ l-għada. Barra minn hekk, il-Kumitat tat-Tmexxija qabel dwar l-abbozz tal-Politika dwar il-Kunflitt ta' Interess li tkopri membri tal-Bord tat-Tmexxija, is-sostituti tagħhom u l-membri tal-Grupp Konsultattiv, li se jintbagħat lill-Bord tat-Tmexxija għal diskussjoni u għal adozzjoni possibbli. |
| 6. a) | L-iżvilupp tal-istrateġija kontra l-frodi: a. Ir-rapport ta' monitoraġġ (mistenni li jinħareġ sa Marzu 2017) inħareġ? Ġie reġistrat titjib fir-riżultati? Jinnota li l-ewwel rapport annwali ta' monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi tal-Aġenzija nħareġ f'April 2016 u li dan kien juri livell ta' implimentazzjoni viċin is-60 %; jinnota li r-rapport ta' monitoraġġ segwenti kellu jinħareġ sa Marzu 2017; jitlob lill-Aġenzija tinforma lill- | | It-tieni rapport ta' monitoraġġ inħareġ fi tmiem Novembru 2017 u ġie aġġornat fi tmiem Jannar 2018. eu-LISA tikkonferma livell ta' implimentazzjoni kwantitattiva ogħla minn 85 % (12/14; azzjoni waħda nħarġet mill-kamp ta' applikazzjoni — ara t-tweġiba għall-punt 4 aktar 'il fuq). Ir-riżultat hu pożittiv meta mqabbel mal-livell ta' implimentazzjoni ta' 60 % reġistrat f'April 2016. Wara sentejn (2) mill-adozzjoni tal-ewwel Strateġija Kontra l-Frodi f'eu-LISA, ir-riżultat hu tajjeb ħafna meta mqabbel mal-mira stabbilita ta' aktar minn 80 %. Ċertament, l-Aġenzija kisbet bażi solida kontra l-frodi li fuqha ser ikomplu jiġu żviluppati b'fiduċja l-elementi neċessarji l-oħra. |

| A) Punti fejn għandu jsir titjib/jingħata segwitu | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru** | **Domanda** | **Spjegazzjoni** | **Tweġiba** |
| | awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati ta' dak ir-rapport; jinnota li l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija adotta l-istrateġija tal-Aġenzija kontra l-frodi u pjan ta' azzjoni f'Novembru 2015. (17); | | |
| 6. b) | L-iżvilupp tal-istrateġija kontra l-frodi: b. Ir-regoli l-ġodda kontra l-frodi ġew adottati u bdew jiġu implimentati? Jinnota wkoll li l-Aġenzija għandha l-għan li tadotta r-regoli l-ġodda li jirriżultaw mill-pjan ta' azzjoni sa tmiem l-2017 u li tibda timplimentahom eżatt wara li jiġu adottati. (17); | | L-Istrateġija Kontra l-Frodi kurrenti se tiġi riveduta f'Novembru 2018 u ġiet ivvalutata bħala li se tibqa' rilevanti sa dak iż-żmien. Fl-2018, l-Aġenzija se tagħmel valutazzjoni tar-riskju ta' frodi biex din tikkontribwixxi għar-reviżjoni tad-dokument u tal-pjan ta' azzjoni li jirriżulta. eu-LISA tifhem li r-regoli l-ġodda kontra l-frodi li jsir riferiment għalihom huma r-regoli l-ġodda dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interess li għaddejjin bħalissa; ara t-tweġiba preċedenti (6a). |
| 7 | Trid tipprovdi informazzjoni dwar ir-ratifika tal-ftehim tal-kwartieri ġenerali ma' Franza għas-sit operazzjonali tagħha fi Strasburgu. (19); | | Fis-26 ta' Ottubru 2013, il-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA approva (2013-082, wara 2013-072 u 2013-077) il-Ftehim rigward is-sit tekniku mal-Istat Membru ospitanti, Franza. Fl-1 ta' Ġunju 2016, l-Assemblea Nazzjonali Franċiża adottat il-Ftehim dwar is-Sit bejn l-Aġenzija u l-Gvern Franċiż. Il-promulgazzjoni mill-President tar-Repubblika Franċiża seħħet fl-14 ta' Ġunju 2016. Fil-15 ta' Ġunju 2016, id-dokument ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' Franza (*Journal Officiel de la République Française*). L-Aġenzija nnotifikat lill-Gvern ta' Franza dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħha fid-29 ta' Lulju 2016. Il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ 30 jum wara li ż-żewġ partijiet ikunu nnotifikat lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom neċessarji għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim (skont l-Artikolu 31 tal-istess ftehim). L-Aġenzija ġiet innotifikata mill-Ministeru Franċiż tal-Affarijiet Barranin li l-ftehim daħal fis-seħħ fit-28 ta' Awwissu 2016. |
| 8 | X'titjib sar f'termini tal-bilanċ bejn is-sessi fil-kompożizzjoni tal-bord tat-tmexxija tal-Aġenzija? (22); | | L-Aġenzija ma tistax tinfluwenza l-kompożizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tagħha; għalhekk, f'dan ir-rigward ma ttieħed ebda pass partikolari. Madankollu, eu-LISA tħeġġeġ lill-kandidati nisa għall-pożizzjonijiet ippubblikati fl-Aġenzija, u fil-każijiet ta' mertu ugwali tħares lejn il-possibbiltà li taħtar kandidati nisa biex tibbilanċja s-sessi. |
| 9 | X'inhu l-istatus tal-implimentazzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni għax-xogħol tal-Aġenzija? (25); | | Il-KPIs tal-Aġenzija ġew adottati mill-Bord tat-Tmexxija tagħha f'Marzu 2017. Minn dak iż-żmien, l-Aġenzija bdiet tikkalkolahom darba fis-sena (kull Jannar għas-sena ta' qabel) u tirrapportahom fir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tagħha. |

| A) Punti fejn għandu jsir titjib/jingħata segwitu | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru** | **Domanda** | **Spjegazzjoni** | **Tweġiba** |
| 10 | X'inhu t-titjib li sar rigward il-viżibbiltà tal-ħidma tal-Aġenzija permezz tal-pjattaformi online? (25); | | Fl-2017, il-kontijiet korporattivi ta' eu-LISA għall-midja soċjali (Facebook, Twitter, LinkedIn) bdew jintużaw b'mod sistematiku, f'konformità mal-prinċipji relatati tal-Istrateġija dwar il-Midja Soċjali. L-attivitajiet tal-midja soċjali ġew integrati mill-qrib ma' għodod oħra ta' komunikazzjoni tal-Aġenzija u bdew jintużaw dejjem aktar għall-finijiet ta' trasparenza biex jinxteħet dawl fuq l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u fuq il-korsijiet ta' taħriġ tagħna għall-Istati Membri kif ukoll fuq il-ħtiġijiet ta' akkwist u ta' reklutaġġ ta' eu-LISA. Fl-2017, il-komunikazzjoni online u l-preżenza fuq il-midja soċjali ta' eu-LISA avvanzaw b'mod konsiderevoli. eu-LISA ħadet sehem b'mod proattiv fil-kampanji tal-midja soċjali pan-UE tal-istituzzjonijiet tal-UE (*#EU60*, *#NoMoreRansom*), ippubblikat medja ta' post wieħed kull jum fuq il-midja soċjali dwar temi relatati mal-ħidma ta' eu-LISA u pproduċiet kważi 150 aġġornament puntwali fuq il-web biex rapidament twassal informazzjoni oġġettiva, affidabbli u li tinftiehem faċilment lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku.<br>Inħoloq u ntuża Twitter wall dedikat biex tkun tista' sseħħ interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku matul il-konferenza annwali ta' eu-LISA. Meta mqabbel mal-avveniment ekwivalenti tas-sena ta' qabel, l-espożizzjoni fuq il-midja soċjali tal-konferenza ta' eu-LISA fl-2017 żdiedet b'aktar minn 50 %.<br>Il-modifiki fis-sit web, bħala waħda mill-aħjar mezz kif tiġi garantita responsabbiltà quddiem iċ-ċittadini tal-Ewropa, tnedew, fuq il-bażi tal-analiżi tal-utilizzabilità tas-sit web tal-2016, bl-għan li dan ikompli jiġi żviluppat aktar f'sit web risponsiv u faċilment aċċessibbli b'funzjonalitajiet li jippermettu involviment online akbar tal-pubbliku u viżibilità għolja. |

| B) Kwalunkwe kwistjoni oħra li tista' tiġi enfasizzata bħala titjib. Pereżempju, fil-kwittanza tal-2015 huma laqgħu l-aspetti li ġejjin: | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru** | **Domanda** | **Spjegazzjoni** | **Tweġiba** |
| 1 | It-tisħiħ tal-protezzjoni tad-data u tas-sigurtà tad-data fl-Aġenzija, permezz ta' sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ għall-persunal u l-produzzjoni ta' politika u ta' proċeduri dwar il-ksur tad-data, u permezz tal-pjan ta' azzjoni u l-programm ta' ħidma. (13); | | Bħala segwitu, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data ta' eu-LISA organizza 12-il sessjoni dedikata ta' Sensibilizzazzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Data fl-2016 u 8 fl-2017. Fl-2017 ġew ipprovduti erba' sessjonijiet speċjali dwar il-Jum tal-Protezzjoni tad-Data, u żewġ UPD tal-UE pprovdew sessjonijiet dwar l-esperjenza tagħhom.<br>Ġie żviluppat modulu tat-tagħlim elettroniku dwar il-protezzjoni tad-data, immirat primarjament lejn il-ġodda, ġew adottati u implimentati politika u proċedura dwar il-ksur tad-data, u l-UPD organizza l-ewwel laqgħa tan-Netwerk tal-UPD tal-Aġenziji ĠAI. L-UPD stabbilixxa wkoll proċedura ta' lmentar. |

| B) Kwalunkwe kwistjoni oħra li tista' tiġi enfasizzata bħala titjib. Pereżempju, fil-kwittanza tal-2015 huma laqgħu l-aspetti li ġejjin: | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru** | **Domanda** | **Spjegazzjoni** | **Tweġiba** |
| | | | F'Mejju 2017, l-UPD ta' eu-LISA ospita l-41 laqgħa tan-Netwerk tal-UPD bil-parteċipazzjoni ta' 70 UPD tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE.<br>L-enfasi tal-2017 kienet fuq il-qasam ta' politika, bl-adozzjoni ta' politika ġdida dwar is-sigurtà u ta' politika aġġornata dwar il-kontinwità tan-negozju. Twettqu diversi sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u l-kontinwità tan-negozju mal-persunal kollu biex jinxteħet dawl fuq ir-riskji u l-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati fl-organizzazzjoni tagħna. Sar eżerċizzju ta' rkupru minn diżastru fuq is-sistema VIS bil-parteċipazzjoni ta' tmien Stati Membri biex jiġu ttestjati l-kapaċitajiet ta' rkupru minn tarf sa tarf tas-sistemi ċentrali kif ukoll ta' dawk nazzjonali. L-attività b'suċċess tagħhom żiedet il-livell ta' sensibilizzazzjoni dwar il-proċeduri operazzjonali eżistenti u xeħtet dawl fuq l-oqsma fejn għandu jsir titjib. Finalment, tħaddem sett ta' valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u ta' testijiet ta' pentrazzjoni fi ħdan pjattaformi tekniċi differenti biex tiġi żgurata l-effikaċja tal-miżuri ta' sigurtà u ta' kontinwità tan-negozju implimentati. |
| 2 | Attivitajiet biex jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-viżibilità. (18); | | eu-LISA saħħet il-qasam tal-involviment dirett tal-pubbliku biex ittejjeb is-sensibilizzazzjoni, l-għarfien u l-viżibbiltà tal-Aġenzija fost iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati. Il-preżenza attiva tal-Aġenzija f'Jum l-Ewropa u fl-avvenimenti ta' sensiblizzazzjoni tal-Jum għall-Pubbliku tal-istituzzjonijiet tal-UE, organizzati fi Brussell, fi Strasburgu u f'Tallinn mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea, ipprovdiet numru notevoli ta' kuntatti diretti u indirett u ġġenerat ilħiq imdaqqas tal-pubbliku. Hu stmat li 14 000 persuna attendew għall-avveniment fi Strasburgu u 13 000 f'Tallinn.<br>L-Aġenzija kabbret b'mod proattiv l-ambitu tal-involviment tagħha f'diversi avvenimenti pubbliċi għall-partijiet ikkonċernati, pereżempju fl-11ème Rendez-vous européens de Strasbourg, fil-Kungress Ewropew tal-Pulizija u fid-diskussjonijiet madwar mejda ma' rappreżentanti tal-industrija. L-Aġenzija organizzat briefings ta' sensibilizzazzjoni mas-sħab u mal-partijiet ikkonċernati bħall-Kunsilliera tal-ĠAI u mad-diplomati mill-SM tal-UE u pprovdiet kopertura attiva taż-żjarat tad-delegazzjonijiet VIPs fis-siti tal-Aġenzija: Kummissarji, delegazzjonijiet ta' MPE u MP nazzjonali, il-Grupp Kangaroo, il-President tal-Estonja, il-Prim Ministru tal-Estonja, impjegati taċ-ċivil ta' livell għoli, eċċ. Fl-2017, l-Aġenzija organizzat il-konferenza ta' livell għoli "Going Digital for a Safe and Secure Europe", li kienet parti mill-attivitajiet tal-Presidenza Estonjana tal-UE. Ir-rata ta' sodisfazzjon ta' 95 % bil-konferenza turi l-kwalità għolja u s-suċċess tal-avveniment. eu-LISA kienet involuta b'mod attiv fil-kontribuzzjoni għall-organizzazzjoni ta' disa' avvenimenti addizzjonali ewlenin ta' sensibilizzazzjoni f'kooperazzjoni mal-Presidenza Estonjana tal-UE dwar temi li jikkonċernaw ir-responsabbiltajiet tal- |

| B) Kwalunkwe kwistjoni oħra li tista' tiġi enfasizzata bħala titjib. Pereżempju, fil-kwittanza tal-2015 huma laqgħu l-aspetti li ġejjin: | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru** | **Domanda** | **Spjegazzjoni** | **Tweġiba** |
| | | | Aġenzija. eu-LISA nediet ukoll proċess komprensiv biex taġġorna l-Istrateġija pluriennali tagħha dwar il-Komunikazzjoni Esterna u l-Informazzjoni, li ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija f'Marzu 2017. |
| 3 | L-isforzi biex is-sistemi tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni jibqgħu allinjati mal-prijoritajiet politiċi li jevolvu u ma' avvenimenti imprevisti. (26); | | L-Aġenzija tilqa' l-fehmiet pożittivi espressi mill-Parlament Ewropew rigward l-isforzi tagħha li żżomm is-sistemi tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni allinjati mal-prijoritajiet politiċi li jevolvu u mal-avvenimenti imprevisti (punt 26 tar-rapport dwar il-kwittanza fir-rigward tal-Aġenzija). eu-LISA tkompli tagħmel kull sforz f'dan ir-rigward. Il-garanzija tal-flessibbiltà biex timmaniġġja varjazzjonijiet imprevedibbli fl-użu tas-sistema tal-IT u/jew fid-domanda għal funzjonalità akbar teħtieġ investiment f'teknoloġiji u f'infrastruttura moderni u skalabbli. Bħala ċentru ta' eċċellenza fil-provvista ta' servizzi tal-IT, l-isforzi ta' eu-LISA favur it-tali investiment komplew mindu l-Aġenzija ħadet taħt idejha l-ġestjoni tas-sistemi kurrenti tagħha tal-IT. Barra minn hekk, l-Aġenzija għadha f'kuntatt mal-partijiet ikkonċernati biex tiżgura għarfien sħiħ dwar il-prijoritajiet li jiżviluppaw, b'mod partikolari permezz tad-diversi strutturi ta' governanza tagħha. Hi tinvolvi b'mod proattiv ukoll lil partijiet rilevanti oħra — pereżempju bl-organizzazzjoni ta' Diskussjonijiet regolari Madwar Mejda mal-Industrija li jiżguraw għarfien dwar l-istat b'mod ġust u trasparenti, b'tali mod li jippermetti risponsività għal talbiet ta' tibdil.<br>Din ir-risponsività hi murija mit-tibdiliet magħmula u mill-aġġornamenti introdotti fl-aħħar snin. Wara l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill COM (2016) 2015 u s-sejħa ta' din li tiġi żviluppata sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' (AFIS) għas-SIS II, eu-LISA minnufih wettqet sforzi kbar mal-Istati Membri biex jaħdmu favur it-tali żvilupp. L-isforzi ta' implimentazzjoni għadhom qed isiru biex l-attivazzjoni sseħħ f'Marzu 2018 u titneħħa lakuna importanti fil-kapaċitajiet tas-sistema kurrenti f'konformità ma' prijorità politika ddikjarata. L-aġġornamenti tal-VIS imwettqa fl-2016 kienu jinkludu l-implimentazzjoni tal-flussi tax-xogħol proċedurali ta' konsultazzjoni/ta' notifika dwar ix-Schengen fil-VIS Mail 2 f'Jannar 2016, u s-sistema mmaniġġjat bis-sħiħ il-ħruġ u l-kontroll ta' viżi b'sostenn bijometriku fil-fruntieri esterni wara t-tlestija tat-tnedija globali f'Novembru 2015. Wara ż-żieda sinifikanti fl-użu tal-Eurodac fl-2015, il-livelli ta' użu baqgħu għoljin u s-sistema għadu qed jirnexxila timmaniġġja sew. Fir-rigward tar-riformulazzjoni prevista tas-sistema, l-Aġenzija sostniet diskussjonijiet bl-għarfien espert tekniku u bl-għarfien tagħha. B'mod partikolari, hi pprovdiet studji dettaljati dwar l-inklużjoni possibbli ta' dokumenti skennjati fis-sistema u l-użu possibbli ta' immaġnijiet tal-wiċċ. |

| B) Kwalunkwe kwistjoni oħra li tista' tiġi enfasizzata bħala titjib. Pereżempju, fil-kwittanza tal-2015 huma laqgħu l-aspetti li ġejjin: | | | |
|---|---|---|---|
| **Numru** | **Domanda** | **Spjegazzjoni** | **Tweġiba** |
| | | | Proġetti ta' żvilupp li huma orizzontali bejn is-sistemi huma partikolarment rilevanti fil-kuntest ta' żgurar tar-risponsività għat-tibdil estern. Spiss dawn jisfruttaw il-konsolidazzjoni tal-ġestjoni tas-sistemi f'post wieħed biex ir-riżorsi jkunu jistgħu jinqasmu bejn is-sistemi sa fejn ikun sensibbli u permissibbli mir-regolament. L-Aġenzija għadha qed taħdem fuq il-proġett tagħha ta' infrastruttura kondiviża komuni, li jkun jippermetti l-qsim ta' ċerti elementi infrastrutturali. Peress li l-kapaċità u l-ħiliet ta' riżerva mhux bilfors jiġu allokati b'mod speċifiku għas-sistemi, l-Aġenzija tista' tħejji għal avvenimenti imprevisti b'mod kosteffikaċi. L-isforzi għall-interoperabbiltà tas-sistema previsti għas-snin li ġejjin ser iġibu titjib ulterjuri. Is-soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà bħall-Portal Ewropew tat-Tfittxija se jippermettu lill-Aġenzija tagħmel tibdiliet aktar rapidi fis-sistema li jkunu jistgħu jiġu akkomodati b'mod aktar faċli mill-Istati Membri b'anqas sforzi ta' żvilupp u testjar estensivi tal-IT minn kif inhu l-każ bħalissa. Iż-żieda ta' sistemi ġodda mal-ekosistema tal-IT għandha tkun eħfef ukoll.<br>It-tieni objettiv tal-istrateġija pluriennali tal-Aġenzija hu li ssir ċentru ta' eċċellenza tal-ICT u fornitur tas-servizzi tal-UE. Dan bilfors li jinvolvi kollegament kontinwu mal-komunità ta' partijiet ikkonċernati u l-konfigurazzjoni ta' operazzjonijiet u tat-teknoloġija biex tiġi żgurata risponsività għat-talbiet. Din il-ħidma ilha tiġi enfasizzata mill-2014 u għadha għaddejja. B'hekk, kif diġà hu l-każ, l-Aġenzija se tibqa' konxja mill-prijoritajiet politiċi li jevolvu, tieħu nota ta' avvenimenti imprevisti b'impatt mill-aktar fis possibbli u tkun f'pożizzjoni li twieġeb kif xieraq fil-ġejjieni. |
| 4 | Informazzjoni dwar il-livell ta' eżekuzzjoni tal-baġit (fl-2015 dan qabeż id-99 % kemm għall-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għall-approprazzjonijiet ta' pagament (LIBE 3)); | | Il-livell ta' implimentazzjoni tal-baġit kien ta' 98 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u għall-approprazzjonijiet ta' pagament fl-2016 u ta' 100 % fl-2017. |

# Parti II (b). Evalwazzjonijiet esterni

Fiż-żmien tal-kitba ta' dan ir-rapport (Jannar 2017), l-Aġenzija għaddiet minn evalwazzjoni esterna, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1077/2011.

L-evalwazzjoni eżaminat il-mod kif eu-LISA implimentat il-mandat tagħha, kif stipulat fir-Regolament ta' Stabbiliment tagħha, billi ħarset lejn erba' oqsma: l-effiċjenza, l-effettività, il-valur miżjud u l-koerenza. Hi eżaminat ukoll il-kontribut tal-Aġenzija għall-istabbiliment ta' ambjent tal-IT koordinat, effettiv u koerenti għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI.

L-evalwazzjoni twettqet b'suċċess fl-2016 u waslet għall-konklużjoni li l-Aġenzija tissodisfa l-mandat tagħha b'mod effettiv. L-evalwazzjoni tissuġġerixxi wkoll modi partikolari biex jitjiebu l-operazzjonijiet tal-Aġenzija u tidentifika opportunitajiet potenzjali biex jiġi estiż il-mandat tagħha.

Uħud mill-aspetti importanti tal-evalwazzjoni jinkludu s-sejbiet li ġejjin:

- L-Aġenzija, b'mod ġenerali, kienet laħqet l-objettiv tagħha li tassigura b'mod effettiv it-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT fdati lilha.
- Għalkemm l-istruttura organizzazzjonali u l-proċessi interni għadhom qed jiżviluppaw, dawn huma strutturati u deskritti b'mod xieraq. L-Aġenzija kienet kapaċi tidentifika soluzzjonijiet għat-twettiq tal-kompiti assenjati. Dan kien osservat b'mod partikolari permezz tal-istudji tal-każ dwar il-proġetti (eż. il-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti u l-Istudji dwar is-Servizzi Komuni Kondiviżi).
- L-Aġenzija rnexxielha, b'mod ġenerali, tirrispetta l-allokazzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-livelli tal-UE u nazzjonali fir-rigward tal-kompitu ewlieni tagħha li tmexxi s-sistemi tal-IT fuq skala kbira.
- L-attivitajiet ta' eu-LISA huma b'mod ġenerali allinjati tajjeb mal-oqfsa ta' politika u l-istrateġiji rilevanti fil-qasam tal-ĠAI.
- L-Aġenzija żviluppat strateġija ta' kooperazzjoni koerenti biex tingaġġa ma' partijiet interessati differenti b'mod strutturat permezz tal-adozzjoni tal-Istrateġija tagħha għall-Ġestjoni tal-Partijiet Interessati.
- L-istabbiliment ta' awtorità ta' ġestjoni waħda biex tassumi t-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT minnu nnifsu joħloq livell għoli ta' valur miżjud, sa fejn l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u effiċjenti. Il-valur miżjud aħħari ta' eu-LISA, għalhekk, hu loġikament dipendenti ħafna fuq l-abilità tagħha li twettaq il-kompiti ewlenin tagħha b'mod effiċjenti u effettiv.
- B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni nnotat feedback pożittiv dwar il-livell ta' involviment u ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati fil-livell nazzjonali.

Ir-rapport ta' evalwazzjoni għamel 65 rakkomandazzjoni. Dawn ħarsu lejn l-opportunitajiet għat-titjib relatat mal-kompiti preżenti tal-Aġenzija kif ukoll lejn il-possibbiltà ta' espansjoni tal-mandat tal-Aġenzija biex jiżdied il-valur miżjud tagħha, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet futuri possibbli tal-UE u tal-Istati Membri.

Kull rakkomandazzjoni kellha klassifikazzjoni (Kritika, Importanti Ħafna, Importanti, Minuri), li ġiet assenjata fid-dawl tan-neċessità u taż-żmien għall-implimentazzjoni. L-impatt tar-rakkomandazzjonijiet ġie analizzat minn perspettivi finanzjarji, legali u organizzazzjonali wkoll.

F'dan ir-rigward, ir-rakkomandazzjonijiet tqassmu f'żewġ gruppi ewlenin:

- rakkomandazzjonijiet b'impatt legali (11-il rakkomandazzjoni b'kollox);
- rakkomandazzjonijiet b'impatt organizzazzjonali u/jew finanzjarju (54 rakkomandazzjoni b'kollox).

Ir-rakkomandazzjonijiet fit-tieni grupp ġew disaggregati b'mod ulterjuri bħala:

- 7 Kritiċi;
- 10 Importanti Ħafna;

- 30 Importanti;
- 7 Minuri.

Ir-rakkomandazzjonijiet b'impatt organizzazzjonali u/jew finanzjarju li rriżultaw mill-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija ngħataw segwitu adegwat permezz ta' pjan ta' azzjoni. F'Marzu 2017, il-Bord tat-Tmexxija adottah u, f'Novembru 2017, ġie ppreżentat l-aġġornament tiegħu tal-istatus ta' implimentazzjoni.

# Parti III. Valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern

## 3.1. Ġestjoni tar-riskju

L-Aġenzija ssegwi qafas ta' ġestjoni tar-riskju komprensiv li jinkludi, fuq bażi annwali, il-ġbir tar-riskji, il-valutazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-riskji u t-twettiq ta' workshop dwar il-ġestjoni tar-riskji korporattivi matul ir-raba' kwart ta' kull sena. Fil-workshop, jiġu deċiżi s-sidien tar-riskju, kif ukoll l-istrateġiji u r-rispons għar-riskju. Ir-riżultat jiġi dokumentat fil-pjan annwali ta' rispons għar-riskji korporattivi, li huwa validu sal-workshop annwali li jmiss dwar il-valutazzjoni tar-riskji korporattivi; dan jiddefinixxi wkoll id-dettallji tal-iskambju dwar il-monitoraġġ tar-riskju bejn is-sidien tar-riskju u l-EPMO.

Għas-sena 2017, fil-pjan ta' rispons għar-riskji korporattivi tal-Aġenzija ġew identifikati u ttrattati total ta' erba' riskji korporattivi. Dawn kienu relatati mal-intoppi potenzjali tal-proġett tal-estensjoni tas-sit ta' Strasburgu, li jistgħu jipperikolaw l-eżiti mixtieqa; nuqqas ta' biżżejjed persunal statutorju, li jista' jaffettwa b'mod negattiv lill-Aġenzija fil-kisba tal-kompiti assenjati tagħha jew jista' saħansitra jwassal għal avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità; nuqqas ta' appoġġ 24 siegħa kuljum għas-servizzi korporattivi, li jipperikola d-disponibbiltà 24 siegħa kuljum tas-servizzi korporattivi; u l-eliġibbiltà tal-ftehim ta' delega tal-Fruntieri Intelliġenti.

Għal dawk ir-riskji, issawru seba' miżuri individwali ta' riskju mas-sidien ta' riskju nominati, li 3 minnhom ġew implimentati, bl-għan li jimmitigaw biżżejjed ir-riskji identifikati u l-impatt tagħhom fuq l-organizzazzjoni. Il-pjan ta' tneħħija għas-sit ta' Strasburgu tlesta fl-10 ta' Awwissu 2017, b'ebda kwistjoni relatata mal-kontinwità tan-negozju. Biex jiġi mminimizzat ir-riskju rigward id-disponibbiltà ta' 24 siegħa kuljum tas-servizzi koprporattivi, ġew negozjati sigħat tax-xogħol estiżi għall-persunal intra muros mal-fornitur estern tas-servizzi. Rigward il-Fruntieri Intelliġenti, in-notifika uffiċjali lid-Direttur Eżekuttiv datata l-10 ta' Awwissu 2017 mid-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni E1 ikkonfermat l-aċċettazzjoni tar-rapport finali mħejji minn eu-LISA dwar l-operazzjonijiet tal-Fruntieri Intelliġenti. Għad-dettalji dwar l-erba' riskji korporattivi, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness VII.

## 3.2. Konformità u effettività tal-Istandards tal-Kontroll Intern

Is-16-il ICS approvati kollha ta' eu-LISA ġew applikati għall-kompiti li jirriżultaw mid-Dokument ta' Programmazzjoni (PD) 2017-2019 għall-Aġenzija, u ġew integrati b'mod bilanċjat. Fl-2017, is-16-il ICS ġew dettaljati ulterjorment biex jagħtu 125 miżura individwali tal-ICS, assenjati lil membri tal-persunal rilevanti fl-organizzazzjoni. Meta wieħed iqis il-miżuri tal-2017 li ttieħdu biex tinkiseb u tinżamm il-konformità mal-ICSs tal-Aġenzija, jista' jingħad li l-kontroll intern hu stabbilit b'mod suffiċjenti f'eu-LISA. Ġew implimentati diversi azzjonijiet, li juru l-isforzi ta' eu-LISA biex tapplika u taħdem għall-governanza tajba. Għall-2018, il-firxa u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' konformità se jiġu aġġornati abbażi tal-pariri pprovduti mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni kif ukoll tas-sejbiet relatati mar-riżultati tal-laqgħat konġunti bejn il-Koordinatur tal-Kontroll Intern u l-maniġers u l-persunal ta' eu-LISA b'funzjonijiet relatati mal-ICS.

Il-funzjoni tal-Koordinatur tal-Kontroll Intern ġiet stabbilita biex tappoġġa l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-ICS f'eu-LISA billi toħloq punt fokali biex jipprovdi informazzjoni u għarfien, kif ukoll kapaċità għall-monitoraġġ u għar-rapportar. Wara eżerċizzji ta' monitoraġġ biannwali mal-maniġers u l-persunal b'funzjonijiet relatati mal-ICS, fl-2017, il-Koordinatur tal-Kontroll Intern irrapporta b'mod kontinwu lid-Direttur Eżekuttiv dwar l-istatus u l-progress tal-konformità tal-ICS fi ħdan eu-LISA.

Barra minn hekk, l-effettività u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema ta' kontroll intern kienet valutata mill-Koordinatur tal-Kontroll Intern. Għal dan il-għan, ġie kkonsultat ir-reġistru tal-ICS ta' eu-LISA (li jiddokumenta l-istatus ta' kull miżura individwali relatata mal-implimentazzjoni tal-ICSs fl-Aġenzija) biex tiġi estratta d-data meħtieġa, li mbagħad inġabret fil-qosor u mibgħuta bħala rapport lill-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA għall-informazzjoni tiegħu. Għad-dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-ICS, jekk jogħġbok irreferi għal Anness VII.

# Parti IV. Assigurazzjoni tal-maniġment

## 4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni

L-elementi kostitwenti tal-assigurazzjoni huma l-bażi tal-assigurazzjoni raġonevoli mogħtija mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni fid-dikjarazzjoni tiegħu ta' assigurazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Attività. Dawn huma miġburin fil-qosor hawn taħt.

**Element kostitwenti 1: Valutazzjoni mill-maniġment**

*Valutazzjoni mill-maniġment*

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu fiduċja raġonevoli li, b'mod ġenerali, hemm fis-seħħ kontrolli xierqa u dawn qegħdin jaħdmu kif suppost; ir-riskji qegħdin jiġu mmonitorjati u mitigati b'mod xieraq u qegħdin jiġu implimentati t-titjib u r-rinforzi neċessarji.

Barra minn hekk, il-maniġment tal-Aġenzija jagħraf il-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' effiċjenza fl-ambjent tal-kontroll intern tagħha u ta' valutazzjoni u tisħiħ kontinwi tal-kontrolli interni eżistenti biex tintlaħaq u mbagħad tinżamm konformità sħiħa mar-rekwiżiti tas-16-il ICS adottati biex tiġi assigurata l-kisba tal-objettivi fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tagħha.

*Reġistru ta' eċċezzjonijiet*

L-Aġenzija kellha fis-seħħ proċedura għar-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet mill-2013. Fil-bidu tal-2015, ġiet adottata proċedura formali għar-reġistrazzjoni u l-ġestjoni tal-eċċezzjonijiet. L-objettiv ġenerali tagħha huwa li tistabbilixxi arranġamenti xierqa sabiex ikun assigurat li kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali ta' każijiet sinifikanti ta' qbiż tal-kontrolli jew devjazzjonijiet mill-qafas regolatorju stabbilit tiġi spjegata sew, irreġistrata u rrapportata skont il-prinċipju tat-trasparenza. Eċċezzjoni trid tiġi dokumentata, iġġustifikata u approvata fil-livell xieraq qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni.

Fl-2017, ġew irreġistrati 36 episodju ta' eċċezzjonijiet u nuqqas ta' konformità mill-proċeduri stabbiliti. L-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni stabbilixxa li dawn l-episodji ta' eċċezzjonijiet jew ta' nuqqas ta' konformità ma jeħtiġux riżerva formali fid-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni abbażi tal-materjalità. Madankollu, fid-dawl tal-aħħar sejbiet tal-awditi, ser issir analiżi tal-kawża biex jiġu identifikati r-raġunijiet li wasslu biex il-proċedura ta' eċċezzjoni ma tkunx ġiet osservata dejjem. Jittieħdu azzjonijiet veloċi bbażati fuq ir-riżultati. Id-data fil-mira hi Ġunju 2018.

**Element kostitwenti 2: Riżultati tal-awditi esterni**[34]

*Opinjoni tal-IAS*

*Ir-rapport finali tal-awditjar dwar il-kontrolli fuq il-proċess tal-akkwist*

Bħala konklużjoni, l-IAS jirrikonoxxi li l-kontrolli fuq il-proċess tal-akkwist f'eu-LISA jappoġġjaw il-kisba tal-objettivi operazzjonali ewlenin tal-Aġenzija (bħall-operazzjoni 24 siegħa kuljum mingħajr interruzzjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li hi timmaniġġja). Madankollu, l-IAS sab dgħjufijiet sinifikanti li jistgħu jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-konformità mar-rekwiżiti proċedurali.

34 Fil-mument tal-kitba tar-rapport, ir-riżultati tal-awditi esterni għadhom mhumiex disponibbli.

F'dan il-kuntest, l-IAS identifika żewġ kwistjonijiet *importanti ħafna* relatati mal-istima tal-valur tal-kuntratt u mad-definizzjoni u mad-dokumentazzjoni tal-kontrolli ewlenin fi ħdan il-proċess tal-akkwist kollu. L-IAS identifika wkoll tliet sejbiet *importanti*.

L-Aġenzija, bi qbil mal-IAS, **implimentat pjan ta' azzjoni** li jindirizza s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu.

*Opinjoni tal-QEA (rapport tal-awditjar dwar il-kontijiet 2016)*

*Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet:*

Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija **jippreżentaw b'mod ġust, f'kull rispett materjali**, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u mar-regoli tal-kontabilità tagħha adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li huma l-bażi tal-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 **huma legali u regolari f'kull rispett materjali**.

**Element kostitwenti 3: Segwitu tar-riżervi minn perjodi ta' rapportar preċedenti**

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività 2016 ma kien fiha l-ebda riżerva.

**Konklużjoni**

Abbażi tal-Parti II u l-Parti III hawn fuq, wieħed jista' jikkonkludi li ma hemm l-ebda dgħufija sinifikanti fil-kontrolli interni li jista' jkollha impatt fuq id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

## 4.2. Riżervi (jekk applikabbli)

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta hawn fuq, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni ma ħareġ l-ebda riżerva.

## 4.3. Konklużjonijiet ġenerali dwar l-assigurazzjoni

Jien, hawn taħt iffirmat Krum Garkov, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħi bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni,

Niddikjara li l-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport tagħti dehra vera u ġusta tal-attivitajiet tal-Aġenzija fl-2017.

Jien niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop maħsub tagħhom u skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji neċessarji rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hi bbażata fuq il-ġudizzju proprju tiegħi u l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni, l-awditi tas-Servizz tal-Awditjar Intern, l-awditi tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern u l-awditi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Jien nikkonferma li ma jiena konxju tal-ebda ħaġa li mhijiex irrapportata hawnhekk li tista' tkun ta' dannu għall-interessi tal-Aġenzija jew tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Tallinn,................

...................................................................... (firma)

Krum GARKOV

# ANNESSI

## Anness I. Indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni

| KPI | Indikatur korporattiv ewlieni tal-prestazzjoni | Mira | Attwali 2017 |
|---|---|---|---|
| 1 | Sigurtà: numru ta' nuqqasijiet kritiċi identifikati waqt it-testijiet tas-sigurtà | 0 | 37 |
| 2 | Sigurtà: perċentwal ta' riskji identifikati tas-sigurtà ttrattati permezz ta' kontrolli assigurati tas-sigurtà | 100 % | 100 % |
| 3 | Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac | 99.99 %[a] | 99.95 %[b] |
| 4 | Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac | 99.45 % | 99.90 % |
| 5 | Disponibbiltà tan-Netwerk fuq Żona Wiesgħa (WAN) (għas-sistemi tas-SIS II u tal-VIS) | 99.99 % | 99.99 % |
| 6 | Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS II | 99.99 %[a] | 99.82 %[b] |
| 7 | Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS II | 99.50 % | 99.66 % |
| 8 | Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS | 99.99 %[a] | 99.92 %[b] |
| 9 | Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS | 100 % | 99.24 % |
| 10 | Rata ta' kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament riportati | < 5 % | 2.12 % |
| 11 | Rata (%) ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji | 95-99 % | 100 % |
| 12 | Rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti | > 95 % | 100 % |
| 13 | HR: proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi għar-riżorsi operazzjonali | Amministrattivi: 20 % | 17 % |
| | | Operazzjonali: 70 % | 72 % |
| 14 | Proporzjon (%) ta' pagamenti kompletati sal-iskadenzi statutorji | 90-100 % | 93.78 % |
| 15 | Metri kwadri medji ta' spazju tal-uffiċċju għal kull FTE ($m^2$) | 10 $m^2$ | 10.04 $m^2$ |
| 16 | Sodisfazzjon tal-parteċipanti esterni fil-korsijiet ta' taħriġ ta' eu-LISA | > 3 | 4.48 |
| 17 | Konformità tal-akkwist mal-Pjan ta' Akkwist u ta' Akkwiżizzjoni tal-Aġenzija | 0.5-1.5 | 0.28 |
| 18 | Ġestjoni tal-proġetti tal-akkwisti: % ta' proġetti ta' akkwist ewlenin mal-iskeda | > 60 % | 41 % |
| 19 | Sodisfazzjon tal-klijentI: % ta' utenti tal-SM sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizz ġenerali pprovdut mis-Servizz tal-Għajnuna ta' eu-LISA | > 80 % | 94.45 %[c] |
| 20 | Proporzjon (%) ta' attivitajiet identifikati fil-Programm ta' Ħidma Annwali lesti jew mal-iskeda | 90 % | 88.75 % |
| 21 | Prestazzjoni tal-helpdesk tas-sistemi tal-Istati Membri | > 80 % | 90 %[c] |
| 22 | Ġestjoni tal-proġetti: valutazzjoni tal-proġetti kompletati kontra l-parametri definiti tal-kwalità/prezz/ħin | < 10 % | 8.79 % |
| 23 | Perċentwal ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati | 80-100 % | 50.0 % |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 24 | HR perċentwal ta' ġranet ta' assenza mhux iċċertifikati vs ġranet ta' assenza ċċertifikati fi ħdan il-perjodu tar-rapportar | < 25 % | 22 % |
| 25 | HR: perċentwal ta' dawran annwali tal-persunal | ≤ 5 % | 3.27 % |
| 26 | HR: indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal | Evalwazzjonijiet kompletati: 100 % | 100 % |
| | | Prestazzjoni baxxa: < 5 % | 0 % |
| | | L-Aqwa prestazzjoni: Karta miksija ta' piż hafif għal kitba, stampar, skopijiet grafiċi, mf > 10 % | 76 % |
| 27 | HR: livell ta' involviment tal-persunal | ≥ 80 % | 88 % |
| 28 | Komunikazzjoni esterna: viżibilità bbażata fuq il-web ta' eu-LISA[d] | Viżitaturi uniċi: miftuħa | 61 489 |
| | | Tul ta' żmien medju ta' kull żjara: miftuħa | 3 minuti, 44 sekonda |
| | | Rata ta' rimbalz (telqu wara paġna waħda): miftuħa | 38 % |
| | | Azzjonijiet f'kull żjara (medja): miftuħa | 3.5 |

[a] Il-mira tad-disponibbiltà tas-sistemi mhijiex definita b'mod preċiż fl-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi. Il-mira ta' 99.99 % ġiet stabbilita mill-Aġenzija fid-dawl tal-fatt li s-sistemi ġestiti minnha huma definiti bħala sistemi ta' disponibbiltà għolja.

[b] Id-disponibbiltà propja tas-sistemi tinkludi l-ħin għat-trasferiment u għat-trasferiment lura, f'każ ta' manutenzjoni ppjanata.

[c] Data mill-2016. Fil-mument tat-tħejjija ta' dan ir-rapport, id-data għall-2017 għadha qed tinġabar.

[d] Minħabba ħsara teknika min-naħa tal-fornitur tas-servizz ta' ospitar ta' eu-LISA fit-3 ta' Mejju 2017, id-data statistika ma ġietx reġistrata jew issejvjata bejn l-4 ta' Mejju u s-7 ta' Awwissu, meta s-servizz ġie restawrat. Dan is-servizz issa hu ssorveljat. Għal din ir-raġuni, id-data ppreżentata m'għandhiex titqabbel mal-parametru referenzjarju tad-data miġbura qabel, peress li hemm ftit aktar minn 3 xhur ta' data nieqsa.

# Anness II.Statistiki dwar il-ġestjoni finanzjarja

## 1. Baġit inizjali, trasferimenti u baġits emendatorji

It-tabella ta’ hawn taħt tiġbor fil-qosor, fuq livell ta’ kapitoli, it-trasferimenti baġitarji interni operati mill-Aġenzija għall-fondi C1 fl-2017. Kienu meħtieġa u twettqu żewġ baġits emendatorji.

| | | Approprjazzjonijiet ta’ impenn | | | | Approprjazzjonijiet ta’ pagament | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kapitolu tal-baġit | | Baġit inizjali | Trasferimenti | Baġit emendatorju | Baġit finali | Baġit inizjali | Trasferimenti | Baġit emendatorju | Baġit finali |
| **TITOLU 1 — NEFQA FUQ IL-PERSUNAL** | | **1z,133,700.00** | **-13,623.36** | | **16,120,076.64** | **16,133,700.00** | **-13,623.36** | | **16,120,076.64** |
| **A-11** | Salarji u benefiċċji | 14,633,210.00 | -416,528.47 | | 14,216,681.53 | 14,633,210.00 | -416,528.47 | | 14,216,681.53 |
| **A-12** | Nefqa relatata mar-reklutaġġ | 122,250.00 | -8,854.92 | | 113,395.08 | 122,250.00 | -8,854.92 | | 113,395.08 |
| **A-13** | Spejjeż ta’ Missjonijiet | 330,000.00 | 136,000.00 | | 466,000.00 | 330,000.00 | 136,000.00 | | 466,000.00 |
| **A-14** | Infrastruttura Soċjo-Medika | 602,740.00 | 158,333.00 | | 761,073.00 | 602,740.00 | 158,333.00 | | 761,073.00 |
| **A-15** | Taħriġ għall-Persunal | 445,500.00 | 117,427.03 | | 562,927.03 | 445,500.00 | 117,427.03 | | 562,927.03 |
| **TITOLU 2 — NEFQA INFRASTRUTTURALI U OPERAZZJONALI** | | **8,382,400.00** | **1,111,406.81** | | **9,493,806.81** | **8,382,400.00** | **1,111,406.81** | | **9,493,806.81** |
| **A-20** | Nefqa fuq il-bini | 1,412,500.00 | -626,554.99 | | 785,945.01 | 1,412,500.00 | -626,554.99 | | 785,945.01 |
| **A-21** | IT Korporattiv u Telekomm | 1,500,000.00 | 269,542.18 | | 1,769,542.18 | 1,500,000.00 | 269,542.18 | | 1,769,542.18 |
| **A-22** | Proprjetà Mobbli u Spejjeż Assoċjati | 420,000.00 | -324,728.26 | | 95,271.74 | 420,000.00 | -324,728.26 | | 95,271.74 |
| **A-23** | Nefqa Amministrattiva Kurrenti | 345,000.00 | 623,853.26 | | 968,853.26 | 345,000.00 | 623,853.26 | | 968,853.26 |
| **A-24** | Posta | 30 000.00 | 2,885.81 | | 32,885.81 | 30 000.00 | 2,885.81 | | 32,885.81 |
| **A-25** | Bord tat-Tmexxija | 491,900.00 | -225,834.00 | | 266,066.00 | 491,900.00 | -225,834.00 | | 266,066.00 |
| **A-26** | Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet | 1,233,000.00 | 58,628.41 | | 1,291,628.41 | 1,233,000.00 | 58,628.41 | | 1,291,628.41 |
| **A-27** | Servizzi ta’ Appoġġ Estern | 1,650,000.00 | 2,023,788.84 | | 3,673,788.84 | 1,650,000.00 | 2,023,788.84 | | 3,673,788.84 |
| **A-28** | Sigurtà | 1,300,000.00 | -690,174.44 | | 609,825.56 | 1,300,000.00 | -690,174.44 | | 609,825.56 |
| **TITOLU 3 — NEFQA OPERAZZJONALI** | | **128,818,100.00** | **-1,097,783.45** | | **127,720,316.55** | **128,818,100.00** | **-1,097,783.45** | **-85,600,000.00** | **42,120,316.55** |
| **B3-0** | Infrastruttura tas-Sistemi Kondiviżi (Sistemi Ewlenin) | 8,701,300.00 | 445,809.19 | | 9,147,109.19 | 9,050,000.00 | 487,092.16 | -2,500,000.00 | 7,037,092.16 |
| **B3-1** | SIS II | 6,825,000.00 | -371,767.78 | | 6,453,232.22 | 6,500,000.00 | 9,233,758.55 | -3,000,000.00 | 12,733,758.55 |
| **B3-2** | VIS-BMS | 34,505,000.00 | 739,005.33 | | 35,244,005.33 | 35,000,000.00 | -11,257,977.54 | -8,000,000.00 | 15,742,022.46 |
| **B3-3** | Eurodac | 19,570,000.00 | -965,000.00 | | 18,605,000.00 | 18,570,000.00 | 802,842.75 | -16,580,000.00 | 2,792,842.75 |
| **B3-4** | Sistema ta’ Dħul/Ħruġ | 54,520,000.00 | | | 54,520,000.00 | 54,520,000.00 | | -54,520,000.00 | 0.00 |
| **B3-6** | Servizzi Supp. Est. relatati direttament mas-Sistemi Ewlenin | 3,518,800.00 | -850,785.20 | | 2,668,014.80 | 4,000,100.00 | -161,604.29 | -1,000,000.00 | 2,838,495.71 |
| **B3-7** | Gruppi konsultattivi | 428,000.00 | -57,461.91 | | 370,538.09 | 428,000.00 | -93,616.42 | | 334,383.58 |
| **B3-8** | Taħriġ relatat direttament ma’ operazzjonijiet | 750,000.00 | -37,583.08 | | 712,416.92 | 750,000.00 | -108,278.66 | | 641,721.34 |
| **TOTAL** | | **153,334,200.00** | **0.00** | | **153,334,200.00** | **153,334,200.00** | **0.00** | **-85,600,000.00** | **67,734,200.00** |

## 2. Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena (sors ta' finanzjament C1)

Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet tal-2017 (sors ta' finanzjament C1), l-Aġenzija laħqet livell għoli ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 % kemm fl-approprazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'dawk ta' pagament, meta jitqies ir-riport awtomatiku tal-approprjazzjonijiet.

| | IMPENJI (C1) | | | PAGAMENTI (C1) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| TITOLU TAL-BAĠIT | Ibbaġitjat | Ikkunsmat | % | Ibbaġitjat | Ikkunsmat | % |
| **Titolu 1 — Nefqa fuq il-persunal** | **16,120,076.64** | **16,120,076.64** | **100.0 %** | **16,120,076.64** | **16,120,076.64** | **100.0 %** |
| *li minnhom, implimentati* | | *16,120,076.64* | *100.0 %* | | *15,681,259.13* | *97.3 %* |
| *li minnhom, riport awtomatiku* | | *-* | | | *438,817.51* | *2.7 %* |
| **Titolu 2 — Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali** | **9,493,806.81** | **9,493,806.81** | **100.0 %** | **9,493,806.81** | **9,493,806.81** | **100.0 %** |
| *li minnhom, implimentati* | | *9,493,806.81* | *100.0 %* | | *4,198,841.10* | *44.2 %* |
| *li minnhom, riport awtomatiku* | | *-* | *-* | | *5,294,965.71* | *55.8 %* |
| **Titolu 3 — Nefqa operazzjonali** | **127,720,316.55** | **127,720,316.55** | **100.0 %** | **42,120,316.55** | **42,120,316.55** | **100.0 %** |
| **EUR TOTALI** | **153,334,200.00** | **153,334,200.00** | **100.0 %** | **67,734,200.00** | **67,734,200.00** | **100.0 %** |
| *li minnhom, implimentati* | | *153,334,200.00* | *100.0 %* | | *62,000,416.78* | *91.5 %* |
| *li minnhom, riportati* | | *-* | | | *5,733,783.22* | *8.5 %* |

## 3. Implimentazzjoni tal-baġit għal sorsi ta' finanzjament oħra

Minbarra l-baġit għas-sena (sors ta' finanzjament C1), l-Aġenzija implimentat approprjazzjonijiet:

- mid-dħul assenjat intern (sors ta' finanzjament C4);
- minn dħul assenjat intern riportat (sors ta' finanzjament C5);
- mir-riport ta' impenji (differenzjati fit-Titolu 3 u mhux differenzjati fit-Titoli 1 u 2) u l-approprjazzjonijiet ta' pagament (mhux differenzjati biss) korrispondenti mis-snin preċedenti (sors ta' finanzjament C8);
- mid-dħul assenjat estern, bħala kontribuzzjonijiet mill-Pajjiżi Assoċjati skont l-Artikolu 32(1)(b) tar-Regolament ta' Stabbiliment (sors ta' finanzjament R0, Titolu 3 biss).

| | | | Impenn | | | Pagament | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Titolu tal-baġit | | Sors ta' finanzjament | Ibbaġitjat | Ikkunsmat | % impenn | Ibbaġitjat | Ikkunsmat | % pagament |
| A-1 | Nefqa fuq il-persunal | C1 | 16,120,076.64 | 16,120,076.64 | 100.0 % | 16,120,076.64 | 15,681,259.13 | 97.3 % |
| | | C8 | 415,692.33 | 361,656.56 | 87.0 % | 415,692.33 | 361,656.56 | 87.0 % |
| | | Subtotal | 16,535,768.97 | 16,481,733.20 | 99.7 % | 16,535,768.97 | 16,042,915.69 | 97.0 % |
| A-2 | Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali | C1 | 9,493,806.81 | 9,493,806.81 | 100.0 % | 9,493,806.81 | 4,198,841.10 | 44.2 % |
| | | C4 | 108,406.00 | 108,406.00 | 100.0 % | 108,406.00 | 74,683.28 | 68.9 % |
| | | C5 | 95,290.59 | 95,290.59 | 100.0 % | 95,290.59 | 86,855.09 | 91.1 % |
| | | C8 | 4,977,748.44 | 4,373,454.57 | 87.9 % | 4,977,748.44 | 4,373,454.57 | 87.9 % |
| | | Subtotal | 14,675,251.84 | 14,070,957.97 | 95.9 % | 14,675,251.84 | 8,733,834.04 | 59.5 % |
| B0-3 | Nefqa Operazzjonali | C1 | 127,720,316.55 | 127,720,316.55 | 100.0 % | 42,120,316.55 | 42,120,316.55 * | 100.0 % |
| | | C4 | 16,082.30 | 16,082.30 | 100.0 % | 16,082.30 | 16,082.30 | 100.0 % |
| | | C5 | 26,512.57 | 26,512.57 | 100.0 % | 29,290.94 | 29,290.94 | 100.0 % |
| | | C8 | 65,182,314.81 | 63,931,620.24 | 98.1 % | 0.00 | | |
| | | R0 | 4,683,256.33 | 1,760,651.45 | 37.6 % | 4,683,256.33 | 463,237.59 | 9.9 % |
| | | Subtotal | 197,628,482.56 | 193,455,183.11 | 97.9 % | 46,848,946.12 | 42,628,927.38 | 91.0 % |
| **KOLLHA** | | **TOTAL** | **228,839,503.37** | **224,007,874.28** | **97.9 %** | **78,059,966.93** | **67,405,677.11** | **86.4 %** |

*Għall-approprjazzjonijiet C1 tat-Titolu 3, EUR 6 191 866.54 jirreferu għall-pagamenti ta' impenji għas-sena. Il-bqija, li jammontaw għal EUR 35 928 450.01, intużaw biex ikopru impenji minn snin preċedenti.

## 4. Lista ta' trasferimenti baġitarji

Matul l-2017 l-operazzjonijiet ta' trasferiment intern li ġejjin twettqu skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija. Il-ħsieb wara t-trasferimenti kien li tiġi żgurata l-allokazzjoni ottimali tal-baġit tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

| Trasferimenti baġitarji fl-2017 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tat-trasferiment baġitarju | Referenza | Data | Linja baġitarja | Approprjazzjoni ta' impenn | Approprjazzjoni ta' pagament |
| 1 | LIS.1334. | 09/02/2017 | A02000 Infiq fuq il-bini EE | -150,000.00 | -150,000.00 |
| | | | A02220 Dokumentazzjoni u Nefqa tal-Librerija | 5,500.00 | 5,500.00 |
| | | | A02330 Kostijiet Operazzjonali Oħrajn | -50,000.00 | -50,000.00 |
| | | | A02331 Tariffi u drittijiet fuq l-HR | 200 000.00 | 200 000.00 |
| | | | A02500 Laqgħat tal-MB | -5,500.00 | -5,500.00 |
| | | | B03600 Servizzi Est ta' App direttament relatati mas-sistemi CORE | -100,000.00 | -100,000.00 |
| | | | B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn | 100 000.00 | 100 000.00 |
| 2 | LIS.1338. | 09/03/2017 | A02000 Infiq fuq il-bini EE | -150,000.00 | -150,000.00 |
| | | | A02010 Nefqa fuq il-bini FR | -200,000.00 | -200,000.00 |
| | | | A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni | -350,000.00 | -350,000.00 |
| | | | A02320 Spejjeż Legali | 85,000.00 | 85,000.00 |
| | | | A02331 Tariffi u drittijiet fuq l-HR | 15 000.00 | 15 000.00 |
| | | | A02500 Laqgħat tal-MB | -100,000.00 | -100,000.00 |
| | | | A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ | 1,000,000.00 | 1,000,000.00 |
| | | | A02800 Sigurtà Korporattiva | -300,000.00 | -300,000.00 |
| 3 | LIS.1344. | 15/05/2017 | A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni | -10,000.00 | -10,000.00 |
| | | | A01201 Spejjeż Oħrajn | 10 000.00 | 10 000.00 |
| | | | A02330 Kostijiet Operazzjonali Oħrajn | 3 000.00 | 3 000.00 |
| | | | A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ | 650,000.00 | 650,000.00 |
| | | | A02800 Sigurtà Korporattiva | -200,000.00 | -200,000.00 |
| | | | B03600 Servizzi Est ta' App direttament relatati mas-sistemi CORE | -483,000.00 | -483,000.00 |
| | | | B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn | 30 000.00 | 30 000.00 |
| 4 | LIS.1346. | 08/06/2017 | B03100 MWO tas-SIS II | 0.00 | 2,000,000.00 |
| | | | B03200 MWO tal-VIS-BMS | 0.00 | -2,000,000.00 |
| 5 | LIS.1348. | 29/06/2017 | A01184 Gratifika tas-sussistenza ta' kuljum | 46,460.00 | 46,460.00 |
| | | | A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni | -46,460.00 | -46,460.00 |
| | | | A02200 Apparat Tekniku Ieħor u Installazzjoni | -1,500.00 | -1,500.00 |
| | | | A02400 Posta | 1,500.00 | 1,500.00 |
| | | | B03100 MWO tas-SIS II | 0.00 | 7,000,000.00 |
| | | | B03200 MWO tal-VIS-BMS | 0.00 | -7,000,000.00 |
| | | | B03300 MWO tal-Eurodac | 0.00 | -15,495.00 |
| | | | B03301 Eurodac Oħrajn | 0.00 | 15,495.00 |
| 6 | LIS.1352. | 25/08/2017 | A01124 Gratifika ta' kuljum | -7,000.00 | -7,000.00 |
| | | | A01125 Gratifika ta' kull xahar | 18,000.00 | 18,000.00 |
| | | | A01130 Assigurazzjoni kontra l-mard | -22,600.00 | -22,600.00 |
| | | | A01141 Spejjeż tal-Ivvjaġġar għal-Liv Annwali | -26,500.00 | -26,500.00 |
| | | | A01182 Gratifika għall-installazzjoni u għall-assenjazzjoni mill-ġdid | 11,600.00 | 11,600.00 |
| | | | A01201 Spejjeż Oħrajn | 26,500.00 | 26,500.00 |
| | | | A01301 Spejjeż ta' Missjonijiet | 60 000.00 | 60 000.00 |
| | | | A02030 Infiq fuq il-bini BRUX | 6,500.00 | 6,500.00 |
| | | | A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni | 40,000.00 | 40,000.00 |
| | | | A02200 Apparat Tekniku Ieħor u Installazzjoni | -66,500.00 | -66,500.00 |

| Trasferimenti baġitarji fl-2017 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tat-trasferiment baġitarju | Referenza | Data | Linja baġitarja | Approprjazzjoni ta' impenn | Approprjazzjoni ta' pagament |
| | | | A02210 Għamara u Apparat tal-Uffiċċju | -40,000.00 | -40,000.00 |
| | | | A02510 Laqgħat oħrajn | 15,100.00 | 15,100.00 |
| | | | A02800 Sigurtà Korporattiva | -15,100.00 | -15,100.00 |
| 7 | LIS.1356. | 21/09/2017 | A01301 Spejjeż ta' Missjonijiet | 40,000.00 | 40,000.00 |
| | | | A01402 Skola Ewropea | 187,000.00 | 187,000.00 |
| | | | A01403 Attivitajiet soċjali | 55,000.00 | 55,000.00 |
| | | | A01500 Taħriġ għall-Persunal | 130 000.00 | 130 000.00 |
| | | | A02030 Infiq fuq il-bini BRUX | 15 000.00 | 15 000.00 |
| | | | A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni | 600,000.00 | 600,000.00 |
| | | | A02400 Posta | 5 000.00 | 5 000.00 |
| | | | A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ | 340,000.00 | 340,000.00 |
| | | | B03100 MWO tas-SIS II | -315,000.00 | 0.00 |
| | | | B03200 MWO tal-VIS-BMS | -1,402,000.00 | -1,397,000.00 |
| | | | B03600 Servizzi Est ta' App direttament relatati mas-sistemi CORE | 315,000.00 | 0.00 |
| | | | B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn | 25,000.00 | 25,000.00 |
| | | | B03810 Taħriġ għall-Istati Membri | 5 000.00 | 0.00 |
| 8 | LIS.1359. | 27/10/2017 | A01100 Salarju bażiku ta' AT | -270,000.00 | -270,000.00 |
| | | | A01102 Gratifika għal tfal dipendenti | -30,000.00 | -30,000.00 |
| | | | A01104 Gratifiki għall-Espatrijazzjoni u r-Residenza f'Post Barrani | -80,000.00 | -80,000.00 |
| | | | A01110 Salarju ta' AK | 270,000.00 | 270,000.00 |
| | | | A01182 Gratifika għall-installazzjoni u għall-assenjazzjoni mill-ġdid | 12,000.00 | 12,000.00 |
| | | | A01183 Spejjeż tat-Tneħħija | 5 000.00 | 5 000.00 |
| | | | A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni | 80,000.00 | 80,000.00 |
| | | | A01401 Gratifika tal-preprimarja | -33,000.00 | -33,000.00 |
| | | | A01402 Skola Ewropea | 46,000.00 | 46,000.00 |
| | | | A02330 Kostijiet Operazzjonali Oħrajn | -2,170.00 | -2,170.00 |
| | | | A02331 Tariffi u drittijiet fuq l-HR | 2,170.00 | 2,170.00 |
| | | | B03200 MWO tal-VIS-BMS | 0.00 | -80,000.00 |
| | | | B03710 Gruppi konsultattivi | -10,000.00 | 0.00 |
| | | | B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | 0.00 | 80,000.00 |
| | | | B03810 Taħriġ għall-Istati Membri | 10 000.00 | 0.00 |
| 9 | LIS.1362. | 27/11/2017 | A01183 Spejjeż tat-Tneħħija | 2,310.00 | 2,310.00 |
| | | | A01301 Spejjeż ta' Missjonijiet | 15 000.00 | 15 000.00 |
| | | | A01403 Attivitajiet soċjali | 10 000.00 | 10 000.00 |
| | | | A01500 Taħriġ għall-Persunal | -12,310.00 | -12,310.00 |
| | | | A02320 Spejjeż Legali | 65,870.00 | 65,870.00 |
| | | | A02500 Laqgħat tal-MB | -91,870.00 | -91,870.00 |
| | | | A02600 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet | 166,000.00 | 166,000.00 |
| | | | A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ | 26,000.00 | 26,000.00 |
| | | | A02800 Sigurtà Korporattiva | -150,000.00 | -150,000.00 |
| | | | B03000 Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi CORE) | 1,000,000.00 | 0.00 |
| | | | B03001 Sigurtà tas-sistema u tal-kontinwità tan-negozju | -20,000.00 | -20,000.00 |
| | | | B03100 MWO tas-SIS II | 0.00 | 1,500,000.00 |
| | | | B03200 MWO tal-VIS-BMS | 0.00 | -2,200,000.00 |
| | | | B03300 MWO tal-Eurodac | -965,000.00 | 0.00 |
| | | | B03600 Servizzi Est ta' App direttament relatati mas-sistemi CORE | -55,200.00 | 669,000.00 |
| | | | B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn | 20 000.00 | 20 000.00 |
| | | | B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | -10,800.00 | 0.00 |
| 10 | LIS.1366. | 15/12/2017 | A01100 Salarju bażiku ta' AT | -57,589.83 | -57,589.83 |
| | | | A01101 Gratifika għall-familji | -23,046.31 | -23,046.31 |
| | | | A01102 Gratifika għal tfal dipendenti | -19,939.19 | -19,939.19 |
| | | | A01103 Gratifika għall-edukazzjoni | -53,794.61 | -53,794.61 |

| Trasferimenti baġitarji fl-2017 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tat-trasferiment baġitarju | Referenza | Data | Linja baġitarja | Approprjazzjoni ta' impenn | Approprjazzjoni ta' pagament |
| | | | A01104 Gratifiki għall-Espatrijazzjoni u r-Residenza f'Post Barrani | -30,292.80 | -30,292.80 |
| | | | A01105 Xiftijiet ta' Sahra u għassa u dmirijiet on-call ta' AT | -2,814.22 | -2,814.22 |
| | | | A01110 Salarju ta' AK | -23,695.84 | -23,695.84 |
| | | | A01124 Gratifika ta' kuljum | -629.90 | -629.90 |
| | | | A01125 Gratifika ta' kull xahar | -500.20 | -500.20 |
| | | | A01130 Assigurazzjoni kontra l-mard | -39,397.82 | -39,397.82 |
| | | | A01131 Assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard okkupazzjonali | -20,551.07 | -20,551.07 |
| | | | A01132 Assigurazzjoni kontra l-Qgħad | -23,282.00 | -23,282.00 |
| | | | A01140 Gratifika tat-Twelid u l-Mewt | -1,010.14 | -1,010.14 |
| | | | A01141 Spejjeż tal-Ivvjaġġar għal-Liv Annwali | -20,946.49 | -20,946.49 |
| | | | A01144 Gratifiki Oħrajn | -6,063.82 | -6,063.82 |
| | | | A01181 Spejjeż tal-ivvjaġġar (assunzjoni tad-dmirijiet) | -2,508.21 | -2,508.21 |
| | | | A01182 Gratifika għall-installazzjoni u għall-assenjazzjoni mill-ġdid | -9,562.86 | -9,562.86 |
| | | | A01183 Spejjeż tat-Tneħħija | -6.96 | -6.96 |
| | | | A01184 Gratifika tas-sussistenza ta' kuljum | -25,703.82 | -25,703.82 |
| | | | A01190 Koeffiċjenti ta' korrezzjoni | -8,002.38 | -8,002.38 |
| | | | A01201 Spejjeż Oħrajn | -1,230.00 | -1,230.00 |
| | | | A01301 Spejjeż ta' Missjonijiet | 21,000.00 | 21,000.00 |
| | | | A01402 Skola Ewropea | -93,940.00 | -93,940.00 |
| | | | A01403 Attivitajiet soċjali | -12,727.00 | -12,727.00 |
| | | | A01500 Taħriġ għall-Persunal | -262.97 | -262.97 |
| | | | A02000 Infiq fuq il-bini EE | -36,074.94 | -36,074.94 |
| | | | A02010 Nefqa fuq il-bini FR | -96,639.85 | -96,639.85 |
| | | | A02030 Infiq fuq il-bini BRUX | -15,340.20 | -15,340.20 |
| | | | A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni | -20,401.98 | -20,401.98 |
| | | | A02200 Apparat Tekniku Ieħor u Installazzjoni | -11,475.38 | -11,475.38 |
| | | | A02210 Għamara u Apparat tal-Uffiċċju | -203,859.88 | -203,859.88 |
| | | | A02220 Dokumentazzjoni u Nefqa tal-Librerija | -6,893.00 | -6,893.00 |
| | | | A02300 Provvisti għall-Uffiċċju | -144.54 | -144.54 |
| | | | A02330 Kostijiet Operazzjonali Oħrajn | -10,416.21 | -10,416.21 |
| | | | A02331 Tariffi u drittijiet fuq l-HR | 312,831.42 | 312,831.42 |
| | | | A02400 Posta | -3,614.19 | -3,614.19 |
| | | | A02500 Laqgħat tal-MB | -10,233.69 | -10,233.69 |
| | | | A02510 Laqgħat oħrajn | -33,330.31 | -33,330.31 |
| | | | A02600 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet | -112,564.23 | -112,564.23 |
| | | | A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ | 13,355.99 | 13,355.99 |
| | | | A02800 Sigurtà Korporattiva | -22,792.20 | -22,792.20 |
| | | | B03000 Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi CORE) | 0.00 | 675,900.00 |
| | | | B03001 Sigurtà tas-sistema u tal-kontinwità tan-negozju | 0.00 | -135,033.72 |
| | | | B03100 MWO tas-SIS II | 0.00 | -1,167,212.48 |
| | | | B03200 MWO tal-VIS-BMS | 714,091.63 | 1,178,755.95 |
| | | | B03300 MWO tal-Eurodac | 0.00 | 886,953.83 |
| | | | B03600 Servizzi Est ta' App direttament relatati mas-sistemi CORE | 0.00 | -242,784.29 |
| | | | B03710 Gruppi konsultattivi | 0.00 | -280,718.96 |
| | | | B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn | 0.00 | -13,490.04 |
| | | | B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | 0.00 | -48,977.62 |
| | | | B03810 Taħriġ għall-Istati Membri | 0.00 | -139,301.04 |
| 11 | LIS.1370. | 20/12/2017 | A01200 Spejjeż tal-ivvjaġġar | -35,672.52 | -35,672.52 |
| | | | A01201 Spejjeż Oħrajn | -8,452.40 | -8,452.40 |
| | | | A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni | -55.84 | -55.84 |

| Trasferimenti baġitarji fl-2017 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tat-trasferiment baġitarju | Referenza | Data | Linja baġitarja | Approprjazzjoni ta' impenn | Approprjazzjoni ta' pagament |
| | | | A02300 Provvisti għall-Uffiċċju | -12,087.41 | -12,087.41 |
| | | | A02330 Kostijiet Operazzjonali Oħrajn | 14,800.00 | 14,800.00 |
| | | | A02600 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet | 5,192.64 | 5,192.64 |
| | | | A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ | -5,567.15 | -5,567.15 |
| | | | A02800 Sigurtà Korporattiva | -2,282.24 | -2,282.24 |
| | | | B03000 Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża (Sistemi CORE) | -482,057.00 | -16,464.12 |
| | | | B03001 Sigurtà tas-sistema u tal-kontinwità tan-negozju | -52,133.81 | -17,310.00 |
| | | | B03100 MWO tas-SIS II | -56,767.78 | -99,028.97 |
| | | | B03200 MWO tal-VIS-BMS | 1,426,913.70 | 240,266.51 |
| | | | B03300 MWO tal-Eurodac | 0.00 | -84,111.08 |
| | | | B03600 Servizzi Est ta' App direttament relatati mas-sistemi CORE | -527,585.20 | -4,820.00 |
| | | | B03710 Gruppi konsultattivi | -222,461.91 | 25,762.53 |
| | | | B03730 Laqgħat u missjonijiet oħrajn | 0.00 | -169.95 |
| | | | B03800 Taħriġ relatat direttament mal-operazzjonijiet | -887.02 | 0.00 |
| | | | B03810 Taħriġ għall-Istati Membri | -40,896.06 | 0.00 |
| | LIS.1372. | 20/12/2017 | B03200 MWO tal-VIS-BMS | 10,022.30 | 10,022.30 |
| | | | B03810 Taħriġ għall-Istati Membri | -10,022.30 | -10,022.30 |

# Anness III.Ċart organizzazzjonali

Fl-2017, in-numru totali ta' pożizzjonijiet f'eu-LISA kien jikkonsisti minn 167 membru tal-persunal full-time: 131 AT, 27 AK u 9 ENS. Sa tmiem is-sena, l-Aġenzija ħatret 32 AK minħabba ħtiġijiet emerġenti tal-operat li ma kinux previsti fiż-żmien tal-ippjanar tar-riżorsi umani għall-2017.

L-organigramma turi s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2017, fejn tippreżenta d-dipartimenti, l-unitajiet u s-setturi, kif ukoll il-pożizzjonijiet individwali subordinati għad-Direttur Eżekuttiv ta' eu-LISA, bl-għadd ta' persuni.



# Anness IV.Tabella tal-Persunal

### Il-Pjan ta' Stabbiliment 2017 ta' eu-LISA

Il-Pjan ta' Stabbiliment 2017 kien jikkonsisti minn 131 pożizzjoni ta' Aġenti Temporanji.

| Kategorija u grad | Pjan ta' Stabbiliment awtorizzat taħt il-baġit tal-Unjoni 2017 | |
|---|---|---|
| | Uffiċjali | AT |
| AD 16 | 0 | 0 |
| AD 15 | 0 | 1 |
| AD 14 | 0 | 1 |
| AD 13 | 0 | 2 |
| AD 12 | 0 | 3 |
| AD 11 | 0 | 4 |
| AD 10 | 0 | 6 |
| AD 9 | 0 | 10 |
| AD 8 | 0 | 17 |
| AD 7 | 0 | 17 |
| AD 6 | 0 | 13 |
| AD 5 | 0 | 14 |
| **Total ta' AD** | 0 | **88** |
| AST 11 | 0 | 0 |
| AST 10 | 0 | 0 |
| AST 9 | 0 | 1 |
| AST 8 | 0 | 2 |
| AST 7 | 0 | 3 |
| AST 6 | 0 | 8 |
| AST 5 | 0 | 12 |
| AST 4 | 0 | 14 |
| AST 3 | 0 | 3 |
| AST 2 | 0 | 0 |
| AST 1 | 0 | 0 |
| **Total ta' AST** | 0 | **43** |
| **TOTAL** | 0 | **131** |

**Informazzjoni dwar il-livell tad-dħul ta' kull tip ta' pożizzjoni: tabella indikattiva**

It-tabella hawn isfel tippreżenta l-livelli li fihom il-funzjonijiet ewlenin imniżżlin mill-Kummissjoni Ewropea huma rrappreżentati f'eu-LISA. It-titoli tax-xogħol użati fl-Aġenzija huma elenkati f'każ ta' differenzi bejn it-terminoloġija tal-Kummissjoni u dik tal-Aġenzija. Ta' min jgħid li l-gradi inizjali li huma ogħla minn dawk imsemmijin fl-Artikolu 53 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni huma dovuti għar-reklutaġġi organizzati fil-fażi tal-bidu tal-Aġenzija, li fiha kienu allokati l-ogħla gradi fl-Organigramma ta' eu-LISA.

| ***Funzjonijiet ewlenin*** *(eżempji — it-terminoloġija għandha tiġi aġġustata għat-titoli tax-xogħol ta' kull aġenzija)* | ***Tip ta' kuntratt*** *(uffiċjali, AT jew AK)* | ***Grupp ta' funzjoni (FG), grad ta' reklutaġġ*** *(jew taħt il-parentesi jekk ippubblikat fil-parentesi)* | ***Indikazzjoni ta' jekk il-funzjoni hix dedikata għall-appoġġ amministrattiv jew għall-operazzjonijiet*** *(soġġetta għad-definizzjonijiet użati fil-metodoloġija tal-iskrinjar)* |
|---|---|---|---|
| *Kap tad-Dipartiment — it-tieni livell* | AT | AD 12 | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Kap ta' Unità — it-tielet livell* | AT | AD 9, AD 10 | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Kap tas-Settur — ir-raba' livell* | AT, AK | AD 5, AD 7, AD 8, AD 9, AD 10, FG IV | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Uffiċjal Għoli* | AT | AD 8, AD 9 | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Uffiċjal* | AT, AK | AD 6, AD 7, AD 8, FG IV | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Uffiċjal Subaltern* | AT, AK | AD 5, FG IV | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Assistent Għoli* | m/a | m/a | m/a |
| *Assistent Subaltern* | AT, AK | AST 2, AST 3, FG III | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Kap tad-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni* | AT | AD 12 | Amministrazzjoni |
| *Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ* | AT | AD 9 | Amministrazzjoni |
| *Kap tal-Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti* | AT | AD 10 | Newtrali |
| *Kap tal-IT* | M/A | M/A | M/A |
| *Segretarju[a]/Assistent*<br>*Assistent għall-Kap tad-Dipartiment jew Assistent għall-Kap ta' Unità* | AT, AK | AST 3, FG III | Amministrazzjoni/operazzjonijiet |
| *Skrivan tal-Posta* | M/A | M/A | M/A |
| *Webmaster -Editur* | M/A | M/A | M/A |
| *Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data* | AT | AD 10 | Amministrazzjoni |
| *Uffiċjal tal-Kontabbiltà* | AT | AD 9 | Newtrali |
| *Awditur Intern* | AT | AD 9 | Amministrazzjoni/newtrali |
| *Assistent Personali għad-Direttur Eżekuttiv* | AT | AST 5[b] | Amministrazzjoni |

[a] Il-Pjan ta' Stabbiliment ta' eu-LISA ma jinkludix pożizzjonijiet ta' segretarji jew funzjonijiet klerikali. Bid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti l-ġodda tal-Persunal fl-1 ta' Jannar 2014, eu-LISA ddeċidiet li żżomm il-gradi approvati fil-Pjan ta' Stabbiliment u li żżid il-kompiti tal-persunal impjegat fil-gradi AST 2 u AST 3 għall-assistenti f'qasam partikolari (HR, IT, eċċ.) jew għall-Assistenti Amministrattivi. Fl-istess ħin, meta jkun meħtieġ, il-fornituri esterni ta' servizzi (intra-muros) iwettqu x-xogħol segretarjali.

[b] Dan il-grad tad-dħul ġie stabbilit mal-ħolqien tal-Aġenzija fl-2012.

**Valutazzjoni komparattiva kontra r-riżultati tas-sena preċedenti**

It-tabella indikattiva ġiet ipprovduta mill-Kummissjoni Ewropea. It-tabella finali għandha tiġi miżjuda abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-grupp ta' ħidma dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni komparattiva.

Fi tmiem l-2017 eu-LISA wettqet ir-raba' eżerċizzju tagħha ta' valutazzjoni komparattiva, f'konformità mal-metodoloġija miftiehma mill-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Aġenziji Ewropej[35]. L-iskrinjar ġie applikat għall-pożizzjonijiet kollha ta' eu-LISA. Ir-riżultati ta' dan l-iskrinjar huma ppreżentati fit-tabelli ta' hawn taħt.

**Tabella 1. Riżultati tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva ta' eu-LISA fl-2017 — membri tal-persunal**

| *Tip ta' xogħol (sotto)kategorija* | *2016 (%)* | *2017 (%)* |
|---|---|---|
| ***Appoġġ amministrattiv u koordinazzjoni*** | **15.91** | **17** |
| *Appoġġ amministrattiv* | 12.50 | 13 |
| *Koordinazzjoni* | 3.41 | 3 |
| ***Operazzjonali*** | **73.28** | **72** |
| *Operattiva ġenerali* | 60.74 | 58 |
| *Ġestjoni tal-programm* | 4.53 | 6 |
| *Koordinazzjoni operattiva tal-ogħla livell* | 8.01 | 8 |
| *Evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt* | 0.00 | 0 |
| ***Newtrali*** | **10.81** | **11** |
| *Finanzi* | 10.81 | 11 |
| *Kontroll* | m/a | m/a |

Fl-2017, l-Aġenzija skrinjat ukoll il-pożizzjonijiet okkupati mill-fornituri esterni ta' servizzi (il-persunal intra muros), bir-riżultati komparattivi li ġejjin.

**Tabella 2. Riżultati tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva ta' eu-LISA fl-2017 — servizzi esterni (intra muros)**

| *Tip ta' xogħol (sotto)kategorija* | *2016(%)* | *2017 (%)* |
|---|---|---|
| ***Appoġġ amministrattiv u koordinazzjoni*** | **56.80** | **46.42** |
| *Appoġġ amministrattiv* | 54.00 | 44.33 |
| *Koordinazzjoni* | 2.80 | 2.09 |
| ***Operazzjonali*** | **39.20** | **47.16** |
| *Operattiva ġenerali* | 31.60 | 37.01 |
| *Ġestjoni tal-programm* | 5.60 | 7.16 |
| *Koordinazzjoni operattiva tal-ogħla livell* | 2.00 | 1.49 |
| *Evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt* | m/a | 1.49 |
| ***Newtrali*** | **4.00** | **6.42** |
| *Finanzi* | 4.00 | 6.42 |
| *Kontroll* | m/a | m/a |

[35] Il-Metodoloġija għall-Iskrinjar tax-Xogħol tal-Aġenziji annessa għan-Nota mil-Laqgħa tal-Kapijiet tal-Aġenzija tas-16-17 ta' Ottubru 2014.

# Anness V. Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività

F'konformità mal-pjan ta' azzjoni tagħna wara l-evalwazzjoni tal-Aġenzija, l-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività se jiġi introdott sa tmiem l-2019.

Fl-2017, intużaw 83 % tal-ekwivalenti għal full-time (FTEs) għal attivitajiet operazzjonali u tal-akkwist relatati (EUR 127.7 miljun) u 17 % tal-FTEs intużaw għal attivitajiet orizzontali (koordinazzjoni ġenerali u appoġġ amministrattiv).

# Anness VI.Lista ta' taħriġiet ipprovduti lill-Istati Membri

Il-lista sħiħa ta' korsijiet ta' taħriġ dwar is-sistemi li ngħataw lill-Istati Membri matul is-sena 2017:

- Workshop: Kwalità u Riformulazzjoni tal-Eurodac;
- Webinar: Evalwazzjoni tax-Schengen (DK);
- Webinar: L-Eżitu tal-Istudju tal-Arkitett tas-SIS;
- Webinar: Evalwazzjoni tax-Schengen (IS);
- Webinar: DCC;
- Taħriġ għall-Persunal il-Ġdid tas-SIS II: HR (żjara fuq il-post);
- Uffiċjali tas-SIRENE — Livell 1 (mas-CEPOL);
- żewġ sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-VIS: Taħriġ Operazzjonali għall-Intermedjarji — Ġestjoni tal-Inċidenti/Talbiet Standard (L2);
- Evalwazzjoni tax-Schengen — SIS II u SIRENE (mas-CEPOL);
- żewġ sessjonijiet ta' taħriġ dwar is-SIS II: Taħriġ Operazzjonali għall-Intermedjarji — Ġestjoni tal-Inċidenti/Talbiet Standard (L2);
- Kriminalità Organizzata li Tiffaċilita l-Immigrazzjoni Illegali (mas-CEPOL);
- Eurodac: Taħriġ Operazzjonali għall-Intermedjarji — Ġestjoni tal-Inċidenti/Talbiet Standard (L2);
- Webinar: Evalwazzjoni tax-Schengen (SE);
- Eurodac/SIS II: Il-Ġlieda kontra l-Faċilitazzjoni tal-Immigrazzjoni Illegali;
- Webinar: Evalwazzjoni tax-Schengen (PT);
- Webinars: Evalwazzjoni tax-Schengen (HR);
- Programm ta' Taħriġ għall-Persunal il-Ġdid tas-SIS II għall-IE;
- Ħarreġ lill-Ħarrieġa — SIS II, VIS, Eurodac (mas-CEPOL);
- Eurodac: Taħriġ Operazzjonali għall-Intermedjarji (L2);
- Kwalità tad-Data tal-VIS;
- Taħriġ Operazzjonali fis-SIS II — Livell Bażiku (L1);
- Kors fil-klassi: Użu tekniku tal-VIS — TTT;
- Webinar: Evalwazzjoni tax-Schengen (ES);
- Webinar: Evalwazzjoni tax-Schengen (NO);
- Sessjoni ta' taħriġ dwar is-SIS II: Taħriġ Operazzjonali — Livell Intermedjarju (L2);
- Sessjoni ta' taħriġ dwar is-SIS II: AFIS għall-Istati Membri — Fokus Tekniku;
- Sessjoni ta' taħriġ SIS II għas-SIRENE (mas-CEPOL);
- Webinar: Evalwazzjoni tax-Schengen (UK);
- Sessjoni ta' taħriġ dwar il-VIS: Taħriġ Operazzjonali — Livell Bażiku (L1);
- Webinar: VIS/BMS Bażika;
- Webinar: Spjegazzjoni tad-DCC;
- Webinar: Trasferiment u Trasferiment Lura;
- Uffiċjali tas-SIRENE — Livell 2 (mas-CEPOL);
- Webinar: Il-Kunċett ta' Kopja Nazzjonali Spjegat;
- Sessjoni ta' taħriġ dwar is-SIS II: Taħriġ Operazzjonali — Livell Avvanzat (L3);
- Sessjoni ta' taħriġ dwar is-SIS II: AFIS għall-Istati Membri — Fokus Maniġerjali;
- Kors fil-klassi: Użu tekniku tal-Eurodac — TTT;
- minbarra t-taħriġ ippjanat, Sessjonijiet ta' taħriġ għall-persunal il-ġdid tal-VIS għall-Bulgarija (BG) u għar-Rumanija (RO).

# Anness VII. Anness speċifiku relatat mal-Parti II

**Evalwazzjoni esterna skont l-Artikolu 31 tar-Regolament ta' Stabbiliment**

**Evalwazzjoni esterna indipendenti tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)**

Mill-Kummissjoni Ewropea u minn Ernst & Young

Sommarji Eżekuttivi

Marzu 2016

**1. Sommarju eżekuttiv (MT)**

L-Evalwazzjoni Esterna tal-2015 (l-Evalwazzjoni) tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) ġiet f'perjodu meta l-ispazju Ewropew ta' sigurtà, libertà u ġustizzja qiegħed jiffaċċja influss fil-flussi ta' migrazzjoni u żieda fin-numru ta' applikazzjonijiet għall-asil. Hekk kif l-Istati Membri tal-UE jippruvaw jimmaniġġjaw dawn il-flussi migratorji, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-ħtieġa li jiġi żgurat funzjonament mingħajr intoppi tat-tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira li jsostnu l-ħidma tagħhom fil-qasam tal-Affarijiet Interni (it-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-sistema Eurodac) tinsab minn ta' fuq nett fuq l-aġenda.

L-Evalwazzjoni wriet li l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv. Billi kienet fdata mil-leġislatur tal-UE bil-ġestjoni tat-tliet sistemi, l-Aġenzija kienet kapaċi tiġbor riżorsi u tassigura sinerġiji u approċċ aktar konsistenti. L-Aġenzija għalhekk tikkontribwixxi wkoll għal ambjent tal-IT aktar ikkoordinat, effettiv u koerenti. Madankollu kienu identifikati xi modi ta' titjib biex l-Aġenzija ttejjeb it-tmexxija operattiva tagħha. Barra minn hekk, wara tliet snin mill-istabbiliment tal-Aġenzija, it-tim ta' evalwazzjoni identifika l-ħtieġa possibbli ta' reviżjoni jew ta' estensjoni tal-kompiti fdati lil eu-LISA fir-Regolament ta' Stabbiliment u strumenti legali rilevanti oħra. Dan jippermetti l-adattament tal-mandat attwali tal-Aġenzija biex ikun assigurat li din tilħaq l-isfidi preżenti fuq livell tal-UE.

Il-**konklużjonijiet ewlenin** tal-Evalwazzjoni dwar l-erba' assi tal-analiżi huma dawn li ġejjin

***1.1. Effettività***

L-għan ta' dan il-kriterju kien li jivvaluta kemm eu-LISA laħqet l-objettivi tagħha, kif deskritti fil-loġika ta' intervent.

***Q1.1. Kemm kienet effettiva eu-LISA biex tassigura t-tmexxija operattiva, l-iżvilupp tekniku u s-sigurtà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ĠAI fdati lilha, u t-titjib tagħhom?***

L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija, b'mod ġenerali, kienet laħqet l-objettiv tagħha li tassigura b'mod effettiv it-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT fdati lilha. L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija wettqet b'suċċess il-kompiti li joħorġu mir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija, il-Ftehimiet fis-seħħ dwar il-Livell ta' Servizz (FLS), implimentat sewwa l-evoluzzjonijiet fis-sistemi, u ssodisfat ir-rekwiżiti li joħorġu mis-sigurtà, il-protezzjoni tad-data u l-aqwa prattiki tal-industrija. L-Aġenzija stabbiliet ukoll il-kapaċitajiet xierqa u qafas organizzattiv biex tlaħħaq mal-kompiti relatati mal-evoluzzjoni tas-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha (ITIL v3, PRINCE 2, ISO 2700x). L-Evalwazzjoni identifikat ukoll modi ta' titjib, fost l-aktar importanti:

- Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki tal-ITILv3, filwaqt li l-Aġenzija għamlet progress ta' min ifaħħru f'dan ir-rigward (eż. l-istabbiliment ta' għodod xierqa għall-ġestjoni ta' proġetti bħall-VIS Evolutions, Testa-NG),

għad hemm xogħol xi jsir. Pereżempju, l-Evalwazzjoni identifikat il-ħtieġa li jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-proċessi implimentati tal-IT u li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-indikaturi tal-prestazzjoni, li attwalment huma limitati għall-prestazzjoni tan-negozju.

● L-Evalwazzjoni nnotat riskju għall-kontinwità tan-negozju marbut man-nuqqas ta' Pjan ta' Rkupru minn Diżastru (DRP) uniku u trasversali u Pjan ta' Kontinwità tan-Negozju (BCP) li jkopri t-tliet sistemi (eż. il-persunal, il-faċilitajiet, ir-riżorsi, eċċ.), li ġie identifikat mill-Aġenzija u kien qiegħed jiġi indirizzat permezz ta' proġett li kien għaddej matul il-perjodu tal-evalwazzjoni.

● Dwar il-ġestjoni tal-kapaċità, l-Evalwazzjoni identifikat il-ħtieġa (eż. Studju tal-Każ dwar l-Evoluzzjoni tal-VIS) li l-Aġenzija tistabbilixxi u tifformalizza proċess ta' rieżami li jippermetti rieżami regolari tal-ħtiġijiet ta' kapaċità tas-sistemi mal-Istati Membri, abbażi tal-istatistika ġġenerata mis-sistemi u eżerċizzju prospettiv.

● Rigward is-sigurtà tal-IT, l-Evalwazzjoni identifikat il-ħtieġa tal-implimentazzjoni ta' funzjoni ta' ġestjoni transfunzjonali tal-arkitettura, responsabbli mill-validazzjoni tal-għażliet infrastrutturali, l-għażla tat-teknoloġija tal-applikazzjonijiet u l-implimentazzjoni fuq livell trasversali u mhux bis-sistema. Hemm bżonn ta' strateġija u pjan direzzjonali komuni biex tittejjeb l-integrazzjoni tal-prinċipji ta' arkitettura sigura fit-tliet sistemi kollha biex jitnaqqsu r-riskji relatati mas-sigurtà.

● Rigward il-protezzjoni tad-data, l-Evalwazzjoni identifikat il-ħtieġa li jiġi żgurat li jiġu inklużi l-klawżoli xierqa dwar il-protezzjoni tad-data fil-ftehimiet eżegwiti mal-kuntratturi esterni. Barra minn hekk, l-Evalwazzjoni identifikat it-tħassib li jeżisti dwar il-produzzjoni tar-rapporti dwar il-kwalità tad-data u l-analiżi tad-data. Attwalment mhuwiex ċar sa fejn l-Aġenzija tista' taċċessa l-bażijiet tad-data biex tipproduċi dawn ir-rapporti billi l-qafas legali preżenti ma jipprovdix għal mandat espliċitu, speċjalment fir-rigward tal-istabbiliment ta' rapporti dwar l-analiżi tad-data (jiġifieri l-produzzjoni ta' rapporti dwar l-analiżi tad-datainkluża fis-sistemi mill-Istati Membri). L-Evalwazzjoni għalhekk identifikat il-ħtieġa li din il-kwistjoni tiġi ċċarata aktar f'evoluzzjoni/riforma futura tal-qafas legali preżenti.

● F'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligi ta' eu-LISA rigward il-produzzjoni ta' dokumenti u ta' rapport, l-Aġenzija għandha tinfurza l-kontroll tal-kwalità tad-dokumenti/tar-rapporti mibgħuta.

***M1.2a. Kemm kienet effettiva eu-LISA fit-twettiq ta' monitoraġġ tar-riċerka?***

L-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-riċerka mwettqa mill-Aġenzija kienu valutati bħala pertinenti u meħtieġa għall-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Aġenzija u għall-iżvilupp tas-sistemi. Ma seta' jiġi identifikat l-ebda eżempju ċar tal-impatt minħabba l-livell baxx ta' maturità ta' din l-attività. L-Aġenzija identifikat l-importanza tal-monitoraġġ tar-riċerka u rrikonoxxiet fil-Programm ta' Ħidma tagħha tal-2015 li għandu jsir sforz akbar biex ir-riżultati tal-attività jinfurmaw it-tmexxija operattiva tas-sistemi.

L-Evalwazzjoni sabet ukoll li jeħtieġ li jsiru sforzi sabiex jiġi assigurat li jinħolqu sinerġiji ma' entitajiet oħra f'dan il-qasam, inkluża l-Kummissjoni Ewropea.

***M1.2b. Kemm kienet effettiva eu-LISA biex tipprovdi t-taħriġ?***

Mit-twaqqif tagħha, l-Aġenzija għamlet sforzi ta' min ifaħħarhom sabiex tiżviluppa attivitajiet ta' taħriġ b'saħħithom skont il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet nazzjonali, kemm tekniċi kif ukoll prattiċi. L-elaborazzjoni tal-istrateġija tat-taħriġ issir b'mod annwali permezz tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar it-taħriġ li jikkonsistu minn rappreżentanti tal-Istati Membri.

L-evalwazzjoni sabet li kien meħtieġ aktar allinjament mal-ħtiġijiet tekniċi, b'mod partikolari f'termini ta' titjib tal-kontenut tekniku tat-taħriġ. Dan jista' jkun parzjalment dovut għall-parteċipazzjoni passiva tal-partijiet interessati rilevanti (eż. il-Grupp Konsultattiv u l-membri tal-NCPs) fl-elaborazzjoni tal-istrateġija tat-taħriġ, minkejja l-isforzi tal-Aġenzija biex iżżommhom involuti.

***Q1.2c. Kemm kienet effettiva eu-LISA fil-kompiti tagħha speċifiċi għall-Eurodac relatati mat-trażmissjoni, il-ġbir u t-tqabbil tad-data, l-aċċess għal, u l-korrezzjoni jew it-tħassir tad-data?***

L-Aġenzija kienet effettiva fil-kompiti tagħha speċifiċi għall-Eurodac, bi proċessi u proċeduri stabbiliti minn mindu l-Aġenzija bdiet il-kompiti operattivi tagħha f'Diċembru 2012 biex tikkontrolla t-trażmissjoni effettiva tad-data u biex tikkontrolla l-paragunabbiltà tal-marki tas-swaba' mibgħuta mill-Istati Membri.

***Q1.3 Kemm kienet kapaċi eu-LISA tirrispondi għall-kompiti ġodda fdati lilha?***

L-Aġenzija wriet il-kapaċitajiet tagħha li twieġeb għall-kompiti ġodda fdati lilha. Fir-rigward ta' DubliNet u VISION, l-Aġenzija assigurat b'suċċess l-integrazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-kompiti operattivi. Filwaqt li l-Aġenzija kellha suċċess, attwalment ma jeżisti l-ebda rappurtar formali dwar l-impatt fuq ir-riżorsi tal-Aġenzija biex tassumi dawn il-kompiti, li għandu jiġi valutat fil-ġejjieni.

Dwar il-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti, l-Aġenzija kienet effettiva, biex timplimenta l-aspetti tekniċi relatati mal-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti u biex tassisti lill-Istati Membri fl-eżekuzzjoni tat-testijiet. Tqajmu kwistjonijiet dwar il-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tal-ħruġ ta' għotjiet lill-Istati Membri taħt il-proġett pilota. Il-persunal tal-Aġenzija għandu jiġi mħarreġ dwar il-ġestjoni finanzjarja u l-ġestjoni tal-għotjiet tal-UE.

L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija għandha tingħata riżorsi addizzjonali jekk tiġi fdata bl-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-Sistema l-ġdida ta' Dħul/Ħruġ jew ta' kwalunkwe sistema oħra tal-IT fuq skala kbira.

***Q1.4 Kemm kellha suċċess eu-LISA biex tistabbilixxi sħubijiet u tfittex sinerġiji ma' aġenziji oħra tal-UE u biex tibni relazzjonijiet b'saħħithom u ta' fiduċja mal-partijiet interessati tagħha fl-operazzjoni u ż-żamma tas-sistemi taħt il-mandat tagħha?***

Mit-twaqqif tagħha, l-Aġenzija żviluppat relazzjonijiet ta' kooperazzjoni u effettivi ma' aġenziji oħra tal-ĠAI. Hi sa issa ffirmat tliet arranġamenti ta' kooperazzjoni jew dokumenti tal-arranġament ta' ħidma li jifformalizzaw il-kooperazzjoni ma' aġenziji oħra tal-UE (CEPOL, FRONTEX, EASO). Din il-kooperazzjoni tqieset bħala ta' suċċess fl-Evalwazzjoni, b'sinġerji li jassistu fit-twettiq tal-kompiti ta' eu-LISA (jiġifieri l-kooperazzjoni mal-FRONTEX dwar il-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti). Minkejja din il-kooperazzjoni, ir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija jipprovdi mandat limitat fir-rigward ta' tali kooperazzjoni. Minħabba f'hekk, fl-iżvilupp ta' kooperazzjoni ma' aġenziji oħra tal-ĠAI fil-qafas tal-mandat, eu-LISA għandha tagħmel l-isforzi kollha neċessarji sabiex tassigura livell kontinwu ta' prijorità u servizz għax-xogħol ewlieni tagħha.

***1.2. Effiċjenza***

L-għan ta' dan il-kriterju kien li jivvaluta l-kostijiet (finanzjarji, riżorsi umani, ħin, kompetenza) direttament imġarrba mill-Aġenzija biex tikseb ir-riżultati u l-mod kif jiġu allokati u mmaniġġati.

***Q2.1. Kemm kienet effiċjenti eu-LISA sabiex timplimenta l-kompiti stipulati fil-mandat tagħha kif stabbilit fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija?***

Mit-twaqqif tagħha, l-Aġenzija wettqet ħidma sinifikanti biex tallinja l-funzjonijiet, l-operazzjonijiet u l-proċessi interni tagħha mal-ġestjoni ta' qafas tal-IT. eu-LISA b'mod partikolari introduċiet bidliet fid-dipartiment operattiv biex jiġu identifikati u introdotti sinerġiji operattivi. Minħabba l-limitazzjonijiet ffaċċjati mill-Aġenzija fir-riżorsi, l-Evalwazzjoni sabet li hemm bżonn ta' rieżami sħiħ tal-allokazzjoni tar-riżorsi għall-kompiti ċentrali u mhux ċentrali, li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija, biex jiġi aċċertat jekk l-allokazzjoni hijiex proporzjonata għall-għanijiet li jridu jintlaħqu u jekk tistax issir xi riallokazzjoni. L-Evalwazzjoni sabet ukoll (eż. studju tal-każ dwar ir-Riformulazzjoni tal-Eurodac) li kien hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti kontrolli xierqa biex jiġi assigurat li jkun hemm biżżejjed riżorsi ta' persunal għall-ġestjoni tal-proġett abbażi tal-ħtiġijiet tal-proġett.

*M2.1a. Il-fatturi esterni kemm influwenzaw l-effiċjenza tal-Aġenzija?*

Filwaqt li l-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija ffaċċjat xi problemi li rriżultaw minn fatturi esterni (ir-reklutaġġ f'Tallinn, in-nuqqas ta' sinerġiji fl-akkwist għas-sistemi minħabba li l-Aġenzija kienet marbuta bil-kuntratti eżistenti fis-seħħ), hu mistenni li dawn il-problemi se jkomplu jiġu solvuti maż-żmien, bl-arranġamenti tal-akkwist u tal-ikkuntrattar eventwalment jiġu konformi mal-approċċ tal-Aġenzija (jiġifieri kuntratti li jkopru t-tliet sistemi kollha).

*M2.1b. Kemm huma adegwati l-mekkaniżmi interni u esterni għall-monitoraġġ, għar-rapportar u għall-evalwazzjoni ta' eu-LISA biex jiġu assigurati l-akkontabilità u l-valutazzjoni xierqa tal-prestazzjoni ġenerali ta' eu-LISA?*

L-evalwaturi identifikaw il-ħtieġa li l-Aġenzija ttejjeb il-kwalità tar-rapportar tagħha biex tassigura t-trasparenza tal-prestazzjoni ġenerali tal-Aġenzija, bi problemi attwalment identifikati rigward l-akkontabilità u t-trasparenza tal-attivitajiet tal-Aġenzija fir-rapporti tagħha (eż. diffikultajiet biex jiġu identifikati r-rabtiet bejn il-ħidma ppjanata fil-Programm ta' Ħidma u dik attwalment imwettqa fir-Rapport Annwali tal-Attività).

*Q2.2. Il-baġits annwali tal-Aġenzija ġew implimentati b'mod effiċjenti u bil-ħsieb li jinkisbu r-riżultati?*

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-snin riċenti, l-Evalwazzjoni sabet livell baxx ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' kull sena relatati mat-Titolu 3 (nefqiet operazzjonali). Dan jindika l-ħtieġa li l-Aġenzija tirrinforza l-kapaċitajiet tal-ippjanar li jippermettu l-elaborazzjoni ta' ppjanar pluriennali aktar dettaljat (l-attivitajiet u l-istimi finanzjarji relatati) u segwitu mill-qrib tal-proċess ta' implimentazzjoni.

*M2.3a. Kemm huma adegwati s-soluzzjonijiet organizzattivi, l-HR u l-proċeduri ta' eu-LISA għat-twettiq tal-ħidma fdata lilha u għall-volum tax-xogħol attwali?*

Minħabba l-limitazzjonijiet li jeżistu fuq il-flessibilità interna, l-evalwazzjoni saħqet li l-antiċipazzjoni tal-evoluzzjonijiet fuq il-volum tax-xogħol tal-Aġenzija u ż-żieda ta' kompiti ġodda kienu kruċjali biex jingħata biżżejjed żmien għall-adattament tar-riżorsi eżistenti u għat-tnedija tar-riżorsi addizzjonali. Minkejja dan, diġà jista' jiġi sottolinjat li jekk eu-LISA tiġi fdata bl-iżvilupp tas-Sistema l-ġdida ta' Dħul/Ħruġ (jew ta' kwalunkwe sistema oħra tal-IT fuq skala kbira), il-livell attwali ta' riżorsi kif ukoll il-profili meħtieġa jeħtieġ li jiġu adattati skont dan billi eu-LISA inizjalment kellha persunal biex tħaddem tliet sistemi iżda mhux biex tiżviluppa oħrajn ġodda.

*M2.3b. Iċ-ċiklu ta' ppjanar tal-Aġenzija (il-Programm ta' Ħidma Annwali u l-baġit) huwa konformi mal-objettiv li jinkisbu riżultati effiċjenti?*

L-Evalwazzjoni sabet li l-proċess biex jitħejja l-Programm ta' Ħidma Annwali hu adegwat għalkemm teżisti nuqqas ta' prospettiva minħabba n-nuqqas preżenti ta' programm ta' ħidma pluriennali. Għandu jsir xi titjib, bħall-involviment tal-partijiet interessati aktar kmieni fil-proċess u t-tisħiħ tal-allinjament tiegħu mal-baġit u mal-programm ta' ħidma pluriennali. Għal dak il-għan, eu-LISA għandha tadotta malajr programm ta' ħidma pluriennali dettaljat kif previst fir-Regolament ta' Stabbiliment biex tassigura ppjanar effettiv għall-Aġenzija.

*M2.3c. Kemm irnexxielha eu-LISA tibni l-kapaċitajiet interni biex tieħu ħsieb id-diversi kompiti fdati lilha?*

Filwaqt li l-istruttura organizzazzjonali u l-proċessi interni għadhom qed jevolvu, l-Evalwazzjoni sabet li dawn huma strutturati u deskritti b'mod xieraq. L-Aġenzija kienet kapaċi tidentifika soluzzjonijiet biex twettaq il-kompiti assenjati. Dan ġie osservat b'mod partikolari permezz tal-Istudji tal-Każ dwar il-proġetti (eż. il-proġett pilota tal-Fruntieri Intelliġenti, l-Istudji dwar is-Servizzi Komuni Kondiviżi). Rigward il-kompiti ġodda, l-Aġenzija ħadet ħsieb dawn il-kompiti ġodda b'mod effiċjenti permezz tar-riallokazzjoni interna tal-persunal.

Rigward is-sottokuntrattar, l-Evalwazzjoni sabet li hi meħtieġa strateġija formali u trasversali dwar il-forniment kif ukoll għall-persunal intern biex tkun assigurata ġestjoni mill-qrib tax-xogħol imwettaq minn kuntratturi esterni.

***Q2.4. Il-proċessi u l-proċeduri ta' eu-LISA jikkontribwixxu b'suċċess għall-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha?***

L-Aġenzija wettqet sforzi ta' min ifaħħarhom biex tistabbilixxi l-politiki, il-proċessi u l-proċeduri xierqa li jippermettulha tmexxi, tistruttura u torganizza l-operazzjonijiet tagħha u tagħti l-livell meħtieġ ta' servizz. Dan deher, pereżempju, permezz tal-implimentazzjoni tal-proġett dwar l-Istudji dwar is-Servizzi Komuni Kondiviżi.

L-Evalwazzjoni sabet il-ħtieġa li tiġi implimentata sistema ta' ġestjoni tal-kwalità bil-għan li l-proċessi, il-politiki u l-proċeduri kollha jiġu aġġornati u rieżaminati fuq bażi regolari. Fl-istudji tal-każ imwettqa għall-Evalwazzjoni, ġiet identifikata wkoll il-ħtieġa li tiġi assigurata d-disponibbiltà tad-dokumentazzjoni li tittratta l-ġestjoni tal-eċċezzjonijiet u l-organigramma (Evoluzzjonijiet tal-VIS).

***Q2.5. F'liema miżura l-gvernanza, l-istruttura organizzazzjonali u l-lokalizzazzjonijiet ta' eu-LISA kif maħluqa mir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija, għenu għall-effiċjenza tagħha u biex jinkisbu l-ekonomiji ta' skala?***

Ma tidher li hi meħtieġa l-ebda bidla maġġuri fis-sistema ta' governanza preżenti. Għad hemm lok għal titjib fil-parteċipazzjoni attiva tal-membri tal-Grupp Konsultattiv biex jipprovdu għarfien espert lill-Aġenzija dwar it-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT. Il-Bord tat-Tmexxija jiffunzjona b'mod effiċjenti mingħajr l-ebda bidla maġġuri meħtieġa fil-prattika preżenti. Madankollu, l-użu attwali tal-proċedura bil-miktub f'xi każijiet jista' ma jassigurax konsiderazzjoni adegwata tal-problemi. Barra minn hekk, l-Evalwazzjoni sabet (jiġifieri l-Istudju tal-Każ dwar l-Istudji tas-Servizzi Komuni Kondiviżi) li l-Aġenzija tista' potenzjalment iżżid il-livell ta' komunikazzjoni tagħha dwar il-progress relatat mal-proġetti. Fir-rigward tal-lokalizzazzjonijiet b'ħafna siti, l-Evalwazzjoni sabet li t-tixrid ġeografiku ta' eu-LISA għandu impatt fuq l-implimentazzjoni effiċjenti tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet ta' eu-LISA billi jiġġenera spejjeż addizzjonali li ma kinux isiru kieku l-Aġenzija ġiet stabbilita f'żewġ siti biss (tekniku u ta' riżerva). Filwaqt li jeżistu spejjeż diretti u indiretti, dawn huma meqjusa bħala proporzjonati għar-raġunament tekniku u politiku assoċjat mal-ħolqien ta' ħafna siti qabel l-istabbiliment tal-Aġenzija u li għadhom rilevanti (kif spjegat fid-dettall fis-Sezzjoni 4.9.3).

***1.3. Koerenza***

L-għan ta' dan il-kriterju kien li jeżamina kemm l-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' eu-LISA huma artikolati b'mod effettiv ma' dawk tal-partijiet interessati li jinkludu l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, il-Kummissjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE biex jassiguraw il-kumplimentarjetà u jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi. L-evalwazzjoni vvalutat ukoll l-allinjament tal-istrateġiji, il-koerenza tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni, ir-riskji ta' duplikazzjonijiet, il-proċeduri fis-seħħ biex jassiguraw li l-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' eu-LISA jkunu koerenti mal-politiki u mal-attivitajiet tal-partijiet interessati tagħha u mal-perċezzjoni tal-partijiet interessati dwar il-kwalità ta' dawn tal-aħħar.

***Q3.1. Kemm qiegħda eu-LISA taġixxi f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u korpi oħra tal-UE, biex tassigura l-kumplimentarjetà u tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi?***

Ir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija u l-Memorandum ta' Qbil bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni jipprovdu qafas b'saħħtu għal kooperazzjoni effettiva li b'mod ġenerali hi meqjusa bħala sodisfaċenti. Il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ adegwat lill-Aġenzija matul it-twaqqif tagħha sakemm assumiet il-kompiti tagħha fl-1 ta' Diċembru 2012 u fil-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm l-Aġenzija kisbet l-indipendenza baġitarja fit-22 ta' Mejju 2013. Il-kooperazzjoni stabbilita mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE hi meqjusa bħala ta' benefiċċju biex tiġi assigurata l-kumplimentarjetà fl-implimentazzjoni tal-politika u l-istrateġija tal-UE, bil-kundizzjoni li l-kooperazzjoni tibqa' fil-limiti tal-mandat tagħha. Ir-relazzjonijiet żviluppati mas-settur privat permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti relatati mal-industrija ħolqu pjattaforma utli għad-diskussjoni dwar il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet futuri fir-rigward tal-iżvilupp tal-IT. Ġew identifikati l-modi ta' titjib li ġejjin:

- Il-koerenza fir-rigward tal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni tista' titjieb billi l-kompiti tal-Kummissjoni (l-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwisti u t-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali) jiġu trasferiti lill-Aġenzija. L-Aġenzija għandha l-kompetenza u l-kapaċitajiet biex tlaħħaq ma' dawn il-kompiti, li jista' jwassal għal titjib fl-effiċjenza wkoll.

- Barra minn hekk, ġie identifikat riskju ta' duplikazzjoni fir-rigward tal-mandat tal-Aġenzija relatat mal-monitoraġġ tar-riċerka dwar it-tmexxija operattiva tas-sistemi li għandu jkun allinjat mal-ħidma ta' riċerka tal-Kummissjoni f'dan il-qasam u kkoordinat mal-Kummissjoni skont l-Artikolu 15 tal-MtQ. Jista' jintwera eżempju fir-rigward tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tar-riċerka dwar l-identifikaturi bijometriċi. Filwaqt li l-Aġenzija żviluppat rapport f'dan ir-rigward fl-2015 minħabba r-rabtiet tagħha mas-sistemi li timmaniġġa, diġà ġew żviluppati attivitajiet konkreti ta' riċerka fl-oqsma tal-bijometrika taħt il-qafas ta' Orizzont 2020 u programmi oħra ta' riċerka.

- L-Evalwazzjoni tqis li l-Aġenzija tista' tkompli tiżviluppa attivitajiet ta' kooperazzjoni esterna (ma' aġenziji oħra tal-UE) bil-kundizzjoni li dawn jikkonformaw mal-mandat tal-Aġenzija u l-attivitajiet ewlenin ma jiġux affettwati f'termini ta' kwalità, ta' servizz, ta' prontezza fir-rispons, ta' rapportar, eċċ.

***Q3.2. Kemm qiegħda eu-LISA taġixxi f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-pajjiżi assoċjati biex tassigura l-kumplimentarjetà u tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi?***

L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija rnexxielha, b'mod ġenerali, tirrispetta l-allokazzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fil-livell tal-UE u nazzjonali fir-rigward tal-kompitu ewlieni tagħha li tmexxi s-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Dan joħroġ mid-diviżjoni ċara fil-qafas legali tal-Aġenzija, kif provdut fir-Regolament ta' Stabbiliment tal-Aġenzija. Filwaqt li ma ġiet identifikata l-ebda duplikazzjoni tal-isforzi, jista' jkun hemm aktar kumplimentarjetà fir-rigward tal-interazzjoni akbar tal-membri tal-Grupp Konsultattiv kif ukoll l-involviment akbar tal-Aġenzija fl-analiżi tal-istatistika tal-Istati Membri.

***Q3.3. Kemm huma koerenti l-attivitajiet ta' eu-LISA mad-dokumenti ta' strateġija adottati fil-qasam ta' politika?***

L-Evalwazzjoni sabet li l-attivitajiet ta' eu-LISA huma b'mod ġenerali allinjati tajjeb mal-oqfsa ta' politika u mal-istrateġiji rilevanti fil-qasam tal-ĠAI. Il-koerenza tal-attivitajiet tal-Aġenzija kienet ikkonfermata permezz tal-istrateġija proprja tagħha għall-perjodu 2014-2020. Minħabba l-livell baxx ta' maturità ta' din l-istrateġija, l-Evalwazzjoni ma tistax tiġġudika l-impatt tagħha għalkemm l-allinjament mal-politiki tal-ĠAI hu mistenni li jissokta hekk kif l-istrateġija tiżviluppa matul is-snin li ġejjin. Dan għandu jintwera wkoll bl-allinjament tal-istrateġija ta' eu-LISA mal-ewwel programm ta' ħidma pluriennali li mhuwiex finalizzat.

***Q3.4. Il-proċeduri stabbiliti huma effettivi biex jassiguraw li l-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' eu-LISA jkunu koerenti mal-politiki u l-attivitajiet tal-partijiet interessati tagħha?***

L-Evalwazzjoni sabet li l-Aġenzija żviluppat strateġija ta' kooperazzjoni koerenti għall-involviment ma' partijiet interessati differenti b'mod strutturat permezz tal-adozzjoni tal-Istrateġija tagħha għall-Ġestjoni tal-Partijiet Interessati. Minkejja dan, ma kinux identifikati mekkaniżmi ċari fil-livell tal-Aġenzija biex jassiguraw l-allinjament tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' eu-LISA mal-politiki u mal-attivitajiet tal-partijiet interessati tagħha. Filwaqt li l-Aġenzija wettqet attivitajiet ta' kooperazzjoni fi ħdan il-qasam tal-ĠAI mal-istituzzjonijiet tal-UE u ma' aġenziji oħra tal-ĠAI, jeħtieġ li jsiru sforzi akbar mill-Aġenzija biex tassigura l-koerenza bejn dawn l-attivitajiet u l-mandat tal-Aġenzija, inkluż billi tassigura koordinazzjoni akbar mal-Istati Membri fil-Bord tat-Tmexxija u mal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

***1.4. Rilevanza u valur miżjud***

L-għan ta' dan il-kriterju kien li jeżamina kemm il-ħolqien tal-Aġenzija ġab benefiċċji meta mqabbel mal-arranġamenti operattivi preċedenti f'termini ta' effiċjenza u ta' effettività.

***Q4.1. X'kienu l-benefiċċji ta' azzjoni fuq livell ta' Aġenzija minn perspettiva operattiva u strateġika?***

L-istabbiliment ta' awtorità ta' ġestjoni waħda biex tassumi t-tmexxija operattiva tat-tliet sistemi tal-IT minnu nnifsu joħloq livell għoli ta' valur miżjud, sa fejn l-Aġenzija twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u effiċjenti. Il-valur miżjud aħħari ta' eu-LISA għalhekk hu loġikament dipendenti ħafna fuq l-abilità tagħha li twettaq il-kompiti ewlenin tagħha b'mod effiċjenti u effettiv. L-elementi ewlenin li fuqhom hu bbażat il-valur miżjud ta' eu-LISA huma l-ġbir flimkien ta' kompetenza esperta, l-użu tas-sinerġiji billi s-sistemi jinġiebu "taħt saqaf wieħed" u l-ħolqien ta' qafas operattiv aktar flessibbli.

***Q4.2. Kemm kienet aktar effettiva eu-LISA biex tikseb ir-riżultati tagħha meta mqabbel ma' arranġamenti oħra mgħoddija, eżistenti jew alternattivi fuq livell nazzjonali jew tal-UE?***

Billi wettqet tqabbil tal-kostijiet relatati mal-Eurodac (jiġifieri l-unika sistema li għaliha seta' jsir tqabbil bħal dan), qabel u wara t-twaqqif tal-Aġenzija, l-Evalwazzjoni ma identifikatx ekonomija li tirriżulta mill-ħolqien tal-Aġenzija, bil-kostijiet li jidhru li huma ogħla. Filwaqt li d-differenza fil-kostijiet tista' tiġi spjegata f'xi każijiet mill-kompiti assoċjati mas-sistemi (jiġifieri t-taħriġ, il-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv), ma tistax titwettaq valutazzjoni komparattiva ġenerali tal-kostijiet minħabba d-differenzi fir-reġistrazzjoni tal-kostijiet (eż. għall-Unità Ċentrali u għall-Unità Ċentrali ta' Riżerva, l-assigurazzjoni tal-kwalità, il-ħardwer u s-softwer). It-tqabbil tal-kostijiet operattivi identifika l-ħtieġa li l-Aġenzija tassigura reġistrazzjoni ċara tal-kostijiet għal kull sistema fil-ġejjieni bil-għan li jkun jista' jiġi verifikat jekk inkisbux żidiet fl-effiċjenza.

***Q4.3. Kemm saħħet eu-LISA l-involviment tal-Istati Membri fit-tmexxija operattiva u fl-evoluzzjoni tas-sistemi fdati taħt il-mandat tagħha?***

B'mod ġenerali, l-Evalwazzjoni nnotat feedback pożittiv dwar il-livell ta' involviment u ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati fil-livell nazzjonali. Il-governanza tal-Aġenzija tikkontribwixxi għall-kwalità tal-komunikazzjoni u tal-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali, billi tassigura li tiġi pprovduta pjattaforma għall-Istati Membri biex ikunu involuti fl-Aġenzija u biex ikun assigurat li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu kkunsidrati.

Filwaqt li l-Gruppi Konsultattivi huma forum rilevanti u siewi għall-involviment tal-Istati Membri, l-Evalwazzjoni sabet li r-rikkezza ta' għarfien espert f'dawn il-gruppi tista' tiġi sfruttata aħjar biex titjieb il-kwalità tad-djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali. Dan jista' jseħħ permezz tal-istabbiliment ta' linji gwida għall-Gruppi Konsultattivi u permezz tal-istabbiliment tal-objettivi annwali ewlenin tal-Gruppi Konsultattivi.

# Anness VIII. Anness speċifiku relatat mal-Parti III

**Riskji identifikati**

Bħala riżultat tal-isforzi ta' valutazzjoni tar-riskji tal-2016/2017, it-tabella li ġejja turi l-klassifikazzjoni tal-akbar erba' riskji korporattivi għal eu-LISA.

| Klassifikazzjoni | Titolu |
|---|---|
| Riskju 1 | L-intoppi potenzjali tal-proġett tal-estensjoni tas-sit ta' Strasburgu jistgħu jipperikolaw l-eżiti mixtieqa |
| Riskju 2 | In-nuqqas ta' biżżejjed persunal statutorju jista' jaffettwa b'mod negattiv lill-Aġenzija fil-kisba tal-kompiti<br>assenjati lilha jew saħansitra jista' jwassal għal avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità |
| Riskju 3 | Nuqqas ta' appoġġ 24 siegħa kuljum għas-Servizzi Korporattivi li jipperikola d-disponibbiltà 24 siegħa kuljum tas-servizzi korporattivi |
| Riskju 4 | Eliġibbiltà tal-ftehim ta' delega tal-Fruntieri Intelliġenti[36] |

**Standards tal-Kontroll Intern**

| Numru | Titolu | Sommarju tal-azzjonijiet prinċipali mwettqa lejn il-konformità fl-2017 | Status tal-implimentazzjoni fi tmien is-sena (Lesta/Għaddejja) | Sommarju tal-azzjonijiet maġġuri rrapportati/ippjanati fl-2018 |
|---|---|---|---|---|
| ICS 1 | Missjoni | L-istqarrijiet tal-missjoni ġew aġġornati fejn meħtieġ u kkomunikati fi ħdan l-organizzazzjoni | Lesta | Eżerċizzju ta' aġġornament sħiħ fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-missjonijiet tal-Aġenzija u tal-entitajiet se jitwettaq b'segwitu għall-eżiti tal-Eżerċizzju ta' Ġestjoni tal-Kwalità tal-2017 fil-livell tal-intrapriża |
| ICS 2 | Valuri Etiċi u Organizzazzjonali | Ġew organizzati sessjonijiet regolari ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal għas-segwitu tal-elementi tal-qafas etiku. Saru sforzi biex jiġi aġġornat il-qafas etiku | Għaddejja | Il-proċedura ta' żvelar ta' informazzjoni protetta se tiġi implimentata bis-sħiħ, il-persunal se jirrikonoxxi l-qafas etiku b'mod formali, se jinħatar Konsulent Etiku, u se jiddaħħal fis-seħħ stħarriġ biex jiġi analizzat l-għarfien tal-persunal fil-qasam tal-qafas etiku |
| ICS 3 | Allokazzjoni u Mobilità tal-Persunal | Ingħataw il-kontributi tal-maniġers biex l-ippjanar tal-persunal jiġi allinjat mal-objettivi u mal-prijoritajiet ta' eu-LISA u jiġi żviluppat, u hu applikat mekkaniżmu intern tal-postijiet vakanti għar-reklutaġġ biex tiġi pprovduta | Għaddejja | Il-qafas ta' kompetenzi għandu jiġi stabbilit ulterjorment, u jinkludi informazzjoni dwar il-ħiliet tal-familji tax-xogħol tal-anqas skont id-deskrizzjoni tax-xogħol u l-attivitajiet imwettqa f'eu-LISA |

[36] In-notifka uffiċjali lill-ED datata l-10 ta' Awwissu 2017 mid-DĠ HOME E1 ikkonfermat l-aċċettazzjoni tar-rapport finali mħejji minn eu-LISA dwar l-operazzjonijiet tal-SB.

| Numru | Titolu | Sommarju tal-azzjonijiet prinċipali mwettqa lejn il-konformità fl-2017 | Status tal-implimentazzjoni fi tmien is-sena (Lesta/Għaddejja) | Sommarju tal-azzjonijiet maġġuri riportati/ippjanati fl-2018 |
|---|---|---|---|---|
| | | opportunità ta' mobilità mal-Aġenzija | | |
| ICS 4 | Evalwazzjoni u Żvilupp tal-Persunal | Eżerċizzju annwali ta' evalwazzjoni 2017 finalizzat (inkluż ir-rekordjar tal-ħtiġijiet tat-taħriġ tal-persunal) | Lesta | Għandu jsir l-eżerċizzju annwali ta' evalwazzjoni 2018 |
| ICS 5 | Objettivi u Indikaturi tal-Prestazzjoni | Id-Dokument ta' Programmazzjoni ta' eu-LISA (li qabel kien il-Programm ta' Ħidma Annwali) ġie żviluppat fl-Aġenzija skont il-gwida applikabbli u abbażi ta' djalogu bejn il-maniġers superjuri, il-maniġers intermedji u l-persunal, biex ikun assigurat li kulħadd jifhmu u jagħmlu tiegħu. Ir-Rapport Annwali tal-Attività, li jinkludi d-dettalji kollha meħtieġa, ġie pprovdut lill-partijiet ikkonċernati ta' eu-LISA. L-Aġenzija żammet l-indikaturi korporattivi ewlenin tal-prestazzjoni, wara li ftiehmet dwarhom mal-Bord tat-Tmexxija | Lesta | Ukoll fl-2018, l-Aġenzija għandha l-għan li tipprovdi d-dokumenti tal-ippjanar skont ir-Regolament ta' Stabbiliment, l-aħjar prattiki u l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati fil-ħin, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità. |
| ICS 6 | Proċess għall-Ġestjoni tar-Riskju | Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju korporattiv applikat u l-eżerċizzju tal-ġestjoni tar-riskju 2017 konkluż | Lesta | Eżerċizzju tal-ġestjoni tar-riskju tal-2018 li għad irid jitwettaq |
| ICS 7 | Struttura Operazzjonali | Għaldaqstant l-istruttura operazzjonali tal-Aġenzija ġiet emenda fejn meħtieġ, pereżempju bir-riallokazzjoni tal-kompiti qalb l-entitajiet jew bl-introduzzjoni ta' setturi bħala entitajiet 'l isfel mill-unitajiet. Tlestiet strateġija dwar il-forniment segwita minn strateġija dwar l-IT korporattiva. Id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar id-delega tal-awtorità ġiet riveduta fejn meħtieġ | Għaddejja | Il-valutazzjoni tal-funzjonijiet sensittivi se titlesta kif ukoll l-istrateġija dwar il-forniment u l-IT korporattiva se tiġi implimentata ulterjorment |
| ICS 8 | Proċessi u Proċeduri | Tnediet attività biex jiġi aġġornat il-Katalogu tas-Servizzi Korporattivi skont servizzi ġodda/mibdula u/jew il-ħtiġijiet kummerċjali. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data jirrieżamina l-proċessi u l-proċeduri b'mod annwali, | Għaddejja | L-attività biex jiġi aġġornat il-Katalogu tas-Servizzi Korporattivi se titkompla fl-2018. Kull fejn ikun possibbli, l-Aġenzija se tkompli tappoġġa l-proċessi tan-negozju billi timplimenta karatteristiċi |

| Numru | Titolu | Sommarju tal-azzjonijiet prinċipali mwettqa lejn il-konformità fl-2017 | Status tal-implimentazzjoni fi tmien is-sena (Lesta/Għaddejja) | Sommarju tal-azzjonijiet maġġuri riportati/ippjanati fl-2018 |
|---|---|---|---|---|
| | | skont il-karta/pjan annwali tal-protezzjoni tad-data biex jassigura li l-protezzjoni tad-data tiġi applikata kif suppost. Jinżamm reġistru stabbilit bis-sħiħ ta' eċċezzjonijiet/devjazzjonijiet u tal-proċessi relatati | | tal-awtomatizzazzjoni u tal-IT. |
| ICS 9 | Superviżjoni tal-Maniġment | L-entitajiet (dipartimenti, unitajiet, setturi) implimentaw il-PD b'mod strutturat billi segwew proċess konsistenti. Hemm fis-seħħ proċess iddedikat ta' rapportar biex ikejjel il-progress miksub. L-iskambju mal-OLAF ġie stabbilit skont ir-rekwiżiti stabbiliti | Lesta | Skont ir-rekwiżiti minimi stabbiliti u, jekk ikun meħtieġ, id-Direttur Eżekuttiv jinforma dwar kwalunkwe kwistjoni potenzjalment sinifikanti relatata mal-kontroll u l-awditjar intern u mal-investigazzjonijiet tal-OLAF kif ukoll dwar kwistjonijiet baġitarji u finanzjarji materjali li jista' jkollhom impatt fuq il-pożizzjoni tiegħu fl-Aġenzija jew fuq il-ġestjoni tajba tal-approprjazzjonijiet jew li jistgħu jxekklu l-kisba tal-objettivi stabbiliti |
| ICS 10 | Kontinwità tan-Negozju | Ġie implimentat pjan ta' kontinwità tan-negozju għall-Aġenzija, u fl-istess ħin hu żgurat rapportar kontinwu dwar kwistjonijiet ta' kontinwità tan-negozju fil-livell ta' ġestjoni. Il-proċess ta' reviżjoni annwali tal-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira twettaq u ġie dokumentat b'mod suffiċjenti. Sar taħriġ annwali dwar l-imġiba xierqa f'każ li l-pjan ta' kontinwità tan-negozju jiġi invokat | Lesta | Id-dokumentazzjoni dwar il-kontinwità tan-negozju għall-Aġenzija tiġi riveduta u aġġornata aktar jekk ikun meħtieġ u jitwettaq il-proċess ta' reviżjoni applikabbli tal-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira |
| ICS 11 | Ġestjoni tad-Dokumenti | Jiġu pprovduti struzzjonijiet u taħriġ dwar il-ġestjoni tad-dokumenti u tal-filing lill-persunal li jidħol fl-Aġenzija, u hemm fis-seħħ pjan ta' filing u politika tal-arkivjar | Lesta | Is-sistema tal-ġestjoni tad-dokumenti elettroniċi se tiġi implimentata |
| ICS 12 | Informazzjoni u Komunikazzjoni | L-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni dwar il-komunikazzjoni interna u esterna ġew aġġornati jekk meħtieġ; twettaq stħarriġ tas-sodisfazzjon għal dan il-għan. | Lesta | Il-bullettini interni se jinżammu u jiġu żviluppati aktar skont il-ħtiġijiet tal-persunal. B'mod ġenerali, l-istrateġiji u l-isforzi ta' komunikazzjoni interna u |

| Numru | Titolu | Sommarju tal-azzjonijiet prinċipali mwettqa lejn il-konformità fl-2017 | Status tal-implimentazzjoni fi tmien is-sena (Lesta/Għaddejja) | Sommarju tal-azzjonijiet maġġuri riportati/ippjanati fl-2018 |
|---|---|---|---|---|
| | | Id-dispożizzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur huma rrispettati f'kull sforz ta' komunikazzjoni esterna u ddokumentati b'mod suffiċjenti. Ġew implimentati strateġija ta' komunikazzjoni interna u pjan annwali ta' azzjoni. Inħoloq Pjan dwar is-Sigurtà tal-IT mis-Settur tas-Sigurtà, li ġie approvat u li jinżamm skont ir-rekwiżiti. Ġew organizzati laqgħat mal-persunal tal-anqas fuq bażi trimestrali mid-Direttur Eżekuttiv biex jitħabbru kwistjonijiet rilevanti. | | esterna se jiġu emendati skont il-ħtiġijiet tan-negozju u r-regolamenti applikabbli. Il-laqgħat mal-persunal se jinżammu fuq bażi trimestrali mid-Direttur Eżekuttiv biex jitħabbru kwistjonijiet rilevanti. |
| ICS 13 | Kontabilità u Rapportar Finanzjarju | Il-Manwal tal-ICS għall-kontroll tad-data kontabilistika hu fis-seħħ | Lesta | Il-Manwal tal-ICS għall-kontroll tad-data kontabilistika se jiġi aġġornat jekk meħtieġ. L-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni ser isegwu taħriġ dedikat li jipprovdilhom għarfien aġġornat dwar ir-regolamenti u l-proċessi rilevanti |
| ICS 14 | Evalwazzjoni tal-Attivitajiet | Ġiet konkluża Evalwazzjoni tal-Aġenzija abbażi tal-Artikolu 31 tar-Regolament ta' Stabbiliment | Lesta | Se jiġi implimentat pjan ta' azzjoni bbażat fuq l-evalwazzjoni tal-Artikolu 31. Barra minn hekk, l-Aġenzija bniet il-kapaċità biex twettaq evalwazzjonijiet "ex ante" fuq l-attivitajiet deċiżi |
| ICS 15 | Valutazzjoni tas-Sistemi ta' Kontroll Intern | Il-persunal ġie mgħarraf dwar il-qafas tal-ICS inklużi l-mekkaniżmi għar-rapportar tad-dgħufijiet tal-kontroll u l-immaniġġjar ta' eċċezzjonijiet/avvenimenti ta' nonkonformità. Twettaq eżerċizzju ta' stħarriġ/awtovalutazzjoni fost il-maniġers dwar l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll intern ta' eu-LISA, u r-riżultati huma ppreżentati fis-CAAR | Lesta | Il-persunal se ġie mgħarraf dwar il-qafas tal-ICS inklużi l-mekkaniżmi għar-rapportar tad-dgħufijiet tal-kontroll u għall-immaniġġjar ta' eċċezzjonijiet/avvenimenti ta' nonkonformità. Se jitwettaq eżerċizzju ta' stħarriġ/awtovalutazzjoni fost il-maniġers dwar l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll intern ta' eu-LISA, u r-riżultati se jiġu ppreżentati fis-CAAR |
| ICS 16 | Kapaċità tal-Awditjar Intern | Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern kienet qiegħda topera u | Lesta | Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern se tkompli topera u |

| Numru | Titolu | Sommarju tal-azzjonijiet prinċipali mwettqa lejn il-konformità fl-2017 | Status tal-implimentazzjoni fi tmien is-sena (Lesta/Għaddejja) | Sommarju tal-azzjonijiet maġġuri riportati/ippjanati fl-2018 |
| --- | --- | --- | --- | --- |
| | | tikkoordina l-ħidma tagħha mas-Servizz tal-Awditjar Intern. Il-pjan ta' ħidma annwali tal-awditjar u r-rapport annwali tal-awditjar intern kienu fis-seħħ | | tikkoordina l-ħidma tagħha mal-IAS. Se jinħolqu l-pjan ta' ħidma annwali tal-awditjar u r-rapport annwali tal-awditjar intern. L-introduzzjoni ta' programm ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' titjib għall-awditjar intern se titwettaq skont il-pjan direzzjonali tiegħu. |

# Anness IX. Abbozz tal-kontijiet finanzjarji

**TABELLA 1 : KARTA BILANĊJALI LISA**

| KARTA BILANĊJALI | 2017 | 2016 |
|---|---|---|
| A.I. ASSI MHUX KURRENTI | 57 262 022.00 | 51 397 448.29 |
| A.I.1. Assi Intanġibbli | 29 788 751.00 | 35 733 407.00 |
| A.I.2. Proprjetà, Impjant u Tagħmir | 27 473 271.00 | 15 664 041.29 |
| A.II. ASSI KURRENTI | 23 304 872.18 | 35 979 699.46 |
| A.II.2. Prefinanzjament Kurrenti | 6 536 474.28 | 16 740 739.99 |
| A.II.3. Riċevibbli tal-Kambju Kurrenti u Rekuperabbli Mhux Skambju | 16 768 397.90 | 19 238 959.47 |
| A.II.6. Flus u Ekwivalenti ta' Flus | - | - |
| **ASSI** | **80 566 894.18** | **87 377 147.75** |
| P.II. OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI | (71 479 266.67) | (20 094 245.34) |
| P.II.4. Ammonti Pagabbli Kurrenti | (71 479 078.79) | (9 677 069.01) |
| P.II.5. Ħlasijiet Dovuti Kurrenti u Introjtu Differit | (187.88) | (10 417 176.33) |
| **OBBLIGAZZJONIJIET** | **(71 479 266.67)** | **(20 094 245.34)** |
| **ASSI NETTI (ASSI mingħajr OBBLIGAZZJONIJIET)** | **9 087 627.51** | **67 282 902.41** |
| P.III.2. Bilanċ Pożittiv/Defiċit Akkumulat | (67 282 902.41) | (42 213 389.17) |
| (Eċċess)/Defiċit ċentrali mhux allokat* | 58 195 274.90 | (25 069 513.24) |
| **TOTAL** | | |

Noti ta' Spjega (fakultattivi):

Il-figuri tal-2017 inklużi fit-Tabelli 1 u 2 huma provviżorji peress li, sa din id-data, għadhom qegħdin jiġu ppreparati. Id-data ta' qtugħ il-linja/differiment ta' tmiem is-sena għadha mhijiex rappreżentata, lanqas l-approvazzjoni tas-sussidju tal-ibbilanċjar/operazzjonali li għadha tidher bħala parti minn P.II.4. Ammonti Pagabbli Kurrenti. Ladarba l-kontijiet preliminari u iktar tard finali jkunu tħejjew, huma xorta jibqgħu soġġetti għall-awditjar mill-Qorti tal-Awdituri. Hu għalhekk possibbli li l-ammonti inklużi f'dawn it-tabelli jiġu aġġustati wara dan l-awditu.

## TABELLA 2 : RAPPORT TAL-INTROJTU LISA

| RAPPORT TAL-INTROJTU | 2017 | 2016 |
|---|---|---|
| II.1 DĦUL | (4 637 441.28) | (86 529 816.63) |
| II.1.1. DĦUL MHUX MINN SKAMBJU | (4 621 210.00) | (86 465 167.04) |
| II.1.1.6. DĦUL IEĦOR MHUX TA' SKAMBJU | (4 621 210.00) | (86 465 167.04) |
| II.1.2. DĦUL TA' SKAMBJU | (16 231.28) | (64 649.59) |
| II.1.2.2. DĦUL IEĦOR TA' SKAMBJU | (16 231.28) | (64 649.59) |
| II.2. SPEJJEŻ | 62 832 716.18 | 61 460 303.39 |
| II.2. SPEJJEŻ | 62 832 716.18 | 61 460 303.39 |
| II.2.10.SPEJJEŻ OĦRAJN | 27 086 372.97 | 22 783 533.89 |
| II.2.3. ESP IMPL MINN AĠENZIJI U KORPI TAL-UE OĦRAJN (IM) | 21 499 815.01 | 25 758 178.45 |
| II.2.6. KOSTIJIET TAL-PERSUNAL U TAL-PENSJONI | 14 245 567.99 | 12 917 051.73 |
| II.2.8. SPEJJEŻ TAL-FINANZJAMENT | 960.21 | 1 539.32 |
| **RAPPORT TAL-INTROJTU** | **58 195 274.90** | **(25 069 513.24)** |

Noti ta' Spjega (fakultattivi):

Il-figuri tal-2017 inklużi fit-Tabelli 1 u 2 huma provviżorji peress li, sa din id-data, għadhom qegħdin jiġu ppreparati. Data ta' limitu/ta' differiment ta' tmiem is-sena għadha mhijiex rappreżentata, lanqas l-approvazzjoni tas-sussidju bbilanċjata/operazzjonali, li ser ittejjeb il-qagħda tal-dħul b'mod sostanzjali. Ladarba l-kontijiet preliminari u iktar tard finali jkunu tħejjew, huma xorta jibqgħu soġġetti għall-awditjar mill-Qorti tal-Awdituri. Hu għalhekk possibbli li l-ammonti inklużi f'dawn it-tabelli jiġu aġġustati wara dan l-awditu.

**KONT TAL-EŻITU TAL-BAĠIT GĦAS-SENA FINANZJARJA 2017**

| | 2017 | 2016 |
|---|---|---|
| **DĦUL** | | |
| Sussidju ta' bilanċ tal-Kummissjoni | 67 734 200.00 | 94 083 000.00 |
| Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi assoċjati | 2 421 985.00 | 2 291 582.00 |
| Fruntieri intelliġenti | 0.00 | 21 722.89 |
| Dħul mixxellanju | 124 488.30 | 127 868.39 |
| **DĦUL TOTALI (a)** | **70 280 673.30** | **96 524 173.28** |
| **NEFQA** | | |
| Titolu I: Persunal | | |
| Pagamenti | 15 681 259.13 | 13 783 629.98 |
| Approprjazzjonijiet riportati | 438 817.51 | 415 692.33 |
| Titolu II: Spejjeż Amministrattivi | | |
| Pagamenti | 4 360 379.47 | 2 920 317.57 |
| Approprjazzjonijiet riportati | 5 337 123.93 | 5 073 039.03 |
| Titolu III: Nefqa Operazzjonali | | |
| Pagamenti | 42 628 927.38 | 57 822 830.64 |
| Approprjazzjonijiet riportati | 4 220 018.74 | 2 973 476.03 |
| **NEFQA TOTALI (b)** | **72 666 526.16** | **82 988 985.58** |
| **EŻITU GĦAS-SENA FINANZJARJA (a-b)** | **-2 385 852.86** | **13 535 187.70** |
| Kanċellazzjoni ta' appropjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena ta' qabel | 658 329.64 | 474 015.04 |
| Aġġustament għar-riport 'il quddiem mis-sena ta' qabel ta' approprjazzjonijiet disponibbli fil-31.12 li jirriżultaw minn | 3 068 766.62 | 2 460 299.06 |
| Differenzi fil-kambju għas-sena (qligħ +/telf -) | 247.56 | -206.05 |
| **BILANĊ TAL-KONT TAL-EŻITU GĦAS-SENA FINANZJARJA** | **1 341 490.96** | **16 469 295.75** |
| Sena tal-bilanċ N-1 | 8 817 114.82 | -7 652 180.93 |
| Bilanċ pożittiv mis-sena N-1 rimborżat fis-sena N lill-Kummissjoni | -8 817 114.82 | |
| **Riżultat użat għad-determinazzjoni tal-ammonti fil-kontabilità ġenerali** | **1 341 490.96** | **8 817 114.82** |
| **Sussidju tal-Kummissjoni - l-aġenzija tirreġistra d-dħul dovut u l-ispiża dovuta tal-Kummissjoni** | **66 392 709.04** | |
| **Il-prefinanzjament jibqa' miftuħ għal rimborż mill-aġenzija lill-Kummissjoni fis-sena N+1** | **1 341 490.96** | |

Rimarka: Id-datappreżentata fil-Kont tal-Eżitu tal-Baġit hawn fuq għadha soġġetta għall-konferma mid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni. Ladarba jkun approvat, il-kontenut taċ-ċellola "Sussidju tal-Kummissjoni — Dħul dovut reġistrat mill-Aġenzija u l-ispiża dovuta tal-Kummissjoni" jiżdied mal-P&L bħala dħul.

# Anness X. Attivitajiet u indikaturi annwali

| # | REF | Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2017 | Attivitajiet speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2017 | L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (iva/le/għaddej) | Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex | Indikatur tal-Prestazzjoni (PI) | Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura) | Jekk b'lura, spjega fil-qosor għaliex |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2.1.3. | L-SM jirċievu servizz affidabbli mis-sistema Eurodac | Tmexxija operattiva tal-Eurodac | Iva | m/a | Konformità mal-FLS tal-Eurodac | Milħuq | m/a |
| 2 | 2.1.4. | L-SM jirċievu servizz affidabbli mill-VIS | Tmexxija operattiva tal-VIS | Iva | m/a | Konformità mal-FLS tal-VIS | Milħuq | m/a |
| 3 | 2.1.5. | L-SM jirċievu servizz affidabbli mill-BMS | Tmexxija operattiva tal-BMS | Iva | m/a | Konformità mal-FLS tal-BMS | Milħuq | m/a |
| 4 | 2.1.6. | L-SM jirċievu servizz affidabbli mis-SIS II | Tmexxija operattiva tas-SIS II | Iva | m/a | Konformità mal-FLS tas-SIS II | Milħuq | m/a |
| 5 | 2.1.7. | It-trasferiment tal-għarfien u l-istruttura għall-kuntrattur il-ġdid | Tmexxija operattiva tas-SIS II (tranżizzjoni għall-MWO tas-SIS II l-ġdida) | Għaddej | Fażi 1 tal-offerti tas-SIS II lesta. Fażi 2 tal-offerti tas-SIS II għaddejja. Dewmien fl-attivitajiet ta' MWO tas-SIS II, inkluża r-rakkomandazzjoni tal-AFIS li t-tranżizzjoni tiġi ttardjata bi 3 xhur | Konformità mal-FLS tas-SIS II wara t-tranżizzjoni. | Mal-iskeda | m/a |
| 6 | 2.1.8. | L-SM jiġu pprovduti b'appoġġ sħiħ għall-użu minnhom tas-SIS II | It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tas-SIS II għall-Istati Membri | Iva | m/a | Il-perċentwal tax-xenarji tal-każijiet ta' prova għadda l-100 % fi tmiem il-fażi tat-test | Milħuq | m/a |
| 7 | 2.1.9. | L-SM jiġu pprovduti b'appoġġ sħiħ għall-użu minnhom tas-sistema Eurodac | It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tal-Eurodac għall-Istati Membri | Iva | m/a | Il-perċentwal tax-xenarji tal-każijiet ta' prova għadda l-100 % fi tmiem il-fażi tat-test | Milħuq | m/a |
| 8 | 2.1.10. | L-SM jiġu pprovduti b'appoġġ sħiħ għall-użu minnhom tal-VIS/BMS | It-twettiq tas-servizzi tal-ittestjar tal-VIS/BMS | Iva | m/a | Il-perċentwal tax-xenarji tal-każijiet ta' prova mgħoddija | Milħuq | m/a |
| 9 | 2.1.11. | L-ottimizzazzjoni tal-arkitettura tas-sistemi u, fejn xieraq, iż-żieda tal-użu mill-ġdid:<br>- It-titjib tal-ippjanar, tal-ġestjoni tal-kuntratti u tal-attivitajiet baġitarji operattivi | It-tisħiħ tal-konsum, tal-preżentazzjonijiet u tal-kapaċitajiet tal-operazzjonijiet permezz ta' allinjament tat-tibdiliet fis-servizzi | Għaddej | Minħabba tibdil fl-MWO dwar il-Eurodac u s-SIS II, il-pjanijiet ta' rilaxx għall-2018 għadhom ma jistgħux jitlestew. Il-pjan ta' rilaxx tal-VIS ser ikun | Pjanijiet tar-rilaxxi disponibbli.<br>Ir-reġistru tal-Ġestjoni tat-Tibdiliet hu disponibbli.<br>Skripts u għodod irfinuti ppreżentati u użati għall- | Għaddej | Minħabba tibdil fl-MWO dwar il-Eurodac u s-SIS II, il-pjanijiet ta' rilaxx għall-2018 għadhom ma jistgħux jitlestew. Il-pjan ta' rilaxx tal-VIS ser ikun disponibbli u se jinqasam mal-Istati Membri fl-ewwel trimestru tal-2018 |

| # | REF | Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2017 | Attivitajiet speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2017 | L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (iva/le/għaddej) | Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex | Indikatur tal-Prestazzjoni (PI) | Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura) | Jekk b'lura, spjega fil-qosor għaliex |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | - L-għoti tal-appoġġ operazzjonali sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni (taħriġ, rapportar annwali għas-sistemi)<br>- It-titjib tal-kapaċitajiet tar-rapportar | | | disponibbli u se jinqasam mal-Istati Membri fl-ewwel trimestru tal-2018 | produzzjoni tal-istatistiki mitluba.<br>Pjanijiet direzzjonali pluriennali miftiehma mal-partijiet ikkonċernati | | |
| 10 | *2.1.15.* | Linja bażitarja evoluta sew għall-finanzjament ta' "tibdiliet mhux pjanati" | Ġestjoni ta' bidliet mhux ippjanati fis-CBS | Iva | m/a | Kwalunkwe attivitajiet b'"avviż qasir" li nqalgħu ġew ġestiti mingħajr il-ħtieġa ta' baġit supplimentari għal azzjonijiet b'rispons mgħaġġel | Milħuq | m/a |
| 11 | *2.1.16.* | L-evoluzzjoni bażika fuq il-kapaċità u l-prestazzjoni biex is-sistema SIS II tiġi allinjata mad-domanda għal kapaċità miżjuda | L-iffinalizzar tal-proġett biex jiżdiedu l-funzjonalitajiet ta' kapaċità/sistema tal-prestazzjoni/irfinar tas-SIS II | m/a | Immexxi mill-PD2017 għall-PD2018, deċiżjoni Nru 91/2017 of 14/09/2017[37] | Aderenza mal-kwalità, mal-baġit, maż-żmien u mal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | m/a | Immexxi mill-PD2017 għall-PD2018, deċiżjoni Nru 91/2017 of 14/09/2017 |
| 12 | *2.1.17.* | SIS II tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati | Is-sistema ċentrali tas-SIS II allinjata mad-domanda ġdida/mibdula tal-utenti (kontinwazzjoni mill-2016) | Iva | m/a | Iż-żmien u l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżekuzzjoni | Milħuq | m/a |
| 13 | *2.1.18.* | Il-kapaċitajiet estiżi tas-SIS II | It-twassil tas-soluzzjoni tal-AFIS għas-SIS II (kontinwazzjoni mill-2016) | Għaddej | m/a | Aderenza mal-kwalità, mal-baġit, maż-żmien u mal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa b'rabta mal-AFIS | Mal-iskeda | m/a |
| 14 | *2.1.19.* | L-istudju jidentifika b'mod ċar l-aktar għażliet interessanti għall-interoperabbiltà ma' sistemi oħrajn fil-livell tal-UE | Studju dwar l-interoperabbiltà tas-SIS II ma' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira | m/a | Ir-rapport HLEG ġie finalizzat fil-bidu ta' Mejju 2017. B'rabta mar-riżorsi li eu-LISA diġà involviet f'inizjattivi differenti ta' | Attivitajiet imwettqa f'konformità mat-termini ta' referenza. | m/a | Ir-rapport HLEG ġie finalizzat fil-bidu ta' Mejju 2017. B'rabta mar-riżorsi li eu-LISA diġà involviet f'inizjattivi differenti ta' interoperabbiltà u b'kunsiderazzjoni taż-żewġ proposti mressqa mill-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà |

[37] Emenda tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni REV 2 2017, 2006-110 ta' eu-LISA (inkluż il-programm ta' ħidma annwali), b'mod partikolari t-trasferiment tal-implimentazzjoni tal-attività 2.1.16. "Finalizzazzjoni tal-proġett biex jiżdiedu l-kapaċità/is-sistema tal-prestazzjoni/jiġu rfinati l-funzjonalitajiet tas-SIS II mill-2017 għall-2018 u riallokazzjoni tar-riżorsi previsti għal din l-attività fl-2017.

| # | REF | Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2017 | Attivitajiet speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2017 | L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (iva/le/għaddej) | Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex | Indikatur tal-Prestazzjoni (PI) | Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura) | Jekk b'lura, spjega fil-qosor għaliex |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | interoperabbiltà u b'kunsiderazzjoni taż-żewġ proposti mressqa mill-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà taħt preparazzjoni, għalissa għadha ma ġiet assenjata ebda riżorsa biex tinbeda din l-attività | Il-preżentazzjoni ta' rapport ta' studju li jissodisfa l-livell ta' kwalità miftiehem.<br>Dokument li jappoġġja l-attivitajiet ippreżentat f'konformità mal-livell ta' kwalità definit fit-termini ta' referenza | | taħt preparazzjoni, għalissa għadha ma ġiet assenjata ebda riżorsa biex tinbeda din l-attività |
| 15 | *2.1.20.* | Il-VIS u l-BMS ġew imtejba u aġġornati biex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u għat-tibdiliet leġiżlattivi | **L-aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-BMS** | Iva | Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt ġie ppreżentat, ivverifikat u aċċettat. Il-kuntratt speċifiku għall-implimentazzjoni ġie ffirmat f'Diċembru 2017. | Aderenza mal-kwalità, mal-baġit, maż-żmien u mal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Mal-iskeda | m/a |
| 16 | *2.1.21.* | Il-VIS u l-BMS ġew imtejba u aġġornati biex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u għat-tibdiliet leġiżlattivi | **Aġġustament tal-kapaċità tranżazzjonali tal-VIS** | Iva | Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni ta' Impatt ġie ppreżentat, ivverifikat u aċċettat. Il-kuntratt speċifiku għall-implimentazzjoni ġie ffirmat f'Diċembru 2017. | Aderenza mal-kwalità, mal-baġit, maż-żmien u mal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Mal-iskeda | m/a |
| 17 | *2.1.11.* | Il-VIS u l-BMS ġew imtejba u aġġornati biex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u għat-tibdiliet leġiżlattivi | **Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS** | Iva | Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni ta' Impatt ġie ppreżentat, ivverifikat u aċċettat. Il-kuntratt speċifiku għall-implimentazzjoni ġie ffirmat f'Diċembru 2017. | Aderenza mal-kwalità, mal-baġit, maż-żmien u mal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Mal-iskeda | m/a |
| 18 | *2.1.23.* | Il-VIS u l-BMS ġew imtejba u aġġornati biex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u għat-tibdiliet leġiżlattivi | **L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar** | Parzjalment | Ġew abbozzati u validati żewġ Rapporti ta' Valutazzjoni tal-Impatt, wieħed għall-bażijiet ta' data ta' sfond imsaħħa tal-VIS u tal-BMS u wieħed għall- | Aderenza mal-kwalità, mal-baġit, maż-żmien u mal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Mal-iskeda | m/a |

| # | REF | Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2017 | Attivitajiet speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2017 | L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (iva/le/għaddej) | Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex | Indikatur tal-Prestazzjoni (PI) | Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura) | Jekk b'lura, spjega fil-qosor għaliex |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | implimentazzjoni ta' għodod ta' testjar standardizzati minn tarf sa tarf u għall-migrazzjoni ta' sett inizjali ta' każijiet tat-testjar eżistenti. Id-disinn dettaljat tas-soluzzjoni teknika ġie ppreżentat, rieżaminat u aċċettat. Ġew ġenerati żewġ bażijiet ta' data ta' sfond tal-VIS għall-VIS; dawk li jifdal tal-VIS u tal-BMS qed jiġu żviluppati. Id-dokumenti u l-manwali għall-utenti tad-disinn tat-testjar ġew ippreżentati | | | |
| 19 | 1[38] | Iż-żieda fil-kapaċità tal-VIS hi allinjata mal-ħtiġijiet tan-negozju u mat-tlestija tat-tnedija tal-VIS | **Żieda fil-bażi ta' data tal-VIS** | Għaddej | Kien hemm bżonn li jsir titjib sinifikanti fit-traċċabbiltà bejn id-dokumentazzjoni tad-disinn u l-proċess ta' installazzjoni tal-provvisti biex jinkisbu l-passi li jmiss ta' implimentazzjoni u ta' kwalifika. eu-LISA kellha tinvesti sforz addizzjonali biex tiggwida lill-kuntrattur | Aderenza mal-kwalità, mal-baġit, maż-żmien u mal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Lura | Id-disinn u l-biċċiet tekniċi bikrin tad-dokumentazzjoni kienu jeħtieġu titjib komplimentari fil-kontenut u fil-kwalità biex jiġu żgurati l-passi li jmiss tal-implimentazzjoni teknika |

38 L-attivitajiet 1-5 huma mill-Programm ta' Ħidma Annwali 2016, li l-implimentazzjoni tiegħu kompliet fl-2017.

| # | REF | Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2017 | Attivitajiet speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2017 | L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (iva/le/għaddej) | Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex | Indikatur tal-Prestazzjoni (PI) | Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura) | Jekk b'lura, spjega fil-qosor għaliex |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | lejn organizzazzjoni mtejba | | | |
| 20 | 2 | Trasferiment b'suċċess bejn il-kuntratturi tal-MWO; il-kuntrattur il-ġdid tal-MWO kapaċi jieħu r-responsabbiltajiet mingħand l-inkombent | **Bdil fil-kontroll u trasferiment bejn il-kuntratturi tal-MWO għall-VIS u għall-BMS** | Iva | m/a | Aderenza mal-kwalità, mal-baġit, maż-żmien u mal-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Milħuq | m/a |
| 21 | 3 | Konformità sħiħa tal-VIS mal-bażi ġuridika; tisħiħ ulterjuri tal-funzjonalità tal-VIS biex jiġu sostnuti l-proċeduri ta' Konsultazzjoni/ta' Notifika tax-Schengen | **Visa Code Plus** | Iva | m/a | Konformità mal-bażi ġuridika; konformità mal-istadji importanti miftiehma indikati fil-pjan tal-proġett | Milħuq | m/a |
| 22 | 4 | Evalwazzjoni ġenerali tal-VIS fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tar-Regolament dwar il-VIS (767/2008) u tal-Artikolu 57(3) tar-Regolament 810/2009 (il-Kodiċi dwar il-Viżi). F'Ottubru 2016, il-Kummissjoni stiednet lil eu-LISA biex tipprovdi valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tekniċi, u finanzjarji, ta' wħud mill-iżviluppi.<br>Il-valutazzjoni ta' eu-LISA ser isservi bħala l-bażi għall-ġustifikazzjoni legali, teknika u finanzjarja tal-proposta | **Valutazzjoni tal-Impatt tar-Riformulazzjoni tal-VIS** | Iva | m/a | Preżentazzjoni tal-Valutazzjoni tal-Impatt tar-Riformulazzjoni tal-VIS sal-iskadenza | Milħuq | m/a |
| 23 | 5 | Il-Europol, f'ittra lil eu-LISA, esprima l-intenzjoni tiegħu li jikkonnettja mal-VIS sal-ewwel trimestru tal-2018. L-aċċess passiv tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-VIS hu indirizzat fil-Kunsill; hi mistennija deċiżjoni sat-tieni trimestru tal-2017 | **Valutazzjoni tal-Impatt tal-EPOL**<br>**L-aċċess passiv tal-BG/RO għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-VIS** | Għaddej | Għall-2018 hi ppjanata l-attività "Integrazzjoni tal-utenti ġodda tal-VIS: Europol" | Valutazzjoni tal-impatt tal-integrazzjoni tal-EPOL u tal-BG/RO fil-VIS (attività għat-tieni nofs tal-2017) | Mal-iskeda | Għall-2018 hi ppjanata l-attività "Integrazzjoni tal-utenti ġodda tal-VIS: Europol" |

| # | REF | Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2017 | Attivitajiet speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2017 | L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (iva/le/għaddej) | Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex | Indikatur tal-Prestazzjoni (PI) | Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura) | Jekk b'lura, spjega fil-qosor għaliex |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 | *2.1.25.* | Xogħol imtejjeb tas-sistema Eurodac | **Implimentazzjoni tal-evoluzzjonijiet tal-Eurodac (titjib tal-kapaċità)** | Iva | m/a | Riżerva tal-kapaċità fuq il-previżjoni annwali | Milħuq | m/a |
| 25 | *2.1.26.* | Il-Eurodac f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali ġodda.<br>Il-Eurodac għandha d-daqs addattat biex tlaħħaq mad-dispożizzjonijiet legali l-ġodda | **Riforma tal-Eurodac - tibdiliet funzjonali u ammeljorament tal-kapaċità (li jridu jitwettqu bil-kundizzjoni li tiġi adottata l-leġiżlazzjoni rilevanti)** | Għadu mhux applikabbli | Soġġett għall-approvazzjoni ta' bażi ġuridika ġdida (Riformulazzjoni tal-Eurodac) | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, mal-baġit u maż-żmien meħtieġa tal-proġett | Għadu mhux applikabbli | Soġġett għall-approvazzjoni ta' bażi ġuridika ġdida (Riformulazzjoni tal-Eurodac) |
| 26 | *2.1.27.* | Sistema ġdida mħaddma | **L-iżvilupp ta' sistema ġdida għall-mekkaniżmu tal-Allokazzjoni ta' Dublin (li jrid jitwettaq bil-kundizzjoni li tiġi adottata l-proposta ta' Dublin IV)** | Għadu mhux applikabbli | Soġġett għall-approvazzjoni ta' bażi ġuridika ġdida (Riformulazzjoni tal-Eurodac) | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, mal-baġit u maż-żmien meħtieġa tal-proġett | Għadu mhux applikabbli | Soġġett għall-approvazzjoni ta' bażi ġuridika ġdida (Riformulazzjoni tal-Eurodac) |
| 27 | *2.1.28.* | eu-LISA tassumi r-responsabbiltà operattiva sħiħa għal DubliNet — mudell ta' appoġġ allinjat mas-sistemi l-oħra | **Integrazzjoni ta' DubliNet - tmexxija operattiva (li trid titwettaq taħt il-kundizzjoni li tiġi adottata l-proposta dwar it-tfassil mill-ġdid tal-EURODAC)** | Għadu mhux applikabbli | Soġġett għall-approvazzjoni ta' bażi ġuridika ġdida (Riformulazzjoni tal-Eurodac) | It-twaqqif u l-aderenza mal-indikaturi tal-ftehim fil-livell tas-servizz operazzjonali ta' DubliNet | Għadu mhux applikabbli | Soġġett għall-approvazzjoni ta' bażi ġuridika ġdida (Riformulazzjoni tal-Eurodac) |
| 28 | *2.1.32.* | Il-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri fil-qasam tal-istati kollha fiż-żona Schengen, inkluż l-ipproċessar l-aktar awtomatizzat tal-informazzjoni personali f'konformità mar-regolamenti kollha rilevanti tal-UE[39] | **L-iżvilupp tal-EES** | m/a | Matul l-2017 eu-LISA għamlet preparamenti sostanzjali, billi stabbilixxiet tim intern dedikat tal-proġetti biex iwettaq il-ħidma preparatorja kollha possibbli dwar l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet | Il-perċentwal tar-riżultati tanġibbli tal-proġett miksuba skont l-ippjanar miftiehem | m/a | Matul l-2017 eu-LISA għamlet preparamenti sostanzjali, billi stabbilixxiet tim intern dedikat tal-proġetti biex iwettaq il-ħidma preparatorja kollha possibbli dwar l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, ir-reklutaġġ tal-persunal speċjalist neċessarju u t-tnedija tal-attivitajiet kollha relatati mal-akkwist. Is-Sistema |

39 Il-ħidma preparatorja għall-implimentazzjoni tal-EES ipproċediet kif ippjanat. Tħejjew il-listi ta' riżerva tar-reklutaġġ. Tnediet l-ewwel fażi tal-proċedura tal-akkwist. Il-ħidma fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tal-EES ipproċediet kif ippjanat. L-Aġenzija pprovdiet appoġġ sostanzjali lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-abbozz tal-Atti ta' Implimentazzjoni skont l-Artikolu 33 tar-Regolament dwar l-EES.

| # | REF | Output annwali meħtieġ tal-Programm ta' Ħidma 2017 | Attivitajiet speċifiċi tal-programm ta' ħidma għall-2017 | L-objettiv annwali speċifiku ntlaħaq? (iva/le/għaddej) | Jekk ma ntlaħaqx jew għaddej, spjegazzjoni fil-qosor tar-raġuni għaliex | Indikatur tal-Prestazzjoni (PI) | Il-mira annwali tal-PI ntlaħqet? (mal-iskeda/intlaħqet/inqabżet/lura) | Jekk b'lura, spjega fil-qosor għaliex |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | tekniċi, ir-reklutaġġ tal-persunal speċjalist neċessarju u t-tnedija tal-attivitajiet kollha relatati mal-akkwist. Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017 | | | ta' Dħul/Ħruġ daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017 |
| 29 | *2.1.33.* | L-iżvilupp u l-ittestjar (b'data kriptata) tas-softwer ta' Extract-Transform-Load (ETL) tal-Maħżen Virtwali tad-Data tal-VIS-BMS, id-datamarts, ir-rapporti legali obbligatorji u l-għodda ta' analiżi tad-data għall-użu indipendenti ("self-service") | **Implimentazzjoni tal-Maħżen Virtwali tad-Data biex jittejbu r-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika** | Għaddej (materja kuntrattwali) | Abbozz tal-istudju mwettaq, il-finalizzazzjoni għaddejja Ir-riżultati ġew komunikati lill-Kummissjoni | Perċentwal medju ta' informazzjoni disponibbli għall-utent għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.<br>Perċentwal medju ta' żmien għall-irkupru tal-informazzjoni.<br>L-għadd ta' proċessi kummerċjali mtejba | Mal-iskeda | Abbozz tal-istudju mwettaq, il-finalizzazzjoni għaddejja Ir-riżultati ġew komunikati lill-Kummissjoni |
